# Dokument Sħiħ tal-Programm ta' 33 Jum sal-Konsagrazzjoni

## DAĦLA U TAGĦRIF MEĦTIEĠ

## Kif wieħed jagħmel il-Konsagrazzjoni Totali lil Ġesu’ permezz ta’ Marija fi 33 Jum skont De Montfort



**"Hienja dawk il-qaddejja li jservu lir-Reġina tas-Sema b’fedelta’, għax huma jgawdu l-vera liberta’."**
**- Santa Cecilia lil Madre Agnes ta’ Ġesu’, hekk kif jikkwota San Alwiġi De Montfort**

San Alwiġi De Montfort (1673 – 1716) kellu devozzjoni profonda lejn il-Verġni Marija u kiteb b’mod estensiv dwar il-virtujiet tagħha, f’hiex tikkonsisti devozzjoni vera lejha, u kif il-fidili għandhom jirrikorru għandha, li hi t-triq żgura li twassal għad Binha, Ġesu’ Kristu.

Fil-kitbiet klassiċi tiegħu (Is-Sigriet ta’ Marija, Is-Sigriet tar-Rużarju, u Devozzjoni Vera lejn Marija) hu jirrikmanda li l-fidili jikkonsagraw lilhom infushom lil Ommna tas-Sema b’mod formali. Għal din ir-raġuni hu żviluppa programm spesifiku ta’ 33 Jum li jikkonsisti f’diversi talb u qari li jgħinu lil dak li jkun biex jiddistakka lilu nnifsu mid-dinja u jingħaqad aktar mill-qrib ma’ Kristu permezz tal-eżempju u l-interċessjoni tal-Verġni Mbierka Marija. Dan il-programm ta’ 33 Jum jinsab fix-xogħol klassiku tiegħu Devozzjoni Vera lejn Marija.

San Alwiġi De Montfort huwa wieħed mil-lista ta' ħafna qaddisin li kellhom devozzjoni kompleta u vera lejn il-Madonna, u x-xogħolijiet tiegħu kienu ta' influenza kbira fil-ħajjiet ta' ħafna qaddisin, fosthom il-Papa Ġwanni Pawlu II li ħa l-motto papali tiegħu, "Totus Tuus" (Kollni Tiegħek) minn De Montfort.

Din il-'Konsagrazzjoni Totali lil Ġesu' permezz ta' Marija' tikkonsisti fi 12-il Jum ta' preparazzjoni inizjali. Warajhom, isegwi perjodu ta' 3 ġimgħat sonsekuttivi, kull ġimgħa tiffoka fuq tema differenti. Huwa rrikmandat li l-konsagrazzjoni tiġi magħmula f'festa maġġuri tal-Madonna. Dan ifisser li l-programm ta' preparazzjoni jrid isir 33 Jum qabel din il-festa li tintagħżel. Infatti, hekk kif jitlesta l-programm ta' 33 Jum, isir minnufih l-Att ta' Konsagrazzjoni f'festa Marjana.

Meta wieħed jagħmel il-konsagrazzjoni, jagħmilha għal ħajtu kollha. Tista' mbagħad tiġi mġedda kull sena. Wieħed għandu jżomm f'moħħu li din hi konsagrazzjoni formali lill-Madonna, biex bħal vot, li jrid ikun magħmul b'mod solenni. Matul il-programm ta' 33 Jum, wieħed jingħata lil Marija kollu kemm hu – bil-qalb, bil-moħħ, u bir-ruħ tiegħu – sabiex hi twasslu għand Binha, Ġesu' Kristu. Anki biex hi tkun tista' tużah bħala strument qaddis fil-battalja tagħha kontra Satana e.ż. din il-konsagrazzjoni tagħtiha lok biex issaltan b'mod liberu fil-ħajja tal-ikkonsagrat biex tagħmlu qaddis (waqt li tassistih, permezz tal-Ispirtu s-Santu, biex jikkomforma ruħu mal-virtujiet tagħha) u tuża' talbu, is-sagrifiċċji tiegħu, u s-sofferenzi għall-akbar glorja t'Alla.

**"L-Immakulata biss għandha minn Alla l-wegħda tar-rebħa fuq Satana. Hi tfittex erwieħ li jikkonsagraw ruħhom kompletament lilha, li f'idejha jsiru strumenti qawwija għar-rebħa fuq Satana u biex tikber is-Saltna t'Alla. "** - San Maximillianu Kolbe

**Kif għandek tibda:**
Għażel Festa Marjana li hi speċjali għalik. Eżempju, il-festa tal-Qalb Immakulata ta' Marija, tal-Madonna tar-Rużarju, ta' Marija Reġina, eċċ ... Hemm bosta festi tal-Madonna matul is-sena liturġika, u probabli hemm waħda fil-qrib, irrelevanti f'liema żmien tas-sena nkunu. Sib festa kompletament Marjana fil-kalendarju t'hawn taħt. Int għandek tibda l-programm ta' tħejjija, 33 Jum qabel din il-festa (l-34 Jum ikun il-Festa Marjana li tkun għażilt, u fiha tagħmel l-Att ta' Konsagrazzjoni tiegħek).

Hawn taħt hawn lista ta' festi Marjani l-aktar popolari li minnhom tista' tagħżel, u d-dettalji ta' meta għandek tibda il-programm ta' tħejjija tiegħek.

| Ġranet tal-Festi Marjani | Data tal-1 Jum | Jum il-Konsagrazzjoni |
|---|---|---|
| Il-Madonna ta' Lourdes | 9 ta' Jannar | 11 ta' Frar |
| It-Tħabbira (il-Lunzjata) | 20 ta' Frar | 25 ta' Marzu |
| Il-Madonna ta' Fatima | 10 t'April | 13 ta' Mejju |
| Il-Viżitazzjoni lil Eliżabbetta | 28 t'April | 31 ta' Mejju |
| Qalb Immakulata ta' Marija | Sibt wara Korpus | Jum wara l-Qalb ta Ġesu |
| Il-Madonna tal-Karmnu | 13 ta' Ġunju | 16 ta' Lulju |
| Marija mtellgħa s-Sema (l-Assunta) | 13 ta' Lulju | 15 t'Awwissu |
| Marija Reġina | 20 ta' Lulju | 22 t'Awwissu |
| It-Twelid ta' Marija | 6 t'Awwissu | 8 ta' Settembru |
| L-Isem Imqaddes ta' Marija | 10 t'Awwissu | 12 ta' Settembru |
| Marija Omm id-Duluri | 13 t'Awwissu | 15 ta' Settembru |
| Il-Madonna tar-Rużarju | 4 ta' Settembru | 7 t'Ottubru |
| Il-Preżentazzjoni ta' Marija | 19 t'Ottubru | 21 ta' Novembru |
| L-Immakultata Kunċizzjoni | 5 ta' Novembru | 8 ta' Diċembru |
| Il-Madonna ta' Guadalupe | 9 ta' Novembru | 12 ta' Diċembru |
| Marija, Omm Alla | 29 ta' Novembru | 1 ta' Jannar |
| Il-Preżentazzjoni tal-Mulej | 31 ta' Diċembru | 2 ta' Frar |

## JUM 1: Konsagrazzjoni totali lil Ġesu' permezz ta' Marija

### GĦAN: Tiżvojta Lilek Innifsek mill-Ispirtu tad-Dinja



Eżamina l-kuxjenza tiegħek, itlob, ipprattika ċ-ċaħda tar-rieda tiegħek; immortifika lilek innifsek u fittex is-safa tal-qalb. Din is-safa hi kundizzjoni indispensabli biex wieħed jikkontempla lil Alla fil-ġenna, biex wieħed jarah f'din id-dinja, u biex wieħed jagħrfu bid-dawl tal-fidi. Fl-ewwel parti tal-preparazzjoni wieħed għandu jirsisti biex jiċħad l-ispirtu tad-dinja li jmur kontra l-Ispirtu ta' Ġesu' Kristu. L-ispirtu tad-dinja jikkonsisti fiċ-ċaħda ta' Alla bħala l-Ħakkiem fuq kollox u fuq kulħadd; iċ-ċaħda t'Alla li timmanifesta lilha nnifisha fil-pratika tad-dnub u d-diżubbidjenza; għalhekk hu fil-prinċipju tiegħu opposta għall-Ispirtu ta' Kristu, li hu wkoll dak ta' Marija.

Timmanifesta ruħha fil-konkupixxenza tal-ġisem, tal-għajnejn u b'ħajja ta' suppervja, b'diżubbidjenza għal-Liġi t'Alla u bl-abbuż fuq il-ħlejjaq. Il-ħidma tagħha hi: dnub ta' kull xorta, u dak kollu li juża' x-xitan biex iwassalna għad-dnub; ħidmiet li jġibu d-dlam f'moħħna u li javvalenaw u jikkorrompu lir-rieda tagħna. Dak li bih tiftaħar hu l-isplendur u s-seħer li juża' x-xitan biex id-dnub jagħmlu b'tali mod li jattira l-persuni, il-postijiet u l-oġġetti.

**QARI**

**Mattew 5: 1-19**

**Il-Beatitudnijiet**
"Henjin il-foqra fl-ispirtu, għax tagħhom hija s-Saltna tas-Smewwiet.
Henjin l-imnikkta, għax huma jkunu mfarrġa.
Henjin ta' qalbhom ħelwa, għax huma jkollhom b'wirthom l-art.
Henjin dawk li huma bil-ġuħ u l-għatx tal-ġustizzja, għax huma jkunu mxebbgħin.
Henjin dawk li jħennu, għax huma jsibu ħniena.
Henjin dawk li huma safja f'qalbhom, għax huma jaraw 'l Alla.
Henjin dawk li jġibu l-paċi, għax huma jissejjħu wlied Alla.
Henjin dawk li huma ppersegwitati minħabba s-sewwa, għax tagħhom hija s-Saltna tas-Smewwiet.
Henjin intom, meta jgħajjrukom u jippersegwitawkom u jaqilgħu kull xorta ta' ħażen u gideb kontra tagħkom minħabba fija.
Ifirħu u thennew, għax ħlaskom kbir fis-smewwiet. Hekk kienu jippersegwitawhom lill-profeti li kienu qabilkom."

**Il-melħ tal-art u d-dawl tad-dinja**
"Intom il-melħ tal-art. Imma jekk il-melħ jaqta', biex jerġa' jieħu t-togħma? Ma jibqa' tajjeb għal xejn iżjed ħlief biex jintrema barra u jintrifes min-nies. Intom id-dawl tad-dinja. Belt li tkun qiegħda fuq muntanja ma tistax tinħeba. Anqas ma jixegħlu l-musbieħ u jqegħduh taħt il-siegħ, iżda fuq l-imnara, u hekk idawwal lil kull min ikun fid-dar. Hekk għandu jiddi d-dawl tagħkom quddiem il-bnedmin, biex jaraw l-għemejjel tajba tagħkom u jagħtu glorja lil Missierkom li hu fis-smewwiet.

**Il-Liġi ta' Mosè u l-liġi l-ġdida**
"Xejn taħsbu li ġejt inwaqqa' l-Liġi jew il-Profeti; jiena ma ġejtx biex inwaqqagħhom, iżda biex inwassalhom għall-perfezzjoni. Tassew ngħidilkom, li sa ma jkunu għaddew is-sema u l-art anqas l-iżgħar ittra jew tikka waħda mil-Liġi

ma titneħħa sa ma jkun seħħ kollox. Jekk mela xi ħadd iġib fix-xejn wieħed mill-iżgħar minn dawn il-kmandamenti u jgħallem lin-nies biex jagħmlu l-istess, dan jissejjaħ l-iżgħar fis-Saltna tas-Smewwiet. Imma min iħarishom u jgħallimhom, dan kbir jissejjaħ fis-Saltna tas-Smewwiet.

**TALB**

**Ejja, Spirtu s-Santu (Veni Creator Spiritus)**

Spirtu qaddis li ħlaqtna,
ejja lill-moħħ dawlilna,
imla bil-grazzja tiegħek
il-qlub li int ħlaqtilna.

Int l-akbar don ta’ Alla,
li tieqaf dejjem magħna:
għajn, ħajja, nar, imħabba
u qawwa tar-ruħ tagħna.

Int tqassam seba’ doni,
int l-id il-leminija
tal-Missier, minnu mwiegħed,
fik bl-għerf l-ilsna mogħnija.

Ixgħel id-dawl lis-sensi,
kebbes il-qlub bl-imħabba,
u saħħaħ dan ġisimna
mill-mard li fih jitrabba.

Bogħod minna żomm ’il-għadu,
lilna fis-sliem henjin,
mexxina int, biex nibqgħu
mid-deni meħlusin.

Agħmel li nsiru nafu
bik lill-Missier u ’l-Ibnu;
li fik, Spirtu li tqaddes,
bla nieqfu dejjem nemmnu.

Glorja 'l-Missier, lill-Iben
li qam minn bejn l-imwiet,
l-Ispirtu, faraġ tagħna,
għal dejjem fis-smewwiet.   Ammen.

**Sliem għalik, kewkba tal-baħar  (Ave Maris Stella)**

Sliem għalik, kewkba tal-baħar,
omm qaddisa u kbira t'Alla,
dejjem verġni bla mittiefsa,
bieb il-hena u ferħ tas-sema.

Ilqa' l-"Ave" li bil-qima
Gabrijel qed isemmagħlek,
ibdel fiha l-isem t'Eva
ħalli jerġa' s-sliem fid-dinja.

Qaċċat kull irbit lill-ħatja,
ġib id-dawl lill-għomja kollha,
biegħed minna l-ħażen tagħna,
niżżel fuqna l-ġid tas-sema.

Uri li tassew int Ommna.
wassal talbna quddiem Alla,
li fi ħnientu twieled minnek
biex issir għalina bniedem.

Verġni fost kulħadd magħżula,
ta' qalb ħelwa fost il-ħlejjaq,
itlob 'l Ibnek biex jagħtina
maħfra, safa u spirtu ħlejju.

Għinna ngħaddu ħajja mseddqa,
żommna sħaħ fit-triq iż-żgura,
sa ma niksbu l-ferħ tad-dehra
ta' Ġesù għal dejjem miegħek.   Ammen.

**Magnificat**

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej,
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi,
għax hu xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu.
Iva, minn issa 'l quddiem kull nisel isejjaħli hienja,
għax is-setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar;
qaddis hu l-isem tiegħu.
Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien fuq dawk li jibżgħu minnu.
Hu wera l-qawwa ta' driegħu,
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom.
Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom,
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ,
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn.
Ħa ħsieb Iżrael qaddej tiegħu,
għax ftakar fil-ħniena tiegħu,
bħalma wiegħed lil missirijietna,
b'riżq Abraham u nislu għal dejjem.

**Glorja**

Glorja lill-Missier, u lill-Iben, u lill-Ispirtu s-Santu.
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem, u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

## JUM 2: Konsagrazzjoni totali lil Ġesu' permezz ta' Marija

**GĦAN: Tiżvojta Lilek Innifsek mill-Ispirtu tad-Dinja**

Eżamina l-kuxjenza tiegħek, itlob, ipprattika ċ-ċaħda tar-rieda tiegħek; immortifika lilek innifsek u fittex is-safa tal-qalb. Din is-safa hi kundizzjoni indispensabli biex wieħed jikkontempla lil Alla fil-ġenna, biex wieħed jarah f'din id-dinja, u biex wieħed jagħrfu bid-dawl tal-fidi. Fl-ewwel parti tal-preparazzjoni wieħed għandu jirsisti biex jiċħad l-ispirtu tad-dinja li jmur kontra l-Ispirtu ta' Ġesu' Kristu. L-ispirtu tad-dinja jikkonsisti fiċ-ċaħda ta' Alla bħala l-Ħakkiem fuq kollox u fuq kulħadd; iċ-ċaħda t'Alla li timmanifesta lilha nnifisha fil-pratika tad-dnub u d-diżubbidjenza; għalhekk hu fil-prinċipju tiegħu opposta għall-Ispirtu ta' Kristu, li hu wkoll dak ta' Marija.

Timmanifesta ruħha fil-konkupixxenza tal-ġisem, tal-għajnejn u b'ħajja ta' suppervja, b'diżubbidjenza għal-Liġi t'Alla u bl-abbuż fuq il-ħlejjaq. Il-ħidma tagħha hi: dnub ta' kull xorta, u dak kollu li juża' x-xitan biex iwassalna għad-dnub; ħidmiet li jġibu d-dlam f'moħħna u li javvalenaw u jikkorrompu lir-rieda tagħna. Dak li bih tiftaħar hu l-isplendur u s-seħer li juża' x-xitan biex id-dnub jagħmlu b'tali mod li jattira l-persuni, il-postijiet u l-oġġetti.

**QARI**

**Mattew 5: 48, 6: 1-15**

"Kunu mela perfetti, bħalma hu perfett Missierkom li hu fis-smewwiet."

**Karita' fil-moħbi**
"Qisu li l-għemil tajjeb tagħkom ma tagħmluhx għal wiċċ in-nies biex tidhru quddiemhom, għax inkella ma jkollkomx ħlas mingħand Missierkom li hu fis-smewwiet. Mela meta tagħmel karità, tmurx iddoqq it-trombi quddiemek, kif jagħmlu dawk ta' wiċċ b'ieħor fis-sinagogi u fit-triqat, biex in-nies tfaħħarhom. Tassew, ngħidilkom, li l-ħlas tagħhom ġa ħaduh. Iżda int, meta tagħmel karità, idek ix-xellugija m'għandhiex tkun taf x'inhi tagħmel il-leminija, biex hekk il-karità tiegħek issir fil-moħbi, u Missierek, li jara dak li hu moħbi, iroddlok hu.

**Talb fil-moħbi**
"U meta titolbu, tkunux bħal dawk ta' wiċċ b'ieħor, għax dawk iħobbu joqogħdu jitolbu bilwieqfa fis-sinagogi u f'salib it-toroq, biex jidhru quddiem in-nies. Tassew, ngħidilkom, li l-ħlas tagħhom ġa ħaduh. Iżda int, meta titlob, idħol fil-kamra tiegħek ta' ġewwa, agħlaq il-bieb warajk, u itlob lil Missierek li hu fil-moħbi; u Missierek, li jara dak li hu fil-moħbi, iroddlok hu. Intom u titolbu toqogħdux tlabalbu bħall-pagani; dawn mingħalihom li, iktar ma jgħidu, iktar jinstemgħu. Tkunux bħalhom, għax Missierkom jaf x'teħtieġu, qabel ma titolbuh intom. Mela itolbu hekk:

**Kif titlob. Il-Talba tal-Missierna**

'Missierna, li inti fis-smewwiet,
jitqaddes ismek, tiġi saltnatek,
ikun li trid int, kif fis-sema, hekkda fl-art.
Ħobżna ta' kuljum agħtina llum.
Aħfrilna dnubietna, bħalma naħfru lil min hu ħati għalina.
U la ddaħħalniex fit-tiġrib, iżda eħlisna mid-deni.'

Għax jekk intom taħfru lill-bnedmin il-ħtijiet tagħhom, Missierkom li hu fis-smewwiet jaħfer lilkom ukoll. Imma jekk intom ma taħfrux lill-bnedmin il-ħtijiet tagħhom, anqas Missierkom ma jaħfer lilkom il-ħtijiet tagħkom.

**TALB**

**Ejja, Spirtu s-Santu (Veni Creator Spiritus)**

Spirtu qaddis li ħlaqtna,
ejja lill-moħħ dawlilna,
imla bil-grazzja tiegħek
il-qlub li int ħlaqtilna.

Int l-akbar don ta’ Alla,
li tieqaf dejjem magħna:
għajn, ħajja, nar, imħabba
u qawwa tar-ruħ tagħna.

Int tqassam seba’ doni,
int l-id il-leminija
tal-Missier, minnu mwiegħed,
fik bl-għerf l-ilsna mogħnija.

Ixgħel id-dawl lis-sensi,
kebbes il-qlub bl-imħabba,
u saħħaħ dan ġisimna
mill-mard li fih jitrabba.

Bogħod minna żomm ’il-għadu,
lilna fis-sliem henjin,
mexxina int, biex nibqgħu
mid-deni meħlusin.

Agħmel li nsiru nafu
bik lill-Missier u ’l-Ibnu;
li fik, Spirtu li tqaddes,
bla nieqfu dejjem nemmnu.

Glorja 'l-Missier, lill-Iben
li qam minn bejn l-imwiet,
l-Ispirtu, faraġ tagħna,
għal dejjem fis-smewwiet.   Ammen.

**Sliem għalik, kewkba tal-baħar  (Ave Maris Stella)**

Sliem għalik, kewkba tal-baħar,
omm qaddisa u kbira t'Alla,
dejjem verġni bla mittiefsa,
bieb il-hena u ferħ tas-sema.

Ilqa' l-"Ave" li bil-qima
Gabrijel qed isemmagħlek,
ibdel fiha l-isem t'Eva
ħalli jerġa' s-sliem fid-dinja.

Qaċċat kull irbit lill-ħatja,
ġib id-dawl lill-għomja kollha,
biegħed minna l-ħażen tagħna,
niżżel fuqna l-ġid tas-sema.

Uri li tassew int Ommna.
wassal talbna quddiem Alla,
li fi ħnientu twieled minnek
biex issir għalina bniedem.

Verġni fost kulħadd magħżula,
ta' qalb ħelwa fost il-ħlejjaq,
itlob 'l ibnek biex jagħtina
maħfra, safa u spirtu ħlejju.

Għinna ngħaddu ħajja mseddqa,
żommna sħaħ fit-triq iż-żgura,
sa ma niksbu l-ferħ tad-dehra
ta' Ġesù għal dejjem miegħek.   Ammen.

**Magnificat**

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej,
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi,
għax hu xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu.
Iva, minn issa 'l quddiem kull nisel isejjaħli hienja,
għax is-setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar;
qaddis hu l-isem tiegħu.
Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien fuq dawk li jibżgħu minnu.
Hu wera l-qawwa ta' driegħu,
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom.
Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom,
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ,
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn.
Ħa ħsieb Iżrael qaddej tiegħu,
għax ftakar fil-ħniena tiegħu,
bħalma wiegħed lil missirijietna,
b'riżq Abraham u nislu għal dejjem.

**Glorja**

Glorja lill-Missier, u lill-Iben, u lill-Ispirtu s-Santu.
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem, u jibqa' għal dejjem ta' dejjem.  Ammen.

## JUM 3: Konsagrazzjoni totali lil Ġesu' permezz ta' Marija

### GĦAN: Tiżvojta Lilek Innifsek mill-Ispirtu tad-Dinja

Eżamina l-kuxjenza tiegħek, itlob, ipprattika ċ-ċaħda tar-rieda tiegħek; immortifika lilek innifsek u fittex is-safa tal-qalb. Din is-safa hi kundizzjoni indispensabli biex wieħed jikkontempla lil Alla fil-ġenna, biex wieħed jarah f'din id-dinja, u biex wieħed jagħrfu bid-dawl tal-fidi. Fl-ewwel parti tal-preparazzjoni wieħed għandu jirsisti biex jiċħad l-ispirtu tad-dinja li jmur kontra l-Ispirtu ta' Ġesu' Kristu. L-ispirtu tad-dinja jikkonsisti fiċ-ċaħda ta' Alla bħala l-Ħakkiem fuq kollox u fuq kulħadd; iċ-ċaħda t'Alla li timmanifesta lilha nnifisha fil-pratika tad-dnub u d-diżubbidjenza; għalhekk hu fil-prinċipju tiegħu opposta għall-Ispirtu ta' Kristu, li hu wkoll dak ta' Marija.

Timmanifesta ruħha fil-konkupixxenza tal-ġisem, tal-għajnejn u b'ħajja ta' suppervja, b'diżubbidjenza għal-Liġi t'Alla u bl-abbuż fuq il-ħlejjaq. Il-ħidma tagħha hi: dnub ta' kull xorta, u dak kollu li juża' x-xitan biex iwassalna għad-dnub; ħidmiet li jġibu d-dlam f'moħħna u li javvalenaw u jikkorrompu lir-rieda tagħna. Dak li bih tiftaħar hu l-isplendur u s-seħer li juża' x-xitan biex id-dnub jagħmlu b'tali mod li jattira l-persuni, il-postijiet u l-oġġetti.

**QARI**

**Mattew 7: 1-14**

**Tiġġudikawx!**
"Tiġġudikawx, biex ma tkunux iġġudikati; għax bl-istess ġudizzju li tagħmlu intom, tkunu ġġudikati; u bl-istess kejl li tkejjlu intom, jitkejjel lilkom. Xi trid tħares lejn it-tibna li hemm f'għajn ħuk? Għax ma tarax it-travu li għandek f'għajnek int? Jew kif tmur tgħid lil ħuk, 'Ħa nneħħilek it-tibna minn għajnek,' meta inti stess f'għajnek għandek travu? Ja wiċċ b'ieħor, neħħi l-ewwel it-travu li għandek f'għajnek int, ħalli mbagħad tara sewwa tneħħi t-tibna minn għajn ħuk! Tagħtux lill-klieb dak li hu qaddis, u tixħtux il-ġawhar tagħkom quddiem il-ħnieżer li ma jmorrux jgħaffġuhom b'saqajhom u mbagħad iduru għalikom u jqattgħukom bi snienhom."

**Fittxu, ħabbtu, itolbu**
"Itolbu, u jingħatalkom; fittxu, u ssibu; ħabbtu, u jiftħulkom. Għax kull min jitlob, jaqla', min ifittex isib, u min iħabbat jiftħulu. Min hu dak il-bniedem fostkom li, jekk ibnu jitolbu biċċa ħobż, sejjer jagħtih ġebla? Jew jekk jitolbu ħuta, sejjer jagħtih serp? Mela jekk intom, nies ħżiena bħalkom, tafu tagħtu lil uliedkom ħwejjeġ tajba, kemm aktar Missierkom li hu fis-smewwiet jagħti ħwejjeġ tajba lil min jitlobhomlu? Mela dak kollu li tridu li l-bnedmin jagħmlu lilkom, agħmluh ukoll intom lilhom; għax din hi l-Liġi u l-Profeti."

**Il-bieb id-dejjaq**
"Għaddu mill-bieb id-dejjaq. Għax wiesa' l-bieb u spazjuża t-triq li tieħu għat-telfien, u ħafna huma li jgħaddu minnha. Imma kemm huwa dejjaq il-bieb u dejqa t-triq li tieħu għall-ħajja, u ftit huma li jsibuha!

**TALB**

**Ejja, Spirtu s-Santu  (Veni Creator Spiritus)**

Spirtu qaddis li ħlaqtna,
ejja lill-moħħ dawlilna,
imla bil-grazzja tiegħek
il-qlub li int ħlaqtilna.

Int l-akbar don ta' Alla,
li tieqaf dejjem magħna:
għajn, ħajja, nar, imħabba
u qawwa tar-ruħ tagħna.

Int tqassam seba' doni,
int l-id il-leminija
tal-Missier, minnu mwiegħed,
fik bl-għerf l-ilsna mogħnija.

Ixgħel id-dawl lis-sensi,
kebbes il-qlub bl-imħabba,
u saħħaħ dan ġisimna
mill-mard li fih jitrabba.

Bogħod minna żomm 'il-għadu,
lilna fis-sliem henjin,
mexxina int, biex nibqgħu
mid-deni meħlusin.

Agħmel li nsiru nafu
bik lill-Missier u 'l-Ibnu;
li fik, Spirtu li tqaddes,
bla nieqfu dejjem nemmnu.

Glorja 'l-Missier, lill-Iben
li qam minn bejn l-imwiet,
l-Ispirtu, faraġ tagħna,
għal dejjem fis-smewwiet.   Ammen.

**Sliem għalik, kewkba tal-baħar  (Ave Maris Stella)**

Sliem għalik, kewkba tal-baħar,
omm qaddisa u kbira t'Alla,
dejjem verġni bla mittiefsa,
bieb il-hena u ferħ tas-sema.

Ilqa' l-"Ave" li bil-qima
Gabrijel qed isemmagħlek,
ibdel fiha l-isem t'Eva
ħalli jerġa' s-sliem fid-dinja.

Qaċċat kull irbit lill-ħatja,
ġib id-dawl lill-għomja kollha,
biegħed minna l-ħażen tagħna,
niżżel fuqna l-ġid tas-sema.

Uri li tassew int Ommna.
wassal talbna quddiem Alla,
li fi ħnientu twieled minnek
biex issir għalina bniedem.

Verġni fost kulħadd magħżula,
ta' qalb ħelwa fost il-ħlejjaq,
itlob 'l ibnek biex jagħtina
maħfra, safa u spirtu ħlejju.

Għinna ngħaddu ħajja mseddqa,
żommna sħaħ fit-triq iż-żgura,
sa ma niksbu l-ferħ tad-dehra
ta' Ġesù għal dejjem miegħek.   Ammen.

**Magnificat**

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej,
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi,
għax hu xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu.
Iva, minn issa 'l quddiem kull nisel isejjaħli hienja,
għax is-setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar;
qaddis hu l-isem tiegħu.

Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien fuq dawk li jibżgħu minnu.
Hu wera l-qawwa ta' driegħu,
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom.
Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom,
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ,
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn.
Ħa ħsieb Iżrael qaddej tiegħu,
għax ftakar fil-ħniena tiegħu,
bħalma wiegħed lil missirijietna,
b'riżq Abraham u nislu għal dejjem.

## Glorja

Glorja lill-Missier, u lill-Iben, u lill-Ispirtu s-Santu.
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem, u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

## JUM 4: Konsagrazzjoni totali lil Ġesu' permezz ta' Marija

## GĦAN: Tiżvojta Lilek Innifsek mill-Ispirtu tad-Dinja

Eżamina l-kuxjenza tiegħek, itlob, ipprattika ċ-ċaħda tar-rieda tiegħek; immortifika lilek innifsek u fittex is-safa tal-qalb. Din is-safa hi kundizzjoni indispensabli biex wieħed jikkontempla lil Alla fil-ġenna, biex wieħed jarah f'din id-dinja, u biex wieħed jagħrfu bid-dawl tal-fidi. Fl-ewwel parti tal-preparazzjoni wieħed għandu jirsisti biex jiċħad l-ispirtu tad-dinja li jmur kontra l-Ispirtu ta' Ġesu' Kristu. L-ispirtu tad-dinja jikkonsisti fiċ-ċaħda ta' Alla bħala l-Ħakkiem fuq kollox u fuq kulħadd; iċ-ċaħda t'Alla li timmanifesta lilha nnifisha fil-pratika tad-dnub u d-diżubbidjenza; għalhekk hu fil-prinċipju tiegħu opposta għall-Ispirtu ta' Kristu, li hu wkoll dak ta' Marija.

Timmanifesta ruħha fil-konkupixxenza tal-ġisem, tal-għajnejn u b'ħajja ta' suppervja, b'diżubbidjenza għal-Liġi t'Alla u bl-abbuż fuq il-ħlejjaq. Il-ħidma tagħha hi: dnub ta' kull xorta, u dak kollu li juża' x-xitan biex iwassalna għad-dnub; ħidmiet li jġibu d-dlam f'moħħna u li javvalenaw u jikkorrompu lir-rieda tagħna. Dak li bih tiftaħar hu l-isplendur u s-seħer li juża' x-xitan biex id-dnub jagħmlu b'tali mod li jattira l-persuni, il-postijiet u l-oġġetti.

**QARI**

***Imitazzjoni ta' Kristu*: It-3 Ktieb, Kapitlu 40, 1-3**

*Il-bniedem ma għandu minnu nnifsu ebda ġid, u anqas ma jista' jiftaħar bl-ebda ħaġa*

**Ir-Ruħ:**

Sinjur, x'inhu l-bniedem, biex int tiftakar fih? Jew l-iben tal-bniedem, biex int iżżuru? X'sata' ħaqqu l-bniedem biex tajtu l-grazzja tiegħek? Sinjur, u jien x'jedd għandi ngemgem, jekk inti tinsieni? Jew kif nista' mmur nistaqsik għaliex ma tagħmilx li nitolbok? Anzi nista' naħseb ġewwa fija u ma jkunx ifallili u ngħid: Sinjur, jiena m'jien xejn, jien ma nista' xejn; minni nnifsi ma fini ebda ġid; anzi f'kollox għandi n-nieqes, u niġbed lejn ix-xejn. U li ma kienx għax tgħinni int, u f'qalbi tagħtini d-dawl, kieku nibred għal kollox u nsir bla kont.

Imma int, Sinjur, dejjem int l-istess u tibqa' għal dejjem tajjeb, sewwa u qaddis; tibqa' tagħmel u tqassam kollox bit-tjieba, bis-sewwa, bil-qdusija u bil-għerf. Imma jien, li aktar jien miġbud għall-imgħaweġ milli għas-sewwa, qatt ma nżomm żmien twil f'ħaġa waħda, għaliex seba' żminijiet jew seba' tibdiliet igħaddu minn fuqi. U għalhekk wisq aħjar ikun għalija meta jogħġbok tmidd idejk fuqi tgħinni; għax int waħdek hu li ma għandekx bżonn ta' ħaddieħor biex tgħinni u twettaqni; b'mod illi wiċċi ma jinbidilx iżjed, u qalbi tingħata lilek waħdek u fik tistrieħ.

Mela li kelli tabilħaqq il-ħila ma nagħtix kont iżjed tal-hena li qatt jista' jagħtini bniedem ieħor, jew biex naqla' l-virtu tad-devozzjoni, jew inkella għax inħoss x'iġagħalni nfittex lilek (għax ebda bniedem ma jista' jhennili sewwa lil qalbi), kieku nista' nittama fil-grazzja tiegħek, u nifraħ bil-ħlewwa li tkun sawwabt ġewwa fija.

**TALB**

**Ejja, Spirtu s-Santu  (Veni Creator Spiritus)**

Spirtu qaddis li ħlaqtna,
ejja lill-moħħ dawlilna,
imla bil-grazzja tiegħek
il-qlub li int ħlaqtilna.

Int l-akbar don ta’ Alla,
li tieqaf dejjem magħna:
għajn, ħajja, nar, imħabba
u qawwa tar-ruħ tagħna.

Int tqassam seba’ doni,
int l-id il-leminija
tal-Missier, minnu mwiegħed,
fik bl-għerf l-ilsna mogħnija.

Ixgħel id-dawl lis-sensi,
kebbes il-qlub bl-imħabba,
u saħħaħ dan ġisimna
mill-mard li fih jitrabba.

Bogħod minna żomm ’il-għadu,
lilna fis-sliem henjin,
mexxina int, biex nibqgħu
mid-deni meħlusin.

Agħmel li nsiru nafu
bik lill-Missier u ’l-Ibnu;
li fik, Spirtu li tqaddes,
bla nieqfu dejjem nemmnu.

Glorja ’l-Missier, lill-Iben
li qam minn bejn l-imwiet,
l-Ispirtu, faraġ tagħna,
għal dejjem fis-smewwiet.   Ammen.

**Sliem għalik, kewkba tal-baħar  (Ave Maris Stella)**

Sliem għalik, kewkba tal-baħar,
omm qaddisa u kbira t’Alla,
dejjem verġni bla mittiefsa,
bieb il-hena u ferħ tas-sema.

Ilqa’ l-“Ave” li bil-qima
Gabrijel qed isemmagħlek,
ibdel fiha l-isem t’Eva
ħalli jerġa’ s-sliem fid-dinja.

Qaċċat kull irbit lill-ħatja,
ġib id-dawl lill-għomja kollha,
biegħed minna l-ħażen tagħna,
niżżel fuqna l-ġid tas-sema.

Uri li tassew int Ommna.
wassal talbna quddiem Alla,
li fi ħnientu twieled minnek
biex issir għalina bniedem.

Verġni fost kulħadd magħżula,
ta' qalb ħelwa fost il-ħlejjaq,
itlob 'l ibnek biex jagħtina
maħfra, safa u spirtu ħlejju.

Għinna ngħaddu ħajja mseddqa,
żommna sħaħ fit-triq iż-żgura,
sa ma niksbu l-ferħ tad-dehra
ta' Ġesù għal dejjem miegħek.   Ammen.

**Magnificat**

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej,
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi,
għax hu xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu.
Iva, minn issa 'l quddiem kull nisel isejjaħli hienja,
għax is-setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar;
qaddis hu l-isem tiegħu.
Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien fuq dawk li jibżgħu minnu.
Hu wera l-qawwa ta' driegħu,
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom.
Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom,
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ,
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn.
Ħa ħsieb Iżrael qaddej tiegħu,
għax ftakar fil-ħniena tiegħu,
bħalma wiegħed lil missirijietna,
b'riżq Abraham u nislu għal dejjem.

**Glorja**

Glorja lill-Missier, u lill-Iben, u lill-Ispirtu s-Santu.
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem, u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

**JUM 5: Konsagrazzjoni totali lil Ġesu' permezz ta' Marija**

**GĦAN: Tiżvojta Lilek Innifsek mill-Ispirtu tad-Dinja**

Eżamina l-kuxjenza tiegħek, itlob, ipprattika ċ-ċaħda tar-rieda tiegħek; immortifika lilek innifsek u fittex is-safa tal-qalb. Din is-safa hi kundizzjoni indispensabli biex wieħed jikkontempla lil Alla fil-ġenna, biex wieħed jarah f'din id-dinja, u biex wieħed jagħrfu bid-dawl tal-fidi. Fl-ewwel parti tal-preparazzjoni wieħed għandu jirsisti biex jiċħad l-ispirtu tad-dinja li jmur kontra l-Ispirtu ta' Ġesu' Kristu. L-ispirtu tad-dinja jikkonsisti fiċ-ċaħda ta' Alla bħala l-Ħakkiem fuq kollox u fuq kulħadd; iċ-ċaħda t'Alla li timmanifesta lilha nnifisha fil-pratika tad-dnub u d-diżubbidjenza; għalhekk hu fil-prinċipju tiegħu opposta għall-Ispirtu ta' Kristu, li hu wkoll dak ta' Marija.

Timmanifesta ruħha fil-konkupixxenza tal-ġisem, tal-għajnejn u b'ħajja ta' suppervja, b'diżubbidjenza għal-Liġi t'Alla u bl-abbuż fuq il-ħlejjaq. Il-ħidma tagħha hi: dnub ta' kull xorta, u dak kollu li juża' x-xitan biex iwassalna għad-dnub; ħidmiet li jġibu d-dlam f'moħħna u li javvalenaw u jikkorrompu lir-rieda tagħna. Dak li bih tiftaħar hu l-isplendur u s-seħer li juża' x-xitan biex id-dnub jagħmlu b'tali mod li jattira l-persuni, il-postijiet u l-oġġetti.

**QARI**

***Imitazzjoni ta' Kristu*: It-3 Ktieb, Kapitlu 40, 4-5**

*Il-bniedem ma għandu minnu nnifsu ebda ġid, u anqas ma jista' jiftaħar bl-ebda ħaġa*

**Ir-Ruħ:**

Niżżikħajr, Sinjur, għax minn għandek nafu kemm-il ġid jiġrili. Jiena ħdejk m'jiniex ħlief frugħa u xejn, bniedem li ndur ma' kull riħ u ta' ħila wisq ċkejkna. Biex mela

nista' nitkabbar, jew għaliex irrid li nkun imsemmi? Bix-xejn? Frugħa kbira tkun din tiegħi. Anzi ngħid iżjed glorja belgħa bħal din, hi pesta u ntiena, frugħa l-aktar kbira; għaliex tbegħidna mill-vera glorja, u nżajna mill-grazzja tas-smewwiet.

Dment li l-bniedem jagħti gost lilu nnifsu, ma jistax jogħġob lilek; dment li jintefaħ bit-tifħir tal-bniedem, ikun qed jinfatam mill-veri virtujiet.

Il-vera glorja, il-ferħ imqaddes, hu dan, li l-bniedem jiftaħar bik u le bih innifsu; li jifraħ bl-isem tiegħek, mhux bil-virtu tiegħu; u li ma jitgħaxxaqx f'ebda kreatura, ħlief imħabba fik. Ħalli jkun imfaħħar ismek, mhux ismi; ħalli jitfaħħru l-opri tiegħek, u mhux tiegħi; ħalli jkun imbierek l-isem imqaddes tiegħek, u lili ma għandu x'iridni ebda xejn it-tifħir tan-nies. Int biss il-glorja tiegħi, int il-ferħ ta' qalbi. Bik nitkabbar u bik nifraħ ħajti kollha; mingħalija ma nfaħħarx fija nnifsi ħlief il-miżerji tiegħi.

**TALB**

**Ejja, Spirtu s-Santu (Veni Creator Spiritus)**

Spirtu qaddis li ħlaqtna,
ejja lill-moħħ dawlilna,
imla bil-grazzja tiegħek
il-qlub li int ħlaqtilna.

Int l-akbar don ta' Alla,
li tieqaf dejjem magħna:
għajn, ħajja, nar, imħabba
u qawwa tar-ruħ tagħna.

Int tqassam seba' doni,
int l-id il-leminija
tal-Missier, minnu mwiegħed,
fik bl-għerf l-ilsna mogħnija.

Ixgħel id-dawl lis-sensi,
kebbes il-qlub bl-imħabba,
u saħħaħ dan ġisimna
mill-mard li fih jitrabba.

Bogħod minna żomm ’il-għadu,
lilna fis-sliem henjin,
mexxina int, biex nibqgħu
mid-deni meħlusin.

Agħmel li nsiru nafu
bik lill-Missier u ’l-Ibnu;
li fik, Spirtu li tqaddes,
bla nieqfu dejjem nemmnu.

Glorja ’l-Missier, lill-Iben
li qam minn bejn l-imwiet,
l-Ispirtu, faraġ tagħna,
għal dejjem fis-smewwiet.   Ammen.

**Sliem għalik, kewkba tal-baħar  (Ave Maris Stella)**

Sliem għalik, kewkba tal-baħar,
omm qaddisa u kbira t’Alla,
dejjem verġni bla mittiefsa,
bieb il-hena u ferħ tas-sema.

Ilqa’ l-“Ave” li bil-qima
Gabrijel qed isemmagħlek,
ibdel fiha l-isem t’Eva
ħalli jerġa’ s-sliem fid-dinja.

Qaċċat kull irbit lill-ħatja,
ġib id-dawl lill-għomja kollha,
biegħed minna l-ħażen tagħna,
niżżel fuqna l-ġid tas-sema.

Uri li tassew int Ommna.
wassal talbna quddiem Alla,
li fi ħnientu twieled minnek
biex issir għalina bniedem.

Verġni fost kulħadd magħżula,
ta’ qalb ħelwa fost il-ħlejjaq,
itlob ’l ibnek biex jagħtina
maħfra, safa u spirtu ħlejju.

Għinna ngħaddu ħajja mseddqa,
żommna sħaħ fit-triq iż-żgura,
sa ma niksbu l-ferħ tad-dehra
ta’ Ġesù għal dejjem miegħek.   Ammen.

**Magnificat**

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej,
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi,
għax hu xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu.
Iva, minn issa 'l quddiem kull nisel isejjaħli hienja,
għax is-setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar;
qaddis hu l-isem tiegħu.
Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien fuq dawk li jibżgħu minnu.
Hu wera l-qawwa ta' driegħu,
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom.
Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom,
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ,
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn.
Ħa ħsieb Iżrael qaddej tiegħu,
għax ftakar fil-ħniena tiegħu,
bħalma wiegħed lil missirijietna,
b'riżq Abraham u nislu għal dejjem.

**Glorja**

Glorja lill-Missier, u lill-Iben, u lill-Ispirtu s-Santu.
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem, u jibqa' għal dejjem ta' dejjem.  Ammen.

## JUM 6: Konsagrazzjoni totali lil Ġesu’ permezz ta’ Marija

### GĦAN: Tiżvojta Lilek Innifsek mill-Ispirtu tad-Dinja

Eżamina l-kuxjenza tiegħek, itlob, ipprattika ċ-ċaħda tar-rieda tiegħek; immortifika lilek innifsek u fittex is-safa tal-qalb. Din is-safa hi kundizzjoni indispensabli biex wieħed jikkontempla lil Alla fil-ġenna, biex wieħed jarah f’din

id-dinja, u biex wieħed jagħrfu bid-dawl tal-fidi. Fl-ewwel parti tal-preparazzjoni wieħed għandu jirsisti biex jiċħad l-ispirtu tad-dinja li jmur kontra l-Ispirtu ta' Ġesu' Kristu. L-ispirtu tad-dinja jikkonsisti fiċ-ċaħda ta' Alla bħala l-Ħakkiem fuq kollox u fuq kulħadd; iċ-ċaħda t'Alla li timmanifesta lilha nnifisha fil-pratika tad-dnub u d-diżubbidjenza; għalhekk hu fil-prinċipju tiegħu opposta għall-Ispirtu ta' Kristu, li hu wkoll dak ta' Marija.

Timmanifesta ruħha fil-konkupixxenza tal-ġisem, tal-għajnejn u b'ħajja ta' suppervja, b'diżubbidjenza għal-Liġi t'Alla u bl-abbuż fuq il-ħlejjaq. Il-ħidma tagħha hi: dnub ta' kull xorta, u dak kollu li juża' x-xitan biex iwassalna għad-dnub; ħidmiet li jġibu d-dlam f'moħħna u li javvalenaw u jikkorrompu lir-rieda tagħna. Dak li bih tiftaħar hu l-isplendur u s-seħer li juża' x-xitan biex id-dnub jagħmlu b'tali mod li jattira l-persuni, il-postijiet u l-oġġetti.

**QARI**

***Imitazzjoni ta' Kristu*: L-1 Ktieb, Kapitlu 18: 1-3**

*Fuq l-eżempju tal-qaddisin.*

Ħares, ħares ftit lejn l-eżempji tal-Qaddisin, li fihom kienet tiddi l-vera perfezjoni u tjieba u għandek issib li dak li nagħmlu aħna huwa wisq ftit ħdejn tagħhom, u qisu xejn. U x'inhi l-ħajja tagħna, jekk inqisuha ma' tagħhom? Il-qaddisin u l-ħbieb ta' Kristu servew dejjem 'l Alla, b'ġuħ u għatx, bard u għera, taħbit u tbatija, sahriet u sawm, talb u meditazzjonijiet, persukuzjonijiet u żebliħ. Kemm taħbit raw l-Appostli, il-Martri, il-Konfessuri, il-Verġni u dawk kollha li mxew fuq il-passi ta' Kristu! Bagħdu r-ruħ tagħhom fid-dinja, biex jistgħu jgawduha fil-ħajja ta' dejjem.

U l-Eremiti?... X'ħajja mġebbda u qalila għaddew fid-deżert! X'tentazzjonijiet twal u qliel għaddew minnhom! Kemm inkihom u ħaqarhom il-għadu! Kemm talb imħeġġeġ kienu sikwit jagħmlu lil Alla! Kemm sawm aħrax samu! Kemm kellhom ħeġġa u ħrara għas-salvazjoni ta' ruħhom! Kemm kellhom jitħabtu biex irażżnu l-vizzji tagħhom. U b'liema rabta kienu marbutin m'Alla, b'qalbhom u moħħhom!

B'inhar jaħdmu u jitħabtu, u l-lejl igħaddu nofsu fit-talb. Frattant avolja waqt ix-xogħol ta' b'inhar, kienu wkoll jagħmlu orazzjoni, għax moħħhom kien biss f'Alla. F'kull ħin ħajjithom, ġid kienu jagħmlu; is-sigħat li jgħaddu m'Alla, kienu jarawhom malajr igħaddu; u tant ħlewwa kbira kienu jħossu fl-orazzjoni, li kienu

drabi jinsew li l-ġisem ma jgħaddix mingħajr ikel. Kienu jagħalqu qalbhom għal kull ġid, dinjita', unuri, ħbieb u qraba; mill-ħwejjeġ ta' din id-dinja xejn ma kienu jixtiequ, bil-kemm kemm kienu jixtiequ dak li jaħtieġ għall-ħajja; u sa jixtiequ li kieku jistgħu jgħaddu mingħajr xi ħwejjeġ ta' din l-art, imma għonja u għonja wisq fil-grazja u fil-virtu.

**TALB**

**Ejja, Spirtu s-Santu (Veni Creator Spiritus)**

Spirtu qaddis li ħlaqtna,
ejja lill-moħħ dawlilna,
imla bil-grazzja tiegħek
il-qlub li int ħlaqtilna.

Int l-akbar don ta' Alla,
li tieqaf dejjem magħna:
għajn, ħajja, nar, imħabba
u qawwa tar-ruħ tagħna.

Int tqassam seba' doni,
int l-id il-leminija
tal-Missier, minnu mwiegħed,
fik bl-għerf l-ilsna mogħnija.

Ixgħel id-dawl lis-sensi,
kebbes il-qlub bl-imħabba,
u saħħaħ dan ġisimna
mill-mard li fih jitrabba.

Bogħod minna żomm 'il-għadu,
lilna fis-sliem henjin,
mexxina int, biex nibqgħu
mid-deni meħlusin.

Agħmel li nsiru nafu
bik lill-Missier u 'l-Ibnu;
li fik, Spirtu li tqaddes,
bla nieqfu dejjem nemmnu.

Glorja 'l-Missier, lill-Iben
li qam minn bejn l-imwiet,
l-Ispirtu, faraġ tagħna,
għal dejjem fis-smewwiet.   Ammen.

**Sliem għalik, kewkba tal-baħar  (Ave Maris Stella)**

Sliem għalik, kewkba tal-baħar,
omm qaddisa u kbira t'Alla,
dejjem verġni bla mittiefsa,
bieb il-hena u ferħ tas-sema.

Ilqa' l-"Ave" li bil-qima
Gabrijel qed isemmagħlek,
ibdel fiha l-isem t'Eva
ħalli jerġa' s-sliem fid-dinja.

Qaċċat kull irbit lill-ħatja,
ġib id-dawl lill-għomja kollha,
biegħed minna l-ħażen tagħna,
niżżel fuqna l-ġid tas-sema.

Uri li tassew int Ommna.
wassal talbna quddiem Alla,
li fi ħnientu twieled minnek
biex issir għalina bniedem.

Verġni fost kulħadd magħżula,
ta' qalb ħelwa fost il-ħlejjaq,
itlob 'l ibnek biex jagħtina
maħfra, safa u spirtu ħlejju.

Għinna ngħaddu ħajja mseddqa,
żommna sħaħ fit-triq iż-żgura,
sa ma niksbu l-ferħ tad-dehra
ta' Ġesù għal dejjem miegħek.   Ammen.

**Magnificat**

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej,
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi,
għax hu xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu.
Iva, minn issa 'l quddiem kull nisel isejjaħli hienja,
għax is-setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar;
qaddis hu l-isem tiegħu.
Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien fuq dawk li jibżgħu minnu.
Hu wera l-qawwa ta' driegħu,
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom.
Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom,
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ,
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn.
Ħa ħsieb Iżrael qaddej tiegħu,
għax ftakar fil-ħniena tiegħu,
bħalma wiegħed lil missirijietna,
b'riżq Abraham u nislu għal dejjem.

**Glorja**

Glorja lill-Missier, u lill-Iben, u lill-Ispirtu s-Santu.
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem, u jibqa' għal dejjem ta' dejjem.  Ammen.

## JUM 7: Konsagrazzjoni totali lil Ġesu' permezz ta' Marija

**GĦAN: Tiżvojta Lilek Innifsek mill-Ispirtu tad-Dinja**

Eżamina l-kuxjenza tiegħek, itlob, ipprattika ċ-ċaħda tar-rieda tiegħek; immortifika lilek innifsek u fittex is-safa tal-qalb. Din is-safa hi kundizzjoni indispensabli biex wieħed jikkontempla lil Alla fil-ġenna, biex wieħed jarah f'din id-dinja, u biex wieħed jagħrfu bid-dawl tal-fidi. Fl-ewwel parti tal-preparazzjoni wieħed għandu jirsisti biex jiċħad l-ispirtu tad-dinja li jmur kontra l-Ispirtu ta' Ġesu' Kristu. L-ispirtu tad-dinja jikkonsisti fiċ-ċaħda ta' Alla bħala l-Ħakkiem fuq kollox u fuq kulħadd; iċ-ċaħda t'Alla li timmanifesta lilha nnifisha fil-pratika tad-

dnub u d-diżubbidjenza; għalhekk hu fil-prinċipju tiegħu opposta għall-Ispirtu ta' Kristu, li hu wkoll dak ta' Marija.

Timmanifesta ruħha fil-konkupixxenza tal-ġisem, tal-għajnejn u b'ħajja ta' suppervja, b'diżubbidjenza għal-Liġi t'Alla u bl-abbuż fuq il-ħlejjaq. Il-ħidma tagħha hi: dnub ta' kull xorta, u dak kollu li juża' x-xitan biex iwassalna għad-dnub; ħidmiet li jġibu d-dlam f'moħħna u li javvalenaw u jikkorrompu lir-rieda tagħna. Dak li bih tiftaħar hu l-isplendur u s-seħer li juża' x-xitan biex id-dnub jagħmlu b'tali mod li jattira l-persuni, il-postijiet u l-oġġetti.

**QARI**

***Imitazzjoni ta' Kristu*: L-1 Ktieb, Kapitlu 18: 4-6**

*Fuq l-eżempju tal-qaddisin*

Minn barra kienu neqsin minn kollox, imma minn ġewwa kienu msoqqijin u mxebbgħin bil-grazzja u bil-ħlewwiet t'Alla. Mad-dinja kienu bħallikieku barranin; imma m'Alla kienu bħala ġirien, bħala ħbieb tal-qalb. Imżebilħin minn kulħadd, lilhom infushom kienu jarawhom bħallikieku xejn, imma f'għajnejn Alla kienu bil-wisq għeżież u maħbubin. Ħajja kollha kemm hi umilta' vera u obbidjenza l-aktar kbira, kienu f'kollox iġibu ruħhom bl-imħabba u l-paċenzja, u għalhekk kienu kuljum igħaddu 'l quddiem fit-tjieba, mogħnija minn Alla bi ħniniet kbar.

Xejn mela ma hi ħaga kbira jekk ħajjithom ġiet imħollija b'eżempju lir-reliġjużi u dan l-eżempju għandu aktar iħeġġiġna li nitjiebu, milli kieku l-eżempju tal-berdin iħajjarna nitgħażżnu. Kbira kienet il-ħrara tar-reliġjużi kollha, għall-ewwel li bdiet ir-regola tagħhom. X'devozjoni waqt it-talb tagħhom! B'liema ħrara kienu jfittxu li jgħaddu wieħed lill-ieħor fit-tjieba! X'ġabra u xi kwiet ġewwa l-kunvent! B'liema rispett u obbidjenza kienu josservaw ir-regola: il-ftit li nsibu miktub fuqhom, jixhdilna kemm tabilhaqq kienu qaddisin u perfetti, ladarba ħadmu bil-ħila tagħhom kollha biex jirbħu d-dinja.

U llum jarawha kbira min ma jiksirx ir-regola jew jarfa' bil-paċenzja x-xogħol li daħal għalih. Wara dan kollu, m'hux għajb għalina tant berdin u bla kont, li nsejna hekk malajr il-ħrara tal-ewwel żmien? Ġejna fi stat, li minħabba fit-toqol tal-passjonijiet u l-bruda ta' qalbna nistmerru l-ħajja. Ħija, nixtieqlek b'qalbi

kollha li ma tibridx fik il-ħrara tal-virtu', wara li kellek bosta eżempji ta' nies qaddisin.

**TALB**

**Ejja, Spirtu s-Santu (Veni Creator Spiritus)**

Spirtu qaddis li ħlaqtna,
ejja lill-moħħ dawlilna,
imla bil-grazzja tiegħek
il-qlub li int ħlaqtilna.

Int l-akbar don ta' Alla,
li tieqaf dejjem magħna:
għajn, ħajja, nar, imħabba
u qawwa tar-ruħ tagħna.

Int tqassam seba' doni,
int l-id il-leminija
tal-Missier, minnu mwiegħed,
fik bl-għerf l-ilsna mogħnija.

Ixgħel id-dawl lis-sensi,
kebbes il-qlub bl-imħabba,
u saħħaħ dan ġisimna
mill-mard li fih jitrabba.

Bogħod minna żomm 'il-għadu,
lilna fis-sliem henjin,
mexxina int, biex nibqgħu
mid-deni meħlusin.

Agħmel li nsiru nafu
bik lill-Missier u 'l-Ibnu;
li fik, Spirtu li tqaddes,
bla nieqfu dejjem nemmnu.

Glorja 'l-Missier, lill-Iben
li qam minn bejn l-imwiet,
l-Ispirtu, faraġ tagħna,
għal dejjem fis-smewwiet.   Ammen.

**Sliem għalik, kewkba tal-baħar  (Ave Maris Stella)**

Sliem għalik, kewkba tal-baħar,
omm qaddisa u kbira t'Alla,
dejjem verġni bla mittiefsa,
bieb il-hena u ferħ tas-sema.

Ilqa' l-"Ave" li bil-qima
Gabrijel qed isemmagħlek,
ibdel fiha l-isem t'Eva
ħalli jerġa' s-sliem fid-dinja.

Qaċċat kull irbit lill-ħatja,
ġib id-dawl lill-għomja kollha,
biegħed minna l-ħażen tagħna,
niżżel fuqna l-ġid tas-sema.

Uri li tassew int Ommna.
wassal talbna quddiem Alla,
li fi ħnientu twieled minnek
biex issir għalina bniedem.

Verġni fost kulħadd magħżula,
ta' qalb ħelwa fost il-ħlejjaq,
itlob 'l ibnek biex jagħtina
maħfra, safa u spirtu ħlejju.

Għinna ngħaddu ħajja mseddqa,
żommna sħaħ fit-triq iż-żgura,
sa ma niksbu l-ferħ tad-dehra
ta' Ġesù għal dejjem miegħek.   Ammen.

**Magnificat**

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej,
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi,
għax hu xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu.
Iva, minn issa 'l quddiem kull nisel isejjaħli hienja,
għax is-setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar;
qaddis hu l-isem tiegħu.
Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien fuq dawk li jibżgħu minnu.
Hu wera l-qawwa ta' driegħu,
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom.
Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom,
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ,
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn.
Ħa ħsieb Iżrael qaddej tiegħu,
għax ftakar fil-ħniena tiegħu,
bħalma wiegħed lil missirijietna,
b'riżq Abraham u nislu għal dejjem.

**Glorja**

Glorja lill-Missier, u lill-Iben, u lill-Ispirtu s-Santu.
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem, u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

## JUM 8: Konsagrazzjoni totali lil Ġesu' permezz ta' Marija

**GĦAN: Tiżvojta Lilek Innifsek mill-Ispirtu tad-Dinja**

Eżamina l-kuxjenza tiegħek, itlob, ipprattika ċ-ċaħda tar-rieda tiegħek; immortifika lilek innifsek u fittex is-safa tal-qalb. Din is-safa hi kundizzjoni indispensabli biex wieħed jikkontempla lil Alla fil-ġenna, biex wieħed jarah f'din id-dinja, u biex wieħed jagħrfu bid-dawl tal-fidi. Fl-ewwel parti tal-preparazzjoni wieħed għandu jirsisti biex jiċħad l-ispirtu tad-dinja li jmur kontra l-Ispirtu ta' Ġesu' Kristu. L-ispirtu tad-dinja jikkonsisti fiċ-ċaħda ta' Alla bħala l-Ħakkiem fuq kollox u fuq kulħadd; iċ-ċaħda t'Alla li timmanifesta lilha nnifisha fil-pratika tad-

dnub u d-diżubbidjenza; għalhekk hu fil-prinċipju tiegħu opposta għall-Ispirtu ta' Kristu, li hu wkoll dak ta' Marija.

Timmanifesta ruħha fil-konkupixxenza tal-ġisem, tal-għajnejn u b'ħajja ta' suppervja, b'diżubbidjenza għal-Liġi t'Alla u bl-abbuż fuq il-ħlejjaq. Il-ħidma tagħha hi: dnub ta' kull xorta, u dak kollu li jużaʼ x-xitan biex iwassalna għad-dnub; ħidmiet li jġibu d-dlam f'moħħna u li javvalenaw u jikkorrompu lir-rieda tagħna. Dak li bih tiftaħar hu l-isplendur u s-seħer li jużaʼ x-xitan biex id-dnub jagħmlu b'tali mod li jattira l-persuni, il-postijiet u l-oġġetti.

## QARI

### *Imitazzjoni ta' Kristu*: L-1 Ktieb, Kapitlu 13: 1-4

*Fuq li għandna nilqgħu lit-tentazjoni*

Sakemm ngħixu fuq din l-art ma nistgħux ngħaddu bla slaleb u tentazjonijiet, u għalhekk fil-ktieb ta' Ġob hemm miktub: "il-Ħajja tal-bniedem fuq l-art ma hix ħlief tentazjoni." Għalhekk mela hemm bżonn li kulħadd jagħmel għassa għat-tentazjonijiet tiegħu u jitlob lejl u nhar, ħalli d-demonju ma jista' qatt iqarraq bina. Dal-għadu ma jorqod qatt, anzi jdur u jiġġerra jfittex lil min jibla'. U ħaġ'oħra; ma jingħatax ebda bniedem perfett u qaddis, li kultant ma tiġiħx xi tentazjoni, u ma jistax ikun li ngħixu mingħajrhom għal kollox.

B'dan kollu, it-tiġrib bosta drabi hu ta' ġid lill-bniedem, għalkemm ta' tfixkil kbir; għax jagħmilna umli, isaffina u jgħallimna. U l-Qaddisin kollha ma għaddewx 'il quddiem fit-tjieba u l-perfezjoni b'dawn is-slaleb u t-tentazjonijiet? Dawk imbagħad, li ma għarfux jilqgħu lit-tentazjonijiet, tfixklu u tħawdu għal kollox. U kun af li ma hemm ebda stat, għalkemm ta' qdusija, ebda lok, għalkemm imwarrab u moħbi, li fihom ma tiltaqax ma' slaleb u tfixkil. Ħadd minna ma jista' jgħid, dment li għadu ħaj: "Jien ma jistgħux għalija t-tentazjonijiet;" għax għandna fina nfusna x'jiġbidna għalihom minħabba li tnissilna fil-ħtija. Anzi kif tħallina tentazjoni jew xi salib, minnufih jinqala' l-ġdid u dejjem ikollna x'iħabbatna, x'inbatu, la darba tlifna l-hena tagħna ewlenija.

Bosta wħud jidhrilhom li għandhom jaħarbu s-slaleb, imma mbagħad x'jiġrilkom? Li aktar isibuhom ma' wiċċhom. Mhux min jaħrabhom mela, le; imma jsir qawwi kontra l-għedewwa kollha min jissaporti t-tiġrib bil-paċenzja u bl-umilta'.

Min ma jqisx ħlief il-qoxra ta' barra, bla ma jaħsadhom mill-għerq, ftit jiswielu; anzi t-tentazjonijiet aktar malajr jiġu fuqu, u b'qawwa akbar. Bil-ftit il-ftit bil-paċenzja, bil-qalb it-tajba, u bil-ghajnuna t'Alla fuq kollox, aktar tirbaħ it-tentazjonijiet, milli kieku tissaħħan fuqhom u tmur b'moħħok li b'hekk tirbaħ.

Meta tkun tentat, fittex dejjem min jagħtik xi dawl, u ma' min hu maħqur bit-tentazjoni la tkunx aħrax; anzi farraġlu qalbu kif irid lilek innifsek.

Il-bidu tat-tentazjonijiet il-ħżiena kollha taf x'inhu? Li wieħed ma jkunx sod fil-fehmiet tiegħu, u li jkollu tama żgħira f'Alla. Kif bastiment bla tmun il-mewġ iħabbtu 'l hawn u 'l hemm, hekk bniedem li l-proponimenti tiegħu m'humiex sodi, f'bosta xorti jiġi tentat.

**TALB**

**Ejja, Spirtu s-Santu (Veni Creator Spiritus)**

Spirtu qaddis li ħlaqtna,
ejja lill-moħħ dawlilna,
imla bil-grazzja tiegħek
il-qlub li int ħlaqtilna.

Int l-akbar don ta' Alla,
li tieqaf dejjem magħna:
għajn, ħajja, nar, imħabba
u qawwa tar-ruħ tagħna.

Int tqassam seba' doni,
int l-id il-leminija
tal-Missier, minnu mwiegħed,
fik bl-għerf l-ilsna mogħnija.

Ixgħel id-dawl lis-sensi,
kebbes il-qlub bl-imħabba,
u saħħaħ dan ġisimna
mill-mard li fih jitrabba.

Bogħod minna żomm ’il-għadu,
lilna fis-sliem henjin,
mexxina int, biex nibqgħu
mid-deni meħlusin.

Agħmel li nsiru nafu
bik lill-Missier u ’l-Ibnu;
li fik, Spirtu li tqaddes,
bla nieqfu dejjem nemmnu.

Glorja ’l-Missier, lill-Iben
li qam minn bejn l-imwiet,
l-Ispirtu, faraġ tagħna,
għal dejjem fis-smewwiet.   Ammen.

**Sliem għalik, kewkba tal-baħar  (Ave Maris Stella)**

Sliem għalik, kewkba tal-baħar,
omm qaddisa u kbira t’Alla,
dejjem verġni bla mittiefsa,
bieb il-hena u ferħ tas-sema.

Ilqa’ l-“Ave” li bil-qima
Gabrijel qed isemmagħlek,
ibdel fiha l-isem t’Eva
ħalli jerġa’ s-sliem fid-dinja.

Qaċċat kull irbit lill-ħatja,
ġib id-dawl lill-għomja kollha,
biegħed minna l-ħażen tagħna,
niżżel fuqna l-ġid tas-sema.

Uri li tassew int Ommna.
wassal talbna quddiem Alla,
li fi ħnientu twieled minnek
biex issir għalina bniedem.

Verġni fost kulħadd magħżula,
ta’ qalb ħelwa fost il-ħlejjaq,
itlob ’l ibnek biex jagħtina
maħfra, safa u spirtu ħlejju.

Għinna ngħaddu ħajja mseddqa,
żommna sħaħ fit-triq iż-żgura,
sa ma niksbu l-ferħ tad-dehra
ta’ Ġesù għal dejjem miegħek.   Ammen.

**Magnificat**

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej,
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi,
għax hu xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu.
Iva, minn issa 'l quddiem kull nisel isejjaħli hienja,
għax is-setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar;
qaddis hu l-isem tiegħu.
Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien fuq dawk li jibżgħu minnu.
Hu wera l-qawwa ta' driegħu,
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom.
Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom,
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ,
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn.
Ħa ħsieb Iżrael qaddej tiegħu,
għax ftakar fil-ħniena tiegħu,
bħalma wiegħed lil missirijietna,
b'riżq Abraham u nislu għal dejjem.

**Glorja**

Glorja lill-Missier, u lill-Iben, u lill-Ispirtu s-Santu.
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem, u jibqa' għal dejjem ta' dejjem.  Ammen.

## JUM 9: Konsagrazzjoni totali lil Ġesu' permezz ta' Marija

### GĦAN: Tiżvojta Lilek Innifsek mill-Ispirtu tad-Dinja

Eżamina l-kuxjenza tiegħek, itlob, ipprattika ċ-ċaħda tar-rieda tiegħek; immortifika lilek innifsek u fittex is-safa tal-qalb. Din is-safa hi kundizzjoni indispensabli biex wieħed jikkontempla lil Alla fil-ġenna, biex wieħed jarah f'din id-dinja, u biex wieħed jagħrfu bid-dawl tal-fidi. Fl-ewwel parti tal-preparazzjoni wieħed għandu jirsisti biex jiċħad l-ispirtu tad-dinja li jmur kontra l-Ispirtu ta' Ġesu' Kristu. L-ispirtu tad-dinja jikkonsisti fiċ-ċaħda ta' Alla bħala l-Ħakkiem fuq kollox u fuq kulħadd; iċ-ċaħda t'Alla li timmanifesta lilha nnifisha fil-pratika tad-dnub u d-diżubbidjenza; għalhekk hu fil-prinċipju tiegħu opposta għall-Ispirtu ta' Kristu, li hu wkoll dak ta' Marija.

Timmanifesta ruħha fil-konkupixxenza tal-ġisem, tal-għajnejn u b'ħajja ta' suppervja, b'diżubbidjenza għal-Liġi t'Alla u bl-abbuż fuq il-ħlejjaq. Il-ħidma tagħha hi: dnub ta' kull xorta, u dak kollu li juża' x-xitan biex iwassalna għad-dnub; ħidmiet li jġibu d-dlam f'moħħna u li javvalenaw u jikkorrompu lir-rieda tagħna. Dak li bih tiftaħar hu l-isplendur u s-seħer li juża' x-xitan biex id-dnub jagħmlu b'tali mod li jattira l-persuni, il-postijiet u l-oġġetti.

### QARI

### *Imitazzjoni ta' Kristu*: L-1 Ktieb, Kapitlu 13: 5-8

*Fuq li għandna nilqgħu lit-tentazzjoni*

Kif in-nar iġarrab il-qawwa tal-ħadid, hekk it-tentazzjoni tikxef min hu bniedem tajjeb. X'jiġifieri? Li aktarx ma nafux kemm nifilħu; imma t-tentazzjoni turi x'niswew.

Għandna fuq kollox noqogħdu b'għajnejna miftuħa, l-aktar fil-bidu tat-tentazzjoni. Il-għadu nirbħuħ aktar malajr jekk ma nħalluħx jidħol mill-bieb ta' moħħna 'l ġewwa. Mill-għatba 'l barra, malli jħabbat, nilqgħu. U għalhekk kellu raġun igħid dak il-għaref; "Ilqa' mill-ewwel; jekk il-mard jilħaq jidħol 'il ġewwa, id-duwa ftit li xejn tkun tiswa iżjed."

Infatti, kif jitnisslu t-tentazzjonijiet? – L-ewwel igħaddilna, hekk, ħsieb ħażin minn moħħna, imbagħad nibdew nieqfu fuq dak il-ħsieb, imbagħad nibdew nieħdu

gost bih, wara ftit tinbet xewqa ħażina, u fl-aħħar nispiċċaw biex nagħtu widen. Jiġri mbagħad li d-demonju jibda jidħol minn kullimkien, la darba ma lqajniħx mill-ewwel. U aktar ma wieħed jitgħażżen jerħilu jsir debboli minn ġurnata għall-oħra, u l-għadu aktar isir qawwi fuqu.

L-aktar tentazjonijiet qawwija lil x'uħud jiġuhom fil-bidu tal-konversjoni tagħhom; lil x'uħud fl-aħħar. Hemm oħrajn imbagħad li ħajjithom kollha tentazjoni waħda. Hemm ukoll uħud li jiġu tentati ħafif. Kollox imma skont il-għerf t'Alla, li kollox iqassam sewwa; li jiżen l-istat u l-merti tal-bnedmin; u s-slaleb li jibagħtilna jkunu meqjusin għas-salvazjoni tal-magħżulin tiegħu.

Ma għandniex mela naqtgħu qalbna meta nkunu tentati, anzi bi ħrara akbar għandna nitolbu 'l Alla ħalli jgħinna f'kull hemm, li fih inkunu ninsabu: Infatti jgħid San Pawl, li Hu ma jħallix li nkunu tentati aktar milli nifilħu. Mela meta nkunu tentati jew imħabbtin, inqisu li numiljaw rwieħna taħt idejn Alla, għax Hu jsalva u jgħolli lill-umli.

Fit-tentzjonijiet u fis-slaleb jidher sewwa kemm ġie 'l quddiem il-bniedem. Bihom ukoll jaqla' merti ikbar, u l-virtu' tiegħu aktar issir tiddi.

**TALB**

**Ejja, Spirtu s-Santu (Veni Creator Spiritus)**

Spirtu qaddis li ħlaqtna,
ejja lill-moħħ dawlilna,
imla bil-grazzja tiegħek
il-qlub li int ħlaqtilna.

Int l-akbar don ta' Alla,
li tieqaf dejjem magħna:
għajn, ħajja, nar, imħabba
u qawwa tar-ruħ tagħna.

Int tqassam seba' doni,
int l-id il-leminija
tal-Missier, minnu mwiegħed,
fik bl-għerf l-ilsna mogħnija.

Ixgħel id-dawl lis-sensi,
kebbes il-qlub bl-imħabba,
u saħħaħ dan ġisimna
mill-mard li fih jitrabba.

Bogħod minna żomm ’il-għadu,
lilna fis-sliem henjin,
mexxina int, biex nibqgħu
mid-deni meħlusin.

Agħmel li nsiru nafu
bik lill-Missier u ’l-Ibnu;
li fik, Spirtu li tqaddes,
bla nieqfu dejjem nemmnu.

Glorja ’l-Missier, lill-Iben
li qam minn bejn l-imwiet,
l-Ispirtu, faraġ tagħna,
għal dejjem fis-smewwiet.   Ammen.

**Sliem għalik, kewkba tal-baħar  (Ave Maris Stella)**

Sliem għalik, kewkba tal-baħar,
omm qaddisa u kbira t’Alla,
dejjem verġni bla mittiefsa,
bieb il-hena u ferħ tas-sema.

Ilqa’ l-“Ave” li bil-qima
Gabrijel qed isemmagħlek,
ibdel fiha l-isem t’Eva
ħalli jerġa’ s-sliem fid-dinja.

Qaċċat kull irbit lill-ħatja,
ġib id-dawl lill-għomja kollha,
biegħed minna l-ħażen tagħna,
niżżel fuqna l-ġid tas-sema.

Uri li tassew int Ommna.
wassal talbna quddiem Alla,
li fi ħnientu twieled minnek
biex issir għalina bniedem.

Verġni fost kulħadd magħżula,
ta' qalb ħelwa fost il-ħlejjaq,
itlob 'l ibnek biex jagħtina
maħfra, safa u spirtu ħlejju.

Għinna ngħaddu ħajja mseddqa,
żommna sħaħ fit-triq iż-żgura,
sa ma niksbu l-ferħ tad-dehra
ta' Ġesù għal dejjem miegħek.   Ammen.

**Magnificat**

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej,
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi,
għax hu xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu.
Iva, minn issa 'l quddiem kull nisel isejjaħli hienja,
għax is-setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar;
qaddis hu l-isem tiegħu.
Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien fuq dawk li jibżgħu minnu.
Hu wera l-qawwa ta' driegħu,
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom.
Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom,
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ,
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn.
Ħa ħsieb Iżrael qaddej tiegħu,
għax ftakar fil-ħniena tiegħu,
bħalma wiegħed lil missirijietna,
b'riżq Abraham u nislu għal dejjem.

**Glorja**

Glorja lill-Missier, u lill-Iben, u lill-Ispirtu s-Santu.
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem, u jibqa' għal dejjem ta' dejjem.  Ammen.

## JUM 10: Konsagrazzjoni totali lil Ġesu' permezz ta' Marija

## GĦAN: Tiżvojta Lilek Innifsek mill-Ispirtu tad-Dinja

Eżamina l-kuxjenza tiegħek, itlob, ipprattika ċ-ċaħda tar-rieda tiegħek; immortifika lilek innifsek u fittex is-safa tal-qalb. Din is-safa hi kundizzjoni indispensabli biex wieħed jikkontempla lil Alla fil-ġenna, biex wieħed jarah f'din id-dinja, u biex wieħed jagħrfu bid-dawl tal-fidi. Fl-ewwel parti tal-preparazzjoni wieħed għandu jirsisti biex jiċħad l-ispirtu tad-dinja li jmur kontra l-Ispirtu ta' Ġesu' Kristu. L-ispirtu tad-dinja jikkonsisti fiċ-ċaħda ta' Alla bħala l-Ħakkiem fuq kollox u fuq kulħadd; iċ-ċaħda t'Alla li timmanifesta lilha nnifisha fil-pratika tad-dnub u d-diżubbidjenza; għalhekk hu fil-prinċipju tiegħu opposta għall-Ispirtu ta' Kristu, li hu wkoll dak ta' Marija.

Timmanifesta ruħha fil-konkupixxenza tal-ġisem, tal-għajnejn u b'ħajja ta' suppervja, b'diżubbidjenza għal-Liġi t'Alla u bl-abbuż fuq il-ħlejjaq. Il-ħidma tagħha hi: dnub ta' kull xorta, u dak kollu li juża' x-xitan biex iwassalna għad-dnub; ħidmiet li jġibu d-dlam f'moħħna u li javvalenaw u jikkorrompu lir-rieda tagħna. Dak li bih tiftaħar hu l-isplendur u s-seħer li juża' x-xitan biex id-dnub jagħmlu b'tali mod li jattira l-persuni, il-postijiet u l-oġġetti.

## QARI

***Imitazzjoni ta' Kristu*: It-3 Ktieb, Kapitlu 10: 1-2, 5**

*Kemm ikollna hena kbir f'qalbna, jekk nixħtu d-dinja wara spallejna biex naqdu 'l Alla*

Narġa' nsejjaħlek, Mulejja, u nibqax sieket. Nersaq lejn Alla tiegħi, lejn is-Sid tiegħi, lejn is-Sultan tiegħi, li hu fil-għoli tas-smewwiet, u ngħidlu: Kemm huma kbar il-ħlewwiet li inti tfajt għal dawk li għandhom il-biża' tiegħek! Mela x'tagħtihom lil dawk li jħobbuk, lil dawk li jaqduk b'qalbhom kollha!

Le, ħadd ma jista' jfisser il-ħlewwa li xxerred fuq dawk li jħobbuk, meta fik ikunu jaħsbu. Iva, Mulejja, meta ħlaqtni mix-xejn, meta mit-triq tad-dlam fejn jien kont miexi bgħid minnek, qbadtni minn idi u ġagħaltni nservik u nħobbok, inti wrejtni kemm hi kbira l-imħabba tiegħek lejja.

O għajn tal-imħabba eterna, x'naqbad ngħid minnek! U kif nista' ninsa lilek li kont tant twajjeb li tiftakar fija wara li jien kont midneb u mitluf? Int kellek ħniena minni, dnub, u kont mitluf! Int kellek ħniena minni qaddej tiegħek, aktar milli kont nitma; u għanejtni bl-imħabba u l-grazzja tiegħek, waqt li ma kienx ħaqqni. Kif nista' npattilek għal kulma għamilt miegħi! Għax taf, Mulejja, li mhux kulħadd jista' jħalli kollox u jagħlaq għad-dinja, u jilbes iċ-ċoqqa.

Xejn mela ma tkun ħaġa kbira li jien nservik; jaqaw mhux il-ħlejjaq kollha għandhom iservuk! Le, xejn ma hi ħaġa kbira li nservik; ħaġa kbira u tal-għaġeb hi li lili, tant fqir u ċkejken, jogħġbok tilqagħni bħala qaddej tiegħek, u tgħoddni mal-maħbubin qaddejja tiegħek.

Unur kbir, glorja kbira jaqla' min iservi lilek, u xejn ma jqis il-ħwejjeġ kollha tal-art għall-imħabba tiegħek. U dawk li joqogħdu bil-qalb għal-liġi mqaddsa tiegħek, inti tagħnihom bi grazzji wisq kbar. Dawk li minħabbha fik ma jfittxux il-pjaċir tal-ġisem isibu ġewwa qalbom il-hena, il-ħlewwiet kollha tal-Ispirtu s-Santu; u dawk li għall-ġisem imqaddes tiegħek jixteħtu fit-triq tat-tbatija u xejn ma jqisu t-tweghir tad-dinja, f'ruħhom iħossu l-milja tal-mistrieħ.

**TALB**

**Ejja, Spirtu s-Santu (Veni Creator Spiritus)**

Spirtu qaddis li ħlaqtna,
ejja lill-moħħ dawlilna,
imla bil-grazzja tiegħek
il-qlub li int ħlaqtilna.

Int l-akbar don ta' Alla,
li tieqaf dejjem magħna:
għajn, ħajja, nar, imħabba
u qawwa tar-ruħ tagħna.

Int tqassam seba' doni,
int l-id il-leminija
tal-Missier, minnu mwiegħed,
fik bl-għerf l-ilsna mogħnija.

Ixgħel id-dawl lis-sensi,
kebbes il-qlub bl-imħabba,
u saħħaħ dan ġisimna
mill-mard li fih jitrabba.

Bogħod minna żomm ’il-għadu,
lilna fis-sliem henjin,
mexxina int, biex nibqgħu
mid-deni meħlusin.

Agħmel li nsiru nafu
bik lill-Missier u ’l-Ibnu;
li fik, Spirtu li tqaddes,
bla nieqfu dejjem nemmnu.

Glorja ’l-Missier, lill-Iben
li qam minn bejn l-imwiet,
l-Ispirtu, faraġ tagħna,
għal dejjem fis-smewwiet.   Ammen.

**Sliem għalik, kewkba tal-baħar  (Ave Maris Stella)**

Sliem għalik, kewkba tal-baħar,
omm qaddisa u kbira t’Alla,
dejjem verġni bla mittiefsa,
bieb il-hena u ferħ tas-sema.

Ilqa’ l-“Ave” li bil-qima
Gabrijel qed isemmagħlek,
ibdel fiha l-isem t’Eva
ħalli jerġa’ s-sliem fid-dinja.

Qaċċat kull irbit lill-ħatja,
ġib id-dawl lill-għomja kollha,
biegħed minna l-ħażen tagħna,
niżżel fuqna l-ġid tas-sema.

Uri li tassew int Ommna.
wassal talbna quddiem Alla,
li fi ħnientu twieled minnek
biex issir għalina bniedem.

Verġni fost kulħadd magħżula,
ta' qalb ħelwa fost il-ħlejjaq,
itlob 'l ibnek biex jagħtina
maħfra, safa u spirtu ħlejju.

Għinna ngħaddu ħajja mseddqa,
żommna sħaħ fit-triq iż-żgura,
sa ma niksbu l-ferħ tad-dehra
ta' Ġesù għal dejjem miegħek.   Ammen.

**Magnificat**

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej,
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi,
għax hu xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu.
Iva, minn issa 'l quddiem kull nisel isejjaħli hienja,
għax is-setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar;
qaddis hu l-isem tiegħu.
Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien fuq dawk li jibżgħu minnu.
Hu wera l-qawwa ta' driegħu,
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom.
Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom,
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ,
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn.
Ħa ħsieb Iżrael qaddej tiegħu,
għax ftakar fil-ħniena tiegħu,
bħalma wiegħed lil missirijietna,
b'riżq Abraham u nislu għal dejjem.

**Glorja**

Glorja lill-Missier, u lill-Iben, u lill-Ispirtu s-Santu.
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem, u jibqa' għal dejjem ta' dejjem.  Ammen.

## JUM 11: Konsagrazzjoni totali lil Ġesu’ permezz ta’ Marija

### GĦAN: Tiżvojta Lilek Innifsek mill-Ispirtu tad-Dinja

Eżamina l-kuxjenza tiegħek, itlob, ipprattika ċ-ċaħda tar-rieda tiegħek; immortifika lilek innifsek u fittex is-safa tal-qalb. Din is-safa hi kundizzjoni indispensabli biex wieħed jikkontempla lil Alla fil-ġenna, biex wieħed jarah f’din id-dinja, u biex wieħed jagħrfu bid-dawl tal-fidi. Fl-ewwel parti tal-preparazzjoni wieħed għandu jirsisti biex jiċħad l-ispirtu tad-dinja li jmur kontra l-Ispirtu ta’ Ġesu’ Kristu. L-ispirtu tad-dinja jikkonsisti fiċ-ċaħda ta’ Alla bħala l-Ħakkiem fuq kollox u fuq kulħadd; iċ-ċaħda t’Alla li timmanifesta lilha nnifisha fil-pratika tad-dnub u d-diżubbidjenza; għalhekk hu fil-prinċipju tiegħu opposta għall-Ispirtu ta’ Kristu, li hu wkoll dak ta' Marija.

Timmanifesta ruħha fil-konkupixxenza tal-ġisem, tal-għajnejn u b’ħajja ta’ suppervja, b’diżubbidjenza għal-Liġi t’Alla u bl-abbuż fuq il-ħlejjaq. Il-ħidma tagħha hi: dnub ta’ kull xorta, u dak kollu li juża’ x-xitan biex iwassalna għad-dnub; ħidmiet li jġibu d-dlam f’moħħna u li javvalenaw u jikkorrompu lir-rieda tagħna. Dak li bih tiftaħar hu l-isplendur u s-seħer li juża’ x-xitan biex id-dnub jagħmlu b’tali mod li jattira l-persuni, il-postijiet u l-oġġetti.

### QARI

### *Imitazzjoni ta’ Kristu*: L-1 Ktieb, Kapitlu 25: 1-3

*Fuq li għandna bi ħrara kbira nbiddlu l-ħajja tagħna kollha*

Ċertu wieħed kien jinsab bejn in-nar u l-ilma - il-biża’ mill-banda l-waħda u t-tama mill-oħra. Darba waħda fid-diqa tiegħu, mar fi knisja u nxteħet wiċċu fl-art quddiem altar jagħmel orazzjoni. Beda jtalla’ u jniżżel bejnu u bejn ruħu u jgħid: ‘Oh! Li kont naf jekk nibqax inżomm qawwi sal-aħħar!’ Minnufih sama’ din ir-risposta li tah Alla ġewwa qalbu: “Issa li inti kieku dan tafu, x’kont tagħmel? Agħmel issa dak li kont tagħmel li kieku tafu; u ma għandekx għax tibża.” Qalbu mimlija, bil-ħlewwa u kollu mwettaq reħa ruħu f’idejn Alla, u ma baqax iżjed imħabbat. Neħħa wkoll minn rasu din il-kurżita’ żejda li jrid jaf x’għad ikun minnu. Biss kien ifittex liema huma l-ħwejjeġ li jistgħu jogħġbu ‘l Alla, biex b’kulma jagħmel jibda tajjeb u jispiċċa aħjar.

Jgħid il-Profeta: 'Itma f'Alla u agħmel is-sewwa, u għammar fuq din l-art u tpaxxa bil-ġid tagħha.' Ħaġa waħda hemm li tfixkel bil-bosta wħud fit-triq tas-sewwa, u żżommhom li ma jbiddlux ħajjithom, tiġihom tqila li jikkumbattu, u bħalxejn jaqtgħu qalbhom. Imma mbagħad taf min huma dawk li jgħaddu 'l quddiem fit-tjieba aktar minn ħaddieħor? Dawk li aktar ma ħaġa tkun tqila aktar bil-ħila jidħlu għaliha. Għax il-bniedem aktar jitjieb u jaqla' grazzja akbar f'dawk il-ħwejjeġ li fihom jeħodha kontra tiegħu nnifsu, u jgħakkes il-ġibdiet tiegħu.

**TALB**

**Ejja, Spirtu s-Santu (Veni Creator Spiritus)**

Spirtu qaddis li ħlaqtna,
ejja lill-moħħ dawlilna,
imla bil-grazzja tiegħek
il-qlub li int ħlaqtilna.

Int l-akbar don ta' Alla,
li tieqaf dejjem magħna:
għajn, ħajja, nar, imħabba
u qawwa tar-ruħ tagħna.

Int tqassam seba' doni,
int l-id il-leminija
tal-Missier, minnu mwiegħed,
fik bl-għerf l-ilsna mogħnija.

Ixgħel id-dawl lis-sensi,
kebbes il-qlub bl-imħabba,
u saħħaħ dan ġisimna
mill-mard li fih jitrabba.

Bogħod minna żomm 'il-għadu,
lilna fis-sliem henjin,
mexxina int, biex nibqgħu
mid-deni meħlusin.

Agħmel li nsiru nafu
bik lill-Missier u 'l-Ibnu;
li fik, Spirtu li tqaddes,
bla nieqfu dejjem nemmnu.

Glorja 'l-Missier, lill-Iben
li qam minn bejn l-imwiet,
l-Ispirtu, faraġ tagħna,
għal dejjem fis-smewwiet. Ammen.

**Sliem għalik, kewkba tal-baħar (Ave Maris Stella)**

Sliem għalik, kewkba tal-baħar,
omm qaddisa u kbira t'Alla,
dejjem verġni bla mittiefsa,
bieb il-hena u ferħ tas-sema.

Ilqa' l-"Ave" li bil-qima
Gabrijel qed isemmagħlek,
ibdel fiha l-isem t'Eva
ħalli jerġa' s-sliem fid-dinja.

Qaċċat kull irbit lill-ħatja,
ġib id-dawl lill-għomja kollha,
biegħed minna l-ħażen tagħna,
niżżel fuqna l-ġid tas-sema.

Uri li tassew int Ommna.
wassal talbna quddiem Alla,
li fi ħnientu twieled minnek
biex issir għalina bniedem.

Verġni fost kulħadd magħżula,
ta' qalb ħelwa fost il-ħlejjaq,
itlob 'l ibnek biex jagħtina
maħfra, safa u spirtu ħlejju.

Għinna ngħaddu ħajja mseddqa,
żommna sħaħ fit-triq iż-żgura,
sa ma niksbu l-ferħ tad-dehra
ta' Ġesù għal dejjem miegħek. Ammen.

**Magnificat**

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej,
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi,
għax hu xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu.
Iva, minn issa 'l quddiem kull nisel isejjaħli hienja,
għax is-setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar;
qaddis hu l-isem tiegħu.
Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien fuq dawk li jibżgħu minnu.
Hu wera l-qawwa ta' driegħu,
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom.
Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom,
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ,
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn.
Ħa ħsieb Iżrael qaddej tiegħu,
għax ftakar fil-ħniena tiegħu,
bħalma wiegħed lil missirijietna,
b'riżq Abraham u nislu għal dejjem.

**Glorja**

Glorja lill-Missier, u lill-Iben, u lill-Ispirtu s-Santu.
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem, u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

## JUM 12: Konsagrazzjoni totali lil Ġesu' permezz ta' Marija

### GĦAN: Tiżvojta Lilek Innifsek mill-Ispirtu tad-Dinja

Eżamina l-kuxjenza tiegħek, itlob, ipprattika ċ-ċaħda tar-rieda tiegħek; immortifika lilek innifsek u fittex is-safa tal-qalb. Din is-safa hi kundizzjoni indispensabli biex wieħed jikkontempla lil Alla fil-ġenna, biex wieħed jarah f'din id-dinja, u biex wieħed jagħrfu bid-dawl tal-fidi. Fl-ewwel parti tal-preparazzjoni

wieħed għandu jirsisti biex jiċħad l-ispirtu tad-dinja li jmur kontra l-Ispirtu ta' Ġesu' Kristu. L-ispirtu tad-dinja jikkonsisti fiċ-ċaħda ta' Alla bħala l-Ħakkiem fuq kollox u fuq kulħadd; iċ-ċaħda t'Alla li timmanifesta lilha nnifisha fil-pratika tad-dnub u d-diżubbidjenza; għalhekk hu fil-prinċipju tiegħu opposta għall-Ispirtu ta' Kristu, li hu wkoll dak ta' Marija.

Timmanifesta ruħha fil-konkupixxenza tal-ġisem, tal-għajnejn u b'ħajja ta' suppervja, b'diżubbidjenza għal-Liġi t'Alla u bl-abbuż fuq il-ħlejjaq. Il-ħidma tagħha hi: dnub ta' kull xorta, u dak kollu li juża' x-xitan biex iwassalna għad-dnub; ħidmiet li jġibu d-dlam f'moħħna u li javvalenaw u jikkorrompu lir-rieda tagħna. Dak li bih tiftaħar hu l-isplendur u s-seħer li juża' x-xitan biex id-dnub jagħmlu b'tali mod li jattira l-persuni, il-postijiet u l-oġġetti.

**QARI**

***Imitazzjoni ta' Kristu*: L-1 Ktieb, Kapitlu 25: 4-11**

*Fuq li għandna bi ħrara kbira nbiddlu l-ħajja tagħna kollha*

Kulfejn tkun, tista' tagħmel il-ġid għal ruħek. Jekk tisma' jew tara min hu tajjeb, għandek tara kif tagħmel timitah. Jekk tara xi ħaġa mgħawġa, oqgħod attent li ma tagħmilhiex int; jew jekk qatt tkun għamiltha, qis li tikkoreġi ruħek minnha. Kif għajnejk jaraw lill-oħrajn, hekk ukoll l-oħrajn jiflu lilek.

Kemm hi ħaġa sabiħa tara lil ħutek kollha ħrara u devozzjoni; tarahom mixjin sewwa, bla qatt ma jgħawġu! Kemm tħossok tbati meta tara oħrajn mixjin għal rajhom, u ma jkomplux ma' dak li daħlu għalih! Kemm hu deni kbir għal ruħna, li ma nagħmlux l-obbligi li għalihom konna msejħin, u nindaħlu fi ħwejjeġ li magħhom xejn ma għandna x'naqsmu aktar.

Reliġjuż li għandu l-vera ħrara jagħmel bil-qalb kulma jridu minnu. Jibda biex u la bir-riżq ma jifraħ, jew anqas bil-għawġ ma jħabbat moħħu għaliex it-tama tiegħu kollha kemm hi f'Alla li għalih xejn ma jintemm u jmut, kollox joqgħod minnufiħ għar-rieda tiegħu.

Ftakar dejjem fl-aħħar tiegħek, u tinsiex, li ż-żmien l-imgħoddi ma jerġax lura. Jekk ma tkunx fuq ruħek u tħabrek dejjem, ma taqla' ebda virtu'; jekk taħbat tintreħa, tibda minnufih sejjer lura. Imma jekk tagħti ruħek għat-tjieba bil-ħrara

kollha, issib il-hena ta' qalbek, u t-tbatijia tibda tiġik ħafifa; għax il-grazzja t'Alla tkun taħdem fik u int issir tħobb il-virtu'.

Bniedem bil-ħrara u bieżel għal ruħu ssibu lest għal kollox. Hija tbatija akbar li teħodha kontra xi drawwa jew ġibda ħażina milli tħaddem idejk fix-xogħol. Min ma jiskansax id-dnubiet żgħar, bil-ftit il-ftit jibda jaqa' fil-kbar. Fil-għaxija jkollok biex tifraħ jekk il-ġurnata tgħaddiha tajjeb. Oqgħod dejjem b'għajnejk miftuħa fuqek innifsek; qum min-ngħas li tinsab fih, għasses fuqek innifsek; ħallik mill-oħrajn u la tinsa qatt lilek innifsek. Tgħaddi 'l quddiem fit-tjieba daqskemm teħodha kontra tiegħek innifsek.

**TALB**

**Ejja, Spirtu s-Santu (Veni Creator Spiritus)**

Spirtu qaddis li ħlaqtna,
ejja lill-moħħ dawlilna,
imla bil-grazzja tiegħek
il-qlub li int ħlaqtilna.

Int l-akbar don ta' Alla,
li tieqaf dejjem magħna:
għajn, ħajja, nar, imħabba
u qawwa tar-ruħ tagħna.

Int tqassam seba' doni,
int l-id il-leminija
tal-Missier, minnu mwiegħed,
fik bl-għerf l-ilsna mogħnija.

Ixgħel id-dawl lis-sensi,
kebbes il-qlub bl-imħabba,
u saħħaħ dan ġisimna
mill-mard li fih jitrabba.

Bogħod minna żomm 'il-għadu,
lilna fis-sliem henjin,
mexxina int, biex nibqgħu
mid-deni meħlusin.

Agħmel li nsiru nafu
bik lill-Missier u ’l-Ibnu;
li fik, Spirtu li tqaddes,
bla nieqfu dejjem nemmnu.

Glorja ’l-Missier, lill-Iben
li qam minn bejn l-imwiet,
l-Ispirtu, faraġ tagħna,
għal dejjem fis-smewwiet.   Ammen.

**Sliem għalik, kewkba tal-baħar  (Ave Maris Stella)**

Sliem għalik, kewkba tal-baħar,
omm qaddisa u kbira t’Alla,
dejjem verġni bla mittiefsa,
bieb il-hena u ferħ tas-sema.

Ilqa’ l-“Ave” li bil-qima
Gabrijel qed isemmagħlek,
ibdel fiha l-isem t’Eva
ħalli jerġa’ s-sliem fid-dinja.

Qaċċat kull irbit lill-ħatja,
ġib id-dawl lill-għomja kollha,
biegħed minna l-ħażen tagħna,
niżżel fuqna l-ġid tas-sema.

Uri li tassew int Ommna.
wassal talbna quddiem Alla,
li fi ħnientu twieled minnek
biex issir għalina bniedem.

Verġni fost kulħadd magħżula,
ta’ qalb ħelwa fost il-ħlejjaq,
itlob ’l ibnek biex jagħtina
maħfra, safa u spirtu ħlejju.

Għinna ngħaddu ħajja mseddqa,
żommna sħaħ fit-triq iż-żgura,
sa ma niksbu l-ferħ tad-dehra
ta’ Ġesù għal dejjem miegħek.   Ammen.

**Magnificat**

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej,
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi,
għax hu xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu.
Iva, minn issa 'l quddiem kull nisel isejjaħli hienja,
għax is-setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar;
qaddis hu l-isem tiegħu.
Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien fuq dawk li jibżgħu minnu.
Hu wera l-qawwa ta' driegħu,
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom.
Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom,
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ,
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn.
Ħa ħsieb Iżrael qaddej tiegħu,
għax ftakar fil-ħniena tiegħu,
bħalma wiegħed lil missirijietna,
b'riżq Abraham u nislu għal dejjem.

**Glorja**

Glorja lill-Missier, u lill-Iben, u lill-Ispirtu s-Santu.
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem, u jibqa' għal dejjem ta' dejjem.  Ammen.

## JUM 13: Konsagrazzjoni totali lil Ġesu' permezz ta' Marija

### GĦAN: Biex tikseb għarfien dwarek innifsek



Talb, examijiet tal-kuxjenza, riflessjonijiet, atti li fihom niċħdu għar-rieda tagħna, indiema sinċiera għal dnubiet, nuqqas ta' importanza żejda fuqna nfusna, kollha magħmula f'riġlejn Marija, għax huwa min għandha li nittamaw fid-dawl li fih naraw lilna nfusna kif aħna tassew. Huwa qrib tagħha li nkunu nistgħu nkejlu l-abbiss tal-miżerja tagħna mingħajr ma niddispraw. Għandna nħaddmu l-azzjonijiet tajba tagħna biex bihom nitolbu għal għarfien dwarna nfusna u ndiema perfetta għal dnubietna: u għadna nagħmlu dan fi spirtu ta' ġabra u devozzjoni.

Matul dan il-perjodu, ser nikkonsidraw, mhux wisq l-oppożizzjoni li teżisti bejn l-Ispirtu ta' Ġesu' u dak tagħna, daqs il-miżerja u l-istat umiljanti għall-aħħar li fih ġabuna dnubietna! Ma' dan kollu, naraw kif id-Devozzjoni Vera hi l-aktar triq faċli, qasira, żgura u perfetta biex naslu ma' dik l-unjoni mal-Mulej li hi perfetta bħal dik ta' Ġesu' ma' Alla l-Missier. Jeħtieġ li nidħlu b'serjeta' f'din it-triq, konvinti b'mod l-aktar qawwi mill-miżerji tagħna u mill-istat ta' dipendenza totali li għandna fuq Alla għall-għajnuna. Imma kif nistgħu nirċievu din l-għajnuna mingħajr ma' jkollna għarfien ċar dwarna nfusna.

### QARI

### Luqa 11: 1-10

**Tagħlim fuq it-talb**
Darba Ġesu' kien qiegħed xi mkien jitlob. Kif spiċċa mit-talb, wieħed mid-dixxipli tiegħu qallu: "Mulej, għallimna nitolbu, bħalma Ġwanni wkoll għallem lid-dixxipli tiegħu." U qalilhom: "Meta titolbu, għidu,

'Missier, jitqaddes ismek,
tiġi Saltnatek.
Ħobżna ta' kuljum agħtina kuljum.
U aħfrilna dnubietna,
għax aħna wkoll naħfru lil kull min
hu ħati għalina,
u la ddaħħalniex fit-tiġrib.' "

**Perseveranza fit-talb**

Qalilhom ukoll: "Wieħed minnkom ikollu ħabib li jiġih f'nofs ta' lejl u jgħidlu, 'Ħabib, islifni tliet ħobżiet, għax ġie għandi wieħed ħabib tiegħi mill-vjaġġ u ma għandix x'nagħtih.' U l-ieħor iwieġbu minn ġewwa u jgħidlu, 'Iddejjaqnix; issa l-bieb magħluq, u wliedi qegħdin fis-sodda miegħi; ma nistax inqum nagħtik.' Ngħidilkom jien, li jekk ma jqumx jagħtih għax ħabib tiegħu, iqum u jagħtih kull ma jkollu bżonn minħabba l-wiċċ sfiq tiegħu. U jiena ngħidilkom: Itolbu u jingħatalkom, fittxu u ssibu, ħabbtu u jiftħulkom. Għax min jitlob, jaqla'; min ifittex, isib; u min iħabbat, jiftħulu.

**TALB**

**Litanija tal-Ispirtu s-Santu**

Mulej ħniena -- Mulej ħniena
Kristu ħniena -- Kristu ħniena
Mulej ħniena -- Mulej ħniena
Missier li tista' kollox – Ħenn għalina
Ġesù, Iben Etern tal-Missier -- Ħenn għalina
Feddej tad-dinja – Salvana
Spirtu tal-Missier u tal-Iben – Salvana
Ħajja bla qies, tagħhom it-tnejn -- Qaddisna
Trinità Qaddisa -- Ismagħna
Spirtu Santu li ġej mill-Missier -- Inżel f'qalbna
Spirtu Santu, li Int daqs il-Missier u l-Iben -- Inżel f'qalbna
Wegħda t'Alla l-Missier – Ħenn għalina
Raġġ ta' dawl mis-sema -- Ħenn għalina
Għerq ta' kull tjubija -- Ħenn għalina
Għajn tal-ilma tas-sema -- Ħenn għalina
Nar imħeġġeġ -- Ħenn għalina
Karità mimlija ħrara -- Ħenn għalina
Balzmu ta' faraġ spiritwali -- Ħenn għalina

Spirtu ta'mħabba u verità -- Ħenn għalina
Spirtu ta' għerf u fehma -- Ħenn għalina
Spirtu ta' kunsill u qawwa -- Ħenn għalina
Spirtu ta' għaqal u devozzjoni -- Ħenn għalina
Spirtu tal-biża' qaddis t'Alla -- Ħenn għalina
Spirtu ta' grazzja u talb -- Ħenn għalina
Spirtu ta' paċi u ħlewwa -- Ħenn għalina
Spirtu ta' modestja u innoċenza -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jagħti l-faraġ -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jqaddes -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jmexxi l-Knisja -- Ħenn għalina
Don t'Alla l-Għoli -- Ħenn għalina

Spirtu li jimla' l-ħolqien kollu -- Ħenn għalina
Spirtu li jagħmilna wlied Alla -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jikxfilna l-kruha tad-dnub -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, ejja u ġedded wiċċ id-dinja -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, sawwab id-dawl tiegħek f'ruħna -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, onqox il-liġi tiegħek fuqna -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, onqox il-liġi tiegħek fuq qalbna -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, kebbes fina n-nar ta' mħabbtek -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, iftħilna t-teżori tal-grazzji tiegħek -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, għallimna nitolbu tajjeb -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, dawwalna bl-ispirazzjonijiet tiegħek tas-sema -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, mexxina fit-triq tas-salvazzjoni -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, agħtina dak l-għerf li hu biss meħtieġ -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, ħeġġiġna biex nagħmlu dak li hu tajjeb -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, agħtina l-merti tal-virtujiet kollha -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, kun Int il-premju tagħna ta' dejjem -- Ħenn għalina

Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja – *Ibagħtilna l-Ispirtu s-Santu*
Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja –*Ferra' f'ruħna d-doni tal-Ispirtu s-Santu*
Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja –*Agħtina l-Ispirtu ta' għerf u qdusija*

Ejja Spirtu s-Santu! Imla' l-qlub tal-fidili u kebbes fihom in-nar ta' Imħabbtek

**Nitolbu**
Agħtina, O Missier ħanin, li l-Ispirtu Divin idawwalna, iħeġġiġna u jippurifikana, hekk li jippenetra fina bħal nida mis-Sema u jagħtina li nagħmlu frott ta' għemejjel tajba. Nitolbuk dan b'Ibnek Sidna Ġesu' Kristu, li miegħek flimkien mal-Ispirtu s-Santu, jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.
**R. Ammen.**

**Litanija tal-Verġni Mqaddsa Marija (Litanija ta' Loretu)**

| | |
|---|---|
| Mulej, ħniena. | Mulej, ħniena |
| Kristu, ħniena | Kristu, ħniena |
| Mulej, ħniena | Mulej, ħniena |
| Kristu, ismagħna | Kristu, ismagħna |
| Kristu, ilqa' t-talb tagħna | Kristu, ilqa' t-talb tagħna |
| Missier etern Alla | Ħenn għalina |
| Iben Alla li fdejt id-dinja | Ħenn għalina |
| Spirtu qaddis Alla | Ħenn għalina |
| Trinità qaddisa, Alla wieħed | Ħenn għalina |
| | |
| Imqaddsa Marija | Itlob għalina |
| Imqaddsa Omm Alla | Itlob għalina |
| Imqaddsa xebba tax-xbejbiet | Itlob għalina |
| Omm ta' Kristu | Itlob għalina |
| Omm il-Knisja | Itlob għalina |
| Omm tal-grazzja t'Alla | Itlob għalina |
| Omm l-iżjed safja | Itlob għalina |
| Omm l-iżjed nadifa | Itlob għalina |
| Omm u xebba | Itlob għalina |
| Omm bla tebgħa | Itlob għalina |
| Omm li tistħoqq l-imħabba | Itlob għalina |
| Omm tal-għaġeb | Itlob għalina |
| Omm tal-parir it-tajjeb | Itlob għalina |
| Omm ta' min ħalaqna | Itlob għalina |
| Omm ta' min salvana | Itlob għalina |
| | |
| Xebba kollok għaqal | Itlob għalina |
| Xebba li tistħoqq kull qima | Itlob għalina |
| Xebba li tistħoqq kull foħrija | Itlob għalina |
| Xebba kollok setgħa | Itlob għalina |

Xebba kollok ħniena Itlob għalina
Xebba dejjem marbuta ma' Alla Itlob għalina
Mera tal-qdusija Itlob għalina
Tron tal-għerf Itlob għalina
Bidu tal-ferħ tagħna Itlob għalina

Għamara tal-Ispirtu s-Santu Itlob għalina
Għamara ta' kull grazzja Itlob għalina
Għamara ta' kull tjieba Itlob għalina
Warda mistika Itlob għalina
Torri ta' David Itlob għalina
Torri tal-avorju Itlob għalina
Dar tad-deheb Itlob għalina
Arka tar-Rabta l-ġdida Itlob għalina
Bieb tas-sema Itlob għalina
Kewkba ta' filgħodu Itlob għalina
Saħħa tal-morda Itlob għalina
Kenn tal-midinbin Itlob għalina
Faraġ tal-imnikktin Itlob għalina
Għajnuna tal-insara Itlob għalina

Sultana tal-anġli Itlob għalina
Sultana tal-patrijarki Itlob għalina
Sultana tal-profeti Itlob għalina
Sultana tal-appostli Itlob għalina
Sultana tal-martri Itlob għalina
Sultana tal-konfessuri Itlob għalina
Sultana tal-Verġni Itlob għalina
Sultana tal-qaddisin kollha Itlob għalina
Sultana mnissla mingħajr l-ewwel tebgħa Itlob għalina
Sultana mtellgħa s-sema Itlob għalina
Sultana tar-Rużarju mqaddes Itlob għalina
Sultana tal-familja Itlob għalina
Sultana tal-paċi Itlob għalina

Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja aħfrilna, nitolbuk, Mulej
Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja ismagħna, nitolbuk, Mulej
Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja ħenn għalina

V. Itlob għalina qaddisa Omm Alla,
R. Biex ikun jistħoqqilna dak li wegħedna Kristu.

**Nitolbu**
Agħti lilna, qaddejja tiegħek, Mulej Alla, nitolbuk, li ngawdu dejjem is-saħħa fir-ruħ u l-ġisem, u bit-talb glorjuż tal-imqaddsa Marija dejjem Verġni nkunu meħlusa mid-dwejjaq ta' issa u ngawdu l-hena ta' dejjem. Bi Kristu Sidna.
**R. Ammen.**

**Sliem għalik, kewkba tal-baħar – Ave Maris Stella**

Sliem għalik, kewkba tal-baħar,
Omm qaddisa u kbira t'Alla,
dejjem Verġni bla mittiefsa,
bieb il-hena u ferħ tas-sema.

Ilqa' l-"Ave" li bil-qima
Gabrijel qed isemmagħlek,
ibdel fiha l-isem t'Eva
ħalli jerġa' s-sliem fid-dinja.

Qaċċat kull irbit lill-ħatja,
ġib id-dawl lill-għomja kollha,
biegħed minna l-ħażen tagħna,
niżżel fuqna l-ġid tas-sema.

Uri li tassew int Ommna.
wassal talbna quddiem Alla,
li fi ħnientu twieled minnek
biex issir għalina bniedem.

Verġni fost kulħadd magħżula,
ta' qalb ħelwa fost il-ħlejjaq,
itlob 'l Ibnek biex jagħtina
maħfra, safa u spirtu ħlejju.

Għinna ngħaddu ħajja mseddqa,
żommna sħaħ fit-triq iż-żgura,
sa ma niksbu l-ferħ tad-dehra
ta' Ġesù għal dejjem miegħek. Ammen.

## JUM 14: Konsagrazzjoni totali lil Ġesu' permezz ta' Marija

### GĦAN: Biex tikseb għarfien dwarek innifsek

Talb, examijiet tal-kuxjenza, riflessjonijiet, atti li fihom niċħdu għar-rieda tagħna, indiema sinċiera għal dnubiet, nuqqas ta' importanza żejda fuqna nfusna, kollha magħmula f'riġlejn Marija, għax huwa min għandha li nittamaw fid-dawl li fih naraw lilna nfusna kif aħna tassew. Huwa qrib tagħha li nkunu nistgħu nkejlu l-abbiss tal-miżerja tagħna mingħajr ma niddispraw. Għandna nħaddmu l-azzjonijiet tajba tagħna biex bihom nitolbu għal għarfien dwarna nfusna u ndiema perfetta għal dnubietna: u għadna nagħmlu dan fi spirtu ta' ġabra u devozzjoni.

Matul dan il-perjodu, ser nikkonsidraw, mhux wisq l-oppożizzjoni li teżisti bejn l-Ispirtu ta' Ġesu' u dak tagħna, daqs il-miżerja u l-istat umiljanti għall-aħħar li fih ġabuna dnubietna! Ma' dan kollu, naraw kif id-Devozzjoni Vera hi l-aktar triq faċli, qasira, żgura u perfetta biex naslu ma' dik l-unjoni mal-Mulej li hi perfetta bħal dik ta' Ġesu' ma' Alla l-Missier. Jeħtieġ li nidħlu b'serjeta' f'din it-triq, konvinti b'mod l-aktar qawwi mill-miżerji tagħna u mill-istat ta' dipendenza totali li għandna fuq Alla għall-għajnuna. Imma kif nistgħu nirċievu din l-għajnuna mingħajr ma' jkollna għarfien ċar dwarna nfusna.

### QARI

### L-Imitazzjoni ta' Kristu: It-3 Ktieb, Kap 13

*Fuq kemm tbiddel il-qalb tal-bniedem. Dak li nagħmlu jrid ikun bil-fehma li nogħġbu 'l Alla*

**Ġesù Kristu:**
Ibni, dak li titlob qalbek issa xejn la torbot fuqu; minn hawn u ftit ieħor għandek mnejn taħsibha xort'oħra. Sakemm tibqa' ħaj, int dejjem tbiddel il-ħsieb tiegħek; tixtieq ħaġa u tarġa' ma tridhiex; għax issa ferħan, u issa qalbek sewda: issa

kollok kwiet, u issa mħawwad; issa devot, u issa biered; issa bieżel, u issa għażżien; issa tqil, u issa ħafif. Imma min għandu l-għaqal u mkisser sewwa fir-ruħ, ma ssibux idur ma' kull riħ ma jimpurtaħx qalbu għalfejn hi miġbuda, anqas li r-riħ fiha jilgħab 'l hawn u 'l hemm; biss iqis li l-fehma ta' moħħu twasslu fejn jixtieq hu. Għaliex b'dan il-mod jista; wieħed jibqa' dejjem sod fil-fehmiet tajba; jiġrilu x'jiġrilu, dejjem il-ħsibijiet u l-fini tiegħu huma fija.

Aktar ma l-fehma tkun safja, mingħajr taħlit ta' ħwejjeġ barranin, aktar wieħed jista' jimxi fiż-żgur qalb it-taqlib tad-dinja. Imma bosta wħud għandhom għajnejhom imgħammdin b'xi fehma oħra minni; issib min jieqaf, jogħxa fuq ħaġa li tagħtih gost; għax rari biex issib qalb li fiha ma tidħol ebda xejn l-imħabba tagħha nfisha. Hekk fiż-żmien ta' ilu, il-Lhud marru f'Betanja għand Marta u Marija, mhux biss minħabba f'Ġesu imma biex jaraw lil Lazzru wkoll. Mela hemm bżonn li l-fehma tkun safja; hemm bżonn li ma tkunx imħallta bi ħwejjeġ oħra; li ma tkunx imgħawġa; li tkun tħares biss lejja, bla ma xejn jista' jfixkilha.

## TALB

### Litanija tal-Ispirtu s-Santu

Mulej ħniena -- Mulej ħniena
Kristu ħniena -- Kristu ħniena
Mulej ħniena -- Mulej ħniena
Missier li tista' kollox – Ħenn għalina
Ġesù, Iben Etern tal-Missier -- Ħenn għalina
Feddej tad-dinja – Salvana
Spirtu tal-Missier u tal-Iben – Salvana

Ħajja bla qies, tagħhom it-tnejn -- Qaddisna
Trinità Qaddisa -- Ismagħna
Spirtu Santu li ġej mill-Missier -- Inżel f'qalbna
Spirtu Santu, li Int daqs il-Missier u l-Iben -- Inżel f'qalbna
Wegħda t'Alla l-Missier – Ħenn għalina
Raġġ ta' dawl mis-sema -- Ħenn għalina
Għerq ta' kull tjubija -- Ħenn għalina
Għajn tal-ilma tas-sema -- Ħenn għalina
Nar imħeġġeġ -- Ħenn għalina
Karità mimlija ħrara -- Ħenn għalina
Balzmu ta' faraġ spiritwali -- Ħenn għalina

Spirtu ta'mħabba u verità -- Ħenn għalina
Spirtu ta' għerf u fehma -- Ħenn għalina
Spirtu ta' kunsill u qawwa -- Ħenn għalina
Spirtu ta' għaqal u devozzjoni -- Ħenn għalina
Spirtu tal-biża' qaddis t'Alla -- Ħenn għalina
Spirtu ta' grazzja u talb -- Ħenn għalina
Spirtu ta' paċi u ħlewwa -- Ħenn għalina
Spirtu ta' modestja u innoċenza -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jagħti l-faraġ -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jqaddes -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jmexxi l-Knisja -- Ħenn għalina
Don t'Alla l-Għoli -- Ħenn għalina

Spirtu li jimla' l-ħolqien kollu -- Ħenn għalina
Spirtu li jagħmilna wlied Alla -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jikxfilna l-kruha tad-dnub -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, ejja u ġedded wiċċ id-dinja -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, sawwab id-dawl tiegħek f'ruħna -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, onqox il-liġi tiegħek fuqna -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, onqox il-liġi tiegħek fuq qalbna -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, kebbes fina n-nar ta' mħabbtek -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, iftħilna t-teżori tal-grazzji tiegħek -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, għallimna nitolbu tajjeb -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, dawwalna bl-ispirazzjonijiet tiegħek tas-sema -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, mexxina fit-triq tas-salvazzjoni -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, agħtina dak l-għerf li hu biss meħtieġ -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, ħeġġiġna biex nagħmlu dak li hu tajjeb -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, agħtina l-merti tal-virtujiet kollha -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, kun Int il-premju tagħna ta' dejjem -- Ħenn għalina

Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja – *Ibagħtilna l-Ispirtu s-Santu*
Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja –*Ferra' f'ruħna d-doni tal-Ispirtu s-Santu*
Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja –*Agħtina l-Ispirtu ta' għerf u qdusija*

Ejja Spirtu s-Santu! Imla' l-qlub tal-fidili u kebbes fihom in-nar ta' Imħabbtek

**Nitolbu**
Agħtina, O Missier ħanin, li l-Ispirtu Divin idawwalna, iħeġġiġna u jippurifikana, hekk li jippenetra fina bħal nida mis-Sema u jagħtina li nagħmlu frott ta' għemejjel tajba. Nitolbuk dan b'Ibnek Sidna Ġesu' Kristu, li miegħek flimkien mal-Ispirtu s-Santu, jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.
**R. Ammen.**

**Litanija tal-Verġni Mqaddsa Marija (Litanija ta' Loretu)**

| | |
|---|---|
| Mulej, ħniena. | Mulej, ħniena |
| Kristu, ħniena | Kristu, ħniena |
| Mulej, ħniena | Mulej, ħniena |
| Kristu, ismagħna | Kristu, ismagħna |
| Kristu, ilqa' t-talb tagħna | Kristu, ilqa' t-talb tagħna |
| Missier etern Alla | Ħenn għalina |
| Iben Alla li fdejt id-dinja | Ħenn għalina |
| Spirtu qaddis Alla | Ħenn għalina |
| Trinità qaddisa, Alla wieħed | Ħenn għalina |
| | |
| Imqaddsa Marija | Itlob għalina |
| Imqaddsa Omm Alla | Itlob għalina |
| Imqaddsa xebba tax-xbejbiet | Itlob għalina |
| Omm ta' Kristu | Itlob għalina |
| Omm il-Knisja | Itlob għalina |
| Omm tal-grazzja t'Alla | Itlob għalina |
| Omm l-iżjed safja | Itlob għalina |
| Omm l-iżjed nadifa | Itlob għalina |
| Omm u xebba | Itlob għalina |
| Omm bla tebgħa | Itlob għalina |
| Omm li tistħoqq l-imħabba | Itlob għalina |
| Omm tal-għaġeb | Itlob għalina |
| Omm tal-parir it-tajjeb | Itlob għalina |
| Omm ta' min ħalaqna | Itlob għalina |
| Omm ta' min salvana | Itlob għalina |
| | |
| Xebba kollok għaqal | Itlob għalina |
| Xebba li tistħoqq kull qima | Itlob għalina |
| Xebba li tistħoqq kull foħrija | Itlob għalina |
| Xebba kollok setgħa | Itlob għalina |

| | |
|---|---|
| Xebba kollok ħniena | Itlob għalina |
| Xebba dejjem marbuta ma' Alla | Itlob għalina |
| Mera tal-qdusija | Itlob għalina |
| Tron tal-għerf | Itlob għalina |
| Bidu tal-ferħ tagħna | Itlob għalina |
| | |
| Għamara tal-Ispirtu s-Santu | Itlob għalina |
| Għamara ta' kull grazzja | Itlob għalina |
| Għamara ta' kull tjieba | Itlob għalina |
| Warda mistika | Itlob għalina |
| Torri ta' David | Itlob għalina |
| Torri tal-avorju | Itlob għalina |
| Dar tad-deheb | Itlob għalina |
| Arka tar-Rabta l-ġdida | Itlob għalina |
| Bieb tas-sema | Itlob għalina |
| Kewkba ta' filgħodu | Itlob għalina |
| Saħħa tal-morda | Itlob għalina |
| Kenn tal-midinbin | Itlob għalina |
| Faraġ tal-imnikktin | Itlob għalina |
| Għajnuna tal-insara | Itlob għalina |
| | |
| Sultana tal-anġli | Itlob għalina |
| Sultana tal-patrijarki | Itlob għalina |
| Sultana tal-profeti | Itlob għalina |
| Sultana tal-appostli | Itlob għalina |
| Sultana tal-martri | Itlob għalina |
| Sultana tal-konfessuri | Itlob għalina |
| Sultana tal-Verġni | Itlob għalina |
| Sultana tal-qaddisin kollha | Itlob għalina |
| Sultana mnissla mingħajr l-ewwel tebgħa | Itlob għalina |
| Sultana mtellgħa s-sema | Itlob għalina |
| Sultana tar-Rużarju mqaddes | Itlob għalina |
| Sultana tal-familja | Itlob għalina |
| Sultana tal-paċi | Itlob għalina |

Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja aħfrilna, nitolbuk, Mulej
Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja ismagħna, nitolbuk, Mulej
Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja ħenn għalina

V. Itlob għalina qaddisa Omm Alla,
R. Biex ikun jistħoqqilna dak li wegħedna Kristu.

**Nitolbu**
Agħti lilna, qaddejja tiegħek, Mulej Alla, nitolbuk, li ngawdu dejjem is-saħħa fir-ruħ u l-ġisem, u bit-talb glorjuż tal-imqaddsa Marija dejjem Verġni nkunu meħlusa mid-dwejjaq ta' issa u ngawdu l-hena ta' dejjem. Bi Kristu Sidna.
**R. Ammen.**

**Sliem għalik, kewkba tal-baħar – Ave Maris Stella**

Sliem għalik, kewkba tal-baħar,
Omm qaddisa u kbira t'Alla,
dejjem Verġni bla mittiefsa,
bieb il-hena u ferħ tas-sema.

Ilqa' l-"Ave" li bil-qima
Gabrijel qed isemmagħlek,
ibdel fiha l-isem t'Eva
ħalli jerġa' s-sliem fid-dinja.

Qaċċat kull irbit lill-ħatja,
ġib id-dawl lill-għomja kollha,
biegħed minna l-ħażen tagħna,
niżżel fuqna l-ġid tas-sema.

Uri li tassew int Ommna.
wassal talbna quddiem Alla,
li fi ħnientu twieled minnek
biex issir għalina bniedem.

Verġni fost kulħadd magħżula,
ta' qalb ħelwa fost il-ħlejjaq,
itlob 'l Ibnek biex jagħtina
maħfra, safa u spirtu ħlejju.

Għinna ngħaddu ħajja mseddqa,
żommna sħaħ fit-triq iż-żgura,
sa ma niksbu l-ferħ tad-dehra
ta’ Ġesù għal dejjem miegħek. Ammen.

## JUM 15: Konsagrazzjoni totali lil Ġesu’ permezz ta’ Marija

### GĦAN: Biex tikseb għarfien dwarek innifsek

Talb, examijiet tal-kuxjenza, riflessjonijiet, atti li fihom niċħdu għar-rieda tagħna, indiema sinċiera għal dnubiet, nuqqas ta’ importanza żejda fuqna nfusna, kollha magħmula f’riġlejn Marija, għax huwa min għandha li nittamaw fid-dawl li fih naraw lilna nfusna kif aħna tassew. Huwa qrib tagħha li nkunu nistgħu nkejlu l-abbiss tal-miżerja tagħna mingħajr ma niddispraw. Għandna nħaddmu l-azzjonijiet tajba tagħna biex bihom nitolbu għal għarfien dwarna nfusna u ndiema perfetta għal dnubietna: u għadna nagħmlu dan fi spirtu ta’ ġabra u devozzjoni.

Matul dan il-perjodu, ser nikkonsidraw, mhux wisq l-oppożizzjoni li teżisti bejn l-Ispirtu ta’ Ġesu’ u dak tagħna, daqs il-miżerja u l-istat umiljanti għall-aħħar li fih ġabuna dnubietna! Ma’ dan kollu, naraw kif id-Devozzjoni Vera hi l-aktar triq faċli, qasira, żgura u perfetta biex naslu ma’ dik l-unjoni mal-Mulej li hi perfetta bħal dik ta’ Ġesu’ ma’ Alla l-Missier. Jeħtieġ li nidħlu b’serjeta’ f’din it-triq, konvinti b’mod l-aktar qawwi mill-miżerji tagħna u mill-istat ta’ dipendenza totali li għandna fuq Alla għall-għajnuna. Imma kif nistgħu nirċievu din l-għajnuna mingħajr ma’ jkollna għarfien ċar dwarna nfusna.

### QARI

### Luqa 13: 1-5

**Jekk ma tindmux, tintilfu**
Dak il-ħin stess ġew xi wħud u qalu lil Ġesu’ b'dawk il-Galilin li Pilatu kien ħallat demmhom mad-demm tal-vittmi tas-sagrifiċċji tagħhom. U Ġesù qabad u qalilhom: "Taħsbu intom li dawn il-Galilin kienu iżjed midinbin mill-Galilin l-oħra biex sofrew dan kollu? Le, ngħidilkom; imma jekk ma tindmux, ilkoll tintilfu bħalhom. Jew dawk it-tmintax-il ruħ li fuqhom waqa' t-torri ta' Silwam u

qatilhom, taħsbu intom li kienu iżjed ħatja min-nies l-oħra ta' Ġerusalemm ? Le, ngħidilkom; imma jekk ma tindmux, ilkoll tintilfu xorta waħda."

**Devozzjoni Vera lejn il-Verġni Mbierka Marija (paragrafi 81 u 82)**

*Għandna bżonn lil Marija biex ninżgħu minn dak kollu li hu ħażin fina*

It-tieni biex niċħdu lilna nfusna, irridu kuljum immutu għalina nfusna; fi kliem ieħor ma rridux nieħdu gost bil-fakultajiet ta' moħħna jew bis-sensi ta' ġisimna bħallikieku dawn kienu skopijiet fihom infushom, irrdu nikkunsidrawhom bħallikieku ma kkunsidrajnihomx u nagħtu kashom daqs li kieku ma tajniex kashom. Dan ikollu jfisser ma' San Pawl: (1 Kor 7,31) nużaw id-dinja bħallikieku ma wżajnihiex, biex aħna wkoll inkunu nistgħu ngħidu miegħu: "Kuljum f'xifer il-mewt." (1Kor 15,31). Jekk il-ħabba tal-qamħ ma taqax fl-art u tmut, hi tibqa' weħidha. (Ġw 12,24) – jiġifieri ma tagħmilx frott. Jekk aħna ma mmutux għalina nfusna, u jekk id-devozzjonijiet tagħna ma jmexxuniex lejn din il-mewt meħtieġa li ġġib il-frott, ma nagħmlu l-ebda frott siewi, u d-devozzjonijiet tagħna ma jiswew xejn għalina. Il-virtujiet u l-opri tajba tagħna kollha jkollom it-tebgħa tas-suppervja u r-rieda tagħna, u dan jagħmel mis-sagrifiċċji l-aktar kbar, u mill-isforzi tagħna, biss kruha quddiem l-għajnejn t'Alla. Il-mewt issibna b'idejna vojta mill-virtu' u l-merti, u mingħajr l-ebda sinjal ta' dik l-imħabba safja li hi mogħtija biss lil dawk li mietu għalihom infushom u li ħajjithom kienet moħbija ma' Kristu f'Alla.

It-tielet fost id-devozzjonijiet lejn il-Madonna, għandna nagħżlu li dik li l-aħjar twassalna għall-mewt tagħna nfusna, bħala l-aħjar u li l-iktar tqaddisna. Għaliex hu żball li taħseb li kull ma jleqq hu deheb, u kull ma hu ħelu hu għasel – u dak li hu ħafif biex tagħmlu u li tagħmlu l-maġġoranza, hu bilfors li jqaddes. Fl-ordni tan-natura, hemm xi sigrieti li bihom proċessi naturali jistgħu jsiru bla ħala, u bl-akbar ħeffa hekk ukoll fl-ordni tal-grazzja hemm sigrieti li bihom aħna nistgħu nagħmlu azzjonijiet ta' fuq in-natura malajr, bil-ħlewwa u bla tfixkil – dawk li permezz tagħhom niċħdu lilna nfusna u niftħu beraħ għall-preżenza t'Alla u nsiru perfetti.

Il-prattika li nixtieq nispjega hawn, huwa wieħed minn dawn is-sigrieti tal-grazzja, moħbi għal ħafna u ħafna Nsara, bil-kemm magħruf fost id-devoti u l-maħbubin, u pprattikat biss mill-ftit. Bħala bidu ta' dak li rrid ngħid, fuq din il-prattika, hawn ir-raba' verita' li toħroġ dritt minn dan li għandna kif ddiskutejna.

**TALB**

**Litanija tal-Ispirtu s-Santu**

Mulej ħniena -- Mulej ħniena
Kristu ħniena -- Kristu ħniena
Mulej ħniena -- Mulej ħniena
Missier li tista' kollox – Ħenn għalina
Ġesù, Iben Etern tal-Missier -- Ħenn għalina
Feddej tad-dinja – Salvana
Spirtu tal-Missier u tal-Iben – Salvana
Ħajja bla qies, tagħhom it-tnejn -- Qaddisna
Trinità Qaddisa -- Ismagħna
Spirtu Santu li ġej mill-Missier -- Inżel f'qalbna
Spirtu Santu, li Int daqs il-Missier u l-Iben -- Inżel f'qalbna
Wegħda t'Alla l-Missier – Ħenn għalina
Raġġ ta' dawl mis-sema -- Ħenn għalina
Għerq ta' kull tjubija -- Ħenn għalina
Għajn tal-ilma tas-sema -- Ħenn għalina
Nar imħeġġeġ -- Ħenn għalina
Karità mimlija ħrara -- Ħenn għalina
Balzmu ta' faraġ spiritwali -- Ħenn għalina

Spirtu ta'mħabba u verità -- Ħenn għalina
Spirtu ta' għerf u fehma -- Ħenn għalina
Spirtu ta' kunsill u qawwa -- Ħenn għalina
Spirtu ta' għaqal u devozzjoni -- Ħenn għalina
Spirtu tal-biża' qaddis t'Alla -- Ħenn għalina
Spirtu ta' grazzja u talb -- Ħenn għalina
Spirtu ta' paċi u ħlewwa -- Ħenn għalina
Spirtu ta' modestja u innoċenza -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jagħti l-faraġ -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jqaddes -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jmexxi l-Knisja -- Ħenn għalina
Don t'Alla l-Għoli -- Ħenn għalina
Spirtu li jimla' l-ħolqien kollu -- Ħenn għalina
Spirtu li jagħmilna wlied Alla -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jikxfilna l-kruha tad-dnub -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, ejja u ġedded wiċċ id-dinja -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, sawwab id-dawl tiegħek f'ruħna -- Ħenn għalina

Spirtu s-Santu, onqox il-liġi tiegħek fuqna -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, onqox il-liġi tiegħek fuq qalbna -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, kebbes fina n-nar ta' mħabbtek -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, iftħilna t-teżori tal-grazzji tiegħek -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, għallimna nitolbu tajjeb -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, dawwalna bl-ispirazzjonijiet tiegħek tas-sema -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, mexxina fit-triq tas-salvazzjoni -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, agħtina dak l-għerf li hu biss meħtieġ -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, ħeġġiġna biex nagħmlu dak li hu tajjeb -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, agħtina l-merti tal-virtujiet kollha -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, kun Int il-premju tagħna ta' dejjem -- Ħenn għalina

Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja – *Ibagħtilna l-Ispirtu s-Santu*
Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja –*Ferra' f'ruħna d-doni tal-Ispirtu s-Santu*
Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja –*Agħtina l-Ispirtu ta' għerf u qdusija*

Ejja Spirtu s-Santu! Imla' l-qlub tal-fidili u kebbes fihom in-nar ta' Imħabbtek

**Nitolbu**
Agħtina, O Missier ħanin, li l-Ispirtu Divin idawwalna, iħeġġiġna u jippurifikana, hekk li jippenetra fina bħal nida mis-Sema u jagħtina li nagħmlu frott ta' għemejjel tajba. Nitolbuk dan b'Ibnek Sidna Ġesu' Kristu, li miegħek flimkien mal-Ispirtu s-Santu, jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.
**R. Ammen.**

**Litanija tal-Verġni Mqaddsa Marija (Litanija ta' Loretu)**

| | |
|---|---|
| Mulej, ħniena. | Mulej, ħniena |
| Kristu, ħniena | Kristu, ħniena |
| Mulej, ħniena | Mulej, ħniena |
| Kristu, ismagħna | Kristu, ismagħna |
| Kristu, ilqa' t-talb tagħna | Kristu, ilqa' t-talb tagħna |
| Missier etern Alla | Ħenn għalina |
| Iben Alla li fdejt id-dinja | Ħenn għalina |
| Spirtu qaddis Alla | Ħenn għalina |
| Trinità qaddisa, Alla wieħed | Ħenn għalina |

| | |
|---|---|
| Imqaddsa Marija | Itlob għalina |
| Imqaddsa Omm Alla | Itlob għalina |
| Imqaddsa xebba tax-xbejbiet | Itlob għalina |
| Omm ta' Kristu | Itlob għalina |
| Omm il-Knisja | Itlob għalina |
| Omm tal-grazzja t'Alla | Itlob għalina |
| Omm l-iżjed safja | Itlob għalina |
| Omm l-iżjed nadifa | Itlob għalina |
| Omm u xebba | Itlob għalina |
| Omm bla tebgħa | Itlob għalina |
| Omm li tistħoqq l-imħabba | Itlob għalina |
| Omm tal-għaġeb | Itlob għalina |
| Omm tal-parir it-tajjeb | Itlob għalina |
| Omm ta' min ħalaqna | Itlob għalina |
| Omm ta' min salvana | Itlob għalina |
| | |
| Xebba kollok għaqal | Itlob għalina |
| Xebba li tistħoqq kull qima | Itlob għalina |
| Xebba li tistħoqq kull foħrija | Itlob għalina |
| Xebba kollok setgħa | Itlob għalina |
| Xebba kollok ħniena | Itlob għalina |
| Xebba dejjem marbuta ma' Alla | Itlob għalina |
| Mera tal-qdusija | Itlob għalina |
| Tron tal-għerf | Itlob għalina |
| Bidu tal-ferħ tagħna | Itlob għalina |
| | |
| Għamara tal-Ispirtu s-Santu | Itlob għalina |
| Għamara ta' kull grazzja | Itlob għalina |
| Għamara ta' kull tjieba | Itlob għalina |
| Warda mistika | Itlob għalina |
| Torri ta' David | Itlob għalina |
| Torri tal-avorju | Itlob għalina |
| Dar tad-deheb | Itlob għalina |
| Arka tar-Rabta l-ġdida | Itlob għalina |
| Bieb tas-sema | Itlob għalina |
| Kewkba ta' filgħodu | Itlob għalina |
| Saħħa tal-morda | Itlob għalina |
| Kenn tal-midinbin | Itlob għalina |
| Faraġ tal-imnikktin | Itlob għalina |
| Għajnuna tal-insara | Itlob għalina |

| | |
|---|---|
| Sultana tal-anġli | Itlob għalina |
| Sultana tal-patrijarki | Itlob għalina |
| Sultana tal-profeti | Itlob għalina |
| Sultana tal-appostli | Itlob għalina |
| Sultana tal-martri | Itlob għalina |
| Sultana tal-konfessuri | Itlob għalina |
| Sultana tal-Verġni | Itlob għalina |
| Sultana tal-qaddisin kollha | Itlob għalina |
| Sultana mnissla mingħajr l-ewwel tebgħa | Itlob għalina |
| Sultana mtellgħa s-sema | Itlob għalina |
| Sultana tar-Rużarju mqaddes | Itlob għalina |
| Sultana tal-familja | Itlob għalina |
| Sultana tal-paċi | Itlob għalina |

Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja aħfrilna, nitolbuk, Mulej
Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja ismagħna, nitolbuk, Mulej
Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja ħenn għalina

V. Itlob għalina qaddisa Omm Alla,
R. Biex ikun jistħoqqilna dak li wegħedna Kristu.

**Nitolbu**
Agħti lilna, qaddejja tiegħek, Mulej Alla, nitolbuk, li ngawdu dejjem is-saħħa fir-ruħ u l-ġisem, u bit-talb glorjuż tal-imqaddsa Marija dejjem Verġni nkunu meħlusa mid-dwejjaq ta' issa u ngawdu l-hena ta' dejjem. Bi Kristu Sidna.
**R. Ammen.**

**Sliem għalik, kewkba tal-baħar – Ave Maris Stella**

Sliem għalik, kewkba tal-baħar,
Omm qaddisa u kbira t'Alla,
dejjem Verġni bla mittiefsa,
bieb il-hena u ferħ tas-sema.

Ilqa' l-"Ave" li bil-qima
Gabrijel qed isemmagħlek,
ibdel fiha l-isem t'Eva
ħalli jerġa' s-sliem fid-dinja.

Qaċċat kull irbit lill-ħatja,
ġib id-dawl lill-għomja kollha,
biegħed minna l-ħażen tagħna,
niżżel fuqna l-ġid tas-sema.

Uri li tassew int Ommna.
wassal talbna quddiem Alla,
li fi ħnientu twieled minnek
biex issir għalina bniedem.

Verġni fost kulħadd magħżula,
ta' qalb ħelwa fost il-ħlejjaq,
itlob 'l Ibnek biex jagħtina
maħfra, safa u spirtu ħlejju.

Għinna ngħaddu ħajja mseddqa,
żommna sħaħ fit-triq iż-żgura,
sa ma niksbu l-ferħ tad-dehra
ta' Ġesù għal dejjem miegħek. Ammen.

## JUM 16: Konsagrazzjoni totali lil Ġesu' permezz ta' Marija

### GĦAN: Biex tikseb għarfien dwarek innifsek

Talb, examijiet tal-kuxjenza, riflessjonijiet, atti li fihom niċħdu għar-rieda tagħna, indiema sinċiera għal dnubiet, nuqqas ta' importanza żejda fuqna nfusna, kollha magħmula f'riġlejn Marija, għax huwa min għandha li nittamaw fid-dawl li fih naraw lilna nfusna kif aħna tassew. Huwa qrib tagħha li nkunu nistgħu nkejlu l-abbiss tal-miżerja tagħna mingħajr ma niddispraw. Għandna nħaddmu l-azzjonijiet tajba tagħna biex bihom nitolbu għal għarfien dwarna nfusna u ndiema perfetta għal dnubietna: u għadna nagħmlu dan fi spirtu ta' ġabra u devozzjoni.

Matul dan il-perjodu, ser nikkonsidraw, mhux wisq l-oppożizzjoni li teżisti bejn l-Ispirtu ta' Ġesu' u dak tagħna, daqs il-miżerja u l-istat umiljanti għall-aħħar li fih ġabuna dnubietna! Ma' dan kollu, naraw kif id-Devozzjoni Vera hi l-aktar triq faċli, qasira, żgura u perfetta biex naslu ma' dik l-unjoni mal-Mulej li hi perfetta bħal dik ta' Ġesu' ma' Alla l-Missier. Jeħtieġ li nidħlu b'serjeta' f'din it-triq,

konvinti b'mod l-aktar qawwi mill-miżerji tagħna u mill-istat ta' dipendenza totali li għandna fuq Alla għall-għajnuna. Imma kif nistgħu nirċievu din l-għajnuna mingħajr ma' jkollna għarfien ċar dwarna nfusna.

**QARI**

**Devozzjoni Vera lejn il-Verġni Mbierka Marija (Paragrafu 228)**

*Eżerċizzi ta' tħejjija għall-Konsagrazzjoni*

Matul l-ewwel il-ġimgħa, huma għandhom joffru t-talb u l-attivitajiet spiritwali kollha tagħhom biex jaqilgħu d-don tal-għarfien tagħhom infushom u l-indiema ta' dnubiethom. Huma jagħmlu dan kollu fi spirtu ta' umilta'.

Matul dawn is-sitt ijiem ta' din il-ġimgħa, huma jistgħu jekk isibuh ta' għajnuna jimmeditaw fuq dak li diġa' għidna fuq n-natura tagħna u t-taħsir tagħha; 'li tħares lejk innifsek bħal bebbuxu, li jħammeġ kollox bil-lgħab tiegħu; jew bħal żrinġ li javvelena kollox bil-velenu tiegħu; jew bħal serp malizzjuż li jfittex biss biex iqarraq' jew nistgħu jaħsbu fuq dawn it-tliet massimi ta' San Bernard: "Ftakar f'dak li kont, ftit trab; f'dak li int, ġarra tinten; f'dak li sejjer tkun, ikel għad-dud."

Huma għandhom jitolbu lis-Sinjur Tagħna u lill-Ispirtu s-Santu biex idawwalhom billi jżommu fuq fommhom dejjem dawn il-kelmiet: "Mulej, agħmel li nara" (Lq. 18,14); jew "*Noverim me*", jew "*Veni Sancte Spiritus*". U wkoll jgħidu kuljum l-Ave Maris Stella u l-Litanija tal-Ispirtu s-Santu jew il-Litanija tal-Verġni Mqaddsa Marija.

**L-Imitzzjoni ta' Kristu: It-2 Ktieb, Kap 5, 1**

*Daqqa ta' għajn fuqna nfusna*

Ma għandniex għax nafdaw wisq fina nfusna, għax bosta drabi aħna jonqosna l-grazzja u ddehen. Wisq ftit jinsab fina; u avolja dan il-ftit, malajr nitilfuh, għax ma nafux ingħożżuh. Bosta drabi wkoll ma nintebħux li aħna tant għomi minn ġewwa. Bosta drabi nimxu ħażin, u minn fuq niskużaw irwieħna, u b'hekk nagħmlu agħar. Drabi ninxegħlu bil-korla u naħsbu li hi ħrara għall-ġid. Tarana nċanfru lill-oħrajn għall-ħwejjeġ żgħar, u għall-ħwejjeġ kbar tagħna nagħlqu

għajnejna. Jekk insofru xi ħaġa minn ħaddieħor, minnufih inħossuha u niżnuha; imma dak kollu li l-oħrajn ibatu minħabba fina, anqas biss igħaddilna minn rasna! Min jiżen bil-miżien tas-sewwa u tal-ħaqq l-għemil tiegħu, l-għemil ta' ħaddieħor ma jaraħx dinja.

**TALB**

**Litanija tal-Ispirtu s-Santu**

Mulej ħniena -- Mulej ħniena
Kristu ħniena -- Kristu ħniena
Mulej ħniena -- Mulej ħniena
Missier li tista' kollox – Ħenn għalina
Ġesù, Iben Etern tal-Missier -- Ħenn għalina
Feddej tad-dinja – Salvana
Spirtu tal-Missier u tal-Iben – Salvana

Ħajja bla qies, tagħhom it-tnejn -- Qaddisna
Trinità Qaddisa -- Ismagħna
Spirtu Santu li ġej mill-Missier -- Inżel f'qalbna
Spirtu Santu, li Int daqs il-Missier u l-Iben -- Inżel f'qalbna
Wegħda t'Alla l-Missier – Ħenn għalina
Raġġ ta' dawl mis-sema -- Ħenn għalina
Għerq ta' kull tjubija -- Ħenn għalina
Għajn tal-ilma tas-sema -- Ħenn għalina
Nar imħeġġeġ -- Ħenn għalina
Karità mimlija ħrara -- Ħenn għalina
Balzmu ta' faraġ spiritwali -- Ħenn għalina

Spirtu ta'mħabba u verità -- Ħenn għalina
Spirtu ta' għerf u fehma -- Ħenn għalina
Spirtu ta' kunsill u qawwa -- Ħenn għalina
Spirtu ta' għaqal u devozzjoni -- Ħenn għalina
Spirtu tal-biża' qaddis t'Alla -- Ħenn għalina
Spirtu ta' grazzja u talb -- Ħenn għalina
Spirtu ta' paċi u ħlewwa -- Ħenn għalina
Spirtu ta' modestja u innoċenza -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jagħti l-faraġ -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jqaddes -- Ħenn għalina

Spirtu s-Santu li jmexxi l-Knisja -- Ħenn għalina
Don t'Alla l-Għoli -- Ħenn għalina

Spirtu li jimla' l-ħolqien kollu -- Ħenn għalina
Spirtu li jagħmilna wlied Alla -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jikxfilna l-kruha tad-dnub -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, ejja u ġedded wiċċ id-dinja -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, sawwab id-dawl tiegħek f'ruħna -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, onqox il-liġi tiegħek fuqna -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, onqox il-liġi tiegħek fuq qalbna -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, kebbes fina n-nar ta' mħabbtek -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, iftħilna t-teżori tal-grazzji tiegħek -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, għallimna nitolbu tajjeb -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, dawwalna bl-ispirazzjonijiet tiegħek tas-sema -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, mexxina fit-triq tas-salvazzjoni -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, agħtina dak l-għerf li hu biss meħtieġ -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, ħeġġiġna biex nagħmlu dak li hu tajjeb -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, agħtina l-merti tal-virtujiet kollha -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, kun Int il-premju tagħna ta' dejjem -- Ħenn għalina

Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja – *Ibagħtilna l-Ispirtu s-Santu*
Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja –*Ferra' f'ruħna d-doni tal-Ispirtu s-Santu*
Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja –*Agħtina l-Ispirtu ta' għerf u qdusija*

Ejja Spirtu s-Santu! Imla' l-qlub tal-fidili u kebbes fihom in-nar ta' Imħabbtek

**Nitolbu**
Agħtina, O Missier ħanin, li l-Ispirtu Divin idawwalna, iħeġġiġna u jippurifikana, hekk li jippenetra fina bħal nida mis-Sema u jagħtina li nagħmlu frott ta' għemejjel tajba. Nitolbuk dan b'Ibnek Sidna Ġesu' Kristu, li miegħek flimkien mal-Ispirtu s-Santu, jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.
**R. Ammen.**

**Litanija tal-Verġni Mqaddsa Marija (Litanija ta' Loretu)**

| | |
|---|---|
| Mulej, ħniena. | Mulej, ħniena |
| Kristu, ħniena | Kristu, ħniena |
| Mulej, ħniena | Mulej, ħniena |

| | |
|---|---|
| Kristu, ismagħna | Kristu, ismagħna |
| Kristu, ilqa’ t-talb tagħna | Kristu, ilqa’ t-talb tagħna |
| Missier etern Alla | Ħenn għalina |
| Iben Alla li fdejt id-dinja | Ħenn għalina |
| Spirtu qaddis Alla | Ħenn għalina |
| Trinità qaddisa, Alla wieħed | Ħenn għalina |
| Imqaddsa Marija | Itlob għalina |
| Imqaddsa Omm Alla | Itlob għalina |
| Imqaddsa xebba tax-xbejbiet | Itlob għalina |
| Omm ta’ Kristu | Itlob għalina |
| Omm il-Knisja | Itlob għalina |
| Omm tal-grazzja t’Alla | Itlob għalina |
| Omm l-iżjed safja | Itlob għalina |
| Omm l-iżjed nadifa | Itlob għalina |
| Omm u xebba | Itlob għalina |
| Omm bla tebgħa | Itlob għalina |
| Omm li tistħoqq l-imħabba | Itlob għalina |
| Omm tal-għaġeb | Itlob għalina |
| Omm tal-parir it-tajjeb | Itlob għalina |
| Omm ta’ min ħalaqna | Itlob għalina |
| Omm ta’ min salvana | Itlob għalina |
| | |
| Xebba kollok għaqal | Itlob għalina |
| Xebba li tistħoqq kull qima | Itlob għalina |
| Xebba li tistħoqq kull foħrija | Itlob għalina |
| Xebba kollok setgħa | Itlob għalina |
| Xebba kollok ħniena | Itlob għalina |
| Xebba dejjem marbuta ma’ Alla | Itlob għalina |
| Mera tal-qdusija | Itlob għalina |
| Tron tal-għerf | Itlob għalina |
| Bidu tal-ferħ tagħna | Itlob għalina |
| | |
| Għamara tal-Ispirtu s-Santu | Itlob għalina |
| Għamara ta’ kull grazzja | Itlob għalina |
| Għamara ta’ kull tjieba | Itlob għalina |
| Warda mistika | Itlob għalina |
| Torri ta’ David | Itlob għalina |
| Torri tal-avorju | Itlob għalina |
| Dar tad-deheb | Itlob għalina |
| Arka tar-Rabta l-ġdida | Itlob għalina |

| | |
|---|---|
| Bieb tas-sema | Itlob għalina |
| Kewkba ta' filgħodu | Itlob għalina |
| Saħħa tal-morda | Itlob għalina |
| Kenn tal-midinbin | Itlob għalina |
| Faraġ tal-imnikktin | Itlob għalina |
| Għajnuna tal-insara | Itlob għalina |
| Sultana tal-anġli | Itlob għalina |
| Sultana tal-patrijarki | Itlob għalina |
| Sultana tal-profeti | Itlob għalina |
| Sultana tal-appostli | Itlob għalina |
| Sultana tal-martri | Itlob għalina |
| Sultana tal-konfessuri | Itlob għalina |
| Sultana tal-Verġni | Itlob għalina |
| Sultana tal-qaddisin kollha | Itlob għalina |
| Sultana mnissla mingħajr l-ewwel tebgħa | Itlob għalina |
| Sultana mtellgħa s-sema | Itlob għalina |
| Sultana tar-Rużarju mqaddes | Itlob għalina |
| Sultana tal-familja | Itlob għalina |
| Sultana tal-paċi | Itlob għalina |

Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja aħfrilna, nitolbuk, Mulej
Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja ismagħna, nitolbuk, Mulej
Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja ħenn għalina

V. Itlob għalina qaddisa Omm Alla,
R. Biex ikun jistħoqqilna dak li wegħedna Kristu.

**Nitolbu**
Agħti lilna, qaddejja tiegħek, Mulej Alla, nitolbuk, li ngawdu dejjem is-saħħa fir-ruħ u l-ġisem, u bit-talb glorjuż tal-imqaddsa Marija dejjem Verġni nkunu meħlusa mid-dwejjaq ta' issa u ngawdu l-hena ta' dejjem. Bi Kristu Sidna.
**R. Ammen.**

**Sliem għalik, kewkba tal-baħar – Ave Maris Stella**

Sliem għalik, kewkba tal-baħar,
Omm qaddisa u kbira t'Alla,
dejjem Verġni bla mittiefsa,
bieb il-hena u ferħ tas-sema.

Ilqa' l-"Ave" li bil-qima
Gabrijel qed isemmagħlek,
ibdel fiha l-isem t'Eva
ħalli jerġa' s-sliem fid-dinja.

Qaċċat kull irbit lill-ħatja,
ġib id-dawl lill-għomja kollha,
biegħed minna l-ħażen tagħna,
niżżel fuqna l-ġid tas-sema.

Uri li tassew int Ommna.
wassal talbna quddiem Alla,
li fi ħnientu twieled minnek
biex issir għalina bniedem.

Verġni fost kulħadd magħżula,
ta' qalb ħelwa fost il-ħlejjaq,
itlob 'l Ibnek biex jagħtina
maħfra, safa u spirtu ħlejju.

Għinna ngħaddu ħajja mseddqa,
żommna sħaħ fit-triq iż-żgura,
sa ma niksbu l-ferħ tad-dehra
ta' Ġesù għal dejjem miegħek. Ammen.

## JUM 17: Konsagrazzjoni totali lil Ġesu' permezz ta' Marija

### GĦAN: Biex tikseb għarfien dwarek innifsek

Talb, examijiet tal-kuxjenza, riflessjonijiet, atti li fihom niċħdu għar-rieda tagħna, indiema sinċiera għal dnubiet, nuqqas ta' importanza żejda fuqna nfusna, kollha magħmula f'riġlejn Marija, għax huwa min għandha li nittamaw fid-dawl li fih naraw lilna nfusna kif aħna tassew. Huwa qrib tagħha li nkunu nistgħu nkejlu l-abbiss tal-miżerja tagħna mingħajr ma niddispraw. Għandna nħaddmu l-azzjonijiet tajba tagħna biex bihom nitolbu għal għarfien dwarna nfusna u ndiema perfetta għal dnubietna: u għadna nagħmlu dan fi spirtu ta' ġabra u devozzjoni.

Matul dan il-perjodu, ser nikkonsidraw, mhux wisq l-oppożizzjoni li teżisti bejn l-Ispirtu ta' Ġesu' u dak tagħna, daqs il-miżerja u l-istat umiljanti għall-aħħar li fih ġabuna dnubietna! Ma' dan kollu, naraw kif id-Devozzjoni Vera hi l-aktar triq faċli, qasira, żgura u perfetta biex naslu ma' dik l-unjoni mal-Mulej li hi perfetta bħal dik ta' Ġesu' ma' Alla l-Missier. Jeħtieġ li nidħlu b'serjeta' f'din it-triq, konvinti b'mod l-aktar qawwi mill-miżerji tagħna u mill-istat ta' dipendenza totali li għandna fuq Alla għall-għajnuna. Imma kif nistgħu nirċievu din l-għajnuna mingħajr ma' jkollna għarfien ċar dwarna nfusna.

**QARI**

**L-Imitzzjoni ta' Kristu: L-1 Ktieb, Kap 24, 1**

*Jum il-ħaqq għall-midinbin*

F'kulma tagħmel, ftakar f'mewtek. Ġib quddiem għajnejk li għad trid tidher quddiem Imħallef tal-ħaqq, li għalih xejn m'hu moħbi. Imħallef, li ma ddawrux b'rigali, u lanqas bi skużi, ma tgħaddihx bi tkewtil; imma jagħmel il-ħaqq minnek bis-sewwa. O midneb, kemm int ta' min jibkik għall-ġenn tiegħek! X'bi ħsiebek twieġbu lil dak Alla, li jaf bid-dnubiet tiegħek, int li tibża' terfa' għajnejk lejn wiċċ ta' bniedem imqarras? Għaliex mela ma tibdiex taħseb minn issa għall-ġurnata tal-ġudizzju? Dak in-nhar ma ssibx min jaqbeż għalik u jgħattilek; imma kulħadd ikollu l-piż tiegħu nnifsu x'jarfa' u jkun biżżejjed għalih. Issa l-ħidma tiegħek tkunlek ġid; issa l-biki tiegħek jiswielek: issa l-ilfiq tiegħek mismugħ, u l-indiema ta' qalbek tista' tpatti għal dnubietek u ssaffilek ruħek.

**Luqa 16: 1-8**

**L-amministratur moħħu jilħaqlu**
Ġesu' qal ukoll lid-dixxipli tiegħu: "Kien hemm raġel għani li kellu amministratur, u lil dan xlewh lil sidu li kien qiegħed iberbaqlu ġidu. Għalhekk is-sid sejjaħlu u qallu, 'Dan x'inhu li qiegħed nisma' fuqek? Agħtini kont tal-amministrazzjoni tiegħek, għax ma tistax tibqa' iżjed amministratur tiegħi.'

L-amministratur bejnu u bejn ruħu qal, 'Issa x'sejjer nagħmel, ladarba sidi se jneħħini mill-amministrazzjoni? Immur nagħżaq? Ma niflaħx. Nittallab? Nistħi. Naf x'nagħmel, ħalli meta nitwarrab minn fuq din l-amministrazzjoni, nsib lil ħaddieħor li jilqagħni għandu.' U wieħed wieħed bagħat għal dawk li kellhom

jagħtu lil sidu. 'Kemm għandek tagħtih lil sidi?' staqsa lill-ewwel wieħed. 'Mitt barmil żejt,' wieġbu dak. 'Oħroġ il-karti tiegħek,' qallu l-amministratur, 'oqgħod bilqiegħda malajr u ikteb ħamsin.' Lil ieħor staqsieh, 'U int, kemm għandek tagħti?' 'Mitt xkora qamħ,' wieġbu. Qallu, 'Oħroġ il-karti tiegħek u ikteb tmenin.'

U s-sid faħħru lil dak l-amministratur ħażin talli ħadem b'rasu. Għax ulied din id-dinja jimxu bil-għaqal aktar minn ulied id-dawl ma' min hu tal-qatgħa tagħhom.

**TALB**

**Litanija tal-Ispirtu s-Santu**

Mulej ħniena -- Mulej ħniena
Kristu ħniena -- Kristu ħniena
Mulej ħniena -- Mulej ħniena
Missier li tista' kollox – Ħenn għalina
Ġesù, Iben Etern tal-Missier -- Ħenn għalina
Feddej tad-dinja – Salvana
Spirtu tal-Missier u tal-Iben – Salvana

Ħajja bla qies, tagħhom it-tnejn -- Qaddisna
Trinità Qaddisa -- Ismagħna
Spirtu Santu li ġej mill-Missier -- Inżel f'qalbna
Spirtu Santu, li Int daqs il-Missier u l-Iben -- Inżel f'qalbna
Wegħda t'Alla l-Missier – Ħenn għalina
Raġġ ta' dawl mis-sema -- Ħenn għalina
Għerq ta' kull tjubija -- Ħenn għalina
Għajn tal-ilma tas-sema -- Ħenn għalina
Nar imħeġġeġ -- Ħenn għalina
Karità mimlija ħrara -- Ħenn għalina
Balzmu ta' faraġ spiritwali -- Ħenn għalina

Spirtu ta'mħabba u verità -- Ħenn għalina
Spirtu ta' għerf u fehma -- Ħenn għalina
Spirtu ta' kunsill u qawwa -- Ħenn għalina
Spirtu ta' għaqal u devozzjoni -- Ħenn għalina
Spirtu tal-biża' qaddis t'Alla -- Ħenn għalina
Spirtu ta' grazzja u talb -- Ħenn għalina
Spirtu ta' paċi u ħlewwa -- Ħenn għalina

Spirtu ta' modestja u innoċenza -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jagħti l-faraġ -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jqaddes -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jmexxi l-Knisja -- Ħenn għalina
Don t'Alla l-Għoli -- Ħenn għalina

Spirtu li jimla' l-ħolqien kollu -- Ħenn għalina
Spirtu li jagħmilna wlied Alla -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jikxfilna l-kruha tad-dnub -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, ejja u ġedded wiċċ id-dinja -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, sawwab id-dawl tiegħek f'ruħna -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, onqox il-liġi tiegħek fuqna -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, onqox il-liġi tiegħek fuq qalbna -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, kebbes fina n-nar ta' mħabbtek -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, iftħilna t-teżori tal-grazzji tiegħek -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, għallimna nitolbu tajjeb -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, dawwalna bl-ispirazzjonijiet tiegħek tas-sema -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, mexxina fit-triq tas-salvazzjoni -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, agħtina dak l-għerf li hu biss meħtieġ -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, ħeġġiġna biex nagħmlu dak li hu tajjeb -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, agħtina l-merti tal-virtujiet kollha -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, kun Int il-premju tagħna ta' dejjem -- Ħenn għalina

Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja – *Ibagħtilna l-Ispirtu s-Santu*
Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja –*Ferra' f'ruħna d-doni tal-Ispirtu s-Santu*
Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja –*Agħtina l-Ispirtu ta' għerf u qdusija*

Ejja Spirtu s-Santu! Imla' l-qlub tal-fidili u kebbes fihom in-nar ta' Imħabbtek

**Nitolbu**
Agħtina, O Missier ħanin, li l-Ispirtu Divin idawwalna, iħeġġiġna u jippurifikana, hekk li jippenetra fina bħal nida mis-Sema u jagħtina li nagħmlu frott ta' għemejjel tajba. Nitolbuk dan b'Ibnek Sidna Ġesu' Kristu, li miegħek flimkien mal-Ispirtu s-Santu, jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.
**R. Ammen.**

**Litanija tal-Verġni Mqaddsa Marija (Litanija ta' Loretu)**

| | |
|---|---|
| Mulej, ħniena. | Mulej, ħniena |
| Kristu, ħniena | Kristu, ħniena |
| Mulej, ħniena | Mulej, ħniena |
| Kristu, ismagħna | Kristu, ismagħna |
| Kristu, ilqa' t-talb tagħna | Kristu, ilqa' t-talb tagħna |
| Missier etern Alla | Ħenn għalina |
| Iben Alla li fdejt id-dinja | Ħenn għalina |
| Spirtu qaddis Alla | Ħenn għalina |
| Trinità qaddisa, Alla wieħed | Ħenn għalina |
| Imqaddsa Marija | Itlob għalina |
| Imqaddsa Omm Alla | Itlob għalina |
| Imqaddsa xebba tax-xbejbiet | Itlob għalina |
| Omm ta' Kristu | Itlob għalina |
| Omm il-Knisja | Itlob għalina |
| Omm tal-grazzja t'Alla | Itlob għalina |
| Omm l-iżjed safja | Itlob għalina |
| Omm l-iżjed nadifa | Itlob għalina |
| Omm u xebba | Itlob għalina |
| Omm bla tebgħa | Itlob għalina |
| Omm li tistħoqq l-imħabba | Itlob għalina |
| Omm tal-għaġeb | Itlob għalina |
| Omm tal-parir it-tajjeb | Itlob għalina |
| Omm ta' min ħalaqna | Itlob għalina |
| Omm ta' min salvana | Itlob għalina |

| | |
|---|---|
| Xebba kollok għaqal | Itlob għalina |
| Xebba li tistħoqq kull qima | Itlob għalina |
| Xebba li tistħoqq kull foħrija | Itlob għalina |
| Xebba kollok setgħa | Itlob għalina |
| Xebba kollok ħniena | Itlob għalina |
| Xebba dejjem marbuta ma' Alla | Itlob għalina |
| Mera tal-qdusija | Itlob għalina |
| Tron tal-għerf | Itlob għalina |
| Bidu tal-ferħ tagħna | Itlob għalina |

| | |
|---|---|
| Għamara tal-Ispirtu s-Santu | Itlob għalina |
| Għamara ta' kull grazzja | Itlob għalina |
| Għamara ta' kull tjieba | Itlob għalina |

| | |
|---|---|
| Warda mistika | Itlob għalina |
| Torri ta’ David | Itlob għalina |
| Torri tal-avorju | Itlob għalina |
| Dar tad-deheb | Itlob għalina |
| Arka tar-Rabta l-ġdida | Itlob għalina |
| Bieb tas-sema | Itlob għalina |
| Kewkba ta’ filgħodu | Itlob għalina |
| Saħħa tal-morda | Itlob għalina |
| Kenn tal-midinbin | Itlob għalina |
| Faraġ tal-imnikktin | Itlob għalina |
| Għajnuna tal-insara | Itlob għalina |
| Sultana tal-anġli | Itlob għalina |
| Sultana tal-patrijarki | Itlob għalina |
| Sultana tal-profeti | Itlob għalina |
| Sultana tal-appostli | Itlob għalina |
| Sultana tal-martri | Itlob għalina |
| Sultana tal-konfessuri | Itlob għalina |
| Sultana tal-Verġni | Itlob għalina |
| Sultana tal-qaddisin kollha | Itlob għalina |
| Sultana mnissla mingħajr l-ewwel tebgħa | Itlob għalina |
| Sultana mtellgħa s-sema | Itlob għalina |
| Sultana tar-Rużarju mqaddes | Itlob għalina |
| Sultana tal-familja | Itlob għalina |
| Sultana tal-paċi | Itlob għalina |

Ħaruf t’Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja aħfrilna, nitolbuk, Mulej
Ħaruf t’Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja ismagħna, nitolbuk, Mulej
Ħaruf t’Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja ħenn għalina

V. Itlob għalina qaddisa Omm Alla,
R. Biex ikun jistħoqqilna dak li wegħedna Kristu.

**Nitolbu**
Agħti lilna, qaddejja tiegħek, Mulej Alla, nitolbuk, li ngawdu dejjem is-saħħa fir-ruħ u l-ġisem, u bit-talb glorjuż tal-imqaddsa Marija dejjem Verġni nkunu meħlusa mid-dwejjaq ta’ issa u ngawdu l-hena ta’ dejjem. Bi Kristu Sidna.
**R. Ammen.**

**Sliem għalik, kewkba tal-baħar – Ave Maris Stella**

Sliem għalik, kewkba tal-baħar,
Omm qaddisa u kbira t'Alla,
dejjem Verġni bla mittiefsa,
bieb il-hena u ferħ tas-sema.

Ilqa' l-"Ave" li bil-qima
Gabrijel qed isemmagħlek,
ibdel fiha l-isem t'Eva
ħalli jerġa' s-sliem fid-dinja.

Qaċċat kull irbit lill-ħatja,
ġib id-dawl lill-għomja kollha,
biegħed minna l-ħażen tagħna,
niżżel fuqna l-ġid tas-sema.

Uri li tassew int Ommna.
wassal talbna quddiem Alla,
li fi ħnientu twieled minnek
biex issir għalina bniedem.

Verġni fost kulħadd magħżula,
ta' qalb ħelwa fost il-ħlejjaq,
itlob 'l Ibnek biex jagħtina
maħfra, safa u spirtu ħlejju.

Għinna ngħaddu ħajja mseddqa,
żommna sħaħ fit-triq iż-żgura,
sa ma niksbu l-ferħ tad-dehra
ta' Ġesù għal dejjem miegħek. Ammen.

## JUM 18: Konsagrazzjoni totali lil Ġesu' permezz ta' Marija

**GĦAN: Biex tikseb għarfien dwarek innifsek**

Talb, examijiet tal-kuxjenza, riflessjonijiet, atti li fihom niċħdu għar-rieda tagħna, indiema sinċiera għal dnubiet, nuqqas ta' importanza żejda fuqna nfusna, kollha magħmula f'riġlejn Marija, għax huwa min għandha li nittamaw fid-dawl li fih

naraw lilna nfusna kif aħna tassew. Huwa qrib tagħha li nkunu nistgħu nkejlu l-abbiss tal-miżerja tagħna mingħajr ma niddispraw. Għandna nħaddmu l-azzjonijiet tajba tagħna biex bihom nitolbu għal għarfien dwarna nfusna u ndiema perfetta għal dnubietna: u għadna nagħmlu dan fi spirtu ta’ ġabra u devozzjoni.

Matul dan il-perjodu, ser nikkonsidraw, mhux wisq l-oppożizzjoni li teżisti bejn l-Ispirtu ta’ Ġesu’ u dak tagħna, daqs il-miżerja u l-istat umiljanti għall-aħħar li fih ġabuna dnubietna! Ma’ dan kollu, naraw kif id-Devozzjoni Vera hi l-aktar triq faċli, qasira, żgura u perfetta biex naslu ma’ dik l-unjoni mal-Mulej li hi perfetta bħal dik ta’ Ġesu’ ma’ Alla l-Missier. Jeħtieġ li nidħlu b’serjeta’ f’din it-triq, konvinti b’mod l-aktar qawwi mill-miżerji tagħna u mill-istat ta’ dipendenza totali li għandna fuq Alla għall-għajnuna. Imma kif nistgħu nirċievu din l-għajnuna mingħajr ma’ jkollna għarfien ċar dwarna nfusna.

**QARI**

**Luqa 17: 1-10**

**Twissijiet ta' Ġesù**
Darba Ġesu’ qal lid-dixxipli tiegħu qalilhom: "Ma jistax ikun li ma jingħatawx skandli; imma ħażin għalih min ikun ħtija tagħhom! Ikun aktar jaqbillu jekk jorbtulu ma' għonqu ġebla tat-tħin u jitfgħuh il-baħar milli jagħti skandlu lil wieħed minn dawn iċ-ċkejknin. Oqogħdu attenti!

"Jekk ħuk jaqa' f'xi dnub, widdbu, u jekk jindem aħfirlu. U jekk jonqsok seba' darbiet f'ġurnata, u jdur lejk seba' darbiet u jgħidlek, 'Jisgħobbija,' aħfirlu."

L-appostli qalu lill-Mulej: "Kattar fina l-fidi." Weġibhom il-Mulej: "Kieku kellkom fidi mqar daqs żerriegħa tal-mustarda, kontu tgħidu lil din is-siġra tat-tut, 'Inqala' u mur tħawwel fil-baħar,' u hi kienet tisma' minnkom.

"Wieħed minnkom ikollu qaddej qiegħed jaħrat jew jirgħa; meta jidħol mill-għalqa x'se jgħidlu? 'Ejja, isa, u oqgħod għall-ikel’? jew, 'Lestili x'niekol, ilbes il-fardal u newwilli sa ma niekol u nixrob jien, u mbagħad tiekol u tixrob int?’ Jaqaw se jroddlu ħajr lill-qaddej talli jkun għamel li ordnalu? Hekk ukoll intom, meta tagħmlu kull ma tkunu ordnati, għidu, 'Aħna qaddejja li ma niswew għal xejn; għamilna biss dak li kellna nagħmlu.' "

**L-Imitzzjoni ta' Kristu: It-3 Ktieb, Kap 47, 1**

*Biex naqilgħu l-ħajja l-ħajja ta' dejjem jaħtiġilna nerfgħu s-salib*

**Ġesù Kristu:**

Ibni, ma għandhomx igħajjuk it-tbatijiet kollha li sofrejt għalija, u anqas jaqtgħulek qalbek id-dwejjaq; ftakar fil-kelma li tajtek li għandha twettqek u tagħtik is-sabar f'kulma ssib ruħek fih. Jiena għandi biżżejjed mnejn inħallsek u wisq aktar minn kemm ħaqqek. Inti mhux għal dejjem, le, għandek tibqa' imħabbat u mnikket. Ħu paċenzja ftit ieħor, u tara kif malajr jispiċċa l-hemm tiegħek kollu. Għad tiġi siegħa li jispiċċaw għalik it-taħbit u t-tbatija. Dak kollu hu ħaġa ta' xejn.

**TALB**

**Litanija tal-Ispirtu s-Santu**

Mulej ħniena -- Mulej ħniena
Kristu ħniena -- Kristu ħniena
Mulej ħniena -- Mulej ħniena
Missier li tista' kollox – Ħenn għalina
Ġesù, Iben Etern tal-Missier -- Ħenn għalina
Feddej tad-dinja – Salvana
Spirtu tal-Missier u tal-Iben – Salvana

Ħajja bla qies, tagħhom it-tnejn -- Qaddisna
Trinità Qaddisa -- Ismagħna
Spirtu Santu li ġej mill-Missier -- Inżel f'qalbna
Spirtu Santu, li Int daqs il-Missier u l-Iben -- Inżel f'qalbna
Wegħda t'Alla l-Missier – Ħenn għalina
Raġġ ta' dawl mis-sema -- Ħenn għalina
Għerq ta' kull tjubija -- Ħenn għalina
Għajn tal-ilma tas-sema -- Ħenn għalina
Nar imħeġġeġ -- Ħenn għalina
Karità mimlija ħrara -- Ħenn għalina
Balzmu ta' faraġ spiritwali -- Ħenn għalina

Spirtu ta'mħabba u verità -- Ħenn għalina
Spirtu ta' għerf u fehma -- Ħenn għalina
Spirtu ta' kunsill u qawwa -- Ħenn għalina
Spirtu ta' għaqal u devozzjoni -- Ħenn għalina
Spirtu tal-biża' qaddis t'Alla -- Ħenn għalina
Spirtu ta' grazzja u talb -- Ħenn għalina
Spirtu ta' paċi u ħlewwa -- Ħenn għalina
Spirtu ta' modestja u innoċenza -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jagħti l-faraġ -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jqaddes -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jmexxi l-Knisja -- Ħenn għalina
Don t'Alla l-Għoli -- Ħenn għalina

Spirtu li jimla' l-ħolqien kollu -- Ħenn għalina
Spirtu li jagħmilna wlied Alla -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jikxfilna l-kruha tad-dnub -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, ejja u ġedded wiċċ id-dinja -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, sawwab id-dawl tiegħek f'ruħna -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, onqox il-liġi tiegħek fuqna -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, onqox il-liġi tiegħek fuq qalbna -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, kebbes fina n-nar ta' mħabbtek -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, iftħilna t-teżori tal-grazzji tiegħek -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, għallimna nitolbu tajjeb -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, dawwalna bl-ispirazzjonijiet tiegħek tas-sema -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, mexxina fit-triq tas-salvazzjoni -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, agħtina dak l-għerf li hu biss meħtieġ -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, ħeġġiġna biex nagħmlu dak li hu tajjeb -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, agħtina l-merti tal-virtujiet kollha -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, kun Int il-premju tagħna ta' dejjem -- Ħenn għalina

Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja – *Ibagħtilna l-Ispirtu s-Santu*
Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja –*Ferra' f'ruħna d-doni tal-Ispirtu s-Santu*
Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja –*Agħtina l-Ispirtu ta' għerf u qdusija*

Ejja Spirtu s-Santu! Imla' l-qlub tal-fidili u kebbes fihom in-nar ta' Imħabbtek

**Nitolbu**

Agħtina, O Missier ħanin, li l-Ispirtu Divin idawwalna, iħeġġiġna u jippurifikana, hekk li jippenetra fina bħal nida mis-Sema u jagħtina li nagħmlu frott ta' għemejjel tajba. Nitolbuk dan b'Ibnek Sidna Ġesu' Kristu, li miegħek flimkien mal-Ispirtu s-Santu, jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.

**R. Ammen.**

**Litanija tal-Verġni Mqaddsa Marija (Litanija ta' Loretu)**

| | |
|---|---|
| Mulej, ħniena. | Mulej, ħniena |
| Kristu, ħniena | Kristu, ħniena |
| Mulej, ħniena | Mulej, ħniena |
| Kristu, ismagħna | Kristu, ismagħna |
| Kristu, ilqa' t-talb tagħna | Kristu, ilqa' t-talb tagħna |
| Missier etern Alla | Ħenn għalina |
| Iben Alla li fdejt id-dinja | Ħenn għalina |
| Spirtu qaddis Alla | Ħenn għalina |
| Trinità qaddisa, Alla wieħed | Ħenn għalina |
| Imqaddsa Marija | Itlob għalina |
| Imqaddsa Omm Alla | Itlob għalina |
| Imqaddsa xebba tax-xbejbiet | Itlob għalina |
| Omm ta' Kristu | Itlob għalina |
| Omm il-Knisja | Itlob għalina |
| Omm tal-grazzja t'Alla | Itlob għalina |
| Omm l-iżjed safja | Itlob għalina |
| Omm l-iżjed nadifa | Itlob għalina |
| Omm u xebba | Itlob għalina |
| Omm bla tebgħa | Itlob għalina |
| Omm li tistħoqq l-imħabba | Itlob għalina |
| Omm tal-għaġeb | Itlob għalina |
| Omm tal-parir it-tajjeb | Itlob għalina |
| Omm ta' min ħalaqna | Itlob għalina |
| Omm ta' min salvana | Itlob għalina |
| Xebba kollok għaqal | Itlob għalina |
| Xebba li tistħoqq kull qima | Itlob għalina |
| Xebba li tistħoqq kull foħrija | Itlob għalina |
| Xebba kollok setgħa | Itlob għalina |

| | |
|---|---|
| Xebba kollok ħniena | Itlob għalina |
| Xebba dejjem marbuta ma' Alla | Itlob għalina |
| Mera tal-qdusija | Itlob għalina |
| Tron tal-għerf | Itlob għalina |
| Bidu tal-ferħ tagħna | Itlob għalina |
| | |
| Għamara tal-Ispirtu s-Santu | Itlob għalina |
| Għamara ta' kull grazzja | Itlob għalina |
| Għamara ta' kull tjieba | Itlob għalina |
| Warda mistika | Itlob għalina |
| Torri ta' David | Itlob għalina |
| Torri tal-avorju | Itlob għalina |
| Dar tad-deheb | Itlob għalina |
| Arka tar-Rabta l-ġdida | Itlob għalina |
| Bieb tas-sema | Itlob għalina |
| Kewkba ta' filgħodu | Itlob għalina |
| Saħħa tal-morda | Itlob għalina |
| Kenn tal-midinbin | Itlob għalina |
| Faraġ tal-imnikktin | Itlob għalina |
| Għajnuna tal-insara | Itlob għalina |
| Sultana tal-anġli | Itlob għalina |
| Sultana tal-patrijarki | Itlob għalina |
| Sultana tal-profeti | Itlob għalina |
| Sultana tal-appostli | Itlob għalina |
| Sultana tal-martri | Itlob għalina |
| Sultana tal-konfessuri | Itlob għalina |
| Sultana tal-Verġni | Itlob għalina |
| Sultana tal-qaddisin kollha | Itlob għalina |
| Sultana mnissla mingħajr l-ewwel tebgħa | Itlob għalina |
| Sultana mtellgħa s-sema | Itlob għalina |
| Sultana tar-Rużarju mqaddes | Itlob għalina |
| Sultana tal-familja | Itlob għalina |
| Sultana tal-paċi | Itlob għalina |

Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja aħfrilna, nitolbuk, Mulej
Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja ismagħna, nitolbuk, Mulej
Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja ħenn għalina

V. Itlob għalina qaddisa Omm Alla,
R. Biex ikun jistħoqqilna dak li wegħedna Kristu.

**Nitolbu**
Agħti lilna, qaddejja tiegħek, Mulej Alla, nitolbuk, li ngawdu dejjem is-saħħa fir-ruħ u l-ġisem, u bit-talb glorjuż tal-imqaddsa Marija dejjem Verġni nkunu meħlusa mid-dwejjaq ta' issa u ngawdu l-hena ta' dejjem. Bi Kristu Sidna.
**R. Ammen.**

**Sliem għalik, kewkba tal-baħar – Ave Maris Stella**

Sliem għalik, kewkba tal-baħar,
Omm qaddisa u kbira t'Alla,
dejjem Verġni bla mittiefsa,
bieb il-hena u ferħ tas-sema.

Ilqa' l-"Ave" li bil-qima
Gabrijel qed isemmagħlek,
ibdel fiha l-isem t'Eva
ħalli jerġa' s-sliem fid-dinja.

Qaċċat kull irbit lill-ħatja,
ġib id-dawl lill-għomja kollha,
biegħed minna l-ħażen tagħna,
niżżel fuqna l-ġid tas-sema.

Uri li tassew int Ommna.
wassal talbna quddiem Alla,
li fi ħnientu twieled minnek
biex issir għalina bniedem.

Verġni fost kulħadd magħżula,
ta' qalb ħelwa fost il-ħlejjaq,
itlob 'l Ibnek biex jagħtina
maħfra, safa u spirtu ħlejju.

Għinna ngħaddu ħajja mseddqa,
żommna sħaħ fit-triq iż-żgura,
sa ma niksbu l-ferħ tad-dehra
ta' Ġesù għal dejjem miegħek. Ammen.

## JUM 19: Konsagrazzjoni totali lil Ġesu' permezz ta' Marija

### GĦAN: Biex tikseb għarfien dwarek innifsek

Talb, examijiet tal-kuxjenza, riflessjonijiet, atti li fihom niċħdu għar-rieda tagħna, indiema sinċiera għal dnubiet, nuqqas ta' importanza żejda fuqna nfusna, kollha magħmula f'riġlejn Marija, għax huwa min għandha li nittamaw fid-dawl li fih naraw lilna nfusna kif aħna tassew. Huwa qrib tagħha li nkunu nistgħu nkejlu l-abbiss tal-miżerja tagħna mingħajr ma niddispraw. Għandna nħaddmu l-azzjonijiet tajba tagħna biex bihom nitolbu għal għarfien dwarna nfusna u ndiema perfetta għal dnubietna: u għadna nagħmlu dan fi spirtu ta' ġabra u devozzjoni.

Matul dan il-perjodu, ser nikkonsidraw, mhux wisq l-oppożizzjoni li teżisti bejn l-Ispirtu ta' Ġesu' u dak tagħna, daqs il-miżerja u l-istat umiljanti għall-aħħar li fih ġabuna dnubietna! Ma' dan kollu, naraw kif id-Devozzjoni Vera hi l-aktar triq faċli, qasira, żgura u perfetta biex naslu ma' dik l-unjoni mal-Mulej li hi perfetta bħal dik ta' Ġesu' ma' Alla l-Missier. Jeħtieġ li nidħlu b'serjeta' f'din it-triq, konvinti b'mod l-aktar qawwi mill-miżerji tagħna u mill-istat ta' dipendenza totali li għandna fuq Alla għall-għajnuna. Imma kif nistgħu nirċievu din l-għajnuna mingħajr ma' jkollna għarfien ċar dwarna nfusna.

### QARI

### Luqa 18: 15-30

**Ġesù jbierek it-tfal iż-żgħar**
Ġibu quddiem Ġesu' t-trabi biex iberikhom. Imma d-dixxipli, kif raw dan, qabdu jgħajjtu magħhom. Ġesù sejjħilhom u qalilhom: "Ħalluhom lit-tfal iż-żgħar jiġu għandi, u żżommuhomx, għax ta' min hu bħalhom hija s-Saltna ta' Alla. Tassew ngħidilkom, li min is-Saltna ta' Alla ma jilqagħhiex bħal tifel ċkejken ma jidħolx fiha."

**Il-kap li kien għani**
Wieħed kap staqsieh u qallu: "Mgħallem tajjeb, x'għandi nagħmel biex nikseb il-ħajja ta' dejjem?" "Għaliex qiegħed issejjaħli 'tajjeb'?" qallu Ġesù, "Ħadd ma hu tajjeb ħlief Alla waħdu. Inti l-kmandamenti tafhom: La tiżnix, la toqtolx, la tisraqx, la tixhidx fil-falz, weġġaħ lil missierek u 'l ommok." Dak qallu: "Jiena dan kollu ili nħarsu minn żgħożiti." Kif semgħu jgħid hekk, Ġesù qallu: "Ħaġa waħda

tonqsok: bigħ kull ma għandek, agħtih lill-foqra, u jkollok teżor fis-smewwiet: mbagħad ejja u imxi warajja." Iżda dak, meta semgħu jgħid dan, sewwed qalbu ħafna, għax kien tassew għani.

Ġesù, meta rah li sewwed qalbu, qal: "Kemm hi iebsa għall-għonja li jidħlu fis-Saltna ta' Alla! Għax eħfef li ġemel jgħaddi minn għajn ta' labra milli wieħed għani jidħol fis-Saltna ta' Alla!" Dawk li semgħuh qalulu: "Mela min jista' jsalva?" Iżda hu weġibhom: "Dak li ma jistax ikun għall-bnedmin, għal Alla jista' jkun."

Qallu Pietru: "Tajjeb! Aħna ħallejna kull ma kellna u ġejna warajk." Ġesù qalilhom: "Tassew ngħidilkom, li fost dawk kollha li minħabba s-Saltna ta' Alla jħallu darhom jew lil marthom jew lil ħuthom jew lill-ġenituri tagħhom jew 'l uliedhom, ma hemm ħadd fosthom li f'din id-dinja stess ma jirċevix kollox għal mitt darba iktar, u l-ħajja ta' dejjem fiż-żmien li ġej."

**TALB**

**Litanija tal-Ispirtu s-Santu**

Mulej ħniena -- Mulej ħniena
Kristu ħniena -- Kristu ħniena
Mulej ħniena -- Mulej ħniena
Missier li tista' kollox – Ħenn għalina
Ġesù, Iben Etern tal-Missier -- Ħenn għalina
Feddej tad-dinja – Salvana
Spirtu tal-Missier u tal-Iben – Salvana

Ħajja bla qies, tagħhom it-tnejn -- Qaddisna
Trinità Qaddisa -- Ismagħna
Spirtu Santu li ġej mill-Missier -- Inżel f'qalbna
Spirtu Santu, li Int daqs il-Missier u l-Iben -- Inżel f'qalbna
Wegħda t'Alla l-Missier – Ħenn għalina
Raġġ ta' dawl mis-sema -- Ħenn għalina
Għerq ta' kull tjubija -- Ħenn għalina
Għajn tal-ilma tas-sema -- Ħenn għalina
Nar imħeġġeġ -- Ħenn għalina
Karità mimlija ħrara -- Ħenn għalina
Balzmu ta' faraġ spiritwali -- Ħenn għalina

Spirtu ta'mħabba u verità -- Ħenn għalina
Spirtu ta' għerf u fehma -- Ħenn għalina
Spirtu ta' kunsill u qawwa -- Ħenn għalina
Spirtu ta' għaqal u devozzjoni -- Ħenn għalina
Spirtu tal-biża' qaddis t'Alla -- Ħenn għalina
Spirtu ta' grazzja u talb -- Ħenn għalina
Spirtu ta' paċi u ħlewwa -- Ħenn għalina
Spirtu ta' modestja u innoċenza -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jagħti l-faraġ -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jqaddes -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jmexxi l-Knisja -- Ħenn għalina
Don t'Alla l-Għoli -- Ħenn għalina

Spirtu li jimla' l-ħolqien kollu -- Ħenn għalina
Spirtu li jagħmilna wlied Alla -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jikxfilna l-kruha tad-dnub -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, ejja u ġedded wiċċ id-dinja -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, sawwab id-dawl tiegħek f'ruħna -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, onqox il-liġi tiegħek fuqna -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, onqox il-liġi tiegħek fuq qalbna -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, kebbes fina n-nar ta' mħabbtek -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, iftħilna t-teżori tal-grazzji tiegħek -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, għallimna nitolbu tajjeb -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, dawwalna bl-ispirazzjonijiet tiegħek tas-sema -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, mexxina fit-triq tas-salvazzjoni -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, agħtina dak l-għerf li hu biss meħtieġ -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, ħeġġiġna biex nagħmlu dak li hu tajjeb -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, agħtina l-merti tal-virtujiet kollha -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, kun Int il-premju tagħna ta' dejjem -- Ħenn għalina

Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja – *Ibagħtilna l-Ispirtu s-Santu*
Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja –*Ferra' f'ruħna d-doni tal-Ispirtu s-Santu*
Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja –*Agħtina l-Ispirtu ta' għerf u qdusija*

Ejja Spirtu s-Santu! Imla' l-qlub tal-fidili u kebbes fihom in-nar ta' Imħabbtek

**Nitolbu**

Agħtina, O Missier ħanin, li l-Ispirtu Divin idawwalna, iħeġġiġna u jippurifikana, hekk li jippenetra fina bħal nida mis-Sema u jagħtina li nagħmlu frott ta' għemejjel tajba. Nitolbuk dan b'Ibnek Sidna Ġesu' Kristu, li miegħek flimkien mal-Ispirtu s-Santu, jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.

**R. Ammen.**

**Litanija tal-Verġni Mqaddsa Marija (Litanija ta' Loretu)**

| | |
|---|---|
| Mulej, ħniena. | Mulej, ħniena |
| Kristu, ħniena | Kristu, ħniena |
| Mulej, ħniena | Mulej, ħniena |
| Kristu, ismagħna | Kristu, ismagħna |
| Kristu, ilqa' t-talb tagħna | Kristu, ilqa' t-talb tagħna |
| Missier etern Alla | Ħenn għalina |
| Iben Alla li fdejt id-dinja | Ħenn għalina |
| Spirtu qaddis Alla | Ħenn għalina |
| Trinità qaddisa, Alla wieħed | Ħenn għalina |
| Imqaddsa Marija | Itlob għalina |
| Imqaddsa Omm Alla | Itlob għalina |
| Imqaddsa xebba tax-xbejbiet | Itlob għalina |
| Omm ta' Kristu | Itlob għalina |
| Omm il-Knisja | Itlob għalina |
| Omm tal-grazzja t'Alla | Itlob għalina |
| Omm l-iżjed safja | Itlob għalina |
| Omm l-iżjed nadifa | Itlob għalina |
| Omm u xebba | Itlob għalina |
| Omm bla tebgħa | Itlob għalina |
| Omm li tistħoqq l-imħabba | Itlob għalina |
| Omm tal-għaġeb | Itlob għalina |
| Omm tal-parir it-tajjeb | Itlob għalina |
| Omm ta' min ħalaqna | Itlob għalina |
| Omm ta' min salvana | Itlob għalina |

| | |
|---|---|
| Xebba kollok għaqal | Itlob għalina |
| Xebba li tistħoqq kull qima | Itlob għalina |
| Xebba li tistħoqq kull foħrija | Itlob għalina |
| Xebba kollok setgħa | Itlob għalina |

| | |
|---|---|
| Xebba kollok ħniena | Itlob għalina |
| Xebba dejjem marbuta ma' Alla | Itlob għalina |
| Mera tal-qdusija | Itlob għalina |
| Tron tal-għerf | Itlob għalina |
| Bidu tal-ferħ tagħna | Itlob għalina |
| | |
| Għamara tal-Ispirtu s-Santu | Itlob għalina |
| Għamara ta' kull grazzja | Itlob għalina |
| Għamara ta' kull tjieba | Itlob għalina |
| Warda mistika | Itlob għalina |
| Torri ta' David | Itlob għalina |
| Torri tal-avorju | Itlob għalina |
| Dar tad-deheb | Itlob għalina |
| Arka tar-Rabta l-ġdida | Itlob għalina |
| Bieb tas-sema | Itlob għalina |
| Kewkba ta' filgħodu | Itlob għalina |
| Saħħa tal-morda | Itlob għalina |
| Kenn tal-midinbin | Itlob għalina |
| Faraġ tal-imnikktin | Itlob għalina |
| Għajnuna tal-insara | Itlob għalina |
| Sultana tal-anġli | Itlob għalina |
| Sultana tal-patrijarki | Itlob għalina |
| Sultana tal-profeti | Itlob għalina |
| Sultana tal-appostli | Itlob għalina |
| Sultana tal-martri | Itlob għalina |
| Sultana tal-konfessuri | Itlob għalina |
| Sultana tal-Verġni | Itlob għalina |
| Sultana tal-qaddisin kollha | Itlob għalina |
| Sultana mnissla mingħajr l-ewwel tebgħa | Itlob għalina |
| Sultana mtellgħa s-sema | Itlob għalina |
| Sultana tar-Rużarju mqaddes | Itlob għalina |
| Sultana tal-familja | Itlob għalina |
| Sultana tal-paċi | Itlob għalina |

Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja aħfrilna, nitolbuk, Mulej
Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja ismagħna, nitolbuk, Mulej
Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja ħenn għalina

V. Itlob għalina qaddisa Omm Alla,
R. Biex ikun jistħoqqilna dak li wegħedna Kristu.

**Nitolbu**
Agħti lilna, qaddejja tiegħek, Mulej Alla, nitolbuk, li ngawdu dejjem is-saħħa fir-ruħ u l-ġisem, u bit-talb glorjuż tal-imqaddsa Marija dejjem Verġni nkunu meħlusa mid-dwejjaq ta' issa u ngawdu l-hena ta' dejjem. Bi Kristu Sidna.
**R. Ammen.**

**Sliem għalik, kewkba tal-baħar – Ave Maris Stella**

Sliem għalik, kewkba tal-baħar,
Omm qaddisa u kbira t'Alla,
dejjem Verġni bla mittiefsa,
bieb il-hena u ferħ tas-sema.

Ilqa' l-"Ave" li bil-qima
Gabrijel qed isemmagħlek,
ibdel fiha l-isem t'Eva
ħalli jerġa' s-sliem fid-dinja.

Qaċċat kull irbit lill-ħatja,
ġib id-dawl lill-għomja kollha,
biegħed minna l-ħażen tagħna,
niżżel fuqna l-ġid tas-sema.

Uri li tassew int Ommna.
wassal talbna quddiem Alla,
li fi ħnientu twieled minnek
biex issir għalina bniedem.

Verġni fost kulħadd magħżula,
ta' qalb ħelwa fost il-ħlejjaq,
itlob 'l Ibnek biex jagħtina
maħfra, safa u spirtu ħlejju.

Għinna ngħaddu ħajja mseddqa,
żommna sħaħ fit-triq iż-żgura,
sa ma niksbu l-ferħ tad-dehra
ta' Ġesù għal dejjem miegħek. Ammen.

## JUM 20: Konsagrazzjoni totali lil Ġesu' permezz ta' Marija

### GĦAN: Insiru nafu iżjed lill-Verġni Mbierka



Atti ta' mħabba, devozzjoni vera lejn il-Verġni Mbierka, imitazzjoni tal-virtujiet tagħha, b'mod speċjali l-umilta' profonda, il-fidi ħajja, l-ubbidjenza għamja, it-talb kontinwu f'qalbha, il-mortifikazzjoni tagħha f'kull ħaġa, is-safa li fiha tgħaddina lkoll, il-karita' mħeġġa, il-paċenzja erojka, il-ħlewwa anġelika, u l-għerf divin tagħha: bħalma jgħid San Alwiġi De Montfort, "l-għaxar virtujiet prinċipali tal-Verġni Mbierka."

Għandna ningħaqdu ma' Ġesu' permezz ta' Marija – din hija l-karatteristika tad-devozzjoni tagħna; għalhekk San Alwiġi De Montfort jitlob li wieħed jimpenja ruħu biex isir jaf lill-Verġni Mbierka.

Marija hija s-sovjana u l-medjatriċi, Ommna u Sidtna. Mela ejjew inkunu midħla tal-effetti regali tagħha, ta' din il-meditazzjoni, u ta' din il-maternita', kif ukoll tal-kobor u l-prerogattivi li hawn huma fundamentali, flimkien mal-konsegwenzi tagħhom. Ommna hi wkoll taħlita perfetta fejn aħna għandna niġu magħġuna biex tassew nagħmlu tagħna l-intenzjonijiet u d-dispożizzjonijiet tagħha. Dan ma nistgħux niksbu mingħajr ma nistudjaw bir-reqqa il-ħajja interjuri, prinċiparjament il-virtujiet tagħha, is-sentimenti, l-azzjonijiet, il-parteċipazzjoni fil-misteri ta' Kristu u l-unjoni tagħha Miegħu.

### QARI

### Luqa 2: 16-21; 45-52

Ir-rgħajja marru mela jgħaġġlu, u sabu lil Marija u 'l Ġużeppi, bit-tarbija mimduda f'maxtura. Kif raw dan, bdew jgħarrfu b'kull ma kien intqal lilhom dwar dik it-tarbija, u kull min semagħhom baqa' mistagħġeb b'dak li qalulhom ir-rgħajja. Marija, min-naħa tagħha, baqgħet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha u taħseb fuqhom bejnha u bejn ruħha. Ir-rgħajja mbagħad reġgħu lura, isebbħu u jfaħħru lil Alla għal kull ma kienu raw u semgħu, kif l-anġlu kien qalilhom.

**Jagħtuh l-isem ta' Ġesu'**
Meta wasal it-tmien jum biex lit-tifel jagħmlulu ċ-ċirkonċiżjoni, semmewh Ġesù, bl-isem li kien tah l-anġlu qabel ma tnissel fil-ġuf.

**It-tfajjel Ġesù fit-tempju**
Il-ġenituri ta' Ġesù ma sabuhx, u għalhekk reġgħu lura Ġerusalemm ifittxuh. Wara tlitt ijiem sabuh fit-tempju, bilqiegħda f'nofs l-għalliema, jismagħhom u jistaqsihom; u kull min semgħu baqa' mistagħġeb bid-dehen u t-tweġibiet tiegħu. Kif rawh, nstamtu, u ommu qaltlu: "Ibni, dan għaliex għamiltilna hekk? Ara, missierek u jiena konna qegħdin infittxuk b'qalbna maqsuma!" U hu qalilhom: "U għaliex kontu qegħdin tfittxuni? Ma tafux li jiena għandi nkun f'dak li hu ta' Missieri?" Iżda kliemu ma fehmuhx. Mbagħad niżel magħhom u raġa' mar Nazaret; u kien jobdihom. U ommu kienet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha. U hekk Ġesù baqa' jikber fl-għerf, fis-snin u fil-grazzja, quddiem Alla u quddiem il-bnedmin.

**TALB**

**Litanija tal-Ispirtu s-Santu**

Mulej ħniena -- Mulej ħniena
Kristu ħniena -- Kristu ħniena
Mulej ħniena -- Mulej ħniena
Missier li tista' kollox – Ħenn għalina
Ġesù, Iben Etern tal-Missier -- Ħenn għalina
Feddej tad-dinja – Salvana
Spirtu tal-Missier u tal-Iben – Salvana
Ħajja bla qies, tagħhom it-tnejn -- Qaddisna
Trinità Qaddisa -- Ismagħna
Spirtu Santu li ġej mill-Missier -- Inżel f'qalbna
Spirtu Santu, li Int daqs il-Missier u l-Iben -- Inżel f'qalbna
Wegħda t'Alla l-Missier – Ħenn għalina
Raġġ ta' dawl mis-sema -- Ħenn għalina
Għerq ta' kull tjubija -- Ħenn għalina
Għajn tal-ilma tas-sema -- Ħenn għalina
Nar imħeġġeġ -- Ħenn għalina
Karità mimlija ħrara -- Ħenn għalina
Balzmu ta' faraġ spiritwali -- Ħenn għalina

Spirtu ta'mħabba u verità -- Ħenn għalina
Spirtu ta' għerf u fehma -- Ħenn għalina
Spirtu ta' kunsill u qawwa -- Ħenn għalina
Spirtu ta' għaqal u devozzjoni -- Ħenn għalina
Spirtu tal-biża' qaddis t'Alla -- Ħenn għalina
Spirtu ta' grazzja u talb -- Ħenn għalina
Spirtu ta' paċi u ħlewwa -- Ħenn għalina
Spirtu ta' modestja u innoċenza -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jagħti l-faraġ -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jqaddes -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jmexxi l-Knisja -- Ħenn għalina
Don t'Alla l-Għoli -- Ħenn għalina

Spirtu li jimla' l-ħolqien kollu -- Ħenn għalina
Spirtu li jagħmilna wlied Alla -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jikxfilna l-kruha tad-dnub -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, ejja u ġedded wiċċ id-dinja -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, sawwab id-dawl tiegħek f'ruħna -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, onqox il-liġi tiegħek fuqna -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, onqox il-liġi tiegħek fuq qalbna -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, kebbes fina n-nar ta' mħabbtek -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, iftħilna t-teżori tal-grazzji tiegħek -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, għallimna nitolbu tajjeb -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, dawwalna bl-ispirazzjonijiet tiegħek tas-sema -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, mexxina fit-triq tas-salvazzjoni -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, agħtina dak l-għerf li hu biss meħtieġ -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, ħeġġiġna biex nagħmlu dak li hu tajjeb -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, agħtina l-merti tal-virtujiet kollha -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, kun Int il-premju tagħna ta' dejjem -- Ħenn għalina

Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja – *Ibagħtilna l-Ispirtu s-Santu*
Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja –*Ferra' f'ruħna d-doni tal-Ispirtu s-Santu*
Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja –*Agħtina l-Ispirtu ta' għerf u qdusija*

Ejja Spirtu s-Santu! Imla' l-qlub tal-fidili u kebbes fihom in-nar ta' Imħabbtek

**Nitolbu**
Agħtina, O Missier ħanin, li l-Ispirtu Divin idawwalna, iħeġġiġna u jippurifikana, hekk li jippenetra fina bħal nida mis-Sema u jagħtina li nagħmlu frott ta' għemejjel tajba. Nitolbuk dan b'Ibnek Sidna Ġesu' Kristu, li miegħek flimkien mal-Ispirtu s-Santu, jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.
**R. Ammen.**

**Litanija tal-Verġni Mqaddsa Marija (Litanija ta' Loretu)**

| | |
|---|---|
| Mulej, ħniena. | Mulej, ħniena |
| Kristu, ħniena | Kristu, ħniena |
| Mulej, ħniena | Mulej, ħniena |
| Kristu, ismagħna | Kristu, ismagħna |
| Kristu, ilqa' t-talb tagħna | Kristu, ilqa' t-talb tagħna |
| Missier etern Alla | Ħenn għalina |
| Iben Alla li fdejt id-dinja | Ħenn għalina |
| Spirtu qaddis Alla | Ħenn għalina |
| Trinità qaddisa, Alla wieħed | Ħenn għalina |
| Imqaddsa Marija | Itlob għalina |
| Imqaddsa Omm Alla | Itlob għalina |
| Imqaddsa xebba tax-xbejbiet | Itlob għalina |
| Omm ta' Kristu | Itlob għalina |
| Omm il-Knisja | Itlob għalina |
| Omm tal-grazzja t'Alla | Itlob għalina |
| Omm l-iżjed safja | Itlob għalina |
| Omm l-iżjed nadifa | Itlob għalina |
| Omm u xebba | Itlob għalina |
| Omm bla tebgħa | Itlob għalina |
| Omm li tistħoqq l-imħabba | Itlob għalina |
| Omm tal-għaġeb | Itlob għalina |
| Omm tal-parir it-tajjeb | Itlob għalina |
| Omm ta' min ħalaqna | Itlob għalina |
| Omm ta' min salvana | Itlob għalina |
| | |
| Xebba kollok għaqal | Itlob għalina |
| Xebba li tistħoqq kull qima | Itlob għalina |
| Xebba li tistħoqq kull foħrija | Itlob għalina |
| Xebba kollok setgħa | Itlob għalina |

| | |
|---|---|
| Xebba kollok ħniena | Itlob għalina |
| Xebba dejjem marbuta ma' Alla | Itlob għalina |
| Mera tal-qdusija | Itlob għalina |
| Tron tal-għerf | Itlob għalina |
| Bidu tal-ferħ tagħna | Itlob għalina |

| | |
|---|---|
| Għamara tal-Ispirtu s-Santu | Itlob għalina |
| Għamara ta' kull grazzja | Itlob għalina |
| Għamara ta' kull tjieba | Itlob għalina |
| Warda mistika | Itlob għalina |
| Torri ta' David | Itlob għalina |
| Torri tal-avorju | Itlob għalina |
| Dar tad-deheb | Itlob għalina |
| Arka tar-Rabta l-ġdida | Itlob għalina |
| Bieb tas-sema | Itlob għalina |
| Kewkba ta' filgħodu | Itlob għalina |
| Saħħa tal-morda | Itlob għalina |
| Kenn tal-midinbin | Itlob għalina |
| Faraġ tal-imnikktin | Itlob għalina |
| Għajnuna tal-insara | Itlob għalina |
| Sultana tal-anġli | Itlob għalina |
| Sultana tal-patrijarki | Itlob għalina |
| Sultana tal-profeti | Itlob għalina |
| Sultana tal-appostli | Itlob għalina |
| Sultana tal-martri | Itlob għalina |
| Sultana tal-konfessuri | Itlob għalina |
| Sultana tal-Verġni | Itlob għalina |
| Sultana tal-qaddisin kollha | Itlob għalina |
| Sultana mnissla mingħajr l-ewwel tebgħa | Itlob għalina |
| Sultana mtellgħa s-sema | Itlob għalina |
| Sultana tar-Rużarju mqaddes | Itlob għalina |
| Sultana tal-familja | Itlob għalina |
| Sultana tal-paċi | Itlob għalina |

Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja aħfrilna, nitolbuk, Mulej
Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja ismagħna, nitolbuk, Mulej
Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja ħenn għalina

V. Itlob għalina qaddisa Omm Alla,
R. Biex ikun jistħoqqilna dak li wegħedna Kristu.

**Nitolbu**
Agħti lilna, qaddejja tiegħek, Mulej Alla, nitolbuk, li ngawdu dejjem is-saħħa fir-ruħ u l-ġisem, u bit-talb glorjuż tal-imqaddsa Marija dejjem Verġni nkunu meħlusa mid-dwejjaq ta' issa u ngawdu l-hena ta' dejjem. Bi Kristu Sidna.
**R. Ammen.**

**Sliem għalik, kewkba tal-baħar – Ave Maris Stella**

Sliem għalik, kewkba tal-baħar,
Omm qaddisa u kbira t'Alla,
dejjem Verġni bla mittiefsa,
bieb il-hena u ferħ tas-sema.

Ilqa' l-"Ave" li bil-qima
Gabrijel qed isemmagħlek,
ibdel fiha l-isem t'Eva
ħalli jerġa' s-sliem fid-dinja.

Qaċċat kull irbit lill-ħatja,
ġib id-dawl lill-għomja kollha,
biegħed minna l-ħażen tagħna,
niżżel fuqna l-ġid tas-sema.

Uri li tassew int Ommna.
wassal talbna quddiem Alla,
li fi ħnientu twieled minnek
biex issir għalina bniedem.

Verġni fost kulħadd magħżula,
ta' qalb ħelwa fost il-ħlejjaq,
itlob 'l Ibnek biex jagħtina
maħfra, safa u spirtu ħlejju.

Għinna ngħaddu ħajja mseddqa,
żommna sħaħ fit-triq iż-żgura,
sa ma niksbu l-ferħ tad-dehra
ta' Ġesù għal dejjem miegħek. Ammen.

**Talb lil Marija ta' San Alwiġi De Montfort**

Sliem o Marija, Bint maħbuba tal-Missier Etern! Sliem o Marija, Omm ta' min jammira tal-Iben! Sliem o Marija, Għarusa fidila tal-Ispirtu s-Santu! Sliem o Marija, Ommi l-għażiża, Sidti, u sovrana qawwija tiegħi! Sliem o ferħ tiegħi, glorja tiegħi, qalbi u ruħi!

Int kollok tiegħi permezz tal-ħniena, u jien kollni tiegħek b'ġustizzja. Imma għadni m'iniex biżżejjed tiegħek. Jien issa nagħti lili nnifsi kollni kemm jien lilek, mingħajr ma nżomm xejn lura għalija nnifsi jew għall-oħrajn. Jekk int tibqa' tara fija xi ħaġa li mhux tiegħek, nitolbok biex din wkoll toħodha għalik u tagħmel lilek innifsek is-Sid assoluta ta' dak kollu li huwa tiegħi. Iddistruġġi fija dak kollu li mhux qed jogħġob lil Alla, aqalgħu mill-għeruq u ġibu fix-xejn; iżra' u kabbar fija kull ma jogħġob lilek.

Agħmel li d-dawl tal-fidi tiegħek ikeċċi d-dlam li hemm f'moħħi; agħmel li l-umilta' profonda tiegħek tieħu post is-suppervja tiegħi; agħmel li l-kontemplazzjoni tiegħek ta' Alla ma tħallinix niddistratta ruħi b'immaġinazzjonijiet li jtelfuni; agħmel li l-viżżjoni kontinwa tiegħek ta' Alla timla' l-memorja tiegħi bil-preżenza ta' Alla; agħmel lin-nar jaqgħbad ta' Qalbek iħeġġeġ il-bruda li hemm fija; agħmel li l-virtujiet tiegħek jieħdu post ta' dnubieti; agħmel li l-merti tiegħek ikunu l-unika tiżjin tiegħi f'għajnejn Alla u jimlew dak li hu nieqes fija.

Fl-aħħar nett, għażiża Ommi, agħtini, jekk hu possibli, li jien ma jkolli l-ebda spirtu ieħor ħlief dak tiegħek biex insir naf lil Ġesu' u r-Rieda qaddisa Tiegħu; li ma jkolli l-ebda ruħ oħra ħlief dik tiegħek biex infaħħar u niglorifika lill-Mulej; li ma jkolli l-ebda qalb oħra ħlief dik tiegħek biex inħobb lil Alla b'imħabba safja u tħeġġeġ bħalek.

Jien ma nitolbokx għal viżżjonijiet, rivelazzjonijiet, devozzjoni sensibli, jew konsolazzjonijiet spiritwali. Huwa privileġġ tiegħek li tara lil Alla b'mod ċar; huwa privileġġ tiegħek li tgawdi l-hena tas-sema; huwa privileġġ tiegħek li ssaltan glorjuża fil-Ġenna fil-lemin ta' Ibnek u tiegħek it-treġija assoluta fuq l-anġli, il-bnedmin u d-demonji; huwa privileġġ tiegħek li tiddisponi mill-grazzji kollha ta' Alla, hekk kif inti fil-fatt tagħmel.

Din hi, o Marija tas-Sema, l-"aqwa parti," li l-Mulej tak u li qatt mhu ser tittieħidlek --- u dan il-ħsieb jimlili lil qalbi bil-ferħ. U għal dak li jmiss lili hawn fl-art, ma nixtieq xejn aktar milli nkun tiegħek: li nemmen b'sinċerita' mingħajr

konsolazzjonijiet spiritwali; li nsofri mingħajr faraġ li jiġi mingħand il-bnedmin; li mmut kontinwament bla ma nieqaf għar-rieda tiegħi u għalija nnifsi; u li naħdem b'zelu u bla egoiżu għalik, sa jum mewti, bħala qaddej mill-aktar umli tiegħek.

L-unika grazzja li nitolbok li tikseb għalija hi dik li kull jum u kull mument ta' ħajti nkun nista' ngħid: Ammen, hekk ikun --- għal dak kollu li int għamilt meta kont għadek fuq din l-art; Ammen, hekk ikun --- għal dak kollu li int qed tagħmel bħalissa fil-Ġenna; Ammen, hekk ikun --- għal dak li int qed tagħmel f'ruħi, sabiex inti biss tkun tista' tiglorifika b'mod sħiħ lil Ġesu' fija għaż-żmien t'issa u għall-eternita'. Ammen.

## JUM 21: Konsagrazzjoni totali lil Ġesu' permezz ta' Marija

**GĦAN: Insiru nafu iżjed lill-Verġni Mbierka**

Atti ta' mħabba, devozzjoni vera lejn il-Verġni Mbierka, imitazzjoni tal-virtujiet tagħha, b'mod speċjali l-umilta' profonda, il-fidi ħajja, l-ubbidjenza għamja, it-talb kontinwu f'qalbha, il-mortifikazzjoni tagħha f'kull ħaġa, is-safa li fiha tgħaddina lkoll, il-karita' mħeġġa, il-paċenzja erojka, il-ħlewwa anġelika, u l-għerf divin tagħha: bħalma jgħid San Alwiġi De Montfort, "l-għaxar virtujiet prinċipali tal-Verġni Mbierka."

Għandna ningħaqdu ma' Ġesu' permezz ta' Marija – din hija l-karatteristika tad-devozzjoni tagħna; għalhekk San Alwiġi De Montfort jitlob li wieħed jimpenja ruħu biex isir jaf sewwa lill-Verġni Mbierka.

Marija hija s-sovjana u l-medjatriċi, Ommna u Sidtna. Mela ejjew inkunu midħla tal-effetti regali tagħha, ta' din il-meditazzjoni, u ta' din il-maternita', kif ukoll tal-kobor u l-prerogattivi li hawn huma fundamentali, flimkien mal-konsegwenzi tagħhom. Ommna hi wkoll taħlita perfetta fejn aħna għandna niġu magħġuna biex tassew nagħmlu tagħna l-intenzjonijiet u d-dispożizzjonijiet tagħha. Dan ma nistgħux niksbu mingħajr ma nistudjaw bir-reqqa il-ħajja interjuri, prinċiparjament il-virtujiet tagħha, is-sentimenti, l-azzjonijiet, il-parteċipazzjoni fil-misteri ta' Kristu u l-unjoni tagħha Miegħu.

**QARI**

**Is-Sigriet ta’ Marija ta’ San Alwiġi De Montfort: (Paragrafi 23–24)**

*Devozzjoni vera lejn l-Imbierka Marija*

Jekk għandna mmorru għand Alla u nkun magħquda miegħu, irridu nużgħu l-istess mezz li bih Hu ġie hawn, sar Bniedem u mliena bil-grazzji tiegħu. Dan il-mezz huwa devozzjoni vera lejn l-Imbierka Ommna Marija. Hemm diversi devozzjonijiet veri lejn il-Madonna: hawn mhux ser nitkellem dwar dawk li huma foloz.

L-ewwel waħda tikkonsisti f’li aħna naqdu d-dmirijiet tagħna ta’ Nsara, nevitaw id-dnub il-mejjet, naġixxu aktar imqanqla mill-imħabba aktar milli mill-biża’, nitolbu lil Marija spiss, nonorawha bħala Omm Alla, u sadanittat mingħajr ma jkollna devozzjoni speċjali lejha.

It-tieni waħda tikkonsisti f’li nferħu lill-Madonna b’sentimenti aktar perfetti ta’ ammirazzjoni u mħabba, ta’ fiduċja u qima. Dan iwassalna biex ningħaqdu mal-Fratellanzi tar-Rużarju Mqaddes u tal-Iskapular, li nirreċitaw il-ħames jew il-ħmistax-il posta (fil-każ tal-lum 20 posta) tar-Rużarju Mqaddes, biex nonoraw xbihat u altari ta’ Marija, biex ma nieqfux infaħħruha u nfasslu lilna nfusna fuqha bħala il-mudell tagħna. Din id-devozzjoni hija tajba, qaddisa u ta’ min ifaħħarha jekk inżommu lilna nfusna ħielsa mid-dnub. Imma mhiex daqshekk perfetta daqs din li ġejja, u lanqas daqshekk effiċenti f’li niddistakkaw lilna nfusna mill-kreaturi biex inkunu nistgħu ningħaqdu ma’ Kristu Ġesu’.

It-tielet devozzjoni lejn il-Madonna, magħrufa u ppratikata minn ftit persuni, hija din li ser ngħidilkom fuqha issa, ruħ predestinata. Tikkonsisti f’li tagħti lilek innifsek b’mod komplut bħala skjav lil Marija, u lil Ġesu’ permezz ta’ Marija, u wara dan, li tagħmel kull ma nagħmlu, permezz ta’ Marija, ma’ Marija, f’Marija u għal Marija. Għandna nagħżlu festa speċjali Marjana fejn fiha nagħtu lilna nfusna, nikkonsagraw u nissagrifikaw kollox lil Marija b’imħabba u b’mod voluntarju, mingħajr ma nżommu xejn għalina, b’mod totali u mingħajr riżervi: ġisimna u ruħna, il-propjetajiet esterjuri tagħna bħal darna, il-familja u l-qligħ tagħna, u wkoll dak li hu tagħna b’mod interjuri u spiritwali: il-merti, il-grazzji, il-virtujiet u s-sodisfazzjonijiet kollha tagħna.

**TALB**

**Litanija tal-Ispirtu s-Santu**

Mulej ħniena -- Mulej ħniena
Kristu ħniena -- Kristu ħniena
Mulej ħniena -- Mulej ħniena
Missier li tista' kollox – Ħenn għalina
Ġesù, Iben Etern tal-Missier -- Ħenn għalina
Feddej tad-dinja – Salvana
Spirtu tal-Missier u tal-Iben – Salvana
Ħajja bla qies, tagħhom it-tnejn -- Qaddisna
Trinità Qaddisa -- Ismagħna
Spirtu Santu li ġej mill-Missier -- Inżel f'qalbna
Spirtu Santu, li Int daqs il-Missier u l-Iben -- Inżel f'qalbna
Wegħda t'Alla l-Missier – Ħenn għalina
Raġġ ta' dawl mis-sema -- Ħenn għalina
Għerq ta' kull tjubija -- Ħenn għalina
Għajn tal-ilma tas-sema -- Ħenn għalina
Nar imħeġġeġ -- Ħenn għalina
Karità mimlija ħrara -- Ħenn għalina
Balzmu ta' faraġ spiritwali -- Ħenn għalina

Spirtu ta'mħabba u verità -- Ħenn għalina
Spirtu ta' għerf u fehma -- Ħenn għalina
Spirtu ta' kunsill u qawwa -- Ħenn għalina
Spirtu ta' għaqal u devozzjoni -- Ħenn għalina
Spirtu tal-biża' qaddis t'Alla -- Ħenn għalina
Spirtu ta' grazzja u talb -- Ħenn għalina
Spirtu ta' paċi u ħlewwa -- Ħenn għalina
Spirtu ta' modestja u innoċenza -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jagħti l-faraġ -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jqaddes -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jmexxi l-Knisja -- Ħenn għalina
Don t'Alla l-Għoli -- Ħenn għalina

Spirtu li jimla' l-ħolqien kollu -- Ħenn għalina
Spirtu li jagħmilna wlied Alla -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jikxfilna l-kruha tad-dnub -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, ejja u ġedded wiċċ id-dinja -- Ħenn għalina

Spirtu s-Santu, sawwab id-dawl tiegħek f'ruħna -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, onqox il-liġi tiegħek fuqna -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, onqox il-liġi tiegħek fuq qalbna -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, kebbes fina n-nar ta' mħabbtek -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, iftħilna t-teżori tal-grazzji tiegħek -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, għallimna nitolbu tajjeb -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, dawwalna bl-ispirazzjonijiet tiegħek tas-sema -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, mexxina fit-triq tas-salvazzjoni -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, agħtina dak l-għerf li hu biss meħtieġ -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, ħeġġiġna biex nagħmlu dak li hu tajjeb -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, agħtina l-merti tal-virtujiet kollha -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, kun Int il-premju tagħna ta' dejjem -- Ħenn għalina

Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja – *Ibagħtilna l-Ispirtu s-Santu*
Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja –*Ferra' f'ruħna d-doni tal-Ispirtu s-Santu*
Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja –*Agħtina l-Ispirtu ta' għerf u qdusija*

Ejja Spirtu s-Santu! Imla' l-qlub tal-fidili u kebbes fihom in-nar ta' Imħabbtek

**Nitolbu**
Agħtina, O Missier ħanin, li l-Ispirtu Divin idawwalna, iħeġġiġna u jippurifikana, hekk li jippenetra fina bħal nida mis-Sema u jagħtina li nagħmlu frott ta' għemejjel tajba. Nitolbuk dan b'Ibnek Sidna Ġesu' Kristu, li miegħek flimkien mal-Ispirtu s-Santu, jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.
**R. Ammen.**

**Litanija tal-Verġni Mqaddsa Marija (Litanija ta' Loretu)**

| | |
|---|---|
| Mulej, ħniena. | Mulej, ħniena |
| Kristu, ħniena | Kristu, ħniena |
| Mulej, ħniena | Mulej, ħniena |
| Kristu, ismagħna | Kristu, ismagħna |
| Kristu, ilqa' t-talb tagħna | Kristu, ilqa' t-talb tagħna |
| Missier etern Alla | Ħenn għalina |
| Iben Alla li fdejt id-dinja | Ħenn għalina |
| Spirtu qaddis Alla | Ħenn għalina |
| Trinità qaddisa, Alla wieħed | Ħenn għalina |

| | |
|---|---|
| Imqaddsa Marija | Itlob għalina |
| Imqaddsa Omm Alla | Itlob għalina |
| Imqaddsa xebba tax-xbejbiet | Itlob għalina |
| Omm ta' Kristu | Itlob għalina |
| Omm il-Knisja | Itlob għalina |
| Omm tal-grazzja t'Alla | Itlob għalina |
| Omm l-iżjed safja | Itlob għalina |
| Omm l-iżjed nadifa | Itlob għalina |
| Omm u xebba | Itlob għalina |
| Omm bla tebgħa | Itlob għalina |
| Omm li tistħoqq l-imħabba | Itlob għalina |
| Omm tal-għaġeb | Itlob għalina |
| Omm tal-parir it-tajjeb | Itlob għalina |
| Omm ta' min ħalaqna | Itlob għalina |
| Omm ta' min salvana | Itlob għalina |
| | |
| Xebba kollok għaqal | Itlob għalina |
| Xebba li tistħoqq kull qima | Itlob għalina |
| Xebba li tistħoqq kull foħrija | Itlob għalina |
| Xebba kollok setgħa | Itlob għalina |
| Xebba kollok ħniena | Itlob għalina |
| Xebba dejjem marbuta ma' Alla | Itlob għalina |
| Mera tal-qdusija | Itlob għalina |
| Tron tal-għerf | Itlob għalina |
| Bidu tal-ferħ tagħna | Itlob għalina |
| | |
| Għamara tal-Ispirtu s-Santu | Itlob għalina |
| Għamara ta' kull grazzja | Itlob għalina |
| Għamara ta' kull tjieba | Itlob għalina |
| Warda mistika | Itlob għalina |
| Torri ta' David | Itlob għalina |
| Torri tal-avorju | Itlob għalina |
| Dar tad-deheb | Itlob għalina |
| Arka tar-Rabta l-ġdida | Itlob għalina |
| Bieb tas-sema | Itlob għalina |
| Kewkba ta' filgħodu | Itlob għalina |
| Saħħa tal-morda | Itlob għalina |
| Kenn tal-midinbin | Itlob għalina |
| Faraġ tal-imnikktin | Itlob għalina |
| Għajnuna tal-insara | Itlob għalina |

| | |
|---|---|
| Sultana tal-anġli | Itlob għalina |
| Sultana tal-patrijarki | Itlob għalina |
| Sultana tal-profeti | Itlob għalina |
| Sultana tal-appostli | Itlob għalina |
| Sultana tal-martri | Itlob għalina |
| Sultana tal-konfessuri | Itlob għalina |
| Sultana tal-Verġni | Itlob għalina |
| Sultana tal-qaddisin kollha | Itlob għalina |
| Sultana mnissla mingħajr l-ewwel tebgħa | Itlob għalina |
| Sultana mtellgħa s-sema | Itlob għalina |
| Sultana tar-Rużarju mqaddes | Itlob għalina |
| Sultana tal-familja | Itlob għalina |
| Sultana tal-paċi | Itlob għalina |

Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja aħfrilna, nitolbuk, Mulej
Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja ismagħna, nitolbuk, Mulej
Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja ħenn għalina

V. Itlob għalina qaddisa Omm Alla,
R. Biex ikun jistħoqqilna dak li wegħedna Kristu.

**Nitolbu**
Agħti lilna, qaddejja tiegħek, Mulej Alla, nitolbuk, li ngawdu dejjem is-saħħa fir-ruħ u l-ġisem, u bit-talb glorjuż tal-imqaddsa Marija dejjem Verġni nkunu meħlusa mid-dwejjaq ta' issa u ngawdu l-hena ta' dejjem. Bi Kristu Sidna.
**R. Ammen.**

**Sliem għalik, kewkba tal-baħar – Ave Maris Stella**

Sliem għalik, kewkba tal-baħar,
Omm qaddisa u kbira t'Alla,
dejjem Verġni bla mittiefsa,
bieb il-hena u ferħ tas-sema.

Ilqa' l-"Ave" li bil-qima
Gabrijel qed isemmagħlek,
ibdel fiha l-isem t'Eva
ħalli jerġa' s-sliem fid-dinja.

Qaċċat kull irbit lill-ħatja,
ġib id-dawl lill-għomja kollha,
biegħed minna l-ħażen tagħna,
niżżel fuqna l-ġid tas-sema.

Uri li tassew int Ommna.
wassal talbna quddiem Alla,
li fi ħnientu twieled minnek
biex issir għalina bniedem.

Verġni fost kulħadd magħżula,
ta' qalb ħelwa fost il-ħlejjaq,
itlob 'l Ibnek biex jagħtina
maħfra, safa u spirtu ħlejju.

Għinna ngħaddu ħajja mseddqa,
żommna sħaħ fit-triq iż-żgura,
sa ma niksbu l-ferħ tad-dehra
ta' Ġesù għal dejjem miegħek. Ammen.

**Talb lil Marija ta' San Alwiġi De Montfort**

Sliem o Marija, Bint maħbuba tal-Missier Etern! Sliem o Marija, Omm ta' min jammira tal-Iben! Sliem o Marija, Għarusa fidila tal-Ispirtu s-Santu! Sliem o Marija, Ommi l-għażiża, Sidti, u sovrana qawwija tiegħi! Sliem o ferħ tiegħi, glorja tiegħi, qalbi u ruħi!

Int kollok tiegħi permezz tal-ħniena, u jien kollni tiegħek b'ġustizzja. Imma għadni m'iniex biżżejjed tiegħek. Jien issa nagħti lili nnifsi kollni kemm jien lilek, mingħajr ma nżomm xejn lura għalija nnifsi jew għall-oħrajn. Jekk int tibqa' tara fija xi ħaġa li mhux tiegħek, nitolbok biex din wkoll toħodha għalik u tagħmel lilek innifsek is-Sid assoluta ta' dak kollu li huwa tiegħi. Iddistruġġi fija dak kollu li mhux qed jogħġob lil Alla, aqalgħu mill-għeruq u ġibu fix-xejn; iżra' u kabbar fija kull ma jogħġob lilek.

Agħmel li d-dawl tal-fidi tiegħek ikeċċi d-dlam li hemm f'moħħi; agħmel li l-umilta' profonda tiegħek tieħu post is-suppervja tiegħi; agħmel li l-kontemplazzjoni tiegħek ta' Alla ma tħallinix niddistratta ruħi b'immaġinazzjonijiet li jtelfuni; agħmel li l-viżżjoni kontinwa tiegħek ta' Alla

timla' l-memorja tiegħi bil-preżenza ta' Alla; agħmel lin-nar jaqgħbad ta' Qalbek iħeġġeġ il-bruda li hemm fija; agħmel li l-virtujiet tiegħek jieħdu post ta' dnubieti; agħmel li l-merti tiegħek ikunu l-unika tiżjin tiegħi f'għajnejn Alla u jimlew dak li hu nieqes fija.

Fl-aħħar nett, għażiża Ommi, agħtini, jekk hu possibli, li jien ma jkolli l-ebda spirtu ieħor ħlief dak tiegħek biex insir naf lil Ġesu' u r-Rieda qaddisa Tiegħu; li ma jkolli l-ebda ruħ oħra ħlief dik tiegħek biex infaħħar u niglorifika lill-Mulej; li ma jkolli l-ebda qalb oħra ħlief dik tiegħek biex inħobb lil Alla b'imħabba safja u tħeġġeġ bħalek.

Jien ma nitolbokx għal viżżjonijiet, rivelazzjonijiet, devozzjoni sensibli, jew konsolazzjonijiet spiritwali. Huwa privileġġ tiegħek li tara lil Alla b'mod ċar; huwa privileġġ tiegħek li tgawdi l-hena tas-sema; huwa privileġġ tiegħek li ssaltan glorjuża fil-Ġenna fil-lemin ta' Ibnek u tiegħek it-treġija assoluta fuq l-anġli, il-bnedmin u d-demonji; huwa privileġġ tiegħek li tiddisponi mill-grazzji kollha ta' Alla, hekk kif inti fil-fatt tagħmel.

Din hi, o Marija tas-Sema, l-"aqwa parti," li l-Mulej tak u li qatt mhu ser tittieħidlek --- u dan il-ħsieb jimlili lil qalbi bil-ferħ. U għal dak li jmiss lili hawn fl-art, ma nixtieq xejn aktar milli nkun tiegħek: li nemmen b'sinċerita' mingħajr konsolazzjonijiet spiritwali; li nsofri mingħajr faraġ li jiġi mingħand il-bnedmin; li mmut kontinwament bla ma nieqaf għar-rieda tiegħi u għalija nnifsi; u li naħdem b'zelu u bla egoiżu għalik, sa jum mewti, bħala qaddej mill-aktar umli tiegħek.

L-unika grazzja li nitolbok li tikseb għalija hi dik li kull jum u kull mument ta' ħajti nkun nista' ngħid: Ammen, hekk ikun --- għal dak kollu li int għamilt meta kont għadek fuq din l-art; Ammen, hekk ikun --- għal dak kollu li int qed tagħmel bħalissa fil-Ġenna; Ammen, hekk ikun --- għal dak li int qed tagħmel f'ruħi, sabiex inti biss tkun tista' tiglorifika b'mod sħiħ lil Ġesu' fija għaż-żmien t'issa u għall-eternita'. Ammen.

## JUM 22: Konsagrazzjoni totali lil Ġesu' permezz ta' Marija

### GĦAN: Insiru nafu iżjed lill-Verġni Mbierka

Atti ta' mħabba, devozzjoni vera lejn il-Verġni Mbierka, imitazzjoni tal-virtujiet tagħha, b'mod speċjali l-umilta' profonda, il-fidi ħajja, l-ubbidjenza għamja, it-talb kontinwu f'qalbha, il-mortifikazzjoni tagħha f'kull ħaġa, is-safa li fiha

tgħaddina lkoll, il-karita' mħeġġa, il-paċenzja erojka, il-ħlewwa anġelika, u l-għerf divin tagħha: bħalma jgħid San Alwiġi De Montfort, "l-għaxar virtujiet prinċipali tal-Verġni Mbierka."

Għandna ningħaqdu ma' Ġesu' permezz ta' Marija – din hija l-karatteristika tad-devozzjoni tagħna; għalhekk San Alwiġi De Montfort jitlob li wieħed jimpenja ruħu biex isir jaf sewwa lill-Verġni Mbierka.

Marija hija s-sovjana u l-medjatriċi, Ommna u Sidtna. Mela ejjew inkunu midħla tal-effetti regali tagħha, ta' din il-meditazzjoni, u ta' din il-maternita', kif ukoll tal-kobor u l-prerogattivi li hawn huma fundamentali, flimkien mal-konsegwenzi tagħhom. Ommna hi wkoll taħlita perfetta fejn aħna għandna niġu magħġuna biex tassew nagħmlu tagħna l-intenzjonijiet u d-dispożizzjonijiet tagħha. Dan ma nistgħux niksbu mingħajr ma nistudjaw bir-reqqa il-ħajja interjuri, prinċiparjament il-virtujiet tagħha, is-sentimenti, l-azzjonijiet, il-parteċipazzjoni fil-misteri ta' Kristu u l-unjoni tagħha Miegħu.

**QARI**

**Devozzjoni vera lejn il-Verġni Mbierka Marija ta' San Alwiġi De Montfort: (Paragrafi 106–110)**

Il-vera devozzjoni lejn il-Madonna hi *interjuri*, jiġifieri tiġi mill-moħħ u mill-qalb. Il-bidu tagħha hu r-rispett li għandna lejn il-Verġni Mbierka, mill-idea għolja li ffurmajna tal-kobor tagħha u mill-imħabba li għandna lejha.

Hija *delikata*, jiġifieri mimlija bil-fiduċja fil-Verġni Mbierka, bħal fiduċja li għandha tarbija f'ommha. Iġġegħelna nersqu lejha, fil-bżonnijiet kollha tagħna, tal-ġisem u tar-ruħ, u dan nagħmluh b'sempliċita', b'fiduċja u bi ħlewwa kbira.
Aħna nħarsu lejn din l-Omm Twajba fil-ħtiġijiet kollha tagħna, dejjem u fiċ-ċikustanzi kollha, fid-dubbji tagħna biex inkunu mdawlin; fit-telfien tagħna biex inkunu nistgħu niġu mmexxija fit-triq id-dritta; fit-tiġrib tagħna biex inkunu megħjunin; fil-personalita' tagħna biex inkunu msaħħin; fil-qtigħ il-qalb tagħna, biex inkunu nkoraġġiti, fl-iskrupli tagħna biex inkunu ikkwetati u żgurati; u fis-slaleb, provi u taħbit tal-ħajja tagħna, biex inkunu mfarrġa.

Fl-aħħarnett aħna nduru lejn Marija fid-dwejjaq kollha tagħna tal-ġisem u tar-ruħ, għaliex m'għandha ebda biża' li se ndejqu lil din l-Omm Twajba, u ma nogħġbux lil Ġesu'.

Il-vera devozzjoni lejn il-Madonna hija *qaddisa*, jiġifieri tmexxina biex naħarbu d-dnub u nimitawha, speċjalment fl-għaxar virtujiet prinċipali tagħha: l-umilta' profonda tagħha, il-fidi ħajja tagħha, l-ubbidjenza għamja tagħha, it-talb bla jaqta' tagħha, il-mortifikazzjoni tagħha f'kollox, is-safa bla paragun tagħha, il-karita' mħeġġa tagħha, il-paċenzja erojka tagħha, il-ħlewwa anġelika tagħha u l-għerf divin tagħha.

Il-vera devozzjoni lejn il-Madonna hi *kostanti*. Hi ssaħħaħna fil-għemil it-tajjeb u ma tħalliniex, biex għal ħaġa ta' xejn inħallu d-drawwiet tad-devozzjoni; tgaħtina l-kuraġġ biex nieqfu lid-dinja u biex niċħdu l-modi u l-għerf ta' din id-dinja; tagħmilna kapaċi niġġieldu mal-ġisem bil-passjonijiet u l-ġibdiet ħżiena tiegħu, u x-xitan bit-tentazzjoni tiegħu. Bħala riżultat, bniedem li hu veru devot tal-Madonna: ma jbiddilx, ma jgħixx skont l-aptit, mhux skrupluż jew beżżiegħi. Naturalment, mhux li bniedem bħal dan qatt ma jaqa' jew ivarja fis-sentimenti ta; devozzjoni, imma jekk jaqa', iqum billi jaqbad l-id tal-Omm twajba tiegħu; u jekk iħoss li d-devozzjonijiet tiegħu huma xotti u mingħajr ħeġġa, ma jitħawwadx. Għaliex id-devot veru u fidil ta' Marija jgħix bil-fidi ta' Ġesu' u ta' Marija u mhux bit-tqanqil u s-sentimenti naturali.

Fl-aħħarnett il-vera devozzjoni hi *diżinteressata*, jiġifieri hi li tispira lir-ruħ, biex tfittex mhux lilha nfisha imma 'l Alla waħdu, f'Ommu l-għażiża. Il-veru devot ta' Marija ma jaqdix lil din is-Sultana sublimi bil-ħsieb li jaqla' jew għall-interess tiegħu nnifsu; lanqas bil-ħsieb li jakkwista xi ġid temporali tal-ġisem u lanqas tar-ruħ, imma jaqdiha biss għaliex jistħoqqilha li tkun moqdija, u Alla biss ikun moqdi meta naqdu lilha. Aħna ma nħobbux lill-Madonna speċifikament għal dak li naqilgħu jew nittamaw li naqilgħu minn għandha, imma aħna nħobbuha għax hi ta' min iħobbha. Hu għalhekk li aħna nħobbuha u naqduha bl-istess fedelta' f'mumenti ta' nixfa spiritwali, kif ukoll meta nduqu l-ħlewwa tal-fervur imqanqal. Inħobbuha bl-istess ħerqa fuq l-Kalvarju kif ukoll inħobbuha fit-tieġ ta' Kana.

Kemm jogħġob u kemm hu prezzjuż dak id-devot ta' Marija li ma jfittex bl-ebda mod lilu nnifsu fil-qadi li jagħtiha! Iżda kemm huma skarsi dawn id-devoti llum! Biex nirrimedja għal din l-iskarsezza, jien qed nikteb dak li għallimt fil-beraħ u fil-privat matul il-ħafna snin tal-missjoni tiegħi.

**TALB**

**Litanija tal-Ispirtu s-Santu**

Mulej ħniena -- Mulej ħniena
Kristu ħniena -- Kristu ħniena
Mulej ħniena -- Mulej ħniena
Missier li tista' kollox – Ħenn għalina
Ġesù, Iben Etern tal-Missier -- Ħenn għalina
Feddej tad-dinja – Salvana
Spirtu tal-Missier u tal-Iben – Salvana
Ħajja bla qies, tagħhom it-tnejn -- Qaddisna
Trinità Qaddisa -- Ismagħna
Spirtu Santu li ġej mill-Missier -- Inżel f'qalbna
Spirtu Santu, li Int daqs il-Missier u l-Iben -- Inżel f'qalbna
Wegħda t'Alla l-Missier – Ħenn għalina
Raġġ ta' dawl mis-sema -- Ħenn għalina
Għerq ta' kull tjubija -- Ħenn għalina
Għajn tal-ilma tas-sema -- Ħenn għalina
Nar imħeġġeġ -- Ħenn għalina
Karità mimlija ħrara -- Ħenn għalina
Balzmu ta' faraġ spiritwali -- Ħenn għalina

Spirtu ta'mħabba u verità -- Ħenn għalina
Spirtu ta' għerf u fehma -- Ħenn għalina
Spirtu ta' kunsill u qawwa -- Ħenn għalina
Spirtu ta' għaqal u devozzjoni -- Ħenn għalina
Spirtu tal-biża' qaddis t'Alla -- Ħenn għalina
Spirtu ta' grazzja u talb -- Ħenn għalina
Spirtu ta' paċi u ħlewwa -- Ħenn għalina
Spirtu ta' modestja u innoċenza -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jagħti l-faraġ -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jqaddes -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jmexxi l-Knisja -- Ħenn għalina
Don t'Alla l-Għoli -- Ħenn għalina

Spirtu li jimla' l-ħolqien kollu -- Ħenn għalina
Spirtu li jagħmilna wlied Alla -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jikxfilna l-kruha tad-dnub -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, ejja u ġedded wiċċ id-dinja -- Ħenn għalina

Spirtu s-Santu, sawwab id-dawl tiegħek f'ruħna -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, onqox il-liġi tiegħek fuqna -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, onqox il-liġi tiegħek fuq qalbna -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, kebbes fina n-nar ta' mħabbtek -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, iftħilna t-teżori tal-grazzji tiegħek -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, għallimna nitolbu tajjeb -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, dawwalna bl-ispirazzjonijiet tiegħek tas-sema -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, mexxina fit-triq tas-salvazzjoni -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, agħtina dak l-għerf li hu biss meħtieġ -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, ħeġġiġna biex nagħmlu dak li hu tajjeb -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, agħtina l-merti tal-virtujiet kollha -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, kun Int il-premju tagħna ta' dejjem -- Ħenn għalina

Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja – *Ibagħtilna l-Ispirtu s-Santu*
Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja –*Ferra' f'ruħna d-doni tal-Ispirtu s-Santu*
Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja –*Agħtina l-Ispirtu ta' għerf u qdusija*

Ejja Spirtu s-Santu! Imla' l-qlub tal-fidili u kebbes fihom in-nar ta' Imħabbtek

**Nitolbu**
Agħtina, O Missier ħanin, li l-Ispirtu Divin idawwalna, iħeġġiġna u jippurifikana, hekk li jippenetra fina bħal nida mis-Sema u jagħtina li nagħmlu frott ta' għemejjel tajba. Nitolbuk dan b'Ibnek Sidna Ġesu' Kristu, li miegħek flimkien mal-Ispirtu s-Santu, jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.
**R. Ammen.**

**Litanija tal-Verġni Mqaddsa Marija (Litanija ta' Loretu)**

| | |
|---|---|
| Mulej, ħniena. | Mulej, ħniena |
| Kristu, ħniena | Kristu, ħniena |
| Mulej, ħniena | Mulej, ħniena |
| Kristu, ismagħna | Kristu, ismagħna |
| Kristu, ilqa' t-talb tagħna | Kristu, ilqa' t-talb tagħna |
| Missier etern Alla | Ħenn għalina |
| Iben Alla li fdejt id-dinja | Ħenn għalina |
| Spirtu qaddis Alla | Ħenn għalina |
| Trinità qaddisa, Alla wieħed | Ħenn għalina |

| | |
|---|---|
| Imqaddsa Marija | Itlob għalina |
| Imqaddsa Omm Alla | Itlob għalina |
| Imqaddsa xebba tax-xbejbiet | Itlob għalina |
| Omm ta’ Kristu | Itlob għalina |
| Omm il-Knisja | Itlob għalina |
| Omm tal-grazzja t’Alla | Itlob għalina |
| Omm l-iżjed safja | Itlob għalina |
| Omm l-iżjed nadifa | Itlob għalina |
| Omm u xebba | Itlob għalina |
| Omm bla tebgħa | Itlob għalina |
| Omm li tistħoqq l-imħabba | Itlob għalina |
| Omm tal-għaġeb | Itlob għalina |
| Omm tal-parir it-tajjeb | Itlob għalina |
| Omm ta’ min ħalaqna | Itlob għalina |
| Omm ta’ min salvana | Itlob għalina |
| | |
| Xebba kollok għaqal | Itlob għalina |
| Xebba li tistħoqq kull qima | Itlob għalina |
| Xebba li tistħoqq kull foħrija | Itlob għalina |
| Xebba kollok setgħa | Itlob għalina |
| Xebba kollok ħniena | Itlob għalina |
| Xebba dejjem marbuta ma’ Alla | Itlob għalina |
| Mera tal-qdusija | Itlob għalina |
| Tron tal-għerf | Itlob għalina |
| Bidu tal-ferħ tagħna | Itlob għalina |
| | |
| Għamara tal-Ispirtu s-Santu | Itlob għalina |
| Għamara ta’ kull grazzja | Itlob għalina |
| Għamara ta’ kull tjieba | Itlob għalina |
| Warda mistika | Itlob għalina |
| Torri ta’ David | Itlob għalina |
| Torri tal-avorju | Itlob għalina |
| Dar tad-deheb | Itlob għalina |
| Arka tar-Rabta l-ġdida | Itlob għalina |
| Bieb tas-sema | Itlob għalina |
| Kewkba ta’ filgħodu | Itlob għalina |
| Saħħa tal-morda | Itlob għalina |
| Kenn tal-midinbin | Itlob għalina |
| Faraġ tal-imnikktin | Itlob għalina |
| Għajnuna tal-insara | Itlob għalina |

| | |
|---|---|
| Sultana tal-anġli | Itlob għalina |
| Sultana tal-patrijarki | Itlob għalina |
| Sultana tal-profeti | Itlob għalina |
| Sultana tal-appostli | Itlob għalina |
| Sultana tal-martri | Itlob għalina |
| Sultana tal-konfessuri | Itlob għalina |
| Sultana tal-Verġni | Itlob għalina |
| Sultana tal-qaddisin kollha | Itlob għalina |
| Sultana mnissla mingħajr l-ewwel tebgħa | Itlob għalina |
| Sultana mtellgħa s-sema | Itlob għalina |
| Sultana tar-Rużarju mqaddes | Itlob għalina |
| Sultana tal-familja | Itlob għalina |
| Sultana tal-paċi | Itlob għalina |

Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja aħfrilna, nitolbuk, Mulej
Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja ismagħna, nitolbuk, Mulej
Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja ħenn għalina

V. Itlob għalina qaddisa Omm Alla,
R. Biex ikun jistħoqqilna dak li wegħedna Kristu.
**Nitolbu**
Agħti lilna, qaddejja tiegħek, Mulej Alla, nitolbuk, li ngawdu dejjem is-saħħa fir-ruħ u l-ġisem, u bit-talb glorjuż tal-imqaddsa Marija dejjem Verġni nkunu meħlusa mid-dwejjaq ta' issa u ngawdu l-hena ta' dejjem. Bi Kristu Sidna.
**R. Ammen.**

**Sliem għalik, kewkba tal-baħar – Ave Maris Stella**

Sliem għalik, kewkba tal-baħar,
Omm qaddisa u kbira t'Alla,
dejjem Verġni bla mittiefsa,
bieb il-hena u ferħ tas-sema.

Ilqa' l-"Ave" li bil-qima
Gabrijel qed isemmagħlek,
ibdel fiha l-isem t'Eva
ħalli jerġa' s-sliem fid-dinja.

Qaċċat kull irbit lill-ħatja,
ġib id-dawl lill-għomja kollha,
biegħed minna l-ħażen tagħna,
niżżel fuqna l-ġid tas-sema.

Uri li tassew int Ommna.
wassal talbna quddiem Alla,
li fi ħnientu twieled minnek
biex issir għalina bniedem.

Verġni fost kulħadd magħżula,
ta' qalb ħelwa fost il-ħlejjaq,
itlob 'l Ibnek biex jagħtina
maħfra, safa u spirtu ħlejju.

Għinna ngħaddu ħajja mseddqa,
żommna sħaħ fit-triq iż-żgura,
sa ma niksbu l-ferħ tad-dehra
ta' Ġesù għal dejjem miegħek. Ammen.

**Talb lil Marija ta' San Alwiġi De Montfort**

Sliem o Marija, Bint maħbuba tal-Missier Etern! Sliem o Marija, Omm ta' min jammira tal-Iben! Sliem o Marija, Għarusa fidila tal-Ispirtu s-Santu! Sliem o Marija, Ommi l-għażiża, Sidti, u sovrana qawwija tiegħi! Sliem o ferħ tiegħi, glorja tiegħi, qalbi u ruħi!

Int kollok tiegħi permezz tal-ħniena, u jien kollni tiegħek b'ġustizzja. Imma għadni m'iniex biżżejjed tiegħek. Jien issa nagħti lili nnifsi kollni kemm jien lilek, mingħajr ma nżomm xejn lura għalija nnifsi jew għall-oħrajn. Jekk int tibqa' tara fija xi ħaġa li mhux tiegħek, nitolbok biex din wkoll toħodha għalik u tagħmel lilek innifsek is-Sid assoluta ta' dak kollu li huwa tiegħi. Iddistruġġi fija dak kollu li mhux qed jogħġob lil Alla, aqalgħu mill-għeruq u ġibu fix-xejn; iżra' u kabbar fija kull ma jogħġob lilek.

Agħmel li d-dawl tal-fidi tiegħek ikeċċi d-dlam li hemm f'moħħi; agħmel li l-umilta' profonda tiegħek tieħu post is-suppervja tiegħi; agħmel li l-kontemplazzjoni tiegħek ta' Alla ma tħallinix niddistratta ruħi b'immaġinazzjonijiet li jtelfuni; agħmel li l-viżżjoni kontinwa tiegħek ta' Alla

timla' l-memorja tiegħi bil-preżenza ta' Alla; agħmel lin-nar jaqgħbad ta' Qalbek iħeġġeġ il-bruda li hemm fija; agħmel li l-virtujiet tiegħek jieħdu post ta' dnubieti; agħmel li l-merti tiegħek ikunu l-unika tiżjin tiegħi f'għajnejn Alla u jimlew dak li hu nieqes fija.

Fl-aħħar nett, għażiża Ommi, agħtini, jekk hu possibli, li jien ma jkolli l-ebda spirtu ieħor ħlief dak tiegħek biex insir naf lil Ġesu' u r-Rieda qaddisa Tiegħu; li ma jkolli l-ebda ruħ oħra ħlief dik tiegħek biex infaħħar u niglorifika lill-Mulej; li ma jkolli l-ebda qalb oħra ħlief dik tiegħek biex inħobb lil Alla b'imħabba safja u tħeġġeġ bħalek.

Jien ma nitolbokx għal viżżjonijiet, rivelazzjonijiet, devozzjoni sensibli, jew konsolazzjonijiet spiritwali. Huwa privileġġ tiegħek li tara lil Alla b'mod ċar; huwa privileġġ tiegħek li tgawdi l-hena tas-sema; huwa privileġġ tiegħek li ssaltan glorjuża fil-Ġenna fil-lemin ta' Ibnek u tiegħek it-treġija assoluta fuq l-anġli, il-bnedmin u d-demonji; huwa privileġġ tiegħek li tiddisponi mill-grazzji kollha ta' Alla, hekk kif inti fil-fatt tagħmel.

Din hi, o Marija tas-Sema, l-"aqwa parti," li l-Mulej tak u li qatt mhu ser tittieħidlek --- u dan il-ħsieb jimlili lil qalbi bil-ferħ. U għal dak li jmiss lili hawn fl-art, ma nixtieq xejn aktar milli nkun tiegħek: li nemmen b'sinċerita' mingħajr konsolazzjonijiet spiritwali; li nsofri mingħajr faraġ li jiġi mingħand il-bnedmin; li mmut kontinwament bla ma nieqaf għar-rieda tiegħi u għalija nnifsi; u li naħdem b'zelu u bla egoiżu għalik, sa jum mewti, bħala qaddej mill-aktar umli tiegħek.

L-unika grazzja li nitolbok li tikseb għalija hi dik li kull jum u kull mument ta' ħajti nkun nista' ngħid: Ammen, hekk ikun --- għal dak kollu li int għamilt meta kont għadek fuq din l-art; Ammen, hekk ikun --- għal dak kollu li int qed tagħmel bħalissa fil-Ġenna; Ammen, hekk ikun --- għal dak li int qed tagħmel f'ruħi, sabiex inti biss tkun tista' tiglorifika b'mod sħiħ lil Ġesu' fija għaż-żmien t'issa u għall-eternita'. Ammen.

## JUM 23: Konsagrazzjoni totali lil Ġesu' permezz ta' Marija

### GĦAN: Insiru nafu iżjed lill-Verġni Mbierka

Atti ta' mħabba, devozzjoni vera lejn il-Verġni Mbierka, imitazzjoni tal-virtujiet tagħha, b'mod speċjali l-umilta' profonda, il-fidi ħajja, l-ubbidjenza għamja, it-talb kontinwu f'qalbha, il-mortifikazzjoni tagħha f'kull ħaġa, is-safa li fiha

tgħaddina lkoll, il-karita' mħeġġa, il-paċenzja erojka, il-ħlewwa anġelika, u l-għerf divin tagħha: bħalma jgħid San Alwiġi De Montfort, "l-għaxar virtujiet prinċipali tal-Verġni Mbierka."

Għandna ningħaqdu ma' Ġesu' permezz ta' Marija – din hija l-karatteristika tad-devozzjoni tagħna; għalhekk San Alwiġi De Montfort jitlob li wieħed jimpenja ruħu biex isir jaf sewwa lill-Verġni Mbierka.

Marija hija s-sovjana u l-medjatriċi, Ommna u Sidtna. Mela ejjew inkunu midħla tal-effetti regali tagħha, ta' din il-meditazzjoni, u ta' din il-maternita', kif ukoll tal-kobor u l-prerogattivi li hawn huma fundamentali, flimkien mal-konsegwenzi tagħhom. Ommna hi wkoll taħlita perfetta fejn aħna għandna niġu magħġuna biex tassew nagħmlu tagħna l-intenzjonijiet u d-dispożizzjonijiet tagħha. Dan ma nistgħux niksbu mingħajr ma nistudjaw bir-reqqa il-ħajja interjuri, prinċiparjament il-virtujiet tagħha, is-sentimenti, l-azzjonijiet, il-parteċipazzjoni fil-misteri ta' Kristu u l-unjoni tagħha Miegħu.

**QARI**

**Devozzjoni vera lejn il-Verġni Mbierka Marija ta' San Alwiġi De Montfort: (Paragrafi 120–121)**

Ladarba l-perfezzjoni tagħna tikkonsisti filli nkunu nixbħu, maqgħudin, u kkonsagrati lil Ġesu' Kristu, l-aktar perfetta fost id-devozzjonijiet, hi bla dubju, dik li l-aktar perfettament ixxebbaħna, tgħaqqadna u tikkonsagrana ma' dal-mudell perfett tal-qdusija. Issa la darba Marija, hi fost il-krejaturi kollha l-aktar li tixbaħ lil Ġesu' Kristu, jirriżulta li fost id-devozzjonijiet kollha, dik li tikkonsagrana u xxebbaħna l-aħjar mas-Sinjur Tagħna, hi d-devozzjoni lejn il-Madonna, l-Imqaddsa Ommu; u li aktar ma nkunuu kkonsagrati lil Marija, aktar inkunu perfettament maqgħudin ma' Ġesu' Kristu.

Għalhekk l-aktar konsagrazzjoni perfetta lil Ġesu' Kristu, mhix ħaġ'oħra ħlief konsagrazzjoni perfetta u sħiħa tagħna nfusna lil Verġni Marija – id-devozzjoni li jien nirrikmanda; jew fi kliem ieħor tiġdid perfett tal-wegħdiet tal-Magħmudija Mqaddsa.

Din id-devozzjoni, mela, tikkonsisti filli nagħtu lilna nfusna kollna kemm aħna lill-Imqaddsa Verġni Marija, biex permezz tagħha aħna nkunu nistgħu nkunu kollna kemm aħna ta' Ġesu'. Aħna għandna nagħtuha:

(1) Ġisimna bis-sensi u l-membri kollha tiegħu;

(2) Ruħna bis-setgħat kollha tagħha;

(3) Il-ġid materjali li għandna u dak li nistgħu nakkwistaw;

(4) Il-ġid interjuri u spiritwali – il-merti tagħna, il-virtujiet tagħna u l-opri tajba tagħna, tal-imgħoddi, ta' issa u ta' li ġej; fil-qasir dak kollu li għandna fl-ordni tan-natura, fl-ordni tal-grazzja u dak li qatt jista' jkun tagħna, fl-ordni tan-natura, fl-ordni tal-grazzja u fl-ordni tal-glorja – u dan mingħajr l-ebda riserva, lanqas tal-iċken opra tajba; u għall-eternita' kollha. Meta nagħmlu hekk, m'għandniex nippretendu jew nistennew, għall-offerta u x-xogħol tagħna, ebda ħlas, ħlief dak il-ġieh li aħna ta' Ġesu' Kristu permezz ta' Marija u f'Marija, ma nħallux lilna nfusna niġu konxjament influwenzati mill-fatt li hi dejjem l-aktar liberali u l-aktar grata fost il-kreaturi.

**TALB**

**Litanija tal-Ispirtu s-Santu**

Mulej ħniena -- Mulej ħniena
Kristu ħniena -- Kristu ħniena
Mulej ħniena -- Mulej ħniena
Missier li tista' kollox – Ħenn għalina
Ġesù, Iben Etern tal-Missier -- Ħenn għalina
Feddej tad-dinja – Salvana
Spirtu tal-Missier u tal-Iben – Salvana
Ħajja bla qies, tagħhom it-tnejn -- Qaddisna
Trinità Qaddisa -- Ismagħna
Spirtu Santu li ġej mill-Missier -- Inżel f'qalbna
Spirtu Santu, li Int daqs il-Missier u l-Iben -- Inżel f'qalbna
Wegħda t'Alla l-Missier – Ħenn għalina
Raġġ ta' dawl mis-sema -- Ħenn għalina
Għerq ta' kull tjubija -- Ħenn għalina
Għajn tal-ilma tas-sema -- Ħenn għalina
Nar imħeġġeġ -- Ħenn għalina
Karità mimlija ħrara -- Ħenn għalina
Balzmu ta' faraġ spiritwali -- Ħenn għalina

Spirtu ta'mħabba u verità -- Ħenn għalina
Spirtu ta' għerf u fehma -- Ħenn għalina
Spirtu ta' kunsill u qawwa -- Ħenn għalina
Spirtu ta' għaqal u devozzjoni -- Ħenn għalina
Spirtu tal-biża' qaddis t'Alla -- Ħenn għalina
Spirtu ta' grazzja u talb -- Ħenn għalina
Spirtu ta' paċi u ħlewwa -- Ħenn għalina
Spirtu ta' modestja u innoċenza -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jagħti l-faraġ -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jqaddes -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jmexxi l-Knisja -- Ħenn għalina
Don t'Alla l-Għoli -- Ħenn għalina

Spirtu li jimla' l-ħolqien kollu -- Ħenn għalina
Spirtu li jagħmilna wlied Alla -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jikxfilna l-kruha tad-dnub -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, ejja u ġedded wiċċ id-dinja -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, sawwab id-dawl tiegħek f'ruħna -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, onqox il-liġi tiegħek fuqna -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, onqox il-liġi tiegħek fuq qalbna -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, kebbes fina n-nar ta' mħabbtek -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, iftħilna t-teżori tal-grazzji tiegħek -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, għallimna nitolbu tajjeb -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, dawwalna bl-ispirazzjonijiet tiegħek tas-sema -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, mexxina fit-triq tas-salvazzjoni -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, agħtina dak l-għerf li hu biss meħtieġ -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, ħeġġiġna biex nagħmlu dak li hu tajjeb -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, agħtina l-merti tal-virtujiet kollha -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, kun Int il-premju tagħna ta' dejjem -- Ħenn għalina

Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja – *Ibagħtilna l-Ispirtu s-Santu*
Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja –*Ferra' f'ruħna d-doni tal-Ispirtu s-Santu*
Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja –*Agħtina l-Ispirtu ta' għerf u qdusija*

Ejja Spirtu s-Santu! Imla' l-qlub tal-fidili u kebbes fihom in-nar ta' Imħabbtek

**Nitolbu**

Agħtina, O Missier ħanin, li l-Ispirtu Divin idawwalna, iħeġġiġna u jippurifikana, hekk li jippenetra fina bħal nida mis-Sema u jagħtina li nagħmlu frott ta' għemejjel tajba. Nitolbuk dan b'Ibnek Sidna Ġesu' Kristu, li miegħek flimkien mal-Ispirtu s-Santu, jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.

**R. Ammen.**

**Litanija tal-Verġni Mqaddsa Marija (Litanija ta' Loretu)**

| | |
|---|---|
| Mulej, ħniena. | Mulej, ħniena |
| Kristu, ħniena | Kristu, ħniena |
| Mulej, ħniena | Mulej, ħniena |
| Kristu, ismagħna | Kristu, ismagħna |
| Kristu, ilqa' t-talb tagħna | Kristu, ilqa' t-talb tagħna |
| Missier etern Alla | Ħenn għalina |
| Iben Alla li fdejt id-dinja | Ħenn għalina |
| Spirtu qaddis Alla | Ħenn għalina |
| Trinità qaddisa, Alla wieħed | Ħenn għalina |
| Imqaddsa Marija | Itlob għalina |
| Imqaddsa Omm Alla | Itlob għalina |
| Imqaddsa xebba tax-xbejbiet | Itlob għalina |
| Omm ta' Kristu | Itlob għalina |
| Omm il-Knisja | Itlob għalina |
| Omm tal-grazzja t'Alla | Itlob għalina |
| Omm l-iżjed safja | Itlob għalina |
| Omm l-iżjed nadifa | Itlob għalina |
| Omm u xebba | Itlob għalina |
| Omm bla tebgħa | Itlob għalina |
| Omm li tistħoqq l-imħabba | Itlob għalina |
| Omm tal-għaġeb | Itlob għalina |
| Omm tal-parir it-tajjeb | Itlob għalina |
| Omm ta' min ħalaqna | Itlob għalina |
| Omm ta' min salvana | Itlob għalina |
| Xebba kollok għaqal | Itlob għalina |
| Xebba li tistħoqq kull qima | Itlob għalina |
| Xebba li tistħoqq kull foħrija | Itlob għalina |
| Xebba kollok setgħa | Itlob għalina |

| | |
|---|---|
| Xebba kollok ħniena | Itlob għalina |
| Xebba dejjem marbuta ma' Alla | Itlob għalina |
| Mera tal-qdusija | Itlob għalina |
| Tron tal-għerf | Itlob għalina |
| Bidu tal-ferħ tagħna | Itlob għalina |
| | |
| Għamara tal-Ispirtu s-Santu | Itlob għalina |
| Għamara ta' kull grazzja | Itlob għalina |
| Għamara ta' kull tjieba | Itlob għalina |
| Warda mistika | Itlob għalina |
| Torri ta' David | Itlob għalina |
| Torri tal-avorju | Itlob għalina |
| Dar tad-deheb | Itlob għalina |
| Arka tar-Rabta l-ġdida | Itlob għalina |
| Bieb tas-sema | Itlob għalina |
| Kewkba ta' filgħodu | Itlob għalina |
| Saħħa tal-morda | Itlob għalina |
| Kenn tal-midinbin | Itlob għalina |
| Faraġ tal-imnikktin | Itlob għalina |
| Għajnuna tal-insara | Itlob għalina |
| Sultana tal-anġli | Itlob għalina |
| Sultana tal-patrijarki | Itlob għalina |
| Sultana tal-profeti | Itlob għalina |
| Sultana tal-appostli | Itlob għalina |
| Sultana tal-martri | Itlob għalina |
| Sultana tal-konfessuri | Itlob għalina |
| Sultana tal-Verġni | Itlob għalina |
| Sultana tal-qaddisin kollha | Itlob għalina |
| Sultana mnissla mingħajr l-ewwel tebgħa | Itlob għalina |
| Sultana mtellgħa s-sema | Itlob għalina |
| Sultana tar-Rużarju mqaddes | Itlob għalina |
| Sultana tal-familja | Itlob għalina |
| Sultana tal-paċi | Itlob għalina |

Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja aħfrilna, nitolbuk, Mulej
Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja ismagħna, nitolbuk, Mulej
Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja ħenn għalina

V. Itlob għalina qaddisa Omm Alla,
R. Biex ikun jistħoqqilna dak li wegħedna Kristu.

**Nitolbu**
Agħti lilna, qaddejja tiegħek, Mulej Alla, nitolbuk, li ngawdu dejjem is-saħħa fir-ruħ u l-ġisem, u bit-talb glorjuż tal-imqaddsa Marija dejjem Verġni nkunu meħlusa mid-dwejjaq ta’ issa u ngawdu l-hena ta’ dejjem. Bi Kristu Sidna.
**R. Ammen.**

**Sliem għalik, kewkba tal-baħar – Ave Maris Stella**

Sliem għalik, kewkba tal-baħar,
Omm qaddisa u kbira t’Alla,
dejjem Verġni bla mittiefsa,
bieb il-hena u ferħ tas-sema.

Ilqa’ l-“Ave” li bil-qima
Gabrijel qed isemmagħlek,
ibdel fiha l-isem t’Eva
ħalli jerġa’ s-sliem fid-dinja.

Qaċċat kull irbit lill-ħatja,
ġib id-dawl lill-għomja kollha,
biegħed minna l-ħażen tagħna,
niżżel fuqna l-ġid tas-sema.

Uri li tassew int Ommna.
wassal talbna quddiem Alla,
li fi ħnientu twieled minnek
biex issir għalina bniedem.

Verġni fost kulħadd magħżula,
ta’ qalb ħelwa fost il-ħlejjaq,
itlob ’l Ibnek biex jagħtina
maħfra, safa u spirtu ħlejju.

Għinna ngħaddu ħajja mseddqa,
żommna sħaħ fit-triq iż-żgura,
sa ma niksbu l-ferħ tad-dehra
ta’ Ġesù għal dejjem miegħek. Ammen.

**Talb lil Marija ta' San Alwiġi De Montfort**

Sliem o Marija, Bint maħbuba tal-Missier Etern! Sliem o Marija, Omm ta' min jammira tal-Iben! Sliem o Marija, Għarusa fidila tal-Ispirtu s-Santu! Sliem o Marija, Ommi l-għażiża, Sidti, u sovrana qawwija tiegħi! Sliem o ferħ tiegħi, glorja tiegħi, qalbi u ruħi!

Int kollok tiegħi permezz tal-ħniena, u jien kollni tiegħek b'ġustizzja. Imma għadni m'iniex biżżejjed tiegħek. Jien issa nagħti lili nnifsi kollni kemm jien lilek, mingħajr ma nżomm xejn lura għalija nnifsi jew għall-oħrajn. Jekk int tibqa' tara fija xi ħaġa li mhux tiegħek, nitolbok biex din wkoll toħodha għalik u tagħmel lilek innifsek is-Sid assoluta ta' dak kollu li huwa tiegħi. Iddistruġġi fija dak kollu li mhux qed jogħġob lil Alla, aqalgħu mill-għeruq u ġibu fix-xejn; iżra' u kabbar fija kull ma jogħġob lilek.

Agħmel li d-dawl tal-fidi tiegħek ikeċċi d-dlam li hemm f'moħħi; agħmel li l-umilta' profonda tiegħek tieħu post is-suppervja tiegħi; agħmel li l-kontemplazzjoni tiegħek ta' Alla ma tħallinix niddistratta ruħi b'immaġinazzjonijiet li jtelfuni; agħmel li l-viżżjoni kontinwa tiegħek ta' Alla timla' l-memorja tiegħi bil-preżenza ta' Alla; agħmel lin-nar jaqgħbad ta' Qalbek iħeġġeġ il-bruda li hemm fija; agħmel li l-virtujiet tiegħek jieħdu post ta' dnubieti; agħmel li l-merti tiegħek ikunu l-unika tiżjin tiegħi f'għajnejn Alla u jimlew dak li hu nieqes fija.

Fl-aħħar nett, għażiża Ommi, agħtini, jekk hu possibli, li jien ma jkolli l-ebda spirtu ieħor ħlief dak tiegħek biex insir naf lil Ġesu' u r-Rieda qaddisa Tiegħu; li ma jkolli l-ebda ruħ oħra ħlief dik tiegħek biex infaħħar u niglorifika lill-Mulej; li ma jkolli l-ebda qalb oħra ħlief dik tiegħek biex inħobb lil Alla b'imħabba safja u tħeġġeġ bħalek.

Jien ma nitolbokx għal viżżjonijiet, rivelazzjonijiet, devozzjoni sensibli, jew konsolazzjonijiet spiritwali. Huwa privileġġ tiegħek li tara lil Alla b'mod ċar; huwa privileġġ tiegħek li tgawdi l-hena tas-sema; huwa privileġġ tiegħek li ssaltan glorjuża fil-Ġenna fil-lemin ta' Ibnek u tiegħek it-treġija assoluta fuq l-anġli, il-bnedmin u d-demonji; huwa privileġġ tiegħek li tiddisponi mill-grazzji kollha ta' Alla, hekk kif inti fil-fatt tagħmel.

Din hi, o Marija tas-Sema, l-"aqwa parti," li l-Mulej tak u li qatt mhu ser tittieħidlek --- u dan il-ħsieb jimlili lil qalbi bil-ferħ. U għal dak li jmiss lili hawn fl-art, ma nixtieq xejn aktar milli nkun tiegħek: li nemmen b'sinċerita' mingħajr

konsolazzjonijiet spiritwali; li nsofri mingħajr faraġ li jiġi mingħand il-bnedmin; li mmut kontinwament bla ma nieqaf għar-rieda tiegħi u għalija nnifsi; u li naħdem b'zelu u bla egoiżu għalik, sa jum mewti, bħala qaddej mill-aktar umli tiegħek.

L-unika grazzja li nitolbok li tikseb għalija hi dik li kull jum u kull mument ta' ħajti nkun nista' ngħid: Ammen, hekk ikun --- għal dak kollu li int għamilt meta kont għadek fuq din l-art; Ammen, hekk ikun --- għal dak kollu li int qed tagħmel bħalissa fil-Ġenna; Ammen, hekk ikun --- għal dak li int qed tagħmel f'ruħi, sabiex inti biss tkun tista' tiglorifika b'mod sħiħ lil Ġesu' fija għaż-żmien t'issa u għall-eternita'. Ammen.

## JUM 24: Konsagrazzjoni totali lil Ġesu' permezz ta' Marija

### GĦAN: Insiru nafu iżjed lill-Verġni Mbierka

Atti ta' mħabba, devozzjoni vera lejn il-Verġni Mbierka, imitazzjoni tal-virtujiet tagħha, b'mod speċjali l-umilta' profonda, il-fidi ħajja, l-ubbidjenza għamja, it-talb kontinwu f'qalbha, il-mortifikazzjoni tagħha f'kull ħaġa, is-safa li fiha tgħaddina lkoll, il-karita' mħeġġa, il-paċenzja erojka, il-ħlewwa anġelika, u l-għerf divin tagħha: bħalma jgħid San Alwiġi De Montfort, "l-għaxar virtujiet prinċipali tal-Verġni Mbierka."

Għandna ningħaqdu ma' Ġesu' permezz ta' Marija – din hija l-karatteristika tad-devozzjoni tagħna; għalhekk San Alwiġi De Montfort jitlob li wieħed jimpenja ruħu biex isir jaf sewwa lill-Verġni Mbierka.

Marija hija s-sovjana u l-medjatriċi, Ommna u Sidtna. Mela ejjew inkunu midħla tal-effetti regali tagħha, ta' din il-meditazzjoni, u ta' din il-maternita', kif ukoll tal-kobor u l-prerogattivi li hawn huma fundamentali, flimkien mal-konsegwenzi tagħhom. Ommna hi wkoll taħlita perfetta fejn aħna għandna niġu magħġuna biex tassew nagħmlu tagħna l-intenzjonijiet u d-dispożizzjonijiet tagħha. Dan ma nistgħux niksbu mingħajr ma nistudjaw bir-reqqa il-ħajja interjuri, prinċiparjament il-virtujiet tagħha, is-sentimenti, l-azzjonijiet, il-parteċipazzjoni fil-misteri ta' Kristu u l-unjoni tagħha Miegħu.

**QARI**

**Devozzjoni vera lejn il-Verġni Mbierka Marija ta' San Alwiġi De Montfort: (Paragrafi 152–164)**

Din id-devozzjoni hija t-triq *ħafifa, qasira, perfetta* u *żgura* li twassal għall-għaqda m'Alla li hi l-Perfezzjoni Nisranija.

Hi triq *ħafifa*. Hi t-triq li fassal Ġesu' biex ġie għandna, u li fiha m'hemm ebda ostaklu li jfixkilna biex naslu Għandu. L-għaqda m'Alla, tista', naturalment tintlaħaq minn toroq oħra; imma din tkun biss b'ħafna slaleb, xi mwiet strambi, u b'diffikultajiet wisq ikbar li aħna nirbħu biss bi tbatija kbira.

Din id-devozzjoni lejn il-Madonna hi triq *qasira* biex issib lil Ġesu' Kristu, kemm għaliex fiha ma nintilfux, u għaliex, kif għadni kemm għedt, aħna nimxu fiha b'aktar ferħ u ħeffa, u għalhekk b'aktar prontezza. Nimxu aktar 'il quddiem fi żmien qasir ta' sottomissjoni u dipendenza minn Marija milli nagħmlu fi snin sħaħ ta' smigħ ir-rieda tagħna, u fiduċja fuq l-forzi tagħna, għaliex il-bniedem *ubbidjenti* u sottomess lejn Marija għad ikanta vittorji li hu rebaħ fuq l-għedewwa tiegħu.

Marija, hi l-aktar perfetta u l-aktar qaddisa fost il-ħlejjaq; u Ġesu' Kristu li ġie fostna b'manjiera perfetta m'għażilx triq oħra ħlief dik ta' Marija għall-miġja setgħana u tal-għaġeb Tiegħu. Mela din id-devozzjoni lejn il-Verġni Mqaddsa, hija triq *perfetta* biex naslu għand Ġesu' Kristu u ningħaqdu Miegħu.

L-Iktar Għoli, Dak li ħadd ma jista' jifhmu, Dak li ħadd ma jista' jersaq Lejh, Dak li Hu, ried li jiġi fostna, dud insinifikanti tal-art. Kif ġara dan? Permezz ta' Marija. L-aktar Għoli, niżel perfettament u b'mod divin fostna, mingħajr ma naqqas id-Divinita' Tiegħu u l-Qdusija Tiegħu. U hu permezz ta' Marija li aħna ż-żgħar irridu niltilgħu perfettament u b'mod divin, u mingħajr biża' għand l-Aktar Għoli:

Din id-devozzjoni lejn il-Verġni Mbierka hi triq żgura biex naslu għand Ġesu' Kristu u li nsiru perfetti billi ningħaqdu Miegħu: Dan hu hekk, l-ewwelnett, għaliex din il-prattika li qed nirrikmanda mhi bl-ebda mod ġdida. Ma tistax tiġi kkundannat mingħajr ma kienet tfarrak l-istess pedamenti tal-Kristjaneżmu.

Hi mela ħaġa ċerta li din id-devozzjoni mhix ġdida; u jekk mhix popolari, dan l-għaliex din hi wisq prezzjuża biex tkun maħbuba u mħaddna minn kulħadd addoċċ.

Din id-devozzjoni hi triq żgura biex nersqu fejn is-Sinjur tagħna Ġesu' Kristu l-għaliex hi karrateristika tal-Madonna li tmexxina fis-sikurezza lejn Ġesu' Kristu bħalma hi prijorita' ta' Ġesu' Kristu li jwassalna qawwijin u sħaħ għand il-Missier Etern.

**TALB**

**Litanija tal-Ispirtu s-Santu**

Mulej ħniena -- Mulej ħniena
Kristu ħniena -- Kristu ħniena
Mulej ħniena -- Mulej ħniena
Missier li tista' kollox – Ħenn għalina
Ġesù, Iben Etern tal-Missier -- Ħenn għalina
Feddej tad-dinja – Salvana
Spirtu tal-Missier u tal-Iben – Salvana
Ħajja bla qies, tagħhom it-tnejn -- Qaddisna
Trinità Qaddisa -- Ismagħna
Spirtu Santu li ġej mill-Missier -- Inżel f'qalbna
Spirtu Santu, li Int daqs il-Missier u l-Iben -- Inżel f'qalbna
Wegħda t'Alla l-Missier – Ħenn għalina
Raġġ ta' dawl mis-sema -- Ħenn għalina
Għerq ta' kull tjubija -- Ħenn għalina
Għajn tal-ilma tas-sema -- Ħenn għalina
Nar imħeġġeġ -- Ħenn għalina
Karità mimlija ħrara -- Ħenn għalina
Balzmu ta' faraġ spiritwali -- Ħenn għalina

Spirtu ta'mħabba u verità -- Ħenn għalina
Spirtu ta' għerf u fehma -- Ħenn għalina
Spirtu ta' kunsill u qawwa -- Ħenn għalina
Spirtu ta' għaqal u devozzjoni -- Ħenn għalina
Spirtu tal-biża' qaddis t'Alla -- Ħenn għalina
Spirtu ta' grazzja u talb -- Ħenn għalina
Spirtu ta' paċi u ħlewwa -- Ħenn għalina
Spirtu ta' modestja u innoċenza -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jagħti l-faraġ -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jqaddes -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jmexxi l-Knisja -- Ħenn għalina
Don t'Alla l-Għoli -- Ħenn għalina

Spirtu li jimla' l-ħolqien kollu -- Ħenn għalina
Spirtu li jagħmilna wlied Alla -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jikxfilna l-kruha tad-dnub -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, ejja u ġedded wiċċ id-dinja -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, sawwab id-dawl tiegħek f'ruħna -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, onqox il-liġi tiegħek fuqna -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, onqox il-liġi tiegħek fuq qalbna -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, kebbes fina n-nar ta' mħabbtek -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, iftħilna t-teżori tal-grazzji tiegħek -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, għallimna nitolbu tajjeb -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, dawwalna bl-ispirazzjonijiet tiegħek tas-sema -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, mexxina fit-triq tas-salvazzjoni -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, agħtina dak l-għerf li hu biss meħtieġ -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, ħeġġiġna biex nagħmlu dak li hu tajjeb -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, agħtina l-merti tal-virtujiet kollha -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, kun Int il-premju tagħna ta' dejjem -- Ħenn għalina

Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja – *Ibagħtilna l-Ispirtu s-Santu*
Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja –*Ferra' f'ruħna d-doni tal-Ispirtu s-Santu*
Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja –*Agħtina l-Ispirtu ta' għerf u qdusija*

Ejja Spirtu s-Santu! Imla' l-qlub tal-fidili u kebbes fihom in-nar ta' Imħabbtek

**Nitolbu**
Agħtina, O Missier ħanin, li l-Ispirtu Divin idawwalna, iħeġġiġna u jippurifikana, hekk li jippenetra fina bħal nida mis-Sema u jagħtina li nagħmlu frott ta' għemejjel tajba. Nitolbuk dan b'Ibnek Sidna Ġesu' Kristu, li miegħek flimkien mal-Ispirtu s-Santu, jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.
**R. Ammen.**

**Litanija tal-Verġni Mqaddsa Marija (Litanija ta' Loretu)**

| | |
|---|---|
| Mulej, ħniena. | Mulej, ħniena |
| Kristu, ħniena | Kristu, ħniena |
| Mulej, ħniena | Mulej, ħniena |
| Kristu, ismagħna | Kristu, ismagħna |
| Kristu, ilqa' t-talb tagħna | Kristu, ilqa' t-talb tagħna |
| Missier etern Alla | Ħenn għalina |

Iben Alla li fdejt id-dinja Ħenn għalina
Spirtu qaddis Alla Ħenn għalina
Trinità qaddisa, Alla wieħed Ħenn għalina
Imqaddsa Marija Itlob għalina
Imqaddsa Omm Alla Itlob għalina
Imqaddsa xebba tax-xbejbiet Itlob għalina
Omm ta’ Kristu Itlob għalina
Omm il-Knisja Itlob għalina
Omm tal-grazzja t’Alla Itlob għalina
Omm l-iżjed safja Itlob għalina
Omm l-iżjed nadifa Itlob għalina
Omm u xebba Itlob għalina
Omm bla tebgħa Itlob għalina
Omm li tistħoqq l-imħabba Itlob għalina
Omm tal-għaġeb Itlob għalina
Omm tal-parir it-tajjeb Itlob għalina
Omm ta’ min ħalaqna Itlob għalina
Omm ta’ min salvana Itlob għalina

Xebba kollok għaqal Itlob għalina
Xebba li tistħoqq kull qima Itlob għalina
Xebba li tistħoqq kull foħrija Itlob għalina
Xebba kollok setgħa Itlob għalina
Xebba kollok ħniena Itlob għalina
Xebba dejjem marbuta ma’ Alla Itlob għalina
Mera tal-qdusija Itlob għalina
Tron tal-għerf Itlob għalina
Bidu tal-ferħ tagħna Itlob għalina

Għamara tal-Ispirtu s-Santu Itlob għalina
Għamara ta’ kull grazzja Itlob għalina
Għamara ta’ kull tjieba Itlob għalina
Warda mistika Itlob għalina
Torri ta’ David Itlob għalina
Torri tal-avorju Itlob għalina
Dar tad-deheb Itlob għalina
Arka tar-Rabta l-ġdida Itlob għalina
Bieb tas-sema Itlob għalina
Kewkba ta’ filgħodu Itlob għalina
Saħħa tal-morda Itlob għalina

| | |
|---|---|
| Kenn tal-midinbin | Itlob għalina |
| Faraġ tal-imnikktin | Itlob għalina |
| Għajnuna tal-insara | Itlob għalina |
| Sultana tal-anġli | Itlob għalina |
| Sultana tal-patrijarki | Itlob għalina |
| Sultana tal-profeti | Itlob għalina |
| Sultana tal-appostli | Itlob għalina |
| Sultana tal-martri | Itlob għalina |
| Sultana tal-konfessuri | Itlob għalina |
| Sultana tal-Verġni | Itlob għalina |
| Sultana tal-qaddisin kollha | Itlob għalina |
| Sultana mnissla mingħajr l-ewwel tebgħa | Itlob għalina |
| Sultana mtellgħa s-sema | Itlob għalina |
| Sultana tar-Rużarju mqaddes | Itlob għalina |
| Sultana tal-familja | Itlob għalina |
| Sultana tal-paċi | Itlob għalina |

Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja aħfrilna, nitolbuk, Mulej
Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja ismagħna, nitolbuk, Mulej
Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja ħenn għalina

V. Itlob għalina qaddisa Omm Alla,
R. Biex ikun jistħoqqilna dak li wegħedna Kristu.

**Nitolbu**
Agħti lilna, qaddejja tiegħek, Mulej Alla, nitolbuk, li ngawdu dejjem is-saħħa fir-ruħ u l-ġisem, u bit-talb glorjuż tal-imqaddsa Marija dejjem Verġni nkunu meħlusa mid-dwejjaq ta' issa u ngawdu l-hena ta' dejjem. Bi Kristu Sidna.
**R. Ammen.**

**Sliem għalik, kewkba tal-baħar – Ave Maris Stella**

Sliem għalik, kewkba tal-baħar,
Omm qaddisa u kbira t'Alla,
dejjem Verġni bla mittiefsa,
bieb il-hena u ferħ tas-sema.

Ilqa’ l-“Ave” li bil-qima
Gabrijel qed isemmagħlek,
ibdel fiha l-isem t’Eva
ħalli jerġa’ s-sliem fid-dinja.

Qaċċat kull irbit lill-ħatja,
ġib id-dawl lill-għomja kollha,
biegħed minna l-ħażen tagħna,
niżżel fuqna l-ġid tas-sema.

Uri li tassew int Ommna.
wassal talbna quddiem Alla,
li fi ħnientu twieled minnek
biex issir għalina bniedem.

Verġni fost kulħadd magħżula,
ta’ qalb ħelwa fost il-ħlejjaq,
itlob ’l Ibnek biex jagħtina
maħfra, safa u spirtu ħlejju.

Għinna ngħaddu ħajja mseddqa,
żommna sħaħ fit-triq iż-żgura,
sa ma niksbu l-ferħ tad-dehra
ta’ Ġesù għal dejjem miegħek. Ammen.

**Talb lil Marija ta’ San Alwiġi De Montfort**

Sliem o Marija, Bint maħbuba tal-Missier Etern! Sliem o Marija, Omm ta’ min jammira tal-Iben! Sliem o Marija, Għarusa fidila tal-Ispirtu s-Santu! Sliem o Marija, Ommi l-għażiża, Sidti, u sovrana qawwija tiegħi! Sliem o ferħ tiegħi, glorja tiegħi, qalbi u ruħi!

Int kollok tiegħi permezz tal-ħniena, u jien kollni tiegħek b’ġustizzja. Imma għadni m’iniex biżżejjed tiegħek. Jien issa nagħti lili nnifsi kollni kemm jien lilek, mingħajr ma nżomm xejn lura għalija nnifsi jew għall-oħrajn. Jekk int tibqa’ tara fija xi ħaġa li mhux tiegħek, nitolbok biex din wkoll toħodha għalik u tagħmel lilek innifsek is-Sid assoluta ta’ dak kollu li huwa tiegħi. Iddistruġġi fija dak kollu li mhux qed jogħġob lil Alla, aqalgħu mill-għeruq u ġibu fix-xejn; iżra’ u kabbar fija kull ma jogħġob lilek.

Agħmel li d-dawl tal-fidi tiegħek ikeċċi d-dlam li hemm f'moħħi; agħmel li l-umilta' profonda tiegħek tieħu post is-suppervja tiegħi; agħmel li l-kontemplazzjoni tiegħek ta' Alla ma tħallinix niddistratta ruħi b'immaġinazzjonijiet li jtelfuni; agħmel li l-viżżjoni kontinwa tiegħek ta' Alla timla' l-memorja tiegħi bil-preżenza ta' Alla; agħmel lin-nar jaqgħbad ta' Qalbek iħeġġeġ il-bruda li hemm fija; agħmel li l-virtujiet tiegħek jieħdu post ta' dnubieti; agħmel li l-merti tiegħek ikunu l-unika tiżjin tiegħi f'għajnejn Alla u jimlew dak li hu nieqes fija.

Fl-aħħar nett, għażiża Ommi, agħtini, jekk hu possibli, li jien ma jkolli l-ebda spirtu ieħor ħlief dak tiegħek biex insir naf lil Ġesu' u r-Rieda qaddisa Tiegħu; li ma jkolli l-ebda ruħ oħra ħlief dik tiegħek biex infaħħar u niglorifika lill-Mulej; li ma jkolli l-ebda qalb oħra ħlief dik tiegħek biex inħobb lil Alla b'imħabba safja u tħeġġeġ bħalek.

Jien ma nitolbokx għal viżżjonijiet, rivelazzjonijiet, devozzjoni sensibli, jew konsolazzjonijiet spiritwali. Huwa privileġġ tiegħek li tara lil Alla b'mod ċar; huwa privileġġ tiegħek li tgawdi l-hena tas-sema; huwa privileġġ tiegħek li ssaltan glorjuża fil-Ġenna fil-lemin ta' Ibnek u tiegħek it-treġija assoluta fuq l-anġli, il-bnedmin u d-demonji; huwa privileġġ tiegħek li tiddisponi mill-grazzji kollha ta' Alla, hekk kif inti fil-fatt tagħmel.

Din hi, o Marija tas-Sema, l-"aqwa parti," li l-Mulej tak u li qatt mhu ser tittieħidlek --- u dan il-ħsieb jimlili lil qalbi bil-ferħ. U għal dak li jmiss lili hawn fl-art, ma nixtieq xejn aktar milli nkun tiegħek: li nemmen b'sinċerita' mingħajr konsolazzjonijiet spiritwali; li nsofri mingħajr faraġ li jiġi mingħand il-bnedmin; li mmut kontinwament bla ma nieqaf għar-rieda tiegħi u għalija nnifsi; u li naħdem b'zelu u bla egoiżu għalik, sa jum mewti, bħala qaddej mill-aktar umli tiegħek.

L-unika grazzja li nitolbok li tikseb għalija hi dik li kull jum u kull mument ta' ħajti nkun nista' ngħid: Ammen, hekk ikun --- għal dak kollu li int għamilt meta kont għadek fuq din l-art; Ammen, hekk ikun --- għal dak kollu li int qed tagħmel bħalissa fil-Ġenna; Ammen, hekk ikun --- għal dak li int qed tagħmel f'ruħi, sabiex inti biss tkun tista' tiglorifika b'mod sħiħ lil Ġesu' fija għaż-żmien t'issa u għall-eternita'. Ammen.

## JUM 25: Konsagrazzjoni totali lil Ġesu' permezz ta' Marija

### GĦAN: Insiru nafu iżjed lill-Verġni Mbierka

Atti ta' mħabba, devozzjoni vera lejn il-Verġni Mbierka, imitazzjoni tal-virtujiet tagħha, b'mod speċjali l-umilta' profonda, il-fidi ħajja, l-ubbidjenza għamja, it-talb kontinwu f'qalbha, il-mortifikazzjoni tagħha f'kull ħaġa, is-safa li fiha tgħaddina lkoll, il-karita' mħeġġa, il-paċenzja erojka, il-ħlewwa anġelika, u l-għerf divin tagħha: bħalma jgħid San Alwiġi De Montfort, "l-għaxar virtujiet prinċipali tal-Verġni Mbierka."

Għandna ningħaqdu ma' Ġesu' permezz ta' Marija – din hija l-karatteristika tad-devozzjoni tagħna; għalhekk San Alwiġi De Montfort jitlob li wieħed jimpenja ruħu biex isir jaf sewwa lill-Verġni Mbierka.

Marija hija s-sovjana u l-medjatriċi, Ommna u Sidtna. Mela ejjew inkunu midħla tal-effetti regali tagħha, ta' din il-meditazzjoni, u ta' din il-maternita', kif ukoll tal-kobor u l-prerogattivi li hawn huma fundamentali, flimkien mal-konsegwenzi tagħhom. Ommna hi wkoll taħlita perfetta fejn aħna għandna niġu magħġuna biex tassew nagħmlu tagħna l-intenzjonijiet u d-dispożizzjonijiet tagħha. Dan ma nistgħux niksbu mingħajr ma nistudjaw bir-reqqa il-ħajja interjuri, prinċiparjament il-virtujiet tagħha, is-sentimenti, l-azzjonijiet, il-parteċipazzjoni fil-misteri ta' Kristu u l-unjoni tagħha Miegħu.

### QARI

### Devozzjoni vera lejn il-Verġni Mbierka Marija ta' San Alwiġi De Montfort: (Paragrafi 213–225)

Għażiż ħija, jien niżgurak li jekk inti tkun fidil lejn il-prattiki interjuri u esterjuri ta' din id-devozzjoni, li se nispeċifika fil-kapitlu li jmiss, inti jkollok dawn il-benefiċċji.

**L-Ewwel Effett: Tagħraf li ma jistħoqqlok xejn**
Bid-dawl li l-Ispirtu s-Santu jagħtik permezz ta' Marija, l-Għarusa maħbuba Tiegħu, inti tasal biex tagħraf in-natura mħassra tiegħek, it-taħsir tiegħek, u l-inkapaċita' tiegħek li tagħmel xi ħaġa tajba. B'riżultat ta' dan it-tagħrif, inti tmaqdar lilek innifsek u tħares lilek innifsek bil-biża'.

**It-Tieni Effett: Ikollok sehem mill-fidi ta' Marija**
Il-Verġni Mqaddsa tagħtik sehem f'dik il-Fidi tagħha, li matul ħajjitha f'din id-dinja, kienet akbar minn dik tal-Patrijarki, tal-Profeti, tal-Appostli u tal-Qaddisin.

**It-Tielet Effett: Id-don tal-imħabba safja**
Din l-Omm tal-Imħabba Divina, tneħħi minn qalbek l-iskrupli kollha, u kull biża' servili u mhux floku.

**Ir-Raba' Effett: Fiduċja kbira f'Allu u f'Marija**
Il-Verġni Mqaddsa timliek b'fiduċja kbira f'Alla u fiha nfisha. Hi tagħmel dan għaliex inti ma tersaqx iżjed waħdek lejn Ġesu'Kristu imma dejjem permezz ta' din l-Omm twajba.

**Il-Ħames Effett: Komunikazzjoni mal-Ispirtu ta' Marija**
Ir-ruħ tal-Verġni Mbierka tikkomunika ruħha miegħek, biex tagħti glorja 'l Alla, l-Ispirtu tagħha jieħu post l-Ispirtu tiegħek biex jifraħ f'Alla s-Salvatur tagħha – basta tkun fidil lejn il-prattika ta' din id-devozzjoni.

**Is-Sitt Effett: Trasformazzjoni fl-immaġini ta' Ġesu'**
Jekk Marija, li hi s-siġra tal-Ħajja, tkun ikkultivata tajjeb bil-ġenerożita' f'ruħna permezz tal-fedelta' tagħna lejn il-prattiki ta' din id-devozzjoni, hi tagħmel il-frott fi żmienu; u l-frott tagħha ma jkun ħadd iżjed, ħlief Ġesu' Kristu.

**Is-Seba' Effett: L-akbar glorja lil Kristu**
Bil-ħarsien fidil ta' din il-prattika, inti tagħti glorja ikbar lil Ġesu' Kristu f'xahar wieħed, milli tista' tagħti billi tosserva xi prattika oħra għal ħafna snin kienet diffiċli kemm kienet.

**TALB**

**Litanija tal-Ispirtu s-Santu**

Mulej ħniena -- Mulej ħniena
Kristu ħniena -- Kristu ħniena
Mulej ħniena -- Mulej ħniena
Missier li tista' kollox – Ħenn għalina
Ġesù, Iben Etern tal-Missier -- Ħenn għalina
Feddej tad-dinja – Salvana
Spirtu tal-Missier u tal-Iben – Salvana

Ħajja bla qies, tagħhom it-tnejn  --  Qaddisna
Trinità Qaddisa  --  Ismagħna
Spirtu Santu li ġej mill-Missier  --  Inżel f'qalbna
Spirtu Santu, li Int daqs il-Missier u l-Iben  -- Inżel f'qalbna
Wegħda t'Alla l-Missier – Ħenn għalina
Raġġ ta' dawl mis-sema  -- Ħenn għalina
Għerq ta' kull tjubija  -- Ħenn għalina
Għajn tal-ilma tas-sema  --  Ħenn għalina
Nar imħeġġeġ  -- Ħenn għalina
Karità mimlija ħrara  -- Ħenn għalina
Balzmu ta'  faraġ spiritwali  -- Ħenn għalina

Spirtu ta'mħabba u verità  -- Ħenn għalina
Spirtu ta' għerf u fehma  --  Ħenn għalina
Spirtu ta' kunsill u qawwa  --  Ħenn għalina
Spirtu ta' għaqal u devozzjoni  -- Ħenn għalina
Spirtu tal-biża' qaddis t'Alla  -- Ħenn għalina
Spirtu ta' grazzja u talb  --  Ħenn għalina
Spirtu ta' paċi u ħlewwa  --  Ħenn għalina
Spirtu ta' modestja u innoċenza  -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jagħti l-faraġ  --  Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jqaddes  --  Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jmexxi l-Knisja  -- Ħenn għalina
Don t'Alla l-Għoli  --  Ħenn għalina

Spirtu li jimla' l-ħolqien kollu  -- Ħenn għalina
Spirtu li jagħmilna wlied Alla  -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jikxfilna l-kruha tad-dnub  -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, ejja u ġedded wiċċ id-dinja  -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, sawwab id-dawl tiegħek f'ruħna  -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, onqox il-liġi tiegħek fuqna  -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, onqox il-liġi tiegħek fuq qalbna  -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, kebbes fina n-nar ta' mħabbtek  --  Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, iftħilna t-teżori tal-grazzji tiegħek  --  Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, għallimna nitolbu tajjeb  -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, dawwalna bl-ispirazzjonijiet tiegħek tas-sema  -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, mexxina fit-triq tas-salvazzjoni  --  Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, agħtina dak l-għerf li hu biss meħtieġ  -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, ħeġġiġna biex nagħmlu dak li hu tajjeb  -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, agħtina l-merti tal-virtujiet kollha  -- Ħenn għalina

Spirtu s-Santu, kun Int il-premju tagħna ta' dejjem -- Ħenn għalina

Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja – *Ibagħtilna l-Ispirtu s-Santu*
Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja –*Ferra' f'ruħna d-doni tal-Ispirtu s-Santu*
Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja –*Agħtina l-Ispirtu ta' għerf u qdusija*

Ejja Spirtu s-Santu! Imla' l-qlub tal-fidili u kebbes fihom in-nar ta' Imħabbtek

**Nitolbu**
Agħtina, O Missier ħanin, li l-Ispirtu Divin idawwalna, iħeġġiġna u jippurifikana, hekk li jippenetra fina bħal nida mis-Sema u jagħtina li nagħmlu frott ta' għemejjel tajba. Nitolbuk dan b'Ibnek Sidna Ġesu' Kristu, li miegħek flimkien mal-Ispirtu s-Santu, jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.
**R. Ammen.**

**Litanija tal-Verġni Mqaddsa Marija (Litanija ta' Loretu)**

| | |
|---|---|
| Mulej, ħniena. | Mulej, ħniena |
| Kristu, ħniena | Kristu, ħniena |
| Mulej, ħniena | Mulej, ħniena |
| Kristu, ismagħna | Kristu, ismagħna |
| Kristu, ilqa' t-talb tagħna | Kristu, ilqa' t-talb tagħna |
| Missier etern Alla | Ħenn għalina |
| Iben Alla li fdejt id-dinja | Ħenn għalina |
| Spirtu qaddis Alla | Ħenn għalina |
| Trinità qaddisa, Alla wieħed | Ħenn għalina |
| Imqaddsa Marija | Itlob għalina |
| Imqaddsa Omm Alla | Itlob għalina |
| Imqaddsa xebba tax-xbejbiet | Itlob għalina |
| Omm ta' Kristu | Itlob għalina |
| Omm il-Knisja | Itlob għalina |
| Omm tal-grazzja t'Alla | Itlob għalina |
| Omm l-iżjed safja | Itlob għalina |
| Omm l-iżjed nadifa | Itlob għalina |
| Omm u xebba | Itlob għalina |
| Omm bla tebgħa | Itlob għalina |
| Omm li tistħoqq l-imħabba | Itlob għalina |
| Omm tal-għaġeb | Itlob għalina |

| | |
|---|---|
| Omm tal-parir it-tajjeb | Itlob għalina |
| Omm ta' min ħalaqna | Itlob għalina |
| Omm ta' min salvana | Itlob għalina |
| | |
| Xebba kollok għaqal | Itlob għalina |
| Xebba li tistħoqq kull qima | Itlob għalina |
| Xebba li tistħoqq kull foħrija | Itlob għalina |
| Xebba kollok setgħa | Itlob għalina |
| Xebba kollok ħniena | Itlob għalina |
| Xebba dejjem marbuta ma' Alla | Itlob għalina |
| Mera tal-qdusija | Itlob għalina |
| Tron tal-għerf | Itlob għalina |
| Bidu tal-ferħ tagħna | Itlob għalina |
| | |
| Għamara tal-Ispirtu s-Santu | Itlob għalina |
| Għamara ta' kull grazzja | Itlob għalina |
| Għamara ta' kull tjieba | Itlob għalina |
| Warda mistika | Itlob għalina |
| Torri ta' David | Itlob għalina |
| Torri tal-avorju | Itlob għalina |
| Dar tad-deheb | Itlob għalina |
| Arka tar-Rabta l-ġdida | Itlob għalina |
| Bieb tas-sema | Itlob għalina |
| Kewkba ta' filgħodu | Itlob għalina |
| Saħħa tal-morda | Itlob għalina |
| Kenn tal-midinbin | Itlob għalina |
| Faraġ tal-imnikktin | Itlob għalina |
| Għajnuna tal-insara | Itlob għalina |
| Sultana tal-anġli | Itlob għalina |
| Sultana tal-patrijarki | Itlob għalina |
| Sultana tal-profeti | Itlob għalina |
| Sultana tal-appostli | Itlob għalina |
| Sultana tal-martri | Itlob għalina |
| Sultana tal-konfessuri | Itlob għalina |
| Sultana tal-Verġni | Itlob għalina |
| Sultana tal-qaddisin kollha | Itlob għalina |
| Sultana mnissla mingħajr l-ewwel tebgħa | Itlob għalina |
| Sultana mtellgħa s-sema | Itlob għalina |
| Sultana tar-Rużarju mqaddes | Itlob għalina |

Sultana tal-familja Itlob għalina
Sultana tal-paċi Itlob għalina

Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja aħfrilna, nitolbuk, Mulej
Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja ismagħna, nitolbuk, Mulej
Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja ħenn għalina

V. Itlob għalina qaddisa Omm Alla,
R. Biex ikun jistħoqqilna dak li wegħedna Kristu.

**Nitolbu**
Agħti lilna, qaddejja tiegħek, Mulej Alla, nitolbuk, li ngawdu dejjem is-saħħa fir-ruħ u l-ġisem, u bit-talb glorjuż tal-imqaddsa Marija dejjem Verġni nkunu meħlusa mid-dwejjaq ta' issa u ngawdu l-hena ta' dejjem. Bi Kristu Sidna.
**R. Ammen.**

**Sliem għalik, kewkba tal-baħar – Ave Maris Stella**

Sliem għalik, kewkba tal-baħar,
Omm qaddisa u kbira t'Alla,
dejjem Verġni bla mittiefsa,
bieb il-hena u ferħ tas-sema.

Ilqa' l-"Ave" li bil-qima
Gabrijel qed isemmagħlek,
ibdel fiha l-isem t'Eva
ħalli jerġa' s-sliem fid-dinja.

Qaċċat kull irbit lill-ħatja,
ġib id-dawl lill-għomja kollha,
biegħed minna l-ħażen tagħna,
niżżel fuqna l-ġid tas-sema.

Uri li tassew int Ommna.
wassal talbna quddiem Alla,
li fi ħnientu twieled minnek
biex issir għalina bniedem.

Verġni fost kulħadd magħżula,
ta' qalb ħelwa fost il-ħlejjaq,
itlob 'l Ibnek biex jagħtina
maħfra, safa u spirtu ħlejju.

Għinna ngħaddu ħajja mseddqa,
żommna sħaħ fit-triq iż-żgura,
sa ma niksbu l-ferħ tad-dehra
ta' Ġesù għal dejjem miegħek. Ammen.

**Talb lil Marija ta' San Alwiġi De Montfort**

Sliem o Marija, Bint maħbuba tal-Missier Etern! Sliem o Marija, Omm ta' min jammira tal-Iben! Sliem o Marija, Għarusa fidila tal-Ispirtu s-Santu! Sliem o Marija, Ommi l-għażiża, Sidti, u sovrana qawwija tiegħi! Sliem o ferħ tiegħi, glorja tiegħi, qalbi u ruħi!

Int kollok tiegħi permezz tal-ħniena, u jien kollni tiegħek b'ġustizzja. Imma għadni m'iniex biżżejjed tiegħek. Jien issa nagħti lili nnifsi kollni kemm jien lilek, mingħajr ma nżomm xejn lura għalija nnifsi jew għall-oħrajn. Jekk int tibqa' tara fija xi ħaġa li mhux tiegħek, nitolbok biex din wkoll toħodha għalik u tagħmel lilek innifsek is-Sid assoluta ta' dak kollu li huwa tiegħi. Iddistruġġi fija dak kollu li mhux qed jogħġob lil Alla, aqalgħu mill-għeruq u ġibu fix-xejn; iżra' u kabbar fija kull ma jogħġob lilek.

Agħmel li d-dawl tal-fidi tiegħek ikeċċi d-dlam li hemm f'moħħi; agħmel li l-umilta' profonda tiegħek tieħu post is-suppervja tiegħi; agħmel li l-kontemplazzjoni tiegħek ta' Alla ma tħallinix niddistratta ruħi b'immaġinazzjonijiet li jtelfuni; agħmel li l-viżżjoni kontinwa tiegħek ta' Alla timla' l-memorja tiegħi bil-preżenza ta' Alla; agħmel lin-nar jaqgħbad ta' Qalbek iħeġġeġ il-bruda li hemm fija; agħmel li l-virtujiet tiegħek jieħdu post ta' dnubieti; agħmel li l-merti tiegħek ikunu l-unika tiżjin tiegħi f'għajnejn Alla u jimlew dak li hu nieqes fija.

Fl-aħħar nett, għażiża Ommi, agħtini, jekk hu possibli, li jien ma jkolli l-ebda spirtu ieħor ħlief dak tiegħek biex insir naf lil Ġesu' u r-Rieda qaddisa Tiegħu; li ma jkolli l-ebda ruħ oħra ħlief dik tiegħek biex infaħħar u niglorifika lill-Mulej; li ma jkolli l-ebda qalb oħra ħlief dik tiegħek biex inħobb lil Alla b'imħabba safja u tħeġġeġ bħalek.

Jien ma nitolbokx għal viżżjonijiet, rivelazzjonijiet, devozzjoni sensibli, jew konsolazzjonijiet spiritwali. Huwa privileġġ tiegħek li tara lil Alla b'mod ċar; huwa privileġġ tiegħek li tgawdi l-hena tas-sema; huwa privileġġ tiegħek li ssaltan glorjuża fil-Ġenna fil-lemin ta' Ibnek u tiegħek it-treġija assoluta fuq l-anġli, il-bnedmin u d-demonji; huwa privileġġ tiegħek li tiddisponi mill-grazzji kollha ta' Alla, hekk kif inti fil-fatt tagħmel.

Din hi, o Marija tas-Sema, l-"aqwa parti," li l-Mulej tak u li qatt mhu ser tittieħidlek --- u dan il-ħsieb jimlili lil qalbi bil-ferħ. U għal dak li jmiss lili hawn fl-art, ma nixtieq xejn aktar milli nkun tiegħek: li nemmen b'sinċerita' mingħajr konsolazzjonijiet spiritwali; li nsofri mingħajr faraġ li jiġi mingħand il-bnedmin; li mmut kontinwament bla ma nieqaf għar-rieda tiegħi u għalija nnifsi; u li naħdem b'zelu u bla egoiżu għalik, sa jum mewti, bħala qaddej mill-aktar umli tiegħek.

L-unika grazzja li nitolbok li tikseb għalija hi dik li kull jum u kull mument ta' ħajti nkun nista' ngħid: Ammen, hekk ikun --- għal dak kollu li int għamilt meta kont għadek fuq din l-art; Ammen, hekk ikun --- għal dak kollu li int qed tagħmel bħalissa fil-Ġenna; Ammen, hekk ikun --- għal dak li int qed tagħmel f'ruħi, sabiex inti biss tkun tista' tiglorifika b'mod sħiħ lil Ġesu' fija għaż-żmien t'issa u għall-eternita'. Ammen.

## JUM 26: Konsagrazzjoni totali lil Ġesu' permezz ta' Marija

### GĦAN: Insiru nafu iżjed lill-Verġni Mbierka

Atti ta' mħabba, devozzjoni vera lejn il-Verġni Mbierka, imitazzjoni tal-virtujiet tagħha, b'mod speċjali l-umilta' profonda, il-fidi ħajja, l-ubbidjenza għamja, it-talb kontinwu f'qalbha, il-mortifikazzjoni tagħha f'kull ħaġa, is-safa li fiha tgħaddina lkoll, il-karita' mħeġġa, il-paċenzja erojka, il-ħlewwa anġelika, u l-għerf divin tagħha: bħalma jgħid San Alwiġi De Montfort, "l-għaxar virtujiet prinċipali tal-Verġni Mbierka."

Għandna ningħaqdu ma' Ġesu' permezz ta' Marija – din hija l-karatteristika tad-devozzjoni tagħna; għalhekk San Alwiġi De Montfort jitlob li wieħed jimpenja ruħu biex isir jaf sewwa lill-Verġni Mbierka.

Marija hija s-sovjana u l-medjatriċi, Ommna u Sidtna. Mela ejjew inkunu midħla tal-effetti regali tagħha, ta' din il-meditazzjoni, u ta' din il-maternita', kif ukoll

tal-kobor u l-prerogattivi li hawn huma fundamentali, flimkien mal-konsegwenzi tagħhom. Ommna hi wkoll taħlita perfetta fejn aħna għandna niġu magħġuna biex tassew nagħmlu tagħna l-intenzjonijiet u d-dispożizzjonijiet tagħha. Dan ma nistgħux niksbu mingħajr ma nistudjaw bir-reqqa il-ħajja interjuri, prinċiparjament il-virtujiet tagħha, is-sentimenti, l-azzjonijiet, il-parteċipazzjoni fil-misteri ta’ Kristu u l-unjoni tagħha Miegħu.

**QARI**

**Devozzjoni vera lejn il-Verġni Mbierka Marija ta’ San Alwiġi De Montfort: (Paragrafi 12–38)**

Qalbi iddettatli dak kollu li ktibt hawn, u li ktibt b’ferħ kbir. L-għan tiegħi hu, li nuri li Marija ftit li xejn kienet magħrufa s’issa u din hi waħda mir-raġunijiet għaliex Ġesu’ Kristu mhux magħruf kif jixraqlu. Mela, meta tibda s-Saltna ta’ Ġesu’ Kristu fid-dinja, din tkun konsegwenza meħtieġa tal-għarfien tas-saltna tal-Imqaddsa Verġni. Kien permezz tagħha li Hu ġie l-ewwel darba fid-dinja, u jkun permezz tagħha li jiddi bil-ġmiel kollu tiegħu fit-tieni miġja tiegħu.

Jien naqbel mal-Knisja kollha illi, meta nipparagunawha mal-Maesta’ infinita’ tal-Kbir Alla, Marija mhijiex ħlief ħlejqa magħmula minn idejh, u nkomplu b’dan il-paragun, hi inqas minn atomu – u iżjed hi mhi xejn, la darba Alla, li Hu, għandu l-eżistenza minnu nnifsu. Mela, dan il-Mulej Kbir minn dejjem, indipendenti u ma jonqsu xejn fih Innifsu, ma kellu ebda bżonn – u lanqas issa m’għandu bżonn – tal-Verġni Mqaddsa Marija biex iwettaq il-pjani Tiegħu u biex juri l-glorja Tiegħu. Hu jixtieq biss u kollox isir.

Imma filwaqt li nifhmu dan kollu, jiena nsostni li Alla malli ħalaqha għoġbu jibda jipperfezzjona l-pjani rendentiċi tiegħu permezz tal-Verġni Mqaddsa. Hu ma jbiddilx il-proċedura tiegħu minn seklu għall-ieħor. Għaliex huwa Alla, Hu ma jbiddilx il-mod kif jaħseb u jaġixxi.

Marija hija s-Sultana tas-Sema u tal-art permezz tal-grazzja, kif Ġesu’ hu s-Sultan tagħhom, permezz tan-natura u tar-rebħa. Is-Saltna ta’ Ġesu’ Kristu hi prinċipalment fil-qlub jew fil-ħajja interjuri tal-bnedmin skont il-kliem: “Is-Saltna ta’ Alla fostkom qiegħda.” (Lq 17,21). Hekk ukoll is-saltna tal-Verġni Mqaddsa hi ġol-bniedem, jiġifieri fir-ruħ tiegħu. Għaliex hu prinċipalment fl-erwieħ li flimkien ma’ Binha, hija aktar igglorifikata milli fil-kreaturi kollha viżibbli. Għalhekk nistgħu ningħaqdu mal-Qaddisin u nsejħulha s-Sultana ta’ qlubna.

**TALB**

**Litanija tal-Ispirtu s-Santu**

Mulej ħniena -- Mulej ħniena
Kristu ħniena -- Kristu ħniena
Mulej ħniena -- Mulej ħniena
Missier li tista' kollox – Ħenn għalina
Ġesù, Iben Etern tal-Missier -- Ħenn għalina
Feddej tad-dinja – Salvana
Spirtu tal-Missier u tal-Iben – Salvana
Ħajja bla qies, tagħhom it-tnejn -- Qaddisna
Trinità Qaddisa -- Ismagħna
Spirtu Santu li ġej mill-Missier -- Inżel f'qalbna
Spirtu Santu, li Int daqs il-Missier u l-Iben -- Inżel f'qalbna
Wegħda t'Alla l-Missier – Ħenn għalina
Raġġ ta' dawl mis-sema -- Ħenn għalina
Għerq ta' kull tjubija -- Ħenn għalina
Għajn tal-ilma tas-sema -- Ħenn għalina
Nar imħeġġeġ -- Ħenn għalina
Karità mimlija ħrara -- Ħenn għalina
Balzmu ta' faraġ spiritwali -- Ħenn għalina

Spirtu ta'mħabba u verità -- Ħenn għalina
Spirtu ta' għerf u fehma -- Ħenn għalina
Spirtu ta' kunsill u qawwa -- Ħenn għalina
Spirtu ta' għaqal u devozzjoni -- Ħenn għalina
Spirtu tal-biża' qaddis t'Alla -- Ħenn għalina
Spirtu ta' grazzja u talb -- Ħenn għalina
Spirtu ta' paċi u ħlewwa -- Ħenn għalina
Spirtu ta' modestja u innoċenza -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jagħti l-faraġ -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jqaddes -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jmexxi l-Knisja -- Ħenn għalina
Don t'Alla l-Għoli -- Ħenn għalina

Spirtu li jimla' l-ħolqien kollu -- Ħenn għalina
Spirtu li jagħmilna wlied Alla -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jikxfilna l-kruha tad-dnub -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, ejja u ġedded wiċċ id-dinja -- Ħenn għalina

Spirtu s-Santu, sawwab id-dawl tiegħek f'ruħna -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, onqox il-liġi tiegħek fuqna -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, onqox il-liġi tiegħek fuq qalbna -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, kebbes fina n-nar ta' mħabbtek -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, iftħilna t-teżori tal-grazzji tiegħek -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, għallimna nitolbu tajjeb -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, dawwalna bl-ispirazzjonijiet tiegħek tas-sema -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, mexxina fit-triq tas-salvazzjoni -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, agħtina dak l-għerf li hu biss meħtieġ -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, ħeġġiġna biex nagħmlu dak li hu tajjeb -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, agħtina l-merti tal-virtujiet kollha -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, kun Int il-premju tagħna ta' dejjem -- Ħenn għalina

Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja – *Ibagħtilna l-Ispirtu s-Santu*
Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja –*Ferra' f'ruħna d-doni tal-Ispirtu s-Santu*
Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja –*Agħtina l-Ispirtu ta' għerf u qdusija*

Ejja Spirtu s-Santu! Imla' l-qlub tal-fidili u kebbes fihom in-nar ta' Imħabbtek

**Nitolbu**
Agħtina, O Missier ħanin, li l-Ispirtu Divin idawwalna, iħeġġiġna u jippurifikana, hekk li jippenetra fina bħal nida mis-Sema u jagħtina li nagħmlu frott ta' għemejjel tajba. Nitolbuk dan b'Ibnek Sidna Ġesu' Kristu, li miegħek flimkien mal-Ispirtu s-Santu, jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.
**R. Ammen.**

**Litanija tal-Verġni Mqaddsa Marija (Litanija ta' Loretu)**

| | |
|---|---|
| Mulej, ħniena. | Mulej, ħniena |
| Kristu, ħniena | Kristu, ħniena |
| Mulej, ħniena | Mulej, ħniena |
| Kristu, ismagħna | Kristu, ismagħna |
| Kristu, ilqa' t-talb tagħna | Kristu, ilqa' t-talb tagħna |
| Missier etern Alla | Ħenn għalina |
| Iben Alla li fdejt id-dinja | Ħenn għalina |
| Spirtu qaddis Alla | Ħenn għalina |
| Trinità qaddisa, Alla wieħed | Ħenn għalina |

| | |
|---|---|
| Imqaddsa Marija | Itlob għalina |
| Imqaddsa Omm Alla | Itlob għalina |
| Imqaddsa xebba tax-xbejbiet | Itlob għalina |
| Omm ta' Kristu | Itlob għalina |
| Omm il-Knisja | Itlob għalina |
| Omm tal-grazzja t'Alla | Itlob għalina |
| Omm l-iżjed safja | Itlob għalina |
| Omm l-iżjed nadifa | Itlob għalina |
| Omm u xebba | Itlob għalina |
| Omm bla tebgħa | Itlob għalina |
| Omm li tistħoqq l-imħabba | Itlob għalina |
| Omm tal-għaġeb | Itlob għalina |
| Omm tal-parir it-tajjeb | Itlob għalina |
| Omm ta' min ħalaqna | Itlob għalina |
| Omm ta' min salvana | Itlob għalina |
| | |
| Xebba kollok għaqal | Itlob għalina |
| Xebba li tistħoqq kull qima | Itlob għalina |
| Xebba li tistħoqq kull foħrija | Itlob għalina |
| Xebba kollok setgħa | Itlob għalina |
| Xebba kollok ħniena | Itlob għalina |
| Xebba dejjem marbuta ma' Alla | Itlob għalina |
| Mera tal-qdusija | Itlob għalina |
| Tron tal-għerf | Itlob għalina |
| Bidu tal-ferħ tagħna | Itlob għalina |
| | |
| Għamara tal-Ispirtu s-Santu | Itlob għalina |
| Għamara ta' kull grazzja | Itlob għalina |
| Għamara ta' kull tjieba | Itlob għalina |
| Warda mistika | Itlob għalina |
| Torri ta' David | Itlob għalina |
| Torri tal-avorju | Itlob għalina |
| Dar tad-deheb | Itlob għalina |
| Arka tar-Rabta l-ġdida | Itlob għalina |
| Bieb tas-sema | Itlob għalina |
| Kewkba ta' filgħodu | Itlob għalina |
| Saħħa tal-morda | Itlob għalina |
| Kenn tal-midinbin | Itlob għalina |
| Faraġ tal-imnikktin | Itlob għalina |
| Għajnuna tal-insara | Itlob għalina |

| | |
|---|---|
| Sultana tal-anġli | Itlob għalina |
| Sultana tal-patrijarki | Itlob għalina |
| Sultana tal-profeti | Itlob għalina |
| Sultana tal-appostli | Itlob għalina |
| Sultana tal-martri | Itlob għalina |
| Sultana tal-konfessuri | Itlob għalina |
| Sultana tal-Verġni | Itlob għalina |
| Sultana tal-qaddisin kollha | Itlob għalina |
| Sultana mnissla mingħajr l-ewwel tebgħa | Itlob għalina |
| Sultana mtellgħa s-sema | Itlob għalina |
| Sultana tar-Rużarju mqaddes | Itlob għalina |
| Sultana tal-familja | Itlob għalina |
| Sultana tal-paċi | Itlob għalina |

Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja aħfrilna, nitolbuk, Mulej
Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja ismagħna, nitolbuk, Mulej
Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja ħenn għalina

V. Itlob għalina qaddisa Omm Alla,
R. Biex ikun jistħoqqilna dak li wegħedna Kristu.

**Nitolbu**
Agħti lilna, qaddejja tiegħek, Mulej Alla, nitolbuk, li ngawdu dejjem is-saħħa fir-ruħ u l-ġisem, u bit-talb glorjuż tal-imqaddsa Marija dejjem Verġni nkunu meħlusa mid-dwejjaq ta' issa u ngawdu l-hena ta' dejjem. Bi Kristu Sidna.
**R. Ammen.**

**Sliem għalik, kewkba tal-baħar – Ave Maris Stella**

Sliem għalik, kewkba tal-baħar,
Omm qaddisa u kbira t'Alla,
dejjem Verġni bla mittiefsa,
bieb il-hena u ferħ tas-sema.

Ilqa' l-"Ave" li bil-qima
Gabrijel qed isemmagħlek,
ibdel fiha l-isem t'Eva
ħalli jerġa' s-sliem fid-dinja.

Qaċċat kull irbit lill-ħatja,
ġib id-dawl lill-għomja kollha,
biegħed minna l-ħażen tagħna,
niżżel fuqna l-ġid tas-sema.

Uri li tassew int Ommna.
wassal talbna quddiem Alla,
li fi ħnientu twieled minnek
biex issir għalina bniedem.

Verġni fost kulħadd magħżula,
ta' qalb ħelwa fost il-ħlejjaq,
itlob 'l Ibnek biex jagħtina
maħfra, safa u spirtu ħlejju.

Għinna ngħaddu ħajja mseddqa,
żommna sħaħ fit-triq iż-żgura,
sa ma niksbu l-ferħ tad-dehra
ta' Ġesù għal dejjem miegħek. Ammen.

**Talb lil Marija ta' San Alwiġi De Montfort**

Sliem o Marija, Bint maħbuba tal-Missier Etern! Sliem o Marija, Omm ta' min jammira tal-Iben! Sliem o Marija, Għarusa fidila tal-Ispirtu s-Santu! Sliem o Marija, Ommi l-għażiża, Sidti, u sovrana qawwija tiegħi! Sliem o ferħ tiegħi, glorja tiegħi, qalbi u ruħi!

Int kollok tiegħi permezz tal-ħniena, u jien kollni tiegħek b'ġustizzja. Imma għadni m'iniex biżżejjed tiegħek. Jien issa nagħti lili nnifsi kollni kemm jien lilek, mingħajr ma nżomm xejn lura għalija nnifsi jew għall-oħrajn. Jekk int tibqa' tara fija xi ħaġa li mhux tiegħek, nitolbok biex din wkoll toħodha għalik u tagħmel lilek innifsek is-Sid assoluta ta' dak kollu li huwa tiegħi. Iddistruġġi fija dak kollu li mhux qed jogħġob lil Alla, aqalgħu mill-għeruq u ġibu fix-xejn; iżra' u kabbar fija kull ma jogħġob lilek.

Agħmel li d-dawl tal-fidi tiegħek ikeċċi d-dlam li hemm f'moħħi; agħmel li l-umilta' profonda tiegħek tieħu post is-suppervja tiegħi; agħmel li l-kontemplazzjoni tiegħek ta' Alla ma tħallinix niddistratta ruħi b'immaġinazzjonijiet li jtelfuni; agħmel li l-viżżjoni kontinwa tiegħek ta' Alla

timla’ l-memorja tiegħi bil-preżenza ta’ Alla; agħmel lin-nar jaqgħbad ta’ Qalbek iħeġġeġ il-bruda li hemm fija; agħmel li l-virtujiet tiegħek jieħdu post ta’ dnubieti; agħmel li l-merti tiegħek ikunu l-unika tiżjin tiegħi f’għajnejn Alla u jimlew dak li hu nieqes fija.

Fl-aħħar nett, għażiża Ommi, agħtini, jekk hu possibli, li jien ma jkolli l-ebda spirtu ieħor ħlief dak tiegħek biex insir naf lil Ġesu’ u r-Rieda qaddisa Tiegħu; li ma jkolli l-ebda ruħ oħra ħlief dik tiegħek biex infaħħar u niglorifika lill-Mulej; li ma jkolli l-ebda qalb oħra ħlief dik tiegħek biex inħobb lil Alla b’imħabba safja u tħeġġeġ bħalek.

Jien ma nitolbokx għal viżżjonijiet, rivelazzjonijiet, devozzjoni sensibli, jew konsolazzjonijiet spiritwali. Huwa privileġġ tiegħek li tara lil Alla b’mod ċar; huwa privileġġ tiegħek li tgawdi l-hena tas-sema; huwa privileġġ tiegħek li ssaltan glorjuża fil-Ġenna fil-lemin ta’ Ibnek u tiegħek it-treġija assoluta fuq l-anġli, il-bnedmin u d-demonji; huwa privileġġ tiegħek li tiddisponi mill-grazzji kollha ta’ Alla, hekk kif inti fil-fatt tagħmel.

Din hi, o Marija tas-Sema, l-"aqwa parti," li l-Mulej tak u li qatt mhu ser tittieħidlek --- u dan il-ħsieb jimlili lil qalbi bil-ferħ. U għal dak li jmiss lili hawn fl-art, ma nixtieq xejn aktar milli nkun tiegħek: li nemmen b’sinċerita’ mingħajr konsolazzjonijiet spiritwali; li nsofri mingħajr faraġ li jiġi mingħand il-bnedmin; li mmut kontinwament bla ma nieqaf għar-rieda tiegħi u għalija nnifsi; u li naħdem b’zelu u bla egoiżu għalik, sa jum mewti, bħala qaddej mill-aktar umli tiegħek.

L-unika grazzja li nitolbok li tikseb għalija hi dik li kull jum u kull mument ta’ ħajti nkun nista’ ngħid: Ammen, hekk ikun --- għal dak kollu li int għamilt meta kont għadek fuq din l-art; Ammen, hekk ikun --- għal dak kollu li int qed tagħmel bħalissa fil-Ġenna; Ammen, hekk ikun --- għal dak li int qed tagħmel f’ruħi, sabiex inti biss tkun tista’ tiglorifika b’mod sħiħ lil Ġesu’ fija għaż-żmien t’issa u għall-eternita’. Ammen.

## JUM 27: Konsagrazzjoni totali lil Ġesu' permezz ta' Marija

### GĦAN: Insiru nafu iżjed lil Ġesu'



Matul dan il-perjodu se ninpenjaw rwieħna biex insiru nafu iżjed lil Ġesu' Kristu. X'għandna nistudjaw fi Kristu? L-ewwel nibdew bil-fatt li Hu l-Bniedem-Alla, il-grazzja u l-glorja tiegħu; umbagħad id-dritt tiegħu li jaħkem sovjan fuqna; għaliex, wara li ċħadna għal Satana u għad-dinja, aħna ħadna lil Ġesu' Kristu bħala l-Mulej tagħna.

Wara dan fuqiex ser nistudjaw? L-azzjonijiet esterjuri tiegħu u wkoll il-ħajja interjuri tiegħu; il-virtujiet u l-azzjonijiet tal-Qalb Imqaddsa tiegħu; l-assoċjazzjoni tiegħu ma' Marija fil-misteri tat-Tħabbira u l-Inkarnazzjoni, matul it-tfulija u l-ħajja moħbija tiegħu, fit-tieġ ta' Kana u fuq il-Kalvarju.

### QARI

### Devozzjoni vera lejn il-Verġni Mbierka Marija ta' San Alwiġi De Montfort: (Paragrafi 61–62)

Ġesu' Kristu, is-Salvatur tagħna, veru Alla u veru bniedem, għandu jkun it-tmiem ta' kull devozzjoni oħra tagħna. Jekk ma jkunx hekk, kemm tkun falza u qarrieqa d-devozzjoni! Ġesu' Kristu l-Alfa u l-Omega, il-bidu u t-tmiem ta' kollox. Aħna qed nitħabtu, kif jgħid San Pawl, biex nagħmlu kull bniedem perfett fi Kristu, għaliex fi Kristu biss hemm il-Milja tad-Divinita' u l-miljiet l-oħra kollha tal-grazzja, tal-virtu' u tal-perfezzjoni, għaliex fiH biss aħna konna mberkin b'kull barka spiritwali. Huwa hu l-Imgħallem waħdieni tagħna li minnu għandna niddependu; Hu r-Ras waħdanija tagħna li tagħha biss għandna nkunu membri; Hu l-mudell waħdieni tagħna li lilu għandna nimitaw; Hu t-tabib waħdieni tagħna

li għandu jfejjaqna; Hu r-ragħaj waħdieni tagħna li għandu jitmana; Hu t-triq waħdanija tagħna li għandha tmexxina; Hu l-verita' waħdanija lil lilha għandna nemmnu. Hu l-Ħajja waħdanija tagħna li għandha tkun il-ħajja tagħna u l-Milja ta' kollox tagħna f'kull ħaġa biex Fih ikollna kollox.

Minn barra l-isem ta' Ġesu' m'hemm l-ebda isem ieħor taħt is-Sema li bih nistgħu insalvaw. Minn barra Ġesu' Kristu, Alla l-Missier ma tana l-ebda pedament għas-salvazzjoni u għall-perfezzjoni, u għall-glorja tagħna. "Għaliex il-bniedem ma jistax jagħmel pedament ieħor barra dak li hu magħmul li hu Ġesu' Kristu" (1 Kor 3,11). U kull dar li mhix mibnija fuq din il-blata soda, hi mibnija fuq ir-ramel li jiżloq u żgur li taqa', f'ħin jew ieħor. Kull ruħ li mhix maqgħuda ma' Kristu, bħal fergħa maz-zokk tad-dielja, taqa', tinxef u tkun biss tajba għan-nar. Jekk aħna fi Kristu u Kristu hu fina m'għandniex nibżgħu mit-telfien; għaliex la l-anġli tas-sema, la bnedmin tal-art, la x-xjaten tal-infern u l-ebda ħlejqa oħra ma tista' tagħmlilna ħsara għax ma jistgħux jifirduna mill-imħabba ta' Alla, li hi f'Ġesu' Kristu. Bi Kristu, ma' Kristu u fi Kristu aħna nistgħu nagħmlu kollox. Aħna nistgħu naslu għall-perfezzjoni u nistgħu nkunu l-fwieħa tal-ħajja eterna għal għajrna.

L-iskop tagħna li nwaqqfu devozzjoni soda lejn l-Imqaddsa Verġni, mhix ħaġa oħra ħlief li nsaħħu aktar perfettament il-qima lejn Ġesu' Kristu, u nsibu triq eħfef u iktar żgura li biha nistgħu nsibu lil Ġesu' Kristu. Li kieku d-devozzjoni lejn il-Madonna kellha l-effett li tbegħidna minn Ġesu' kien ikollha tiġi mwarrba bħala nassa tad-demonju. Imma din mhix hekk. Bil-maqlub, kif diġa' wrejna u kif se nuru aktar fid-dettal, din id-devozzjoni hi biss meħtieġa għalina biex insibu 'l Kristu perfettament, inkunu nistgħu nħobbuh aktar u naqduh fedelment.

**TALB**

**Litanija tal-Ispirtu s-Santu**

Mulej ħniena -- Mulej ħniena
Kristu ħniena -- Kristu ħniena
Mulej ħniena -- Mulej ħniena
Missier li tista' kollox – Ħenn għalina
Ġesù, Iben Etern tal-Missier -- Ħenn għalina
Feddej tad-dinja – Salvana
Spirtu tal-Missier u tal-Iben – Salvana
Ħajja bla qies, tagħhom it-tnejn -- Qaddisna
Trinità Qaddisa -- Ismagħna

Spirtu Santu li ġej mill-Missier -- Inżel f'qalbna
Spirtu Santu, li Int daqs il-Missier u l-Iben -- Inżel f'qalbna
Wegħda t'Alla l-Missier – Ħenn għalina
Raġġ ta' dawl mis-sema -- Ħenn għalina
Għerq ta' kull tjubija -- Ħenn għalina
Għajn tal-ilma tas-sema -- Ħenn għalina
Nar imħeġġeġ -- Ħenn għalina
Karità mimlija ħrara -- Ħenn għalina
Balzmu ta' faraġ spiritwali -- Ħenn għalina

Spirtu ta'mħabba u verità -- Ħenn għalina
Spirtu ta' għerf u fehma -- Ħenn għalina
Spirtu ta' kunsill u qawwa -- Ħenn għalina
Spirtu ta' għaqal u devozzjoni -- Ħenn għalina
Spirtu tal-biża' qaddis t'Alla -- Ħenn għalina
Spirtu ta' grazzja u talb -- Ħenn għalina
Spirtu ta' paċi u ħlewwa -- Ħenn għalina
Spirtu ta' modestja u innoċenza -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jagħti l-faraġ -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jqaddes -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jmexxi l-Knisja -- Ħenn għalina
Don t'Alla l-Għoli -- Ħenn għalina

Spirtu li jimla' l-ħolqien kollu -- Ħenn għalina
Spirtu li jagħmilna wlied Alla -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jikxfilna l-kruha tad-dnub -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, ejja u ġedded wiċċ id-dinja -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, sawwab id-dawl tiegħek f'ruħna -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, onqox il-liġi tiegħek fuqna -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, onqox il-liġi tiegħek fuq qalbna -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, kebbes fina n-nar ta' mħabbtek -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, iftħilna t-teżori tal-grazzji tiegħek -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, għallimna nitolbu tajjeb -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, dawwalna bl-ispirazzjonijiet tiegħek tas-sema -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, mexxina fit-triq tas-salvazzjoni -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, agħtina dak l-għerf li hu biss meħtieġ -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, ħeġġiġna biex nagħmlu dak li hu tajjeb -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, agħtina l-merti tal-virtujiet kollha -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, kun Int il-premju tagħna ta' dejjem -- Ħenn għalina

Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja – *Ibagħtilna l-Ispirtu s-Santu*
Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja –*Ferra' f'ruħna d-doni tal-Ispirtu s-Santu*
Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja –*Agħtina l-Ispirtu ta' għerf u qdusija*

Ejja Spirtu s-Santu! Imla' l-qlub tal-fidili u kebbes fihom in-nar ta' Imħabbtek

**Nitolbu**
Agħtina, O Missier ħanin, li l-Ispirtu Divin idawwalna, iħeġġiġna u jippurifikana, hekk li jippenetra fina bħal nida mis-Sema u jagħtina li nagħmlu frott ta' għemejjel tajba. Nitolbuk dan b'Ibnek Sidna Ġesu' Kristu, li miegħek flimkien mal-Ispirtu s-Santu, jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.
**R. Ammen.**

**Sliem għalik, kewkba tal-baħar – Ave Maris Stella**

Sliem għalik, kewkba tal-baħar,
Omm qaddisa u kbira t'Alla,
dejjem Verġni bla mittiefsa,
bieb il-hena u ferħ tas-sema.

Ilqa' l-"Ave" li bil-qima
Gabrijel qed isemmagħlek,
ibdel fiha l-isem t'Eva
ħalli jerġa' s-sliem fid-dinja.

Qaċċat kull irbit lill-ħatja,
ġib id-dawl lill-għomja kollha,
biegħed minna l-ħażen tagħna,
niżżel fuqna l-ġid tas-sema.

Uri li tassew int Ommna.
wassal talbna quddiem Alla,
li fi ħnientu twieled minnek
biex issir għalina bniedem.

Verġni fost kulħadd magħżula,
ta’ qalb ħelwa fost il-ħlejjaq,
itlob ’l Ibnek biex jagħtina
maħfra, safa u spirtu ħlejju.

Għinna ngħaddu ħajja mseddqa,
żommna sħaħ fit-triq iż-żgura,
sa ma niksbu l-ferħ tad-dehra
ta’ Ġesù għal dejjem miegħek. Ammen.

**Litanija tal-Isem Imqaddes ta’ Ġesu’**

Mulej ħniena -- Mulej ħniena
Kristu ħniena -- Kristu ħniena
Mulej ħniena -- Mulej ħniena
Ġesù, ismagħna.
Ġesu’, nitolbuk ismagħna.

Alla, Missier tas-Sema -- Ħenn għalina
Alla l-Iben, Feddej tad-dinja – Ħenn għalina
Alla l-Ispirtu s-Santu – Ħenn għalina
Trinità Qaddisa, Alla wieħed -- Ħenn għalina

Ġesu’, Iben Alla l-ħaj -- Ħenn għalina
Ġesu’, Glorja tal-Missier -- Ħenn għalina
Ġesu’, Dija tad-Dawl etern -- Ħenn għalina
Ġesu’, Re tal-Glorja -- Ħenn għalina
Ġesu’, Xemx tal-Ġustizzja -- Ħenn għalina
Ġesu’, Iben tal-Verġni Marija -- Ħenn għalina
Ġesu’, l-aktar maħbub -- Ħenn għalina
Ġesu’, l-aktar ammirabli -- Ħenn għalina

Ġesu’, Alla setgħan -- Ħenn għalina
Ġesu’, Missier id-dinja li għad tiġi -- Ħenn għalina
Ġesu’, anġlu tal-akbar kunsill -- Ħenn għalina
Ġesu’, l-aktar qawwi -- Ħenn għalina
Ġesu’, l-aktar paċenzjuż -- Ħenn għalina
Ġesu’, l-aktar ubbidjenti -- Ħenn għalina
Ġesu’, ta’ Qalb ħelwa w umli -- Ħenn għalina

Ġesu', li tħobb il-Kastita' -- Ħenn għalina
Ġesu', Maħbub tagħna -- Ħenn għalina

Ġesu', Alla tal-Paċi -- Ħenn għalina
Ġesu', Awtur tal-Ħajja -- Ħenn għalina
Ġesu', Mudell tal-Virtu' -- Ħenn għalina
Ġesu', zelanti għall-erwieħ -- Ħenn għalina
Ġesu', Alla tagħna -- Ħenn għalina
Ġesu', Refuġju tagħna -- Ħenn għalina
Ġesu', Missier il-foqra -- Ħenn għalina
Ġesu', it-Teżor tal-fidili -- Ħenn għalina
Ġesu', ir-Ragħaj it-tajjeb -- Ħenn għalina
Ġesu', id-Dawl veru -- Ħenn għalina
Ġesu', l-Għerf etern -- Ħenn għalina

Ġesu', ta' Tjieba infinita -- Ħenn għalina
Ġesu', it-Triq u l-Ħajja tagħna -- Ħenn għalina
Ġesu', ferħ tal-Anġli -- Ħenn għalina
Ġesu', Sultan tal-Patrijarki -- Ħenn għalina
Ġesu', Sid l-Appostli -- Ħenn għalina
Ġesu', Mgħallem tal-Evanġelisti -- Ħenn għalina
Ġesu', Qawwa tal-Martri -- Ħenn għalina
Ġesu', Dawl tal-Konfessuri -- Ħenn għalina
Ġesu', Safa tal-Verġni -- Ħenn għalina
Ġesu', Kuruna tal-Qaddisin kollha -- Ħenn għalina

Kun ħanin, salvana, o Ġesu'!
Kun ħanin, ismagħna, o Ġesu'!

Minn kull ħażen, eħlisna, o Ġesu'.
Minn kull dnub, eħlisna, o Ġesu'.
Mill-korla tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.
Minn nases tad-demonju, eħlisna, o Ġesu'.
Mill-ispirtu ta' fornikazzjoni, eħlisna, o Ġesu'.
Mill-mewt ta' dejjem, eħlisna, o Ġesu'.
Milli nwarbu l-ispirazzjonijiet tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.

Bil-misteru qaddis tal-Inkarnazzjoni tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz ta' Twelidek, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz ta' Tfulitek, eħlisna, o Ġesu'.

Permezz tal-Ħajja l-aktar divina tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz tat-Taħbit tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz tal-Agunija u l-Passjoni tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz tas-Salib u l-Mewt tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz tas-Sofferenzi tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz tal-Mewt u d-Difna tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz tal-Qawmien tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz tat-Tlugħ tiegħek fis-Sema, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz tal-Istituzjoni tal-Ewkaristija Mqaddsa, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz tal-Ferħ tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz tal-Glorja tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.

Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja – *eħlisna, o Ġesu'!*
Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja – *ismagħna, o Ġesu'!*
Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja – *ħenn għalina, o Ġesu'!*

Ġesu', ismagħna.
Ġesu', nitolbuk ismagħna.

**Nitolbu**
O Mulej Ġesu' Kristu, inti għidtilna, "Itolbu u jingħatalkom; fittxu u ssibu; ħabbtu u jiftħulkom;" nitolbuk bil-ħniena biex tagħti widen għat-talb tagħna, u tagħtina l-grazzja tal-imħabba l-aktar divina tiegħek, biex nistgħu nħobbuk b'qalbna kollha, u b'dak li ngħidu u nagħmlu, u li qatt ma nieqfu nfaħħruk.

Agħmel Mulej li jkollna l-biża' u l-imħabba ta' Ismek, għaliex inti qatt ma tieqaf issaltan fuq dawk li int tqawwihom b'imħabbtek. Int li tgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.
**R. Ammen.**

**Talb lil Ġesu' ta' San Alwiġi De Montfort**

O Ġesu' l-aktar Maħbub, ħallini nferra' l-gratitudni tiegħi quddiemek, għall-grazzja li Inti tajni meta tajtni lil Ommok qaddisa permezz tad-devozzjoni tal-Għaqda Qaddisa, ħalli hija tkun l-avukata tiegħi fil-preżenza tal-majesta' tiegħek, u ta' sapport għalija fil-miżerja estrema tiegħi.

O Mulej! Jien, li jien ħażin, mingħajr l-għażiża Ommok kont inkun mitluf żgur. Iva, Marija hi ċertament maġenbi u kullimkien: ħalli ttaffi l-korla ġusta tiegħek,

għaliex jien tant drabi offendejtek; ħalli hi ssalvani mill-kastig etern tal-ġustizzja tiegħek, li jien jistħoqqli; ħalli hija tikkontemplak, tkellmek, titolbok, tiġi quddiemek u tkun togħġbok; ħalli hija tgħinni nsalva ruħi u l-erwieħ tal-oħrajn; fil-qasir, Marija hija bżonnjuża għalija ħalli dejjem nagħmel ir-rieda mqaddsa tiegħek u nfittex l-akbar glorja tiegħek f'kolllox.

O li kieku nista' nxandar mad-dinja kollha il-ħniena illi Int wrejt miegħi! Li kieku kulħadd jista' isir jaf li jien kieku diġa mitluf, li ma kienx għal Marija! Mhux li kien noffrilek ir-ringrazzjament li jistħoqqlok għal din il-barka hekk kbira! Marija hija tiegħi. O x'teżor! O x'konsolazzjoni! U jien m'għandix inkun kompletament tagħha? O x'ingratitudni! Salvatur għażiz, aħjar tibgħatli l-mewt minflok naqa' f'din id-diżgrazzja, għax nippreferi mmut milli ngħix mingħajr ma nkun kollni ta' Marija.

Ma San Ġwann l-Evanġelista f'riġlejn is-Salib, jien ħadtha għandi mijjiet ta' drabi u għal ħafna drabi, jien ingħatajt lilha; imma jekk għadni m'għamiltx dan bl-istess mod kif għamiltu Int, għażiż Ġesu', jien nixtieq, li issa nġedded l-offerta tiegħi bħalma Int tixtieqni nġeddidha. U jekk inti tara f'ruħi u f'ġismi xi ħaġa li mhiex ta' din il-prinċipessa awgusta, nitolbok biex tneħħiha u twarrabha 'l bogħod minni, għax kull ma hemm ġo fija li mhux ta' Marija, ma jistħoqqlux Lilek.

O Spirtu Qaddis, agħtini dawn il-grazzji kollha tiegħek. Ħawwel f'ruħi s-Siġra tal-vera Ħajja, li hi Marija; ikkultivha int u ħu ħsiebha ħalli tikber, tinfirex u tagħti l-frott tal-ħajja bl-abbundanza. O Spirtu Qaddis, agħtini devozzjoni kbira lejn Marija, l-Għarusa Fidila tiegħek; agħtini fiduċja kbira fil-qalb materna tagħha u li ngħammar għall-kenn tal-ħniena tagħha, ħalli permezz tagħha Int tkun tista' tassew tifforma fija lil Ġesu' Kristu, kbir u qawwi, sal-milja taż-żmien tiegħu. Ammen.

**O Ġesu' li tgħix f'Marija**

O Ġesu' li tgħix f'Marija,
ejja u għix fil-qaddejja tiegħek,
fl-Ispirtu tal-Qdusija tiegħek,
fil-milja tal-Qawwa tiegħek,
fis-sewwa tal-Virtujiet tiegħek,
fil-perfezzjoni tat-Triqat tiegħek,
fil-komunjoni tal-misteri tiegħek;
rażżan fina kull qawwa ostili,
fl-Ispirtu tiegħek, għall-glorja tal-Missier. Ammen.

## JUM 28: Konsagrazzjoni totali lil Ġesu' permezz ta' Marija

### GĦAN: Insiru nafu iżjed lil Ġesu'

Matul dan il-perjodu se ninpenjaw rwieħna biex insiru nafu iżjed lil Ġesu' Kristu. X'għandna nistudjaw fi Kristu? L-ewwel nibdew bil-fatt li Hu l-Bniedem-Alla, il-grazzja u l-glorja tiegħu; umbagħad id-dritt tiegħu li jaħkem sovjan fuqna; għaliex, wara li ċħadna għal Satana u għad-dinja, aħna ħadna lil Ġesu' Kristu bħala l-Mulej tagħna.

Wara dan fuqiex ser nistudjaw? L-azzjonijiet esterjuri tiegħu u wkoll il-ħajja interjuri tiegħu; il-virtujiet u l-azzjonijiet tal-Qalb Imqaddsa tiegħu; l-assoċjazzjoni tiegħu ma' Marija fil-misteri tat-Tħabbira u l-Inkarnazzjoni, matul it-tfulija u l-ħajja moħbija tiegħu, fit-tieġ ta' Kana u fuq il-Kalvarju.

### QARI

### Mattew 26: 1-2, 26–29, 36–46

Meta temm dawn id-diskorsi kollha, Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: "Tafu li jumejn oħra jkun il-Għid, u Bin il-bniedem se jingħata biex isallbuh."

**Il-twaqqif tal-Ewkaristija**
Huma u jieklu, Ġesù ħa l-ħobż f'idejh, qal il-barka, qasmu, newwlu lid-dixxipli u qal: "Ħudu, kulu, dan hu ġismi." Mbagħad ħa l-kalċi f'idejh, radd il-ħajr, newwlilhom il-kalċi u qal: "Ixorbu lkoll minnu, għax dan huwa demmi, id-demm tal-Patt, li jixxerred għall-kotra għall-maħfra tad-dnubiet. Ngħidilkom, li ma nerġax nixrob iżjed minn dan il-frott tad-dielja sa dakinhar li nixrob inbid ġdid magħkom fis-Saltna ta' Missieri."

**Ġesù jitlob fil-Ġetsemani**
Mbagħad Ġesù flimkien mad-dixxipli tiegħu wasal f'qasam, jgħidulu l-Ġetsemani, u qal lid-dixxipli: "Oqogħdu bilqiegħda hawn sakemm immur hemmhekk nitlob." U ħa miegħu lil Pietru u ż-żewġ ulied ta' Żebedew, u beda jsewwed qalbu u jiddejjaq. Mbagħad qalilhom: "Għandi ruħi mnikkta għall-mewt; ibqgħu hawn u ishru miegħi." Mexa kemmxejn 'il quddiem, nxteħet wiċċu fl-art jitlob u jgħid: "Missier, jekk jista' jkun, biegħed minni dan il-kalċi! Imma mhux kif irrid jien, iżda kif trid int." Ġie ħdejn id-dixxipli u sabhom reqdin; u qal lil Pietru: "Mela ma flaħtux tishru siegħa waħda miegħi? Ishru u itolbu biex

ma tidħlux fit-tiġrib. L-ispirtu, iva, irid; imma l-ġisem dgħajjef." Għat-tieni darba raġa' mar jitlob u qal: "Missieri, jekk dan il-kalċi ma jistax jgħaddi mingħajr ma nixorbu, tkun magħmula r-rieda tiegħek." Mill-ġdid ġie u sabhom reqdin, għax għajnejhom kienu tqal bin-ngħas. Ħalliehom, u raġa' mar jitlob għat-tielet darba, u qal l-istess kliem. Mbagħad ġie ħdejn id-dixxipli u qalilhom: "Issa se torqdu u tistrieħu? Ara, is-siegħa waslet, u Bin il-bniedem se jkun mogħti f'idejn il-midinbin. Qumu! Ejjew immorru! Araw, dak li se jittradini huwa fil-qrib!"

**TALB**

**Litanija tal-Ispirtu s-Santu**

Mulej ħniena -- Mulej ħniena
Kristu ħniena -- Kristu ħniena
Mulej ħniena -- Mulej ħniena
Missier li tista' kollox – Ħenn għalina
Ġesù, Iben Etern tal-Missier -- Ħenn għalina
Feddej tad-dinja – Salvana
Spirtu tal-Missier u tal-Iben – Salvana
Ħajja bla qies, tagħhom it-tnejn -- Qaddisna
Trinità Qaddisa -- Ismagħna
Spirtu Santu li ġej mill-Missier -- Inżel f'qalbna
Spirtu Santu, li Int daqs il-Missier u l-Iben -- Inżel f'qalbna
Wegħda t'Alla l-Missier – Ħenn għalina
Raġġ ta' dawl mis-sema -- Ħenn għalina
Għerq ta' kull tjubija -- Ħenn għalina
Għajn tal-ilma tas-sema -- Ħenn għalina
Nar imħeġġeġ -- Ħenn għalina
Karità mimlija ħrara -- Ħenn għalina
Balzmu ta' faraġ spiritwali -- Ħenn għalina

Spirtu ta'mħabba u verità -- Ħenn għalina
Spirtu ta' għerf u fehma -- Ħenn għalina
Spirtu ta' kunsill u qawwa -- Ħenn għalina
Spirtu ta' għaqal u devozzjoni -- Ħenn għalina
Spirtu tal-biża' qaddis t'Alla -- Ħenn għalina
Spirtu ta' grazzja u talb -- Ħenn għalina
Spirtu ta' paċi u ħlewwa -- Ħenn għalina
Spirtu ta' modestja u innoċenza -- Ħenn għalina

Spirtu s-Santu li jagħti l-faraġ -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jqaddes -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jmexxi l-Knisja -- Ħenn għalina
Don t'Alla l-Għoli -- Ħenn għalina

Spirtu li jimla' l-ħolqien kollu -- Ħenn għalina
Spirtu li jagħmilna wlied Alla -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jikxfilna l-kruha tad-dnub -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, ejja u ġedded wiċċ id-dinja -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, sawwab id-dawl tiegħek f'ruħna -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, onqox il-liġi tiegħek fuqna -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, onqox il-liġi tiegħek fuq qalbna -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, kebbes fina n-nar ta' mħabbtek -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, iftħilna t-teżori tal-grazzji tiegħek -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, għallimna nitolbu tajjeb -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, dawwalna bl-ispirazzjonijiet tiegħek tas-sema -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, mexxina fit-triq tas-salvazzjoni -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, agħtina dak l-għerf li hu biss meħtieġ -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, ħeġġiġna biex nagħmlu dak li hu tajjeb -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, agħtina l-merti tal-virtujiet kollha -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, kun Int il-premju tagħna ta' dejjem -- Ħenn għalina

Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja – *Ibagħtilna l-Ispirtu s-Santu*
Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja –*Ferra' f'ruħna d-doni tal-Ispirtu s-Santu*
Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja –*Agħtina l-Ispirtu ta' għerf u qdusija*

Ejja Spirtu s-Santu! Imla' l-qlub tal-fidili u kebbes fihom in-nar ta' Imħabbtek

**Nitolbu**
Agħtina, O Missier ħanin, li l-Ispirtu Divin idawwalna, iħeġġiġna u jippurifikana, hekk li jippenetra fina bħal nida mis-Sema u jagħtina li nagħmlu frott ta' għemejjel tajba. Nitolbuk dan b'Ibnek Sidna Ġesu' Kristu, li miegħek flimkien mal-Ispirtu s-Santu, jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.
**R. Ammen.**

**Sliem għalik, kewkba tal-baħar – Ave Maris Stella**

Sliem għalik, kewkba tal-baħar,
Omm qaddisa u kbira t'Alla,
dejjem Verġni bla mittiefsa,
bieb il-hena u ferħ tas-sema.

Ilqa' l-"Ave" li bil-qima
Gabrijel qed isemmagħlek,
ibdel fiha l-isem t'Eva
ħalli jerġa' s-sliem fid-dinja.

Qaċċat kull irbit lill-ħatja,
ġib id-dawl lill-għomja kollha,
biegħed minna l-ħażen tagħna,
niżżel fuqna l-ġid tas-sema.

Uri li tassew int Ommna.
wassal talbna quddiem Alla,
li fi ħnientu twieled minnek
biex issir għalina bniedem.

Verġni fost kulħadd magħżula,
ta' qalb ħelwa fost il-ħlejjaq,
itlob 'l Ibnek biex jagħtina
maħfra, safa u spirtu ħlejju.

Għinna ngħaddu ħajja mseddqa,
żommna sħaħ fit-triq iż-żgura,
sa ma niksbu l-ferħ tad-dehra
ta' Ġesù għal dejjem miegħek. Ammen.

**Litanija tal-Isem Imqaddes ta' Ġesu'**

Mulej ħniena -- Mulej ħniena
Kristu ħniena -- Kristu ħniena
Mulej ħniena -- Mulej ħniena
Ġesù, ismagħna.
Ġesu', nitolbuk ismagħna.

Alla, Missier tas-Sema -- Ħenn għalina
Alla l-Iben, Feddej tad-dinja – Ħenn għalina
Alla l-Ispirtu s-Santu – Ħenn għalina
Trinità Qaddisa, Alla wieħed -- Ħenn għalina

Ġesu', Iben Alla l-ħaj -- Ħenn għalina
Ġesu', Glorja tal-Missier -- Ħenn għalina
Ġesu', Dija tad-Dawl etern -- Ħenn għalina
Ġesu', Re tal-Glorja -- Ħenn għalina
Ġesu', Xemx tal-Ġustizzja -- Ħenn għalina
Ġesu', Iben tal-Verġni Marija -- Ħenn għalina
Ġesu', l-aktar maħbub -- Ħenn għalina
Ġesu', l-aktar ammirabli -- Ħenn għalina
Ġesu', Alla setgħan -- Ħenn għalina
Ġesu', Missier id-dinja li għad tiġi -- Ħenn għalina
Ġesu', anġlu tal-akbar kunsill -- Ħenn għalina
Ġesu', l-aktar qawwi -- Ħenn għalina
Ġesu', l-aktar paċenzjuż -- Ħenn għalina
Ġesu', l-aktar ubbidjenti -- Ħenn għalina
Ġesu', ta' Qalb ħelwa w umli -- Ħenn għalina
Ġesu', li tħobb il-Kastita' -- Ħenn għalina
Ġesu', Maħbub tagħna -- Ħenn għalina

Ġesu', Alla tal-Paċi -- Ħenn għalina
Ġesu', Awtur tal-Ħajja -- Ħenn għalina
Ġesu', Mudell tal-Virtu' -- Ħenn għalina
Ġesu', zelanti għall-erwieħ -- Ħenn għalina
Ġesu', Alla tagħna -- Ħenn għalina
Ġesu', Refuġju tagħna -- Ħenn għalina
Ġesu', Missier il-foqra -- Ħenn għalina
Ġesu', it-Teżor tal-fidili -- Ħenn għalina
Ġesu', ir-Ragħaj it-tajjeb -- Ħenn għalina
Ġesu', id-Dawl veru -- Ħenn għalina
Ġesu', l-Għerf etern -- Ħenn għalina

Ġesu', ta' Tjieba infinita -- Ħenn għalina
Ġesu', it-Triq u l-Ħajja tagħna -- Ħenn għalina
Ġesu', ferħ tal-Anġli -- Ħenn għalina
Ġesu', Sultan tal-Patrijarki -- Ħenn għalina

Ġesu', Sid l-Appostli -- Ħenn għalina
Ġesu', Mgħallem tal-Evanġelisti -- Ħenn għalina
Ġesu', Qawwa tal-Martri -- Ħenn għalina
Ġesu', Dawl tal-Konfessuri -- Ħenn għalina
Ġesu', Safa tal-Verġni -- Ħenn għalina
Ġesu', Kuruna tal-Qaddisin kollha -- Ħenn għalina

Kun ħanin, salvana, o Ġesu'!
Kun ħanin, ismagħna, o Ġesu'!

Minn kull ħażen, eħlisna, o Ġesu'.
Minn kull dnub, eħlisna, o Ġesu'.
Mill-korla tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.
Minn nases tad-demonju, eħlisna, o Ġesu'.
Mill-ispirtu ta' fornikazzjoni, eħlisna, o Ġesu'.
Mill-mewt ta' dejjem, eħlisna, o Ġesu'.
Milli nwarbu l-ispirazzjonijiet tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.
Bil-misteru qaddis tal-Inkarnazzjoni tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz ta' Twelidek, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz ta' Tfulitek, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz tal-Ħajja l-aktar divina tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz tat-Taħbit tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz tal-Agunija u l-Passjoni tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz tas-Salib u l-Mewt tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz tas-Sofferenzi tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz tal-Mewt u d-Difna tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz tal-Qawmien tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz tat-Tlugħ tiegħek fis-Sema, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz tal-Istituzjoni tal-Ewkaristija Mqaddsa, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz tal-Ferħ tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz tal-Glorja tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.

Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja – *eħlisna, o Ġesu'!*
Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja – *ismagħna, o Ġesu'!*
Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja – *ħenn għalina, o Ġesu'!*

Ġesu', ismagħna.
Ġesu', nitolbuk ismagħna.

**Nitolbu**
O Mulej Ġesu' Kristu, inti għidtilna, "Itolbu u jingħatalkom; fittxu u ssibu; ħabbtu u jiftħulkom;" nitolbuk bil-ħniena biex tagħti widen għat-talb tagħna, u tagħtina l-grazzja tal-imħabba l-aktar divina tiegħek, biex nistgħu nħobbuk b'qalbna kollha, u b'dak li ngħidu u nagħmlu, u li qatt ma nieqfu nfaħħruk.

Agħmel Mulej li jkollna l-biża' u l-imħabba ta' Ismek, għaliex inti qatt ma tieqaf issaltan fuq dawk li int tqawwihom b'imħabbtek. Int li tgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.
**R. Ammen.**

**Talb lil Ġesu' ta' San Alwiġi De Montfort**

O Ġesu' l-aktar Maħbub, ħallini nferra' l-gratitudni tiegħi quddiemek, għall-grazzja li Inti tajni meta tajtni lil Ommok qaddisa permezz tad-devozzjoni tal-Għaqda Qaddisa, ħalli hija tkun l-avukata tiegħi fil-preżenza tal-majesta' tiegħek, u ta' sapport għalija fil-miżerja estrema tiegħi.

O Mulej! Jien, li jien ħażin, mingħajr l-għażiża Ommok kont inkun mitluf żgur. Iva, Marija hi ċertament maġenbi u kullimkien: ħalli ttaffi l-korla ġusta tiegħek, għaliex jien tant drabi offendejtek; ħalli hi ssalvani mill-kastig etern tal-ġustizzja tiegħek, li jien jistħoqqli; ħalli hija tikkontemplak, tkellmek, titolbok, tiġi quddiemek u tkun togħġbok; ħalli hija tgħinni nsalva ruħi u l-erwieħ tal-oħrajn; fil-qasir, Marija hija bżonnjuża għalija ħalli dejjem nagħmel ir-rieda mqaddsa tiegħek u nfittex l-akbar glorja tiegħek f'kolllox.

O li kieku nista' nxandar mad-dinja kollha il-ħniena illi Int wrejt miegħi! Li kieku kulħadd jista' isir jaf li jien kieku diġa mitluf, li ma kienx għal Marija! Mhux li kien noffrilek ir-ringrazzjament li jistħoqqlok għal din il-barka hekk kbira! Marija hija tiegħi. O x'teżor! O x'konsolazzjoni! U jien m'għandix inkun kompletament tagħha? O x'ingratitudni! Salvatur għażiz, aħjar tibgħatli l-mewt minflok naqa' f'din id-diżgrazzja, għax nippreferi mmut milli ngħix mingħajr ma nkun kollni ta' Marija.

Ma San Ġwann l-Evanġelista f'riġlejn is-Salib, jien ħadtha għandi mijjiet ta' drabi u għal ħafna drabi, jien ingħatajt lilha; imma jekk għadni m'għamiltx dan bl-istess mod kif għamiltu Int, għażiż Ġesu', jien nixtieq, li issa nġedded l-offerta tiegħi bħalma Int tixtieqni nġeddidha. U jekk inti tara f'ruħi u f'ġismi xi ħaġa li mhiex

ta' din il-prinċipessa awgusta, nitolbok biex tneħħiha u twarrabha 'l bogħod minni, għax kull ma hemm ġo fija li mhux ta' Marija, ma jistħoqqlux Lilek.

O Spirtu Qaddis, agħtini dawn il-grazzji kollha tiegħek. Ħawwel f'ruħi s-Siġra tal-vera Ħajja, li hi Marija; ikkultivha int u ħu ħsiebha ħalli tikber, tinfirex u tagħti l-frott tal-ħajja bl-abbundanza. O Spirtu Qaddis, agħtini devozzjoni kbira lejn Marija, l-Għarusa Fidila tiegħek; agħtini fiduċja kbira fil-qalb materna tagħha u li ngħammar għall-kenn tal-ħniena tagħha, ħalli permezz tagħha Int tkun tista' tassew tifforma fija lil Ġesu' Kristu, kbir u qawwi, sal-milja taż-żmien tiegħu. Ammen.

**O Ġesu' li tgħix f'Marija**

O Ġesu' li tgħix f'Marija,
ejja u għix fil-qaddejja tiegħek,
fl-Ispirtu tal-Qdusija tiegħek,
fil-milja tal-Qawwa tiegħek,
fis-sewwa tal-Virtujiet tiegħek,
fil-perfezzjoni tat-Triqat tiegħek,
fil-komunjoni tal-misteri tiegħek;
rażżan fina kull qawwa ostili,
fl-Ispirtu tiegħek, għall-glorja tal-Missier. Ammen.

## JUM 29: Konsagrazzjoni totali lil Ġesu' permezz ta' Marija

### GĦAN: Insiru nafu iżjed lil Ġesu'

Matul dan il-perjodu se ninpenjaw rwieħna biex insiru nafu iżjed lil Ġesu' Kristu. X'għandna nistudjaw fi Kristu? L-ewwel nibdew bil-fatt li Hu l-Bniedem-Alla, il-grazzja u l-glorja tiegħu; umbagħad id-dritt tiegħu li jaħkem sovjan fuqna; għaliex, wara li ċħadna għal Satana u għad-dinja, aħna ħadna lil Ġesu' Kristu bħala l-Mulej tagħna.

Wara dan fuqiex ser nistudjaw? L-azzjonijiet esterjuri tiegħu u wkoll il-ħajja interjuri tiegħu; il-virtujiet u l-azzjonijiet tal-Qalb Imqaddsa tiegħu; l-assoċjazzjoni tiegħu ma' Marija fil-misteri tat-Tħabbira u l-Inkarnazzjoni, matul it-tfulija u l-ħajja moħbija tiegħu, fit-tieġ ta' Kana u fuq il-Kalvarju.

## QARI

### L-Imitazzjoni ta' Kristu: L-1 Ktieb, Kap 1, 1-3

*Hemm bżonn li n-Nisrani jixxiebeħ lil Ġesu Kristu, u jixħet taħt riglejħ il-frugħa tad-dinja.*

"Min jimxi wrajja, ma jimxix fid-dlam,'' igħid is-Sinjur. Dawn il-kelmiet huma ta' Kristu, biex iwiddibna li nixbhuħ dejjem fil-ħajja tiegħu jekk irridu nkunu mfejqin mill-għama tal-qalb. L-aqwa dmir tagħna mela għandu jkun li naħsbu sewwa fuq il-ħajja ta' Kristu.

It-tagħlim ta' Kristu huwa ogħla u isbaħ minn tal-Qaddisin kollha; u min inissel ġewwa fih l-ispirtu ta' Ġesu Kristu, isib f'dat-tagħlim manna moħbija. Imma l-kbira hi li bosta wħud jisimgħu spiss il-kliem tal-Evanġelju, u x-xewqa mejta jnisslu fihom, għax ma għandhomx l-ispirtu ta' Kristu. Min irid mela jisma' u jtiegħem sewwa l-kliem ta' Kristu għandu jqis li ħajtu tkun tixbaħ lil tiegħu.

Issa x'jiswielek li tkun taf titħaddet daqs duttur tal-Knisja fuq it-Trinita, jekk imbagħad ma għandekx dik l-umilta' tal-qalb, li biha biss tista' togħġob lit-Trinita? Mhux il-kliem sabiħ, le, li jagħmlek qaddis; biss bit-tjieba tista' tkun togħġob 'l Alla. Aħjar inħoss ġo qalbi ndiema ta' dnubieti, milli nkun naf infisser x'inhi l-indiema. Agħmel kont li taf bl-amment l-Iskrittura kollha u t-tagħlim tal-Għorrief: x'jiswielek dan kollu, jekk ma jkollokx l-imħabba u l-ħniena t'Alla?

Frugħa tal-frugħat u kollox frugħa, barra milli wieħed iħobb 'l Alla u lilu waħdu jservi. Taf liema hu l-akbar għerf? Li tixħet id-dinja wara spallejk, biex tista' timxi lejn is-saltna tal-Ġenna.

## TALB

### Litanija tal-Ispirtu s-Santu

Mulej ħniena -- Mulej ħniena
Kristu ħniena -- Kristu ħniena
Mulej ħniena -- Mulej ħniena
Missier li tista' kollox – Ħenn għalina
Ġesù, Iben Etern tal-Missier -- Ħenn għalina
Feddej tad-dinja – Salvana

Spirtu tal-Missier u tal-Iben – Salvana
Ħajja bla qies, tagħhom it-tnejn -- Qaddisna
Trinità Qaddisa -- Ismagħna
Spirtu Santu li ġej mill-Missier -- Inżel f'qalbna
Spirtu Santu, li Int daqs il-Missier u l-Iben -- Inżel f'qalbna
Wegħda t'Alla l-Missier – Ħenn għalina
Raġġ ta' dawl mis-sema -- Ħenn għalina
Għerq ta' kull tjubija -- Ħenn għalina
Għajn tal-ilma tas-sema -- Ħenn għalina
Nar imħeġġeġ -- Ħenn għalina
Karità mimlija ħrara -- Ħenn għalina
Balzmu ta' faraġ spiritwali -- Ħenn għalina

Spirtu ta'mħabba u verità -- Ħenn għalina
Spirtu ta' għerf u fehma -- Ħenn għalina
Spirtu ta' kunsill u qawwa -- Ħenn għalina
Spirtu ta' għaqal u devozzjoni -- Ħenn għalina
Spirtu tal-biża' qaddis t'Alla -- Ħenn għalina
Spirtu ta' grazzja u talb -- Ħenn għalina
Spirtu ta' paċi u ħlewwa -- Ħenn għalina
Spirtu ta' modestja u innoċenza -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jagħti l-faraġ -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jqaddes -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jmexxi l-Knisja -- Ħenn għalina
Don t'Alla l-Għoli -- Ħenn għalina

Spirtu li jimla' l-ħolqien kollu -- Ħenn għalina
Spirtu li jagħmilna wlied Alla -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jikxfilna l-kruha tad-dnub -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, ejja u ġedded wiċċ id-dinja -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, sawwab id-dawl tiegħek f'ruħna -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, onqox il-liġi tiegħek fuqna -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, onqox il-liġi tiegħek fuq qalbna -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, kebbes fina n-nar ta' mħabbtek -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, iftħilna t-teżori tal-grazzji tiegħek -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, għallimna nitolbu tajjeb -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, dawwalna bl-ispirazzjonijiet tiegħek tas-sema -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, mexxina fit-triq tas-salvazzjoni -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, agħtina dak l-għerf li hu biss meħtieġ -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, ħeġġiġna biex nagħmlu dak li hu tajjeb -- Ħenn għalina

Spirtu s-Santu, agħtina l-merti tal-virtujiet kollha -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, kun Int il-premju tagħna ta' dejjem -- Ħenn għalina

Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja – *Ibagħtilna l-Ispirtu s-Santu*
Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja –*Ferra' f'ruħna d-doni tal-Ispirtu s-Santu*
Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja –*Agħtina l-Ispirtu ta' għerf u qdusija*

Ejja Spirtu s-Santu! Imla' l-qlub tal-fidili u kebbes fihom in-nar ta' Imħabbtek

**Nitolbu**
Agħtina, O Missier ħanin, li l-Ispirtu Divin idawwalna, iħeġġiġna u jippurifikana, hekk li jippenetra fina bħal nida mis-Sema u jagħtina li nagħmlu frott ta' għemejjel tajba. Nitolbuk dan b'Ibnek Sidna Ġesu' Kristu, li miegħek flimkien mal-Ispirtu s-Santu, jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.
**R. Ammen.**

**Sliem għalik, kewkba tal-baħar – Ave Maris Stella**

Sliem għalik, kewkba tal-baħar,
Omm qaddisa u kbira t'Alla,
dejjem Verġni bla mittiefsa,
bieb il-hena u ferħ tas-sema.

Ilqa' l-"Ave" li bil-qima
Gabrijel qed isemmagħlek,
ibdel fiha l-isem t'Eva
ħalli jerġa' s-sliem fid-dinja.

Qaċċat kull irbit lill-ħatja,
ġib id-dawl lill-għomja kollha,
biegħed minna l-ħażen tagħna,
niżżel fuqna l-ġid tas-sema.

Uri li tassew int Ommna.
wassal talbna quddiem Alla,
li fi ħnientu twieled minnek
biex issir għalina bniedem.

Verġni fost kulħadd magħżula,
ta' qalb ħelwa fost il-ħlejjaq,
itlob 'l Ibnek biex jagħtina
maħfra, safa u spirtu ħlejju.

Għinna ngħaddu ħajja mseddqa,
żommna sħaħ fit-triq iż-żgura,
sa ma niksbu l-ferħ tad-dehra
ta' Ġesù għal dejjem miegħek. Ammen.

**Litanija tal-Isem Imqaddes ta' Ġesu'**

Mulej ħniena -- Mulej ħniena
Kristu ħniena -- Kristu ħniena
Mulej ħniena -- Mulej ħniena
Ġesù, ismagħna.
Ġesu', nitolbuk ismagħna.
Alla, Missier tas-Sema -- Ħenn għalina
Alla l-Iben, Feddej tad-dinja – Ħenn għalina
Alla l-Ispirtu s-Santu – Ħenn għalina
Trinità Qaddisa, Alla wieħed -- Ħenn għalina

Ġesu', Iben Alla l-ħaj -- Ħenn għalina
Ġesu', Glorja tal-Missier -- Ħenn għalina
Ġesu', Dija tad-Dawl etern -- Ħenn għalina
Ġesu', Re tal-Glorja -- Ħenn għalina
Ġesu', Xemx tal-Ġustizzja -- Ħenn għalina
Ġesu', Iben tal-Verġni Marija -- Ħenn għalina
Ġesu', l-aktar maħbub -- Ħenn għalina
Ġesu', l-aktar ammirabli -- Ħenn għalina
Ġesu', Alla setgħan -- Ħenn għalina
Ġesu', Missier id-dinja li għad tiġi -- Ħenn għalina
Ġesu', anġlu tal-akbar kunsill -- Ħenn għalina
Ġesu', l-aktar qawwi -- Ħenn għalina
Ġesu', l-aktar paċenzjuż -- Ħenn għalina
Ġesu', l-aktar ubbidjenti -- Ħenn għalina
Ġesu', ta' Qalb ħelwa w umli -- Ħenn għalina
Ġesu', li tħobb il-Kastita' -- Ħenn għalina
Ġesu', Maħbub tagħna -- Ħenn għalina

Ġesu', Alla tal-Paċi -- Ħenn għalina
Ġesu', Awtur tal-Ħajja -- Ħenn għalina
Ġesu', Mudell tal-Virtu' -- Ħenn għalina
Ġesu', zelanti għall-erwieħ -- Ħenn għalina
Ġesu', Alla tagħna -- Ħenn għalina
Ġesu', Refuġju tagħna -- Ħenn għalina
Ġesu', Missier il-foqra -- Ħenn għalina
Ġesu', it-Teżor tal-fidili -- Ħenn għalina
Ġesu', ir-Ragħaj it-tajjeb -- Ħenn għalina
Ġesu', id-Dawl veru -- Ħenn għalina
Ġesu', l-Għerf etern -- Ħenn għalina

Ġesu', ta' Tjieba infinita -- Ħenn għalina
Ġesu', it-Triq u l-Ħajja tagħna -- Ħenn għalina
Ġesu', ferħ tal-Anġli -- Ħenn għalina
Ġesu', Sultan tal-Patrijarki -- Ħenn għalina
Ġesu', Sid l-Appostli -- Ħenn għalina
Ġesu', Mgħallem tal-Evanġelisti -- Ħenn għalina
Ġesu', Qawwa tal-Martri -- Ħenn għalina
Ġesu', Dawl tal-Konfessuri -- Ħenn għalina
Ġesu', Safa tal-Verġni -- Ħenn għalina
Ġesu', Kuruna tal-Qaddisin kollha -- Ħenn għalina

Kun ħanin, salvana, o Ġesu'!
Kun ħanin, ismagħna, o Ġesu'!

Minn kull ħażen, eħlisna, o Ġesu'.
Minn kull dnub, eħlisna, o Ġesu'.
Mill-korla tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.
Minn nases tad-demonju, eħlisna, o Ġesu'.
Mill-ispirtu ta' fornikazzjoni, eħlisna, o Ġesu'.
Mill-mewt ta' dejjem, eħlisna, o Ġesu'.
Milli nwarbu l-ispirazzjonijiet tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.
Bil-misteru qaddis tal-Inkarnazzjoni tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz ta' Twelidek, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz ta' Tfulitek, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz tal-Ħajja l-aktar divina tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz tat-Taħbit tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz tal-Agunija u l-Passjoni tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz tas-Salib u l-Mewt tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.

Permezz tas-Sofferenzi tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz tal-Mewt u d-Difna tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz tal-Qawmien tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz tat-Tlugħ tiegħek fis-Sema, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz tal-Istituzjoni tal-Ewkaristija Mqaddsa, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz tal-Ferħ tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz tal-Glorja tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.

Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja – *eħlisna, o Ġesu'!*
Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja – *ismagħna, o Ġesu'!*
Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja – *ħenn għalina, o Ġesu'!*

Ġesu', ismagħna.
Ġesu', nitolbuk ismagħna.

**Nitolbu**
O Mulej Ġesu' Kristu, inti għidtilna, "Itolbu u jingħatalkom; fittxu u ssibu; ħabbtu u jiftħulkom;" nitolbuk bil-ħniena biex tagħti widen għat-talb tagħna, u tagħtina l-grazzja tal-imħabba l-aktar divina tiegħek, biex nistgħu nħobbuk b'qalbna kollha, u b'dak li ngħidu u nagħmlu, u li qatt ma nieqfu nfaħħruk.

Agħmel Mulej li jkollna l-biża' u l-imħabba ta' Ismek, għaliex inti qatt ma tieqaf issaltan fuq dawk li int tqawwihom b'imħabbtek. Int li tgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.
**R. Ammen.**

## Talb lil Ġesu' ta' San Alwiġi De Montfort

O Ġesu' l-aktar Maħbub, ħallini nferra' l-gratitudni tiegħi quddiemek, għall-grazzja li Inti tajni meta tajtni lil Ommok qaddisa permezz tad-devozzjoni tal-Għaqda Qaddisa, ħalli hija tkun l-avukata tiegħi fil-preżenza tal-majesta' tiegħek, u ta' sapport għalija fil-miżerja estrema tiegħi.

O Mulej! Jien, li jien ħażin, mingħajr l-għażiża Ommok kont inkun mitluf żgur. Iva, Marija hi ċertament maġenbi u kullimkien: ħalli ttaffi l-korla ġusta tiegħek, għaliex jien tant drabi offendejtek; ħalli hi ssalvani mill-kastig etern tal-ġustizzja tiegħek, li jien jistħoqqli; ħalli hija tikkontemplak, tkellmek, titolbok, tiġi quddiemek u tkun togħġbok; ħalli hija tgħinni nsalva ruħi u l-erwieħ tal-oħrajn;

fil-qasir, Marija hija bżonnjuża għalija ħalli dejjem nagħmel ir-rieda mqaddsa tiegħek u nfittex l-akbar glorja tiegħek f'kolllox.

O li kieku nista' nxandar mad-dinja kollha il-ħniena illi Int wrejt miegħi! Li kieku kulħadd jista' isir jaf li jien kieku diġa mitluf, li ma kienx għal Marija! Mhux li kien noffrilek ir-ringrazzjament li jistħoqqlok għal din il-barka hekk kbira! Marija hija tiegħi. O x'teżor! O x'konsolazzjoni! U jien m'għandix inkun kompletament tagħha? O x'ingratitudni! Salvatur għażiz, aħjar tibgħatli l-mewt minflok naqa' f'din id-diżgrazzja, għax nippreferi mmut milli ngħix mingħajr ma nkun kollni ta' Marija.

Ma San Ġwann l-Evanġelista f'riġlejn is-Salib, jien ħadtha għandi mijjiet ta' drabi u għal ħafna drabi, jien ingħatajt lilha; imma jekk għadni m'għamiltx dan bl-istess mod kif għamiltu Int, għażiż Ġesu', jien nixtieq, li issa nġedded l-offerta tiegħi bħalma Int tixtieqni nġeddidha. U jekk inti tara f'ruħi u f'ġismi xi ħaġa li mhiex ta' din il-prinċipessa awgusta, nitolbok biex tneħħiha u twarrabha 'l bogħod minni, għax kull ma hemm ġo fija li mhux ta' Marija, ma jistħoqqlux Lilek.

O Spirtu Qaddis, agħtini dawn il-grazzji kollha tiegħek. Ħawwel f'ruħi s-Siġra tal-vera Ħajja, li hi Marija; ikkultivha int u ħu ħsiebha ħalli tikber, tinfirex u tagħti l-frott tal-ħajja bl-abbundanza. O Spirtu Qaddis, agħtini devozzjoni kbira lejn Marija, l-Għarusa Fidila tiegħek; agħtini fiduċja kbira fil-qalb materna tagħha u li ngħammar għall-kenn tal-ħniena tagħha, ħalli permezz tagħha Int tkun tista' tassew tifforma fija lil Ġesu' Kristu, kbir u qawwi, sal-milja taż-żmien tiegħu. Ammen.

## O Ġesu' li tgħix f'Marija

O Ġesu' li tgħix f'Marija,
ejja u għix fil-qaddejja tiegħek,
fl-Ispirtu tal-Qdusija tiegħek,
fil-milja tal-Qawwa tiegħek,
fis-sewwa tal-Virtujiet tiegħek,
fil-perfezzjoni tat-Triqat tiegħek,
fil-komunjoni tal-misteri tiegħek;
rażżan fina kull qawwa ostili,
fl-Ispirtu tiegħek, għall-glorja tal-Missier. Ammen.

## JUM 30: Konsagrazzjoni totali lil Ġesu' permezz ta' Marija

**GĦAN: Insiru nafu iżjed lil Ġesu'**

Matul dan il-perjodu se ninpenjaw rwieħna biex insiru nafu iżjed lil Ġesu' Kristu. X'għandna nistudjaw fi Kristu? L-ewwel nibdew bil-fatt li Hu l-Bniedem-Alla, il-grazzja u l-glorja tiegħu; umbagħad id-dritt tiegħu li jaħkem sovjan fuqna; għaliex, wara li ċħadna għal Satana u għad-dinja, aħna ħadna lil Ġesu' Kristu bħala l-Mulej tagħna.

Wara dan fuqiex ser nistudjaw? L-azzjonijiet esterjuri tiegħu u wkoll il-ħajja interjuri tiegħu; il-virtujiet u l-azzjonijiet tal-Qalb Imqaddsa tiegħu; l-assoċjazzjoni tiegħu ma' Marija fil-misteri tat-Tħabbira u l-Inkarnazzjoni, matul it-tfulija u l-ħajja moħbija tiegħu, fit-tieġ ta' Kana u fuq il-Kalvarju.

**QARI**

**Mattew 27: 36–44**

**Ġesù msallab**
Wara li sallbuh, qassmu ħwejġu bejniethom billi tellgħuhom bix-xorti, u nxteħtu bilqiegħda u qagħdu hemm għassa tiegħu. U qegħdulu fuq rasu l-kawża tal-kundanna tiegħu, li kienet tgħid hekk, 'Dan hu Ġesù, is-sultan tal-Lhud.' Mbagħad miegħu sallbu żewġ ħallelin, wieħed fuq il-lemin u l-ieħor fuq ix-xellug. Dawk li kienu għaddejjin bdew jgħajjruh iċaqilqu rashom u jgħidu: "Int li tħott it-tempju u fi tlitt ijiem terġa' tibnih, salva lilek innifsek jekk int l-Iben ta' Alla, u inżel minn fuq is-salib!" Hekk ukoll il-qassisin il-kbar bdew jiddieħku bih mal-kittieba u x-xjuħ u jgħidu: "Salva oħrajn, lilu nnifsu ma jistax isalva! Hu s-sultan ta' Iżrael! Ħa jinżel issa minn fuq is-salib u nemmnu fih! Hu jafda f'Alla; ħa jeħilsu issa, jekk iħobbu! Għax hu qal, 'Jiena Bin Alla.' " U bl-istess mod bdew imaqdruh ukoll il-ħallelin li kienu msallbin miegħu.

**TALB**

**Litanija tal-Ispirtu s-Santu**

Mulej ħniena -- Mulej ħniena
Kristu ħniena -- Kristu ħniena
Mulej ħniena -- Mulej ħniena

Missier li tista' kollox – Ħenn għalina
Ġesù, Iben Etern tal-Missier -- Ħenn għalina
Feddej tad-dinja – Salvana
Spirtu tal-Missier u tal-Iben – Salvana
Ħajja bla qies, tagħhom it-tnejn -- Qaddisna
Trinità Qaddisa -- Ismagħna
Spirtu Santu li ġej mill-Missier -- Inżel f'qalbna
Spirtu Santu, li Int daqs il-Missier u l-Iben -- Inżel f'qalbna
Wegħda t'Alla l-Missier – Ħenn għalina
Raġġ ta' dawl mis-sema -- Ħenn għalina
Għerq ta' kull tjubija -- Ħenn għalina
Għajn tal-ilma tas-sema -- Ħenn għalina
Nar imħeġġeġ -- Ħenn għalina
Karità mimlija ħrara -- Ħenn għalina
Balzmu ta' faraġ spiritwali -- Ħenn għalina

Spirtu ta'mħabba u verità -- Ħenn għalina
Spirtu ta' għerf u fehma -- Ħenn għalina
Spirtu ta' kunsill u qawwa -- Ħenn għalina
Spirtu ta' għaqal u devozzjoni -- Ħenn għalina
Spirtu tal-biża' qaddis t'Alla -- Ħenn għalina
Spirtu ta' grazzja u talb -- Ħenn għalina
Spirtu ta' paċi u ħlewwa -- Ħenn għalina
Spirtu ta' modestja u innoċenza -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jagħti l-faraġ -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jqaddes -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jmexxi l-Knisja -- Ħenn għalina
Don t'Alla l-Għoli -- Ħenn għalina

Spirtu li jimla' l-ħolqien kollu -- Ħenn għalina
Spirtu li jagħmilna wlied Alla -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jikxfilna l-kruha tad-dnub -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, ejja u ġedded wiċċ id-dinja -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, sawwab id-dawl tiegħek f'ruħna -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, onqox il-liġi tiegħek fuqna -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, onqox il-liġi tiegħek fuq qalbna -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, kebbes fina n-nar ta' mħabbtek -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, iftħilna t-teżori tal-grazzji tiegħek -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, għallimna nitolbu tajjeb -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, dawwalna bl-ispirazzjonijiet tiegħek tas-sema -- Ħenn għalina

Spirtu s-Santu, mexxina fit-triq tas-salvazzjoni -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, agħtina dak l-għerf li hu biss meħtieġ -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, ħeġġiġna biex nagħmlu dak li hu tajjeb -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, agħtina l-merti tal-virtujiet kollha -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, kun Int il-premju tagħna ta' dejjem -- Ħenn għalina

Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja – *Ibagħtilna l-Ispirtu s-Santu*
Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja –*Ferra' f'ruħna d-doni tal-Ispirtu s-Santu*
Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja –*Agħtina l-Ispirtu ta' għerf u qdusija*

Ejja Spirtu s-Santu! Imla' l-qlub tal-fidili u kebbes fihom in-nar ta' Imħabbtek

**Nitolbu**
Agħtina, O Missier ħanin, li l-Ispirtu Divin idawwalna, iħeġġiġna u jippurifikana, hekk li jippenetra fina bħal nida mis-Sema u jagħtina li nagħmlu frott ta' għemejjel tajba. Nitolbuk dan b'Ibnek Sidna Ġesu' Kristu, li miegħek flimkien mal-Ispirtu s-Santu, jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.
**R. Ammen.**

**Sliem għalik, kewkba tal-baħar – Ave Maris Stella**

Sliem għalik, kewkba tal-baħar,
Omm qaddisa u kbira t'Alla,
dejjem Verġni bla mittiefsa,
bieb il-hena u ferħ tas-sema.

Ilqa' l-"Ave" li bil-qima
Gabrijel qed isemmagħlek,
ibdel fiha l-isem t'Eva
ħalli jerġa' s-sliem fid-dinja.

Qaċċat kull irbit lill-ħatja,
ġib id-dawl lill-għomja kollha,
biegħed minna l-ħażen tagħna,
niżżel fuqna l-ġid tas-sema.

Uri li tassew int Ommna.
wassal talbna quddiem Alla,
li fi ħnientu twieled minnek
biex issir għalina bniedem.

Verġni fost kulħadd magħżula,
ta' qalb ħelwa fost il-ħlejjaq,
itlob 'l Ibnek biex jagħtina
maħfra, safa u spirtu ħlejju.

Għinna ngħaddu ħajja mseddqa,
żommna sħaħ fit-triq iż-żgura,
sa ma niksbu l-ferħ tad-dehra
ta' Ġesù għal dejjem miegħek. Ammen.

**Litanija tal-Isem Imqaddes ta' Ġesu'**

Mulej ħniena -- Mulej ħniena
Kristu ħniena -- Kristu ħniena
Mulej ħniena -- Mulej ħniena
Ġesù, ismagħna.
Ġesu', nitolbuk ismagħna.
Alla, Missier tas-Sema -- Ħenn għalina
Alla l-Iben, Feddej tad-dinja – Ħenn għalina
Alla l-Ispirtu s-Santu – Ħenn għalina
Trinità Qaddisa, Alla wieħed -- Ħenn għalina

Ġesu', Iben Alla l-ħaj -- Ħenn għalina
Ġesu', Glorja tal-Missier -- Ħenn għalina
Ġesu', Dija tad-Dawl etern -- Ħenn għalina
Ġesu', Re tal-Glorja -- Ħenn għalina
Ġesu', Xemx tal-Ġustizzja -- Ħenn għalina
Ġesu', Iben tal-Verġni Marija -- Ħenn għalina
Ġesu', l-aktar maħbub -- Ħenn għalina
Ġesu', l-aktar ammirabli -- Ħenn għalina
Ġesu', Alla setgħan -- Ħenn għalina
Ġesu', Missier id-dinja li għad tiġi -- Ħenn għalina
Ġesu', anġlu tal-akbar kunsill -- Ħenn għalina
Ġesu', l-aktar qawwi -- Ħenn għalina
Ġesu', l-aktar paċenzjuż -- Ħenn għalina

Ġesu', l-aktar ubbidjenti -- Ħenn għalina
Ġesu', ta' Qalb ħelwa w umli -- Ħenn għalina
Ġesu', li tħobb il-Kastita' -- Ħenn għalina
Ġesu', Maħbub tagħna -- Ħenn għalina

Ġesu', Alla tal-Paċi -- Ħenn għalina
Ġesu', Awtur tal-Ħajja -- Ħenn għalina
Ġesu', Mudell tal-Virtu' -- Ħenn għalina
Ġesu', zelanti għall-erwieħ -- Ħenn għalina
Ġesu', Alla tagħna -- Ħenn għalina
Ġesu', Refuġju tagħna -- Ħenn għalina
Ġesu', Missier il-foqra -- Ħenn għalina
Ġesu', it-Teżor tal-fidili -- Ħenn għalina
Ġesu', ir-Ragħaj it-tajjeb -- Ħenn għalina
Ġesu', id-Dawl veru -- Ħenn għalina
Ġesu', l-Għerf etern -- Ħenn għalina
Ġesu', ta' Tjieba infinita -- Ħenn għalina
Ġesu', it-Triq u l-Ħajja tagħna -- Ħenn għalina
Ġesu', ferħ tal-Anġli -- Ħenn għalina
Ġesu', Sultan tal-Patrijarki -- Ħenn għalina
Ġesu', Sid l-Appostli -- Ħenn għalina
Ġesu', Mgħallem tal-Evanġelisti -- Ħenn għalina
Ġesu', Qawwa tal-Martri -- Ħenn għalina
Ġesu', Dawl tal-Konfessuri -- Ħenn għalina
Ġesu', Safa tal-Verġni -- Ħenn għalina
Ġesu', Kuruna tal-Qaddisin kollha -- Ħenn għalina

Kun ħanin, salvana, o Ġesu'!
Kun ħanin, ismagħna, o Ġesu'!

Minn kull ħażen, eħlisna, o Ġesu'.
Minn kull dnub, eħlisna, o Ġesu'.
Mill-korla tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.
Minn nases tad-demonju, eħlisna, o Ġesu'.
Mill-ispirtu ta' fornikazzjoni, eħlisna, o Ġesu'.
Mill-mewt ta' dejjem, eħlisna, o Ġesu'.
Milli nwarbu l-ispirazzjonijiet tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.
Bil-misteru qaddis tal-Inkarnazzjoni tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz ta' Twelidek, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz ta' Tfulitek, eħlisna, o Ġesu'.

Permezz tal-Ħajja l-aktar divina tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz tat-Taħbit tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz tal-Agunija u l-Passjoni tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz tas-Salib u l-Mewt tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz tas-Sofferenzi tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz tal-Mewt u d-Difna tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz tal-Qawmien tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz tat-Tlugħ tiegħek fis-Sema, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz tal-Istituzjoni tal-Ewkaristija Mqaddsa, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz tal-Ferħ tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz tal-Glorja tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.

Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja – *eħlisna, o Ġesu'!*
Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja – *ismagħna, o Ġesu'!*
Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja – *ħenn għalina, o Ġesu'!*

Ġesu', ismagħna.
Ġesu', nitolbuk ismagħna.

**Nitolbu**
O Mulej Ġesu' Kristu, inti għidtilna, "Itolbu u jingħatalkom; fittxu u ssibu; ħabbtu u jiftħulkom;" nitolbuk bil-ħniena biex tagħti widen għat-talb tagħna, u tagħtina l-grazzja tal-imħabba l-aktar divina tiegħek, biex nistgħu nħobbuk b'qalbna kollha, u b'dak li ngħidu u nagħmlu, u li qatt ma nieqfu nfaħħruk.

Agħmel Mulej li jkollna l-biża' u l-imħabba ta' Ismek, għaliex inti qatt ma tieqaf issaltan fuq dawk li int tqawwihom b'imħabbtek. Int li tgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.
**R. Ammen.**

### Talb lil Ġesu' ta' San Alwiġi De Montfort

O Ġesu' l-aktar Maħbub, ħallini nferra' l-gratitudni tiegħi quddiemek, għall-grazzja li Inti tajni meta tajtni lil Ommok qaddisa permezz tad-devozzjoni tal-Għaqda Qaddisa, ħalli hija tkun l-avukata tiegħi fil-preżenza tal-majesta' tiegħek, u ta' sapport għalija fil-miżerja estrema tiegħi.

O Mulej! Jien, li jien ħażin, mingħajr l-għażiża Ommok kont inkun mitluf żgur. Iva, Marija hi ċertament maġenbi u kullimkien: ħalli ttaffi l-korla ġusta tiegħek,

għaliex jien tant drabi offendejtek; ħalli hi ssalvani mill-kastig etern tal-ġustizzja tiegħek, li jien jistħoqqli; ħalli hija tikkontemplak, tkellmek, titolbok, tiġi quddiemek u tkun togħġbok; ħalli hija tgħinni nsalva ruħi u l-erwieħ tal-oħrajn; fil-qasir, Marija hija bżonnjuża għalija ħalli dejjem nagħmel ir-rieda mqaddsa tiegħek u nfittex l-akbar glorja tiegħek f'kolllox.

O li kieku nista' nxandar mad-dinja kollha il-ħniena illi Int wrejt miegħi! Li kieku kulħadd jista' isir jaf li jien kieku diġa mitluf, li ma kienx għal Marija! Mhux li kien noffrilek ir-ringrazzjament li jistħoqqlok għal din il-barka hekk kbira! Marija hija tiegħi. O x'teżor! O x'konsolazzjoni! U jien m'għandix inkun kompletament tagħha? O x'ingratitudni! Salvatur għażiż, aħjar tibgħatli l-mewt minflok naqa' f'din id-diżgrazzja, għax nippreferi mmut milli ngħix mingħajr ma nkun kollni ta' Marija.

Ma San Ġwann l-Evanġelista f'riġlejn is-Salib, jien ħadtha għandi mijjiet ta' drabi u għal ħafna drabi, jien ingħatajt lilha; imma jekk għadni m'għamiltx dan bl-istess mod kif għamiltu Int, għażiż Ġesu', jien nixtieq, li issa nġedded l-offerta tiegħi bħalma Int tixtieqni nġeddidha. U jekk inti tara f'ruħi u f'ġismi xi ħaġa li mhiex ta' din il-prinċipessa awgusta, nitolbok biex tneħħiha u twarrabha 'l bogħod minni, għax kull ma hemm ġo fija li mhux ta' Marija, ma jistħoqqlux Lilek.

O Spirtu Qaddis, agħtini dawn il-grazzji kollha tiegħek. Ħawwel f'ruħi s-Siġra tal-vera Ħajja, li hi Marija; ikkultivha int u ħu ħsiebha ħalli tikber, tinfirex u tagħti l-frott tal-ħajja bl-abbundanza. O Spirtu Qaddis, agħtini devozzjoni kbira lejn Marija, l-Għarusa Fidila tiegħek; agħtini fiduċja kbira fil-qalb materna tagħha u li ngħammar għall-kenn tal-ħniena tagħha, ħalli permezz tagħha Int tkun tista' tassew tifforma fija lil Ġesu' Kristu, kbir u qawwi, sal-milja taż-żmien tiegħu. Ammen.

**O Ġesu' li tgħix f'Marija**

O Ġesu' li tgħix f'Marija,
ejja u għix fil-qaddejja tiegħek,
fl-Ispirtu tal-Qdusija tiegħek,
fil-milja tal-Qawwa tiegħek,
fis-sewwa tal-Virtujiet tiegħek,
fil-perfezzjoni tat-Triqat tiegħek,
fil-komunjoni tal-misteri tiegħek;
rażżan fina kull qawwa ostili,
fl-Ispirtu tiegħek, għall-glorja tal-Missier. Ammen.

## JUM 31: Konsagrazzjoni totali lil Ġesu' permezz ta' Marija

### GĦAN: Insiru nafu iżjed lil Ġesu'

Matul dan il-perjodu se ninpenjaw rwieħna biex insiru nafu iżjed lil Ġesu' Kristu. X'għandna nistudjaw fi Kristu? L-ewwel nibdew bil-fatt li Hu l-Bniedem-Alla, il-grazzja u l-glorja tiegħu; umbagħad id-dritt tiegħu li jaħkem sovjan fuqna; għaliex, wara li ċħadna għal Satana u għad-dinja, aħna ħadna lil Ġesu' Kristu bħala l-Mulej tagħna.

Wara dan fuqiex ser nistudjaw? L-azzjonijiet esterjuri tiegħu u wkoll il-ħajja interjuri tiegħu; il-virtujiet u l-azzjonijiet tal-Qalb Imqaddsa tiegħu; l-assoċjazzjoni tiegħu ma' Marija fil-misteri tat-Tħabbira u l-Inkarnazzjoni, matul it-tfulija u l-ħajja moħbija tiegħu, fit-tieġ ta' Kana u fuq il-Kalvarju.

### QARI

### L-Imitazzjoni ta' Kristu: Ir-4 Ktieb, Kap 2

*F'dan is-Sagrament Alla juri lill-bniedem it-tjieba u l-imħabba tiegħu bla tarf*

Ir-Ruħ:

Kollni tama fit-tjieba u l-ħniena tiegħek, Mulejja, nersaq lejk, marid kif jien lejn is-Salvatur tiegħi, bil-ġuħ u bil-għatx lejn il-għajn tal-ħajja, fqir lejn is-Sultan tas-Smewwiet, ilsir lejn is-Sid tiegħi, ħolqien lejn min ħalqu, u mnikket kif jien lejn min jista' jsabbarni.

Imma kif inhi din li inti tiġi għandi? X'jiena jien biex tagħtini lilek innifsek? Kif għandu ħila midneb bħali jersaq biss quddiemek? U kif qatt imbagħad titbaxxa ruħek iżżur wieħed midneb? Int tafu l-qaddej tiegħek, u taf ukoll li xejn ma ħaqqu milli qiegħed tagħmel miegħu! Nistqarr mela l-faqar tiegħi, u fl-istess ħin it-tjieba tiegħek; infaħħar il-ħniena tiegħek, u niżżikħajr għall-imħabba tiegħek bla tarf.

**TALB**

**Litanija tal-Ispirtu s-Santu**

Mulej ħniena -- Mulej ħniena
Kristu ħniena -- Kristu ħniena
Mulej ħniena -- Mulej ħniena
Missier li tista' kollox – Ħenn għalina
Ġesù, Iben Etern tal-Missier -- Ħenn għalina
Feddej tad-dinja – Salvana
Spirtu tal-Missier u tal-Iben – Salvana
Ħajja bla qies, tagħhom it-tnejn -- Qaddisna
Trinità Qaddisa -- Ismagħna
Spirtu Santu li ġej mill-Missier -- Inżel f'qalbna
Spirtu Santu, li Int daqs il-Missier u l-Iben -- Inżel f'qalbna
Wegħda t'Alla l-Missier – Ħenn għalina
Raġġ ta' dawl mis-sema -- Ħenn għalina
Għerq ta' kull tjubija -- Ħenn għalina
Għajn tal-ilma tas-sema -- Ħenn għalina
Nar imħeġġeġ -- Ħenn għalina
Karità mimlija ħrara -- Ħenn għalina
Balzmu ta' faraġ spiritwali -- Ħenn għalina

Spirtu ta'mħabba u verità -- Ħenn għalina
Spirtu ta' għerf u fehma -- Ħenn għalina
Spirtu ta' kunsill u qawwa -- Ħenn għalina
Spirtu ta' għaqal u devozzjoni -- Ħenn għalina
Spirtu tal-biża' qaddis t'Alla -- Ħenn għalina
Spirtu ta' grazzja u talb -- Ħenn għalina
Spirtu ta' paċi u ħlewwa -- Ħenn għalina
Spirtu ta' modestja u innoċenza -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jagħti l-faraġ -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jqaddes -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jmexxi l-Knisja -- Ħenn għalina
Don t'Alla l-Għoli -- Ħenn għalina

Spirtu li jimla' l-ħolqien kollu -- Ħenn għalina
Spirtu li jagħmilna wlied Alla -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jikxfilna l-kruha tad-dnub -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, ejja u ġedded wiċċ id-dinja -- Ħenn għalina

Spirtu s-Santu, sawwab id-dawl tiegħek f'ruħna -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, onqox il-liġi tiegħek fuqna -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, onqox il-liġi tiegħek fuq qalbna -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, kebbes fina n-nar ta' mħabbtek -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, iftħilna t-teżori tal-grazzji tiegħek -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, għallimna nitolbu tajjeb -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, dawwalna bl-ispirazzjonijiet tiegħek tas-sema -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, mexxina fit-triq tas-salvazzjoni -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, agħtina dak l-għerf li hu biss meħtieġ -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, ħeġġiġna biex nagħmlu dak li hu tajjeb -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, agħtina l-merti tal-virtujiet kollha -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, kun Int il-premju tagħna ta' dejjem -- Ħenn għalina

Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja – *Ibagħtilna l-Ispirtu s-Santu*
Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja –*Ferra' f'ruħna d-doni tal-Ispirtu s-Santu*
Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja –*Agħtina l-Ispirtu ta' għerf u qdusija*

Ejja Spirtu s-Santu! Imla' l-qlub tal-fidili u kebbes fihom in-nar ta' Imħabbtek

**Nitolbu**
Agħtina, O Missier ħanin, li l-Ispirtu Divin idawwalna, iħeġġiġna u jippurifikana, hekk li jippenetra fina bħal nida mis-Sema u jagħtina li nagħmlu frott ta' għemejjel tajba. Nitolbuk dan b'Ibnek Sidna Ġesu' Kristu, li miegħek flimkien mal-Ispirtu s-Santu, jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.
**R. Ammen.**

**Sliem għalik, kewkba tal-baħar – Ave Maris Stella**

Sliem għalik, kewkba tal-baħar,
Omm qaddisa u kbira t'Alla,
dejjem Verġni bla mittiefsa,
bieb il-hena u ferħ tas-sema.

Ilqa' l-"Ave" li bil-qima
Gabrijel qed isemmagħlek,
ibdel fiha l-isem t'Eva
ħalli jerġa' s-sliem fid-dinja.

Qaċċat kull irbit lill-ħatja,
ġib id-dawl lill-għomja kollha,
biegħed minna l-ħażen tagħna,
niżżel fuqna l-ġid tas-sema.

Uri li tassew int Ommna.
wassal talbna quddiem Alla,
li fi ħnientu twieled minnek
biex issir għalina bniedem.

Verġni fost kulħadd magħżula,
ta' qalb ħelwa fost il-ħlejjaq,
itlob 'l Ibnek biex jagħtina
maħfra, safa u spirtu ħlejju.

Għinna ngħaddu ħajja mseddqa,
żommna sħaħ fit-triq iż-żgura,
sa ma niksbu l-ferħ tad-dehra
ta' Ġesù għal dejjem miegħek. Ammen.

**Litanija tal-Isem Imqaddes ta' Ġesu'**

Mulej ħniena -- Mulej ħniena
Kristu ħniena -- Kristu ħniena
Mulej ħniena -- Mulej ħniena
Ġesù, ismagħna.
Ġesu', nitolbuk ismagħna.
Alla, Missier tas-Sema -- Ħenn għalina
Alla l-Iben, Feddej tad-dinja – Ħenn għalina
Alla l-Ispirtu s-Santu – Ħenn għalina
Trinità Qaddisa, Alla wieħed -- Ħenn għalina

Ġesu', Iben Alla l-ħaj -- Ħenn għalina
Ġesu', Glorja tal-Missier -- Ħenn għalina
Ġesu', Dija tad-Dawl etern -- Ħenn għalina
Ġesu', Re tal-Glorja -- Ħenn għalina
Ġesu', Xemx tal-Ġustizzja -- Ħenn għalina
Ġesu', Iben tal-Verġni Marija -- Ħenn għalina
Ġesu', l-aktar maħbub -- Ħenn għalina
Ġesu', l-aktar ammirabli -- Ħenn għalina

Ġesu’, Alla setgħan -- Ħenn għalina
Ġesu’, Missier id-dinja li għad tiġi -- Ħenn għalina
Ġesu’, anġlu tal-akbar kunsill -- Ħenn għalina
Ġesu’, l-aktar qawwi -- Ħenn għalina
Ġesu’, l-aktar paċenzjuż -- Ħenn għalina
Ġesu’, l-aktar ubbidjenti -- Ħenn għalina
Ġesu’, ta’ Qalb ħelwa w umli -- Ħenn għalina
Ġesu’, li tħobb il-Kastita’ -- Ħenn għalina
Ġesu’, Maħbub tagħna -- Ħenn għalina

Ġesu’, Alla tal-Paċi -- Ħenn għalina
Ġesu’, Awtur tal-Ħajja -- Ħenn għalina
Ġesu’, Mudell tal-Virtu’ -- Ħenn għalina
Ġesu’, zelanti għall-erwieħ -- Ħenn għalina
Ġesu’, Alla tagħna -- Ħenn għalina
Ġesu’, Refuġju tagħna -- Ħenn għalina
Ġesu’, Missier il-foqra -- Ħenn għalina
Ġesu’, it-Teżor tal-fidili -- Ħenn għalina
Ġesu’, ir-Ragħaj it-tajjeb -- Ħenn għalina
Ġesu’, id-Dawl veru -- Ħenn għalina
Ġesu’, l-Għerf etern -- Ħenn għalina
Ġesu’, ta’ Tjieba infinita -- Ħenn għalina
Ġesu’, it-Triq u l-Ħajja tagħna -- Ħenn għalina
Ġesu’, ferħ tal-Anġli -- Ħenn għalina
Ġesu’, Sultan tal-Patrijarki -- Ħenn għalina
Ġesu’, Sid l-Appostli -- Ħenn għalina
Ġesu’, Mgħallem tal-Evanġelisti -- Ħenn għalina
Ġesu’, Qawwa tal-Martri -- Ħenn għalina
Ġesu’, Dawl tal-Konfessuri -- Ħenn għalina
Ġesu’, Safa tal-Verġni -- Ħenn għalina
Ġesu’, Kuruna tal-Qaddisin kollha -- Ħenn għalina

Kun ħanin, salvana, o Ġesu’!
Kun ħanin, ismagħna, o Ġesu’!

Minn kull ħażen, eħlisna, o Ġesu’.
Minn kull dnub, eħlisna, o Ġesu’.
Mill-korla tiegħek, eħlisna, o Ġesu’.
Minn nases tad-demonju, eħlisna, o Ġesu’.
Mill-ispirtu ta’ fornikazzjoni, eħlisna, o Ġesu’.
Mill-mewt ta’ dejjem, eħlisna, o Ġesu’.

Milli nwarbu l-ispirazzjonijiet tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.
Bil-misteru qaddis tal-Inkarnazzjoni tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz ta' Twelidek, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz ta' Tfulitek, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz tal-Ħajja l-aktar divina tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz tat-Taħbit tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz tal-Agunija u l-Passjoni tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz tas-Salib u l-Mewt tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz tas-Sofferenzi tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz tal-Mewt u d-Difna tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz tal-Qawmien tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz tat-Tlugħ tiegħek fis-Sema, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz tal-Istituzjoni tal-Ewkaristija Mqaddsa, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz tal-Ferħ tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz tal-Glorja tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.

Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja – *eħlisna, o Ġesu'!*
Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja – *ismagħna, o Ġesu'!*
Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja – *ħenn għalina, o Ġesu'!*

Ġesu', ismagħna.
Ġesu', nitolbuk ismagħna.

**Nitolbu**
O Mulej Ġesu' Kristu, inti għidtilna, "Itolbu u jingħatalkom; fittxu u ssibu; ħabbtu u jiftħulkom;" nitolbuk bil-ħniena biex tagħti widen għat-talb tagħna, u tagħtina l-grazzja tal-imħabba l-aktar divina tiegħek, biex nistgħu nħobbuk b'qalbna kollha, u b'dak li ngħidu u nagħmlu, u li qatt ma nieqfu nfaħħruk.

Agħmel Mulej li jkollna l-biża' u l-imħabba ta' Ismek, għaliex inti qatt ma tieqaf issaltan fuq dawk li int tqawwihom b'imħabbtek. Int li tgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.
**R. Ammen.**

## Talb lil Ġesu' ta' San Alwiġi De Montfort

O Ġesu' l-aktar Maħbub, ħallini nferra' l-gratitudni tiegħi quddiemek, għall-grazzja li Inti tajni meta tajtni lil Ommok qaddisa permezz tad-devozzjoni tal-Għaqda Qaddisa, ħalli hija tkun l-avukata tiegħi fil-preżenza tal-majesta' tiegħek, u ta' sapport għalija fil-miżerja estrema tiegħi.

O Mulej! Jien, li jien ħażin, mingħajr l-għażiża Ommok kont inkun mitluf żgur. Iva, Marija hi ċertament maġenbi u kullimkien: ħalli ttaffi l-korla ġusta tiegħek, għaliex jien tant drabi offendejtek; ħalli hi ssalvani mill-kastig etern tal-ġustizzja tiegħek, li jien jistħoqqli; ħalli hija tikkontemplak, tkellmek, titolbok, tiġi quddiemek u tkun togħġbok; ħalli hija tgħinni nsalva ruħi u l-erwieħ tal-oħrajn; fil-qasir, Marija hija bżonnjuża għalija ħalli dejjem nagħmel ir-rieda mqaddsa tiegħek u nfittex l-akbar glorja tiegħek f'kolllox.

O li kieku nista' nxandar mad-dinja kollha il-ħniena illi Int wrejt miegħi! Li kieku kulħadd jista' isir jaf li jien kieku diġa mitluf, li ma kienx għal Marija! Mhux li kien noffrilek ir-ringrazzjament li jistħoqqlok għal din il-barka hekk kbira! Marija hija tiegħi. O x'teżor! O x'konsolazzjoni! U jien m'għandix inkun kompletament tagħha? O x'ingratitudni! Salvatur għażiz, aħjar tibgħatli l-mewt minflok naqa' f'din id-diżgrazzja, għax nippreferi mmut milli ngħix mingħajr ma nkun kollni ta' Marija.

Ma San Ġwann l-Evanġelista f'riġlejn is-Salib, jien ħadtha għandi mijjiet ta' drabi u għal ħafna drabi, jien ingħatajt lilha; imma jekk għadni m'għamiltx dan bl-istess mod kif għamiltu Int, għażiż Ġesu', jien nixtieq, li issa nġedded l-offerta tiegħi bħalma Int tixtieqni nġeddidha. U jekk inti tara f'ruħi u f'ġismi xi ħaġa li mhiex ta' din il-prinċipessa awgusta, nitolbok biex tneħħiha u twarrabha 'l bogħod minni, għax kull ma hemm ġo fija li mhux ta' Marija, ma jistħoqqlux Lilek.

O Spirtu Qaddis, agħtini dawn il-grazzji kollha tiegħek. Ħawwel f'ruħi s-Siġra tal-vera Ħajja, li hi Marija; ikkultivha int u ħu ħsiebha ħalli tikber, tinfirex u tagħti l-frott tal-ħajja bl-abbundanza. O Spirtu Qaddis, agħtini devozzjoni kbira lejn Marija, l-Għarusa Fidila tiegħek; agħtini fiduċja kbira fil-qalb materna tagħha u li ngħammar għall-kenn tal-ħniena tagħha, ħalli permezz tagħha Int tkun tista' tassew tifforma fija lil Ġesu' Kristu, kbir u qawwi, sal-milja taż-żmien tiegħu. Ammen.

**O Ġesu' li tgħix f'Marija**

O Ġesu' li tgħix f'Marija,
ejja u għix fil-qaddejja tiegħek,
fl-Ispirtu tal-Qdusija tiegħek,
fil-milja tal-Qawwa tiegħek,
fis-sewwa tal-Virtujiet tiegħek,
fil-perfezzjoni tat-Triqat tiegħek,
fil-komunjoni tal-misteri tiegħek;
rażżan fina kull qawwa ostili,
fl-Ispirtu tiegħek, għall-glorja tal-Missier. Ammen.

## JUM 32: Konsagrazzjoni totali lil Ġesu' permezz ta' Marija

### GĦAN: Insiru nafu iżjed lil Ġesu'

Matul dan il-perjodu se ninpenjaw rwieħna biex insiru nafu iżjed lil Ġesu' Kristu. X'għandna nistudjaw fi Kristu? L-ewwel nibdew bil-fatt li Hu l-Bniedem-Alla, il-grazzja u l-glorja tiegħu; umbagħad id-dritt tiegħu li jaħkem sovjan fuqna; għaliex, wara li ċħadna għal Satana u għad-dinja, aħna ħadna lil Ġesu' Kristu bħala l-Mulej tagħna.

Wara dan fuqiex ser nistudjaw? L-azzjonijiet esterjuri tiegħu u wkoll il-ħajja interjuri tiegħu; il-virtujiet u l-azzjonijiet tal-Qalb Imqaddsa tiegħu; l-assoċjazzjoni tiegħu ma' Marija fil-misteri tat-Tħabbira u l-Inkarnazzjoni, matul it-tfulija u l-ħajja moħbija tiegħu, fit-tieġ ta' Kana u fuq il-Kalvarju.

### QARI

### L-Imitazzjoni ta' Kristu: It-2 Ktieb, Kap 7, 1-2

*L-imħabba ta' Ġesu fuq kollox.*

Imbierek hu min jilħaq jifimha x'jiġifieri tħobb lil Ġesu, u xejn ma jqis lilu nnifsu għall-imħabba ta' Ġesu. Jeħtiġilna nitilqu kulma nħobbu biex inħobbu lilu biss, għax Ġesu jrid ikun maħbub waħdu u fuq kollox.

L-imħabba tal-bnedmin hi qarrieqa u ddur mar-riħ; l-imħabba ta' Ġesu ma titbiddilx u tibqa' sal-aħħar. Min jorbot qalbu mal-ħwejjeġ maħluqa, jispiċċa fix-xejn bħalhom, min jitħaddan ma' Ġesu, jitwieżen fis-sħiħ u għal dejjem.

Lilu ħobb mela u lilu żomm b'ħabibek: għaliex, jekk kulħadd jitilqek, hu le ma jħallikx u lanqas fl-aħħar ta' ħajtek ma jħallik tintilef. U ħaġ'oħra: minn kulħadd jeħtieġlek tintgħażel, trid jew ma tridx. Kun dejjem marbut ma' Ġesu, issa u waqt il-mewt tiegħek, u erħi ruħek f'idejħ għax Hu l-ħabib fidil tiegħek. Meta jinsewk l-oħrajn, Hu waħdu jista' jgħinek.

U ftakar dejjem li dan il-maħbub tiegħek ma jridx lil ħaddieħor miegħu fejn ikun Hu; imma jrid li qalbek tkun kollha tiegħu waħdu, biex fiha jkun qiegħed bħala sultan fuq it-tron tiegħu. Li kellek ħila tinħall għal kollox mill-ħlejjaq kollha, kieku 'l Ġesu ssibu jgħammar miegħek.

**TALB**

**Litanija tal-Ispirtu s-Santu**

Mulej ħniena -- Mulej ħniena
Kristu ħniena -- Kristu ħniena
Mulej ħniena -- Mulej ħniena
Missier li tista' kollox – Ħenn għalina
Ġesù, Iben Etern tal-Missier -- Ħenn għalina
Feddej tad-dinja – Salvana
Spirtu tal-Missier u tal-Iben – Salvana
Ħajja bla qies, tagħhom it-tnejn -- Qaddisna
Trinità Qaddisa -- Ismagħna
Spirtu Santu li ġej mill-Missier -- Inżel f'qalbna
Spirtu Santu, li Int daqs il-Missier u l-Iben -- Inżel f'qalbna
Wegħda t'Alla l-Missier – Ħenn għalina
Raġġ ta' dawl mis-sema -- Ħenn għalina
Għerq ta' kull tjubija -- Ħenn għalina
Għajn tal-ilma tas-sema -- Ħenn għalina
Nar imħeġġeġ -- Ħenn għalina
Karità mimlija ħrara -- Ħenn għalina
Balzmu ta' faraġ spiritwali -- Ħenn għalina

Spirtu ta'mħabba u verità -- Ħenn għalina
Spirtu ta' għerf u fehma -- Ħenn għalina
Spirtu ta' kunsill u qawwa -- Ħenn għalina
Spirtu ta' għaqal u devozzjoni -- Ħenn għalina
Spirtu tal-biża' qaddis t'Alla -- Ħenn għalina
Spirtu ta' grazzja u talb -- Ħenn għalina
Spirtu ta' paċi u ħlewwa -- Ħenn għalina
Spirtu ta' modestja u innoċenza -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jagħti l-faraġ -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jqaddes -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jmexxi l-Knisja -- Ħenn għalina
Don t'Alla l-Għoli -- Ħenn għalina

Spirtu li jimla' l-ħolqien kollu -- Ħenn għalina
Spirtu li jagħmilna wlied Alla -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jikxfilna l-kruha tad-dnub -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, ejja u ġedded wiċċ id-dinja -- Ħenn għalina

Spirtu s-Santu, sawwab id-dawl tiegħek f'ruħna -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, onqox il-liġi tiegħek fuqna -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, onqox il-liġi tiegħek fuq qalbna -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, kebbes fina n-nar ta' mħabbtek -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, iftħilna t-teżori tal-grazzji tiegħek -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, għallimna nitolbu tajjeb -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, dawwalna bl-ispirazzjonijiet tiegħek tas-sema -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, mexxina fit-triq tas-salvazzjoni -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, agħtina dak l-għerf li hu biss meħtieġ -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, ħeġġiġna biex nagħmlu dak li hu tajjeb -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, agħtina l-merti tal-virtujiet kollha -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, kun Int il-premju tagħna ta' dejjem -- Ħenn għalina

Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja – *Ibagħtilna l-Ispirtu s-Santu*
Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja –*Ferra' f'ruħna d-doni tal-Ispirtu s-Santu*
Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja –*Agħtina l-Ispirtu ta' għerf u qdusija*

Ejja Spirtu s-Santu! Imla' l-qlub tal-fidili u kebbes fihom in-nar ta' Imħabbtek

**Nitolbu**
Agħtina, O Missier ħanin, li l-Ispirtu Divin idawwalna, iħeġġiġna u jippurifikana, hekk li jippenetra fina bħal nida mis-Sema u jagħtina li nagħmlu frott ta' għemejjel tajba. Nitolbuk dan b'Ibnek Sidna Ġesu' Kristu, li miegħek flimkien mal-Ispirtu s-Santu, jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.
**R. Ammen.**

**Sliem għalik, kewkba tal-baħar – Ave Maris Stella**

Sliem għalik, kewkba tal-baħar,
Omm qaddisa u kbira t'Alla,
dejjem Verġni bla mittiefsa,
bieb il-hena u ferħ tas-sema.

Ilqa' l-"Ave" li bil-qima
Gabrijel qed isemmagħlek,
ibdel fiha l-isem t'Eva
ħalli jerġa' s-sliem fid-dinja.

Qaċċat kull irbit lill-ħatja,
ġib id-dawl lill-għomja kollha,
biegħed minna l-ħażen tagħna,
niżżel fuqna l-ġid tas-sema.

Uri li tassew int Ommna.
wassal talbna quddiem Alla,
li fi ħnientu twieled minnek
biex issir għalina bniedem.

Verġni fost kulħadd magħżula,
ta' qalb ħelwa fost il-ħlejjaq,
itlob 'l Ibnek biex jagħtina
maħfra, safa u spirtu ħlejju.

Għinna ngħaddu ħajja mseddqa,
żommna sħaħ fit-triq iż-żgura,
sa ma niksbu l-ferħ tad-dehra
ta' Ġesù għal dejjem miegħek. Ammen.

**Litanija tal-Isem Imqaddes ta' Ġesu'**

Mulej ħniena -- Mulej ħniena
Kristu ħniena -- Kristu ħniena
Mulej ħniena -- Mulej ħniena
Ġesù, ismagħna.
Ġesu', nitolbuk ismagħna.
Alla, Missier tas-Sema -- Ħenn għalina
Alla l-Iben, Feddej tad-dinja – Ħenn għalina
Alla l-Ispirtu s-Santu – Ħenn għalina
Trinità Qaddisa, Alla wieħed -- Ħenn għalina

Ġesu', Iben Alla l-ħaj -- Ħenn għalina
Ġesu', Glorja tal-Missier -- Ħenn għalina
Ġesu', Dija tad-Dawl etern -- Ħenn għalina
Ġesu', Re tal-Glorja -- Ħenn għalina
Ġesu', Xemx tal-Ġustizzja -- Ħenn għalina
Ġesu', Iben tal-Verġni Marija -- Ħenn għalina
Ġesu', l-aktar maħbub -- Ħenn għalina
Ġesu', l-aktar ammirabli -- Ħenn għalina

Ġesu’, Alla setgħan -- Ħenn għalina
Ġesu’, Missier id-dinja li għad tiġi -- Ħenn għalina
Ġesu’, anġlu tal-akbar kunsill -- Ħenn għalina
Ġesu’, l-aktar qawwi -- Ħenn għalina
Ġesu’, l-aktar paċenzjuż -- Ħenn għalina
Ġesu’, l-aktar ubbidjenti -- Ħenn għalina
Ġesu’, ta’ Qalb ħelwa w umli -- Ħenn għalina
Ġesu’, li tħobb il-Kastita’ -- Ħenn għalina
Ġesu’, Maħbub tagħna -- Ħenn għalina

Ġesu’, Alla tal-Paċi -- Ħenn għalina
Ġesu’, Awtur tal-Ħajja -- Ħenn għalina
Ġesu’, Mudell tal-Virtu’ -- Ħenn għalina
Ġesu’, zelanti għall-erwieħ -- Ħenn għalina
Ġesu’, Alla tagħna -- Ħenn għalina
Ġesu’, Refuġju tagħna -- Ħenn għalina
Ġesu’, Missier il-foqra -- Ħenn għalina
Ġesu’, it-Teżor tal-fidili -- Ħenn għalina
Ġesu’, ir-Ragħaj it-tajjeb -- Ħenn għalina
Ġesu’, id-Dawl veru -- Ħenn għalina
Ġesu’, l-Għerf etern -- Ħenn għalina
Ġesu’, ta’ Tjieba infinita -- Ħenn għalina
Ġesu’, it-Triq u l-Ħajja tagħna -- Ħenn għalina
Ġesu’, ferħ tal-Anġli -- Ħenn għalina
Ġesu’, Sultan tal-Patrijarki -- Ħenn għalina
Ġesu’, Sid l-Appostli -- Ħenn għalina
Ġesu’, Mgħallem tal-Evanġelisti -- Ħenn għalina
Ġesu’, Qawwa tal-Martri -- Ħenn għalina
Ġesu’, Dawl tal-Konfessuri -- Ħenn għalina
Ġesu’, Safa tal-Verġni -- Ħenn għalina
Ġesu’, Kuruna tal-Qaddisin kollha -- Ħenn għalina

Kun ħanin, salvana, o Ġesu’!
Kun ħanin, ismagħna, o Ġesu’!

Minn kull ħażen, eħlisna, o Ġesu’.
Minn kull dnub, eħlisna, o Ġesu’.
Mill-korla tiegħek, eħlisna, o Ġesu’.
Minn nases tad-demonju, eħlisna, o Ġesu’.
Mill-ispirtu ta’ fornikazzjoni, eħlisna, o Ġesu’.

Mill-mewt ta’ dejjem, eħlisna, o Ġesu’.
Milli nwarbu l-ispirazzjonijiet tiegħek, eħlisna, o Ġesu’.
Bil-misteru qaddis tal-Inkarnazzjoni tiegħek, eħlisna, o Ġesu’.
Permezz ta’ Twelidek, eħlisna, o Ġesu’.
Permezz ta’ Tfulitek, eħlisna, o Ġesu’.
Permezz tal-Ħajja l-aktar divina tiegħek, eħlisna, o Ġesu’.
Permezz tat-Taħbit tiegħek, eħlisna, o Ġesu’.
Permezz tal-Agunija u l-Passjoni tiegħek, eħlisna, o Ġesu’.
Permezz tas-Salib u l-Mewt tiegħek, eħlisna, o Ġesu’.
Permezz tas-Sofferenzi tiegħek, eħlisna, o Ġesu’.
Permezz tal-Mewt u d-Difna tiegħek, eħlisna, o Ġesu’.
Permezz tal-Qawmien tiegħek, eħlisna, o Ġesu’.
Permezz tat-Tlugħ tiegħek fis-Sema, eħlisna, o Ġesu’.
Permezz tal-Istituzjoni tal-Ewkaristija Mqaddsa, eħlisna, o Ġesu’.
Permezz tal-Ferħ tiegħek, eħlisna, o Ġesu’.
Permezz tal-Glorja tiegħek, eħlisna, o Ġesu’.

Ħaruf t’Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja – *eħlisna, o Ġesu’!*
Ħaruf t’Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja – *ismagħna, o Ġesu’!*
Ħaruf t’Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja – *ħenn għalina, o Ġesu’!*

Ġesu’, ismagħna.
Ġesu’, nitolbuk ismagħna.

**Nitolbu**
O Mulej Ġesu’ Kristu, inti għidtilna, “Itolbu u jingħatalkom; fittxu u ssibu; ħabbtu u jiftħulkom;” nitolbuk bil-ħniena biex tagħti widen għat-talb tagħna, u tagħtina l-grazzja tal-imħabba l-aktar divina tiegħek, biex nistgħu nħobbuk b’qalbna kollha, u b’dak li ngħidu u nagħmlu, u li qatt ma nieqfu nfaħħruk.

Agħmel Mulej li jkollna l-biża’ u l-imħabba ta’ Ismek, għaliex inti qatt ma tieqaf issaltan fuq dawk li int tqawwihom b’imħabbtek. Int li tgħix u jsaltan għal dejjem ta’ dejjem.
**R. Ammen.**

## Talb lil Ġesu’ ta’ San Alwiġi De Montfort

O Ġesu’ l-aktar Maħbub, ħallini nferra’ l-gratitudni tiegħi quddiemek, għall-grazzja li Inti tajni meta tajtni lil Ommok qaddisa permezz tad-devozzjoni tal-

Għaqda Qaddisa, ħalli hija tkun l-avukata tiegħi fil-preżenza tal-majesta' tiegħek, u ta' sapport għalija fil-miżerja estrema tiegħi.

O Mulej! Jien, li jien ħażin, mingħajr l-għażiża Ommok kont inkun mitluf żgur. Iva, Marija hi ċertament maġenbi u kullimkien: ħalli ttaffi l-korla ġusta tiegħek, għaliex jien tant drabi offendejtek; ħalli hi ssalvani mill-kastig etern tal-ġustizzja tiegħek, li jien jistħoqqli; ħalli hija tikkontemplak, tkellmek, titolbok, tiġi quddiemek u tkun togħġbok; ħalli hija tgħinni nsalva ruħi u l-erwieħ tal-oħrajn; fil-qasir, Marija hija bżonnjuża għalija ħalli dejjem nagħmel ir-rieda mqaddsa tiegħek u nfittex l-akbar glorja tiegħek f'kolllox.

O li kieku nista' nxandar mad-dinja kollha il-ħniena illi Int wrejt miegħi! Li kieku kulħadd jista' isir jaf li jien kieku diġa mitluf, li ma kienx għal Marija! Mhux li kien noffrilek ir-ringrazzjament li jistħoqqlok għal din il-barka hekk kbira! Marija hija tiegħi. O x'teżor! O x'konsolazzjoni! U jien m'għandix inkun kompletament tagħha? O x'ingratitudni! Salvatur għażiz, aħjar tibgħatli l-mewt minflok naqa' f'din id-diżgrazzja, għax nippreferi mmut milli ngħix mingħajr ma nkun kollni ta' Marija.

Ma San Ġwann l-Evanġelista f'riġlejn is-Salib, jien ħadtha għandi mijjiet ta' drabi u għal ħafna drabi, jien ingħatajt lilha; imma jekk għadni m'għamiltx dan bl-istess mod kif għamiltu Int, għażiż Ġesu', jien nixtieq, li issa nġedded l-offerta tiegħi bħalma Int tixtieqni nġeddidha. U jekk inti tara f'ruħi u f'ġismi xi ħaġa li mhiex ta' din il-prinċipessa awgusta, nitolbok biex tneħħiha u twarrabha 'l bogħod minni, għax kull ma hemm ġo fija li mhux ta' Marija, ma jistħoqqlux Lilek.

O Spirtu Qaddis, agħtini dawn il-grazzji kollha tiegħek. Ħawwel f'ruħi s-Siġra tal-vera Ħajja, li hi Marija; ikkultivha int u ħu ħsiebha ħalli tikber, tinfirex u tagħti l-frott tal-ħajja bl-abbundanza. O Spirtu Qaddis, agħtini devozzjoni kbira lejn Marija, l-Għarusa Fidila tiegħek; agħtini fiduċja kbira fil-qalb materna tagħha u li ngħammar għall-kenn tal-ħniena tagħha, ħalli permezz tagħha Int tkun tista' tassew tifforma fija lil Ġesu' Kristu, kbir u qawwi, sal-milja taż-żmien tiegħu. Ammen.

**O Ġesu' li tgħix f'Marija**

O Ġesu' li tgħix f'Marija,
ejja u għix fil-qaddejja tiegħek,
fl-Ispirtu tal-Qdusija tiegħek,
fil-milja tal-Qawwa tiegħek,

fis-sewwa tal-Virtujiet tiegħek,
fil-perfezzjoni tat-Triqat tiegħek,
fil-komunjoni tal-misteri tiegħek;
rażżan fina kull qawwa ostili,
fl-Ispirtu tiegħek, għall-glorja tal-Missier. Ammen.

## JUM 33: Konsagrazzjoni totali lil Ġesu' permezz ta' Marija

***Jum 33 huwa l-aħħar Jum ta' preparazzjoni qabel ma' għada, fil-festa Marjana li għażilt, inti ser tagħmel l-Att ta' Konsagrazzjoni Totali tiegħek. Possibilment, ara li tagħmel użu minn qabel tas-Sagrament tal-Qrar (tal-Maħfra) u tirċievi lil Ġesu' fit-Tqarbin Imqaddes f'jum il-festa, jew mill-aktar fis wara. Wara li tirċievi t-Tqarbin Imqaddes, int tirreċita t-talba tal-Att ta' Konsagrazzjoni.***

**GĦAN: Insiru nafu iżjed lil Ġesu'**

Matul dan il-perjodu se ninpenjaw rwieħna biex insiru nafu iżjed lil Ġesu' Kristu. X'għandna nistudjaw fi Kristu? L-ewwel nibdew bil-fatt li Hu l-Bniedem-Alla, il-grazzja u l-glorja tiegħu; umbagħad id-dritt tiegħu li jaħkem sovjan fuqna; għaliex, wara li ċħadna għal Satana u għad-dinja, aħna ħadna lil Ġesu' Kristu bħala l-Mulej tagħna. Wara dan fuqiex ser nistudjaw? L-azzjonijiet esterjuri tiegħu u wkoll il-ħajja interjuri tiegħu; il-virtujiet u l-azzjonijiet tal-Qalb Imqaddsa tiegħu; l-assoċjazzjoni tiegħu ma' Marija fil-misteri tat-Tħabbira u l-Inkarnazzjoni, matul it-tfulija u l-ħajja moħbija tiegħu, fit-tieġ ta' Kana u fuq il-Kalvarju.

**QARI**

**L-Imitazzjoni ta' Kristu: Ir-4 Ktieb, Kap 11, 1-2**

*Ruħ in-Nisrani ma tgħaddix mingħajr il-ġisem ta' Kristu u mingħajr il-Kotba Mqaddsa*

Ir-Ruħ:

O Sinjur Ġesu tiegħi kollok ħlewwa kemm hu kbir il-hena ta' dik ir-ruħ devota li tersaq miegħek fuq il-mejda tiegħek fejn l-ikel tagħha m'hux ħaġ'oħra ħlief inti stess, il-maħbub tagħha, li hi l-aktar xewqa fuq ix-xewqat kollha ta' qalbha!

Oh! Li kont nista', bħall-Maddalena, kollha mħeġġa bl-imħabba lejk, inxerred id-dmugħ mill-qiegħ ta' qalbi quddiemek u bħalha naħsel riġlejk bid-dmugħ tiegħi! Imma fejnha din id-devozzjoni! U mnejn inġibu dan id-dmugħ imqaddes? U frattant quddiemek u quddiem l-Anġli mqaddsa tiegħek, qalbi kien imissha tixgħel kollha bl-imħabba, u tibki bil-ferħ, la darba jien għandi lilek tabilħaqq quddiemi fis-Sagrament imqaddes, għalkemm mistur taħt xbieha oħra.

U kif sata' qatt kien xort'oħra? Għaliex kieku għajnejja ma jifilħux iħarsu lejk imdawwar kif int b'dik id-dija tiegħek u d-dinja kollha kemm hi ma kinitx tista' tibqa' wieqfa bid-dija tal-kobor tiegħek! Meta int mela tinsatar fis-Sagrament, int tagħmlu għaliex iġġib quddiem għajnejk ix-xejn tiegħi.

**Devozzjoni vera lejn il-Verġni Mbierka Marija: (Paragrafi 261–265)**

*F'Marija*

Għandna nagħmlu l-azzjonijiet tagħna f'Marija. Biex nifhmu tajjeb dan irridu nkunu nafu, l-ewwel li l-Verġni Mqaddsa hi vera Ġenna tal-Art ta'Adam il-Ġdid u li l-ewwel Ġenna tal-Art, kienet biss xbieha tagħha. F'din il-Ġenna tal-Art, mela, hemm rikkezzi misterjużi u tal-għaġeb, sbuħija, affarijiet rari, u ħlewwiet li ma nistgħux nifhmu, li Adam il-Ġdid, Ġesu' Kristu ħalla hemm. Kien f'din il-Ġenna, li sab l-għaxqa Tiegħu għal disa' xhur sħaħ u fejn wettaq l-għeġubijiet Tiegħu, filwaqt li wera l-għana Tiegħu b'ġenerożita' ta'Alla.

Dan il-post imqaddes u magħmul biss minn ħamrija immakulata u verġni li biha ġie fformat u sostnut bl-opra l-Ispirtu s-Santu, Adam il-Ġdid mingħajr tebgħa jew tiċpisa. Hi din il-Ġenna tal-Art ta' Marija li fiha żgur is-siġra tal-ħajja li l-Frott tagħha kien il-Frott tal-Ħajja – Ġesu' Kristu, u s-siġra tal-għerf, tat-tajjeb u tal-ħażin, li tat id-dawl lid-dinja. F'dan il-post divin, hemm siġar imħawlin bl-id t'Alla u msoqqijin bid-dlik divin tiegħu, li dejjem u li kuljum jagħmlu frott li jogħġob 'l Alla.

L-Ispirtu s-Santu biss jista' jġagħlna nifhmu l-verita' moħbija ta' dawn ix-xbihat meħudin minn affarijiet materjali. Permezz tas-Santi Padri, l-Ispirtu s-Santu, jsejjaħ ukoll lil Marija: il-Bieb tal-Lvant li minnu l-Qassis il-Kbir, Ġesu' Kristu, jidħol fid-dinja u jitlaq minnha. Hu ġie fid-dinja l-ewwel darba permezz tagħha, u permezz tagħha wkoll jerġa' jiġi fit-tieni miġja Tiegħu.

*Għal Marija*

Fl-aħħarnett aħna għandna nagħmlu l-azzjonijiet tagħna kollha għal Marija. Ladarba aħna tajna lilna nfusna kollna kemm aħna, għas-servizz tagħha, jixraq li nagħmlu kollox għaliha bħal sefturi, qaddejja u ilsiera tagħha. Naturalment mhux inqisuha bħala l-aħħar skop tax-xogħol tagħna, għaliex Ġesu'Kristu biss hu dak l-iskop, imma nħarsu lejha bħat-tmiem fil-qrib, l-interċessur misterjuż tagħna u t-triq ħafifa tagħna li twassalna għal għand Ġesu' Kristu. Għalhekk bħala qaddejja u ilsiera għaqlin m'għandiex noqgħodu għażżiena, imma bl-għajnuna u l-ħarsien tagħha aħna għandna nibdew u ntemmu ħwejjeġ kbar għal din is-Saltna tal-għaġeb.

Aħna għandna niddefendu l-privileġġi tagħha meta jkunu jiddubitaw minnhom; għandna ngħollu l-glorja tagħha meta tkun attakkata u għandna niġbdu n-nies kemm nistgħu għall-qadi tagħna u lejn din id-devozzjoni vera u soda; u għandna nitkellmu bil-kuraġġ kontra dawk li joffendu lil Binha billi jmaqdru din id-devozzjoni, u fl-istess ħin għandna nagħmlu ħilitna biex inwaqqfu dan il-mezz veru biex nonorawha. Imma bħala ħlas għal dan ix-xogħol żgħir, m'għandna nistennew xejn minnha ħlief il-glorja ta' wieħed li jkun jappartieni lil din il-Prinċipessa maħbuba, u l-ferħ li wieħed ikun maqgħud permezz tagħha, ma' Ġesu' Kristu, Binha, b'rabta li la ż-żmien u lanqas l-eternita' ma jistgħu jħollu.

**TALB**

**Litanija tal-Ispirtu s-Santu**

Mulej ħniena -- Mulej ħniena
Kristu ħniena -- Kristu ħniena
Mulej ħniena -- Mulej ħniena
Missier li tista' kollox – Ħenn għalina
Ġesù, Iben Etern tal-Missier -- Ħenn għalina
Feddej tad-dinja – Salvana
Spirtu tal-Missier u tal-Iben – Salvana
Ħajja bla qies, tagħhom it-tnejn -- Qaddisna
Trinità Qaddisa -- Ismagħna

Spirtu Santu li ġej mill-Missier -- Inżel f'qalbna
Spirtu Santu, li Int daqs il-Missier u l-Iben -- Inżel f'qalbna
Wegħda t'Alla l-Missier – Ħenn għalina

Raġġ ta’ dawl mis-sema -- Ħenn għalina
Għerq ta’ kull tjubija -- Ħenn għalina
Għajn tal-ilma tas-sema -- Ħenn għalina
Nar imħeġġeġ -- Ħenn għalina
Karità mimlija ħrara -- Ħenn għalina
Balzmu ta’ faraġ spiritwali -- Ħenn għalina
Spirtu ta’mħabba u verità -- Ħenn għalina
Spirtu ta’ għerf u fehma -- Ħenn għalina
Spirtu ta’ kunsill u qawwa -- Ħenn għalina
Spirtu ta’ għaqal u devozzjoni -- Ħenn għalina
Spirtu tal-biża’ qaddis t’Alla -- Ħenn għalina
Spirtu ta’ grazzja u talb -- Ħenn għalina
Spirtu ta’ paċi u ħlewwa -- Ħenn għalina
Spirtu ta’ modestja u innoċenza -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jagħti l-faraġ -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jqaddes -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jmexxi l-Knisja -- Ħenn għalina
Don t’Alla l-Għoli -- Ħenn għalina

Spirtu li jimla’ l-ħolqien kollu -- Ħenn għalina
Spirtu li jagħmilna wlied Alla -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu li jikxfilna l-kruha tad-dnub -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, ejja u ġedded wiċċ id-dinja -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, sawwab id-dawl tiegħek f’ruħna -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, onqox il-liġi tiegħek fuqna -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, onqox il-liġi tiegħek fuq qalbna -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, kebbes fina n-nar ta’ mħabbtek -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, iftħilna t-teżori tal-grazzji tiegħek -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, għallimna nitolbu tajjeb -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, dawwalna bl-ispirazzjonijiet tiegħek tas-sema -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, mexxina fit-triq tas-salvazzjoni -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, agħtina dak l-għerf li hu biss meħtieġ -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, ħeġġiġna biex nagħmlu dak li hu tajjeb -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, agħtina l-merti tal-virtujiet kollha -- Ħenn għalina
Spirtu s-Santu, kun Int il-premju tagħna ta’ dejjem -- Ħenn għalina

Ħaruf t’Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja – *Ibagħtilna l-Ispirtu s-Santu*
Ħaruf t’Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja –*Ferra’ f’ruħna d-doni tal-Ispirtu s-Santu*
Ħaruf t’Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja –*Agħtina l-Ispirtu ta’ għerf u qdusija*

Ejja Spirtu s-Santu!  Imla' l-qlub tal-fidili u kebbes fihom in-nar ta' Imħabbtek

**Nitolbu**

Agħtina, O Missier ħanin, li l-Ispirtu Divin idawwalna, iħeġġiġna u jippurifikana, hekk li jippenetra fina bħal nida mis-Sema u jagħtina li nagħmlu frott ta' għemejjel tajba. Nitolbuk dan b'Ibnek Sidna Ġesu' Kristu, li miegħek flimkien mal-Ispirtu s-Santu, jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.

**R. Ammen.**

**Sliem għalik, kewkba tal-baħar – Ave Maris Stella**

Sliem għalik, kewkba tal-baħar,
Omm qaddisa u kbira t'Alla,
dejjem Verġni bla mittiefsa,
bieb il-hena u ferħ tas-sema.

Ilqa' l-"Ave" li bil-qima
Gabrijel qed isemmagħlek,
ibdel fiha l-isem t'Eva
ħalli jerġa' s-sliem fid-dinja.

Qaċċat kull irbit lill-ħatja,
ġib id-dawl lill-għomja kollha,
biegħed minna l-ħażen tagħna,
niżżel fuqna l-ġid tas-sema.

Uri li tassew int Ommna.
wassal talbna quddiem Alla,
li fi ħnientu twieled minnek
biex issir għalina bniedem.

Verġni fost kulħadd magħżula,
ta' qalb ħelwa fost il-ħlejjaq,
itlob 'l Ibnek biex jagħtina
maħfra, safa u spirtu ħlejju.

Għinna ngħaddu ħajja mseddqa,
żommna sħaħ fit-triq iż-żgura,
sa ma niksbu l-ferħ tad-dehra
ta' Ġesù għal dejjem miegħek. Ammen.

**Litanija tal-Isem Imqaddes ta' Ġesu'**

Mulej ħniena -- Mulej ħniena
Kristu ħniena -- Kristu ħniena
Mulej ħniena -- Mulej ħniena
Ġesù, ismagħna.
Ġesu', nitolbuk ismagħna.
Alla, Missier tas-Sema -- Ħenn għalina
Alla l-Iben, Feddej tad-dinja – Ħenn għalina
Alla l-Ispirtu s-Santu – Ħenn għalina
Trinità Qaddisa, Alla wieħed -- Ħenn għalina

Ġesu', Iben Alla l-ħaj -- Ħenn għalina
Ġesu', Glorja tal-Missier -- Ħenn għalina
Ġesu', Dija tad-Dawl etern -- Ħenn għalina
Ġesu', Re tal-Glorja -- Ħenn għalina
Ġesu', Xemx tal-Ġustizzja -- Ħenn għalina
Ġesu', Iben tal-Verġni Marija -- Ħenn għalina
Ġesu', l-aktar maħbub -- Ħenn għalina
Ġesu', l-aktar ammirabli -- Ħenn għalina
Ġesu', Alla setgħan -- Ħenn għalina
Ġesu', Missier id-dinja li għad tiġi -- Ħenn għalina
Ġesu', anġlu tal-akbar kunsill -- Ħenn għalina
Ġesu', l-aktar qawwi -- Ħenn għalina
Ġesu', l-aktar paċenzjuż -- Ħenn għalina
Ġesu', l-aktar ubbidjenti -- Ħenn għalina
Ġesu', ta' Qalb ħelwa w umli -- Ħenn għalina
Ġesu', li tħobb il-Kastita' -- Ħenn għalina
Ġesu', Maħbub tagħna -- Ħenn għalina

Ġesu', Alla tal-Paċi -- Ħenn għalina
Ġesu', Awtur tal-Ħajja -- Ħenn għalina
Ġesu', Mudell tal-Virtu' -- Ħenn għalina
Ġesu', zelanti għall-erwieħ -- Ħenn għalina
Ġesu', Alla tagħna -- Ħenn għalina

Ġesu’, Refuġju tagħna -- Ħenn għalina
Ġesu’, Missier il-foqra -- Ħenn għalina

Ġesu’, it-Teżor tal-fidili -- Ħenn għalina
Ġesu’, ir-Ragħaj it-tajjeb -- Ħenn għalina
Ġesu’, id-Dawl veru -- Ħenn għalina
Ġesu’, l-Għerf etern -- Ħenn għalina
Ġesu’, ta’ Tjieba infinita -- Ħenn għalina
Ġesu’, it-Triq u l-Ħajja tagħna -- Ħenn għalina
Ġesu’, ferħ tal-Anġli -- Ħenn għalina
Ġesu’, Sultan tal-Patrijarki -- Ħenn għalina
Ġesu’, Sid l-Appostli -- Ħenn għalina
Ġesu’, Mgħallem tal-Evanġelisti -- Ħenn għalina
Ġesu’, Qawwa tal-Martri -- Ħenn għalina
Ġesu’, Dawl tal-Konfessuri -- Ħenn għalina
Ġesu’, Safa tal-Verġni -- Ħenn għalina
Ġesu’, Kuruna tal-Qaddisin kollha -- Ħenn għalina

Kun ħanin, salvana, o Ġesu’!
Kun ħanin, ismagħna, o Ġesu’!

Minn kull ħażen, eħlisna, o Ġesu’.
Minn kull dnub, eħlisna, o Ġesu’.
Mill-korla tiegħek, eħlisna, o Ġesu’.
Minn nases tad-demonju, eħlisna, o Ġesu’.
Mill-ispirtu ta’ fornikazzjoni, eħlisna, o Ġesu’.
Mill-mewt ta’ dejjem, eħlisna, o Ġesu’.
Milli nwarbu l-ispirazzjonijiet tiegħek, eħlisna, o Ġesu’.
Bil-misteru qaddis tal-Inkarnazzjoni tiegħek, eħlisna, o Ġesu’.

Permezz ta’ Twelidek, eħlisna, o Ġesu’.
Permezz ta’ Tfulitek, eħlisna, o Ġesu’.
Permezz tal-Ħajja l-aktar divina tiegħek, eħlisna, o Ġesu’.
Permezz tat-Taħbit tiegħek, eħlisna, o Ġesu’.
Permezz tal-Agunija u l-Passjoni tiegħek, eħlisna, o Ġesu’.
Permezz tas-Salib u l-Mewt tiegħek, eħlisna, o Ġesu’.
Permezz tas-Sofferenzi tiegħek, eħlisna, o Ġesu’.
Permezz tal-Mewt u d-Difna tiegħek, eħlisna, o Ġesu’.
Permezz tal-Qawmien tiegħek, eħlisna, o Ġesu’.
Permezz tat-Tlugħ tiegħek fis-Sema, eħlisna, o Ġesu’.

Permezz tal-Istituzjoni tal-Ewkaristija Mqaddsa, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz tal-Ferħ tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.
Permezz tal-Glorja tiegħek, eħlisna, o Ġesu'.

Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja – *eħlisna, o Ġesu'!*
Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja – *ismagħna, o Ġesu'!*
Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja – *ħenn għalina, o Ġesu'!*

Ġesu', ismagħna.
Ġesu', nitolbuk ismagħna.

**Nitolbu**
O Mulej Ġesu' Kristu, inti għidtilna, "Itolbu u jingħatalkom; fittxu u ssibu; ħabbtu u jiftħulkom;" nitolbuk bil-ħniena biex tagħti widen għat-talb tagħna, u tagħtina l-grazzja tal-imħabba l-aktar divina tiegħek, biex nistgħu nħobbuk b'qalbna kollha, u b'dak li ngħidu u nagħmlu, u li qatt ma nieqfu nfaħħruk.

Agħmel Mulej li jkollna l-biża' u l-imħabba ta' Ismek, għaliex inti qatt ma tieqaf issaltan fuq dawk li int tqawwihom b'imħabbtek. Int li tgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.
**R. Ammen.**

## Talb lil Ġesu' ta' San Alwiġi De Montfort

O Ġesu' l-aktar Maħbub, ħallini nferra' l-gratitudni tiegħi quddiemek, għall-grazzja li Inti tajni meta tajtni lil Ommok qaddisa permezz tad-devozzjoni tal-Għaqda Qaddisa, ħalli hija tkun l-avukata tiegħi fil-preżenza tal-majesta' tiegħek, u ta' sapport għalija fil-miżerja estrema tiegħi.

O Mulej! Jien, li jien ħażin, mingħajr l-għażiża Ommok kont inkun mitluf żgur. Iva, Marija hi ċertament maġenbi u kullimkien: ħalli ttaffi l-korla ġusta tiegħek, għaliex jien tant drabi offendejtek; ħalli hi ssalvani mill-kastig etern tal-ġustizzja tiegħek, li jien jistħoqqli; ħalli hija tikkontemplak, tkellmek, titolbok, tiġi quddiemek u tkun togħġbok; ħalli hija tgħinni nsalva ruħi u l-erwieħ tal-oħrajn; fil-qasir, Marija hija bżonnjuża għalija ħalli dejjem nagħmel ir-rieda mqaddsa tiegħek u nfittex l-akbar glorja tiegħek f'kolllox.

O li kieku nista' nxandar mad-dinja kollha il-ħniena illi Int wrejt miegħi! Li kieku kulħadd jista' isir jaf li jien kieku diġa mitluf, li ma kienx għal Marija! Mhux li kien

noffrilek ir-ringrazzjament li jistħoqqlok għal din il-barka hekk kbira! Marija hija tiegħi. O x'teżor! O x'konsolazzjoni! U jien m'għandix inkun kompletament tagħha? O x'ingratitudni! Salvatur għażiz, aħjar tibgħatli l-mewt minflok naqa' f'din id-diżgrazzja, għax nippreferi mmut milli ngħix mingħajr ma nkun kollni ta' Marija.

Ma San Ġwann l-Evanġelista f'riġlejn is-Salib, jien ħadtha għandi mijjiet ta' drabi u għal ħafna drabi, jien ingħatajt lilha; imma jekk għadni m'għamiltx dan bl-istess mod kif għamiltu Int, għażiż Ġesu', jien nixtieq, li issa nġedded l-offerta tiegħi bħalma Int tixtieqni nġeddidha. U jekk inti tara f'ruħi u f'ġismi xi ħaġa li mhiex ta' din il-prinċipessa awgusta, nitolbok biex tneħħiha u twarrabha 'l bogħod minni, għax kull ma hemm ġo fija li mhux ta' Marija, ma jistħoqqlux Lilek.

O Spirtu Qaddis, agħtini dawn il-grazzji kollha tiegħek. Ħawwel f'ruħi s-Siġra tal-vera Ħajja, li hi Marija; ikkultivha int u ħu ħsiebha ħalli tikber, tinfirex u tagħti l-frott tal-ħajja bl-abbundanza. O Spirtu Qaddis, agħtini devozzjoni kbira lejn Marija, l-Għarusa Fidila tiegħek; agħtini fiduċja kbira fil-qalb materna tagħha u li ngħammar għall-kenn tal-ħniena tagħha, ħalli permezz tagħha Int tkun tista' tassew tifforma fija lil Ġesu' Kristu, kbir u qawwi, sal-milja taż-żmien tiegħu. Ammen.

**O Ġesu' li tgħix f'Marija**

O Ġesu' li tgħix f'Marija,
ejja u għix fil-qaddejja tiegħek,
fl-Ispirtu tal-Qdusija tiegħek,
fil-milja tal-Qawwa tiegħek,
fis-sewwa tal-Virtujiet tiegħek,
fil-perfezzjoni tat-Triqat tiegħek,
fil-komunjoni tal-misteri tiegħek;
rażżan fina kull qawwa ostili,
fl-Ispirtu tiegħek, għall-glorja tal-Missier. Ammen.

# Konklużjoni



**Jum il-Konsagrazzjoni Totali lil Ġesu' permezz ta' Marija**

San Alwiġi De Montfort jikteb li, fl-għeluq ta' dawn it-tliet ġimgħat, huma jirċievu s-Sagramenti tal-Qrar u tat-Tqarbin bl-intenzjoni li jagħtu lilhom infushom lil Ġesu' Kristu bħala ilsiera ta' mħabba mill-idejn ta' Marija. Wara li jirċievu t-Tqarbin Imqaddes, jirreċitaw il-formula tal-konsagrazzjoni tagħhom (li tinstab f'dan is-sit fil-lista tal-Indiċi). Jekk ma jkollhomx kopja stampata, huma għandhom jikkopjaw din il-formola ta' konsagrazzjoni u jiffirmawha fl-istess jum li jagħmlu din il-Konsagrazzjoni.

Hu tal-parir, li f'din il-ġurnata joffru xi ħaġa lil Ġesu' Kristu u lill-Verġni Mbierka, jew bħala penitenza għall-infedelta' tagħhom lejn il-wegħdiet tal-Magħmudija, jew bħala sinjal estrem tad-dipendenza sħiħa tagħhom mill-ħakma ta' Ġesu' u ta' Marija. Din l-offerta tkun skont id-devozzjoni u l-kapaċita' ta' kull persuna, u

tista' tkun sawma, mortifikazzjoni, karita', jew xemgħa, basta tkun mogħtija b'intenzjoni tajba - għax Hu jħares biss lejn ir-rieda tajba ta' dak li jagħmel l-offerta.

Għallinqas darba fis-sena fil-ġurnata tal-anniversarju huma jerġgħu jġeddu l-konsagrazzjoni tagħhom u josservaw ukoll l-istess devozzjonijiet għal tliet ġimgħat. Huma jistgħu wkoll iġeddu din il-konsagrazzjoni kull xahar jew anki kull jum permezz ta' dal-kliem: *"Totus tuus ego sum, et omnia mea tua sunt."* "Jiena kollni tiegħek u kull m'għandi hu tiegħek, O Ġesu' tiegħi l-aktar maħbub permezz ta' Marija, l-Omm Qaddisa tiegħek."

**Ilbes simbolu li juri l-Konsagrazzjoni Totali tiegħek lil Ġesu' permezz ta' Marija**

*Skont San Alwiġi De Montfort dwar l-użu tal-ktajjen fil-kitba klassika tiegħu 'Devozzjoni vera lejn il-Verġni Mbierka' (Paragrafi 236-242)*



Hi ħaġa glorjuża u xierqa ta' tifħir, kif ukoll ta' benefiċċji kbar, jekk dawk li jkkonsagraw ruħhom bħala l-ilsiera ta' Ġesu' f'Marija jilbsu - bħala sinjal tal-jasar tal-imħabba tagħhom - xi katina żgħira li tkun tbierket għal tal-apposta. Dawn jistgħu jintlibsu f'għonqhom, jew f'idejhom jew madwar qaddhom, jew inkella f'riġlejhom. **

U żgur dawn is-sinjali minn barra mhumiex essenzjali u wieħed jista' jħallihom barra, filwaqt li jħaddan din id-devozzjoni. Madankollu ma nistax ma nirrikkmandax bil-ħeġġa lil dawk li wara li tefgħu fil-ġenb il-ktajjen tal-mistħija, tal-jasar ta' Satana - ktajjen magħmulin mid-dnub tan-nisel u forsi mid-dnub attwali wkoll - intrabtu minn rajhom f'jasar glorjuż ta' Ġesu' Kristu; u li bħal San Pawl jifirħu għax qegħdin fil-ktajjen għal Ġesu' Kristu - ktajjen li huma wisq iżjed glorjużi u prezzjużi, għalkemm huma biss tal-ħadid, mill-ġiżirani tad-deheb kollha tal-imperaturi.

Darba, is-salib kien ix-xbieha tal-infamja l-aktar baxxa. Issa hu jiddi, b'aktar glorja minn kull ħaġa oħra, fil-qalb tal-Kristjaneżmu. Nistgħu ngħidu l-istess ħaġa mill-ktajjen tal-jasar. Fost l-antiki, u aktar fost il-pagani, la kien hemm u lanqas hemm ħaġa aktar ta' stmerrija, u l-aktar baxxa. Iżda għan-Nisrani m'hemm xejn aktar

glorjuż mill-ktajjen ta’ Ġesu’ Kristu, għaliex huma jeħilsuna u jħarsuna mir-rabta tal-ktajjen tad-dnub u tax-xitan li jumiljawna. Huma jeħilsuna, billi jorbtuna ma’ Ġesu’ u ma' Marija, mhux bil-fors, bħal ilsir tax-xwieni, imma bil-karita’ u l-imħabba, li permezz tagħhom aħna nsiru bħal tfal: “Jien ġbidthom b’rabtiet ta’ mħabba” (Hos 11,4), igħid Alla bil-fomm tal-profeta tiegħu. Ktajjen, mela, li huma ta’ saħħithom daqs il-mewt, u anke aqwa, f’ċertu sens, ma’ dawk li bil-fedelta’ jilbsu dawn is-sinjali glorjużi sal-mewt. Għaliex, għalkemm il-mewt teqred ġisimhom, billi tagħmlu trab u rmied, hi ma teqridx ir-rabtiet tal-jasar, li billi jkunu tal-ħadid ma jispiċċawx malajr, u forsi fil-jum tal-Qawmien tagħhom mill-mewt fl-aħħar Ġudizzju, dawn il-ktajjen li jkunu għadhom idawru l-fdalijiet tagħhom, jiffurmaw biċċa mill-glorja tagħhom u jkunu mibdulin fi ktajjen ta’ dawl u ta’ glorja. Imberkin, mela, u mberkin għal elf darba l-ilsiera nobbli ta’ Ġesu’ u ta’ Marija li jibqgħu bil-ktajjen tagħhom sal-qabar!

Hawn huma r-raġunijiet għaliex għandhom jintlibsu dawn il-ktajjen: l-ewwel huma jservu biex ifakkru lin-Nisrani fil-Wedgħiet tal-Magħmudija, u fit-tiġdid perfett tagħhom li hu għamel, b’din id-devozzjoni u bl-obbligu strett li jkun fidil lejhom. Ladarba l-bniedem iktar ta’ spiss ikun immexxi mis-sensi milli mill-Fidi, malajr jinsa l-obbligi tiegħu lejn Alla, jekk ma jkollux xi oġġett li jidher minn barra li jservi biex ifakkru fihom, dawn il-ktajjen żgħar huma tifkira eċċellenti għan-Nisrani tal-ktajjen tal-jasar tad-dnub u tax-xitan, li minnhom ħelsitu l-Magħmudija u fil-jasar ta’ Ġesu’ Kristu, li hu wiegħed fil-Magħmudija u li reġa’ saħħaħ bit-tiġdid ta’ dawn il-wedgħiet. Waħda mir-raġunijiet għaliex, hekk ftit Insara jagħtu kas tal-obbligi li ndaħlu għalihom tal-Magħmudija, u jgħixu bl-istess laxkezza bħal ma jgħixu l-pagani bħallikieku ma wedgħu xejn lil Alla, hu għaliex ma jilbsu xejn li jfakkarhom f’dawn il-wedgħiet.

Fit-tieni lok, dawn il-ktajjen jintlibsu biex juru li min jilbishom ma jistħix mill-kondizzjoni tiegħu ta’ lsir ta’ Ġesu’ Kristu, u li hu jiċħad il-jasar tad-dinja, tad-dnub u tax-xitan. It-tielet, dawn il-ktajjen jintlibsu biex iħarsu u jipproteġu lil min jilbishom, mill-ktajjen tad-dnub u tax-xitan. U għaliex aħna għandna nilbsu jew il-ktajjen tal-ħażen inkella l-ktajjen tal-karita’ u tas-salvazzjoni *“Vincula peccatorum aut vincula caritatis.”*

*G*ħażiż ħija, ejja nkissru l-ktajjen tad-dnub u tal-midinbin, tad-dinja u ta’ dawk li jħobbuha, tax-xitan u l-ħbieb tiegħu u nwaddbu l-madmad tal-mewt tagħhom, ‘il bogħod minna: “Ħa nkissru l-ktajjen tagħhom, u ntajru minn fuqna l-irbit tagħhom” (S 2,3). Biex bil-kliem tal-Ispirtu s-Santu, inqegħdu riġlejna fil-ktajjen glorjużi u għonqna fil-ktajjen tiegħu. “Qiegħed riġlejk fil-ktajjen tal-għerf, u għonqok fl-irbit tiegħu.” (Sir6,24). Nagħtu spallejna, u nġorru l-Għerf, li hu Ġesu’

Kristu u ma niddejqux mill-ktajjen tiegħu: "Agħti spalltek ħa ġġor il-piż tiegħu, u tiddejjaqx mill-ilġiem tiegħu" (Sir 6,25). Innota kif, l-Ispirtu s-Santu, qabel ma qal dan il-kliem, ħejja lir-ruħ, biex ma tiċħadx il-parir importanti tiegħu: "Agħti widen, ibni u ilqa' l-fehma tiegħi u tiċħadx il-parir li nagħtik." (Sir 6,23)

Għażiż ħabib tiegħi,, inti tippermettili ningħaqad mal-Ispirtu s-Santu biex nagħtik l-istess parir: *"Vincula illius allegatura salutis."* "Il-ktajjen tiegħu, huma ktajjen ta' salvazzjoni." Ladarba Ġesu' Kristu minn fuq is-salib għandu jiġbed il-bnedmin kollha lejh, irridu u ma rridux, Hu jiġbed il-ħżiena bil-ktajjen ta' dnubiethom, biex jorbothom bħall-ilsiera tal-ġifen, u bħax-xjaten mal-korla eterna u mal-ġustizzja Tiegħu. Imma Hu jiġbed lill-ippredestinati, partikularment f'dawn l-aħħar taż-żminijiet, bil-ktajjen tal-imħabba. "Jiena niġbed il-bnedmin kollha lejja" (Ġw12,32). "Jien ġbidthom b'rabtiet ta' mħabba" (Hos 11,14)



Dawn l-ilsiera fidili ta' Ġesu' Kristu - *vincti Christi* - jistgħu jilbsu l-ktajjen tagħhom jew f'għonqhom, jew f'idejhom jew madwar qaddhom, jew inkella f'riġlejhom. Patri Vincent Caraffa, is-seba' Ġeneral tas-Soċjeta' ta' Ġesu' li miet bil-fwieħa tal-qdusija fl-1643, kien jilbes ċirku tal-ħadid ma' kull sieq bħala sinjal tal-jasar tiegħu. U hu kien juri s-sobgħa tiegħu talli ma kienx jista' jkaxkar katina fil-pubbliku. Madre Agnes ta' Ġesu', li diġa' tkellimna fuqha, kienet tilbes katina madwar qaddha. Nisa qaddisin oħra, kienu jilbsuha m'għonqhom bi tpattija għall-ġiżirani tal-ġawhar li kienu jilbsu fid-dinja. Oħrajn libsuha f'idejhom biex tkun tifkira kontinwa fix-xogħol manwali, li huma kienu l-ilsiera ta' Ġesu' Kristu.

***Nota: Tista' tiġi l-oġġezzjoni li l-użu ta' ktajjen bħal dawn hu pprojbit minn ċerti digrieti tal-Kongregazzjoni Rumana. Aħna madankollu ma nsibu xejn f'dawn id-digrieti li jipprojbixxi din il-prattika lil persuni individwali speċjalment meta – kif inhi l-intenzjoni fid-devozzjoni ta' San Grignion de Montfort – dawn il-ktajjen huma milbusa bħala simbolu tal-jasar ta' Ġesu' f'Marija. (Ara Analecta Juris Pontifici).*